# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 434

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

15 ta' Novembru 2022


Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2022–2023

Dati tas–seduti: 4–7 ta' April 2022

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**


2022/C 434/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-futur tas-sajd fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż u fl-Oċean Atlantiku fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE (2021/2016(INI)) . . . 2

2022/C 434/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja (2021/2060(INI)) . . . 11

2022/C 434/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar miżuri kontra t-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati, inkluż it-titjib fis-sistemi differenti ta' kejl tan-nitrati fl-Istati Membri (2021/3003(RSP)) . 19


**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**


2022/C 434/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel (2021/3001(RSP)) . . . 23


MT

2022/C 434/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar il-bidu tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 (2022/2527(RSP)) . . . . . . . . . . 28

2022/C 434/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' edukazzjoni ċivika (2021/2008(INI)) . . . . . . . . . . 31

2022/C 434/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87769 × MON 89788, li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D078875/02 – 2022/2566(RSP)) . . . . . . . . . . 42

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

2022/C 434/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna (2022/2618(RSP)) . . . . . . . . . . 50

2022/C 434/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022: inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom (2022/2560(RSP)) . . . . . . . . 59

2022/C 434/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq, inkluża l-persekuzzjoni tal-minoranzi reliġjużi (2022/2620(RSP)) . . . . . . . . . . 66

2022/C 434/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Gwatemala (2022/2621(RSP)) . . . . . . . . . . 71

2022/C 434/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar iż-żieda fir-repressjoni fir-Russja, inkluż il-każ ta' Alexei Navalny (2022/2622(RSP)) . . . . . . . . . . 75

2022/C 434/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar id-dritt għat-tiswija (2022/2515(RSP)) 81

2022/C 434/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa (2022/2571(RSP)) . . . . . . . . . . 86

III *Atti preparatorji*

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**


2022/C 434/15 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 (COM(2021)0571 – C9-0325/2021 – 2021/0202(COD)) . . . . . 92

2022/C 434/16 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (13531/1/2021 – C8-0172/2017 – 2017/0113(COD)) . . . . . 103

2022/C 434/17 P9_TA(2022)0105

Infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għal infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (COM(2020)0824 – C9-0417/2020 – 2020/0360(COD))

P9_TC1-COD(2020)0360

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 104

2022/C 434/18 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2023, Taqsima III – Kummissjoni (2021/2226(BUI)) . . . . . 105

2022/C 434/19 P9_TA(2022)0107

L-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post u ta' ċerti żrieragħ prodotti fil-Bolivja ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Bolivja fuq għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fil-Bolivja (COM(2022)0026 – C9-0024/2022 – 2022/0016(COD))

P9_TC1-COD(2022)0016

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tagħha u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Bolivja fuq għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fil-Bolivja . . . . . 115

2022/C 434/20 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 li jibbaġitja l-impatt fuq il-baġit tal-2022 tal-Aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (06310/2022 – C9-0052/2022 – 2022/0018(BUD)) . . . . . . . . . . . . 116

2022/C 434/21 P9_TA(2022)0109

Il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (test kodifikat) (COM(2020)0739 – C9-0371/2020 – 2020/0329(COD))

P9_TC1-COD(2020)0329

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 118

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

2022/C 434/22 P9_TA(2022)0111

Att dwar il-Governanza tad-Data ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tad-data Ewropea (Att dwar il-Governanza tad-Data) (COM(2020)0767 – C9-0377/2020 – 2020/0340(COD))

P9_TC1-COD(2020)0340

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) . . . . . . . . . 119

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

2022/C 434/23 P9_TA(2022)0116

Id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2001/20/KE u 2001/83/KE fir-rigward ta' derogi minn ċerti obbligi li jikkonċernaw id-disponibbiltà ta' ċerti prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta (COM(2021)0997 – C9-0475/2021 – 2021/0431(COD))

P9_TC1-COD(2021)0431

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2001/20/KE u 2001/83/KE fir-rigward ta' derogi minn ċerti obbligi li jikkonċernaw id-disponibbiltà ta' ċerti prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, u f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 120

2022/C 434/24 P9_TA(2022)0117

Prodotti mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 536/2014 fir-rigward ta' deroga minn ċerti obbligi li jikkonċernaw prodotti mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq kif ukoll f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta (COM(2021)0998 – C9-0476/2021 – 2021/0432(COD))

P9_TC1-COD(2021)0432

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 536/2014 fir-rigward ta' deroga minn ċerti obbligi li jikkonċernaw prodotti mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta . . . 122

2022/C 434/25 P9_TA(2022)0118

Żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju (COM(2022)0145 – C9-0127/2022 – COM(2022)0162 – C9-0136/2022 – 2022/0096(COD))

P9_TC1-COD(2022)0096

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju . . . 124

2022/C 434/26 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 li tirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għan-negozjati interistituzzjonali abbażi tal-proposta għal regolament mhux emendat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (COM(2022)0135 –C9-0126/2022 – 2022/0090(COD)) . . . 125

2022/C 434/27 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (COM(2021)0278 – C9-0349/2021 – 2021/0140(CNS)) . . . 126

2022/C 434/28 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2023 (2021/2227(BUI)) . . . 160

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2022–2023

Dati tas–seduti: 4–7 ta' April 2022

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0103

## Il-futur tas-sajd fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż u fl-Oċean Atlantiku

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-futur tas-sajd fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż u fl-Oċean Atlantiku fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE (2021/2016(INI))**

(2022/C 434/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([2]) ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u d-dikjarazzjoni politika li takkumpanjah u li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ([3]) ("id-Dikjarazzjoni Politika"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([4]) ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), b'mod partikolari l-Ħames Intestatura tat-Tieni Parti tiegħu, dwar is-sajd,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1203 tad-19 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1706 rigward l-inklużjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd ([7]),

---

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1.
([3]) ĠU C 34, 31.1.2020, p. 1.
([4]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
([5]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34.
([6]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.
([7]) ĠU L 261, 22.7.2021, p. 1.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew (UE) 2021/1755 u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ([8]) u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd tal-11 ta' Mejju 2021 (A9-0178/2021),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ([9]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, iffirmat fi New York fl-4 ta' Awwissu 1995 ([10]),

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Arċipelagu ta' Spitsbergen (Trattat dwar Svalbard), iffirmat f'Pariġi fid-9 ta' Frar 1920,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ([11]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd Mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali, li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2021 ([12]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, fuq in-naħa l-oħra ([13]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ([14]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar is-Sajd u l-Ambjent Marittimu bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda ([15]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ([16]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 dwar il-mandat propost għan-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ([17]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ([18]) u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd tas-26 ta' Mejju 2020 (A9-0117/2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar l-eżitu tan-negozjati bejn l-UE u r-Renju Unit ([19]) u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd tal-4 ta' Frar 2021, f'forma ta' ittra, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (A9-0128/2021),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna ([20]),

---

([8]) ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.
([9]) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3).
([10]) ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.
([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17).
([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali, (ĠU L 73, 15.3.2019, p. 1).
([13]) ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12.
([14]) ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48.
([15]) ĠU L 161, 2.7.1993, p. 2.
([16]) ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3.
([17]) ĠU C 294, 23.7.2021, p. 18.
([18]) ĠU C 362, 8.9.2021, p. 90.
([19]) ĠU C 506, 15.12.2021, p. 26.
([20]) ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tat-13 ta’ Ottubru 2021 bit-titlu “Impenn aktar b’saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu” (JOIN(2021)0027),

— wara li kkunsidra l-ewwel Dikjarazzjoni ta’ Santiago de Compostela tal-25 ta’ Ottubru 2017 u t-tieni Dikjarazzjoni ta’ Santiago de Compostela tal-20 ta’ Ġunju 2020, maħruġin mill-komunitajiet tas-sajd Ewropej, dwar il-futur tas-settur tas-sajd fl-Ewropa wara l-Brexit,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0042/2022),

A. billi l-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi t-termini għall-ħruġ uffiċjali tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni Politika tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni konsegwenti jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni wiesgħa, fi spazju ta’ prosperità u viċinanza tajba, ikkaratterizzat minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, u b’rispett għall-awtonomija u s-sovranità tal-Partijiet;

B. billi ġiet rikonoxxuta l-importanza tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi u l-ekosistemi tal-baħar abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u l-promozzjoni ta’ akkwakultura responsabbli u sostenibbli, kif ukoll ir-rwol ewlieni tal-kummerċ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, partikolarment permezz ta’ azzjoni koerenti f’konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, inklużi sforzi biex jiġi evitat u eliminat is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-esklużjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd li jirriżultaw minn din l-attività dannuża;

C. billi l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tobbliga lill-Unjoni Ewropea tippromwovi l-objettivi ta’ dik il-politika fil-livell internazzjonali, filwaqt li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd tal-UE barra l-ibħra tagħha jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji, tipprovdi kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-UE u ta’ pajjiżi terzi, u tikkoopera ma’ pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex titjieb il-konformità ma’ miżuri internazzjonali, inklużi miżuri biex jiġi indirizzat is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, abbażi tal-aqwa għarfien xjentifiku disponibbli;

D. billi wieħed mill-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU huwa l-ħarsien tal-ħajja tal-baħar (SDG 14);

E. billi, fil-passat, l-istokkijiet tal-ħut ġestiti eklużivament mill-UE kienu ġestiti b’mod aktar sostenibbli mill-istokkijiet kondiviżi; billi għadd ta’ stokkijiet li kienu ġestiti esklużivament mill-UE issa se jkunu stokkijiet kondiviżi mar-Renju Unit;

F. billi l-PKS tistipula li, minħabba l-evoluzzjoni tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd għandha tissalvagwardja l-ħtiġijiet partikolari tar-reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddependu ħafna fuq is-sajd u attivitajiet relatati;

G. billi l-Partijiet qablu li jaħdmu flimkien fuq il-konservazzjoni u fuq politiki u miżuri relatati mal-kummerċ fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura, inkluż taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, kif ukoll f’istanzi multilaterali oħra, skont il-każ, bil-għan li jippromwovu prattiki tas-sajd u akkwakultura sostenibbli u kummerċ fi prodotti tal-ħut minn operazzjonijiet ta’ sajd u akkwakultura ġestiti b’mod sostenibbli;

H. billi l-Partijiet għandhom l-objettiv komuni li jisfruttaw l-istokkijiet kondiviżi b’rata li tagħmilha possibbli li jżommu u jirrestawraw progressivament il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada fil-livelli tal-bijomassa li jsostnu r-rendiment massimu sostenibbli jew ’il fuq minnhom;

I. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi prinċipji għall-ġestjoni tas-sajd u s-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul għall-isfruttament ottimali tal-istokkijiet kondiviżi, abbażi tal-aqwa għarfien xjentifiku disponibbli, primarjament dak ipprovdut mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

J. billi s-sajd kellu rwol prominenti ħafna fil-kampanja ta' qabel ir-referendum tal-2016 dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-UE; billi l-kwistjonijiet relatati mas-sajd kienu l-aħħar ostaklu fin-negozjati dwar il-Ftehim bejn ir-Renju Unit u l-UE u billi l-objettiv espress fid-Dikjarazzjoni Politika li sal-1 ta' Lulju 2020 jiġi konkluż u ratifikat ftehim dwar is-sajd ma ntlaħaqx;

K. billi t-trasferiment ta' sehem mill-kwoti tal-UE lir-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, kif miftiehem fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, se jkollu konsegwenzi ekonomiċi negattivi kbar għas-sajjieda tal-UE; billi ġiet rikonoxxuta l-importanza li jiġi limitat l-impatt ekonomiku negattiv ta' ftehimiet futuri mar-Renju Unit;

L. billi fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni twaqqaf Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd; billi dan il-kumitat se jħejji strateġiji pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni bħala bażi għad-determinazzjoni tal-qabdiet totali permissibbli u miżuri oħra ta' ġestjoni, inkluż għal stokkijiet barra l-kwota, id-definizzjoni tal-ġbir ta' data xjentifika għal skopijiet ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' din id-data ma' korpi xjentifiċi sabiex jingħata l-aqwa parir xjentifiku possibbli;

M. billi l-protokoll dwar l-aċċess għall-ibħra, mehmuż mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bħala l-Anness 38, jipprevedi "perjodu ta' aġġustament", bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Ġunju 2026, li matulu kull Parti għandha tagħti lill-bastimenti tal-Parti l-oħra aċċess sħiħ għall-ibħra tagħha biex jistadu għall-ispeċijiet imsemmija fih;

N. billi s-sajjieda sofrew dewmien u inċertezzi minħabba l-ħruġ ta' liċenzji relatati mal-aċċess għall-ibħra;

O. billi għad hemm kwistjonijiet mhux solvuti fir-rigward tal-aċċess ta' bastimenti mill-UE għall-ibħra madwar gżejjer diżabitati fit-Tramuntana tal-Atlantiku, bħal Rockall, u dan qed joħloq inċertezza u riskji għas-sajjieda;

P. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi aċċess bla dazju u bla kwoti għall-prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-ibħra Brittaniċi, għalkemm it-territorji Brittaniċi lil hinn minn xtutha issa la huma assoċjati mal-UE u lanqas ma jgawdu minn eżenzjonijiet tariffarji għall-esportazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd lejn l-UE peress li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim;

Q. billi, fit-18 ta' Novembru 2020, in-Norveġja ħadet id-deċiżjoni unilaterali u diskriminatorja li tnaqqas il-kwoti tal-bakkaljaw tal-UE fl-ibħra ta' Svalbard għall-2021; billi, fit-28 ta' Mejju 2021, in-Norveġja ddeċidiet, għal darb'oħra unilateralment u kontra kull parir xjentifiku, li żżid il-kwota tagħha mill-istokk kondiviż tal-kavalli b'55 %; billi anke l-Gżejjer Faeroe u l-Iżlanda żiedu unilateralment il-kwoti tagħhom għall-kavalli;

R. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kkawża tfixkil sinifikanti fil-katina tal-provvista fl-Irlanda u interrompa l-kollegamenti bejn il-gżira Irlandiża u l-Ewropa kontinentali, li jmorru lura ħafna snin;

1. Jenfasizza l-bżonn li l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ikomplu jaħdmu flimkien favur governanza internazzjonali tajba għall-oċeani bil-promozzjoni tal-użu u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-oċeani u bl-inkoraġġiment tal-protezzjoni u r-restawr ta' żoni abbażi tal-aqwa għarfien xjentifiku u dak l-aktar aġġornat;

2. Jirrimarka li l-impatt sħiħ tal-Brexit għadu mhux magħruf, anke għax l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tas-sajd għadha għaddejja u għadha ma saritx bis-sħiħ, u jenfasizza li għadhom qed joħorġu kwistjonijiet li ma kinux koperti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, bħal aspetti relatati mal-akkwakultura;

3. Jirrimarka li l-impatt tal-Brexit fuq is-settur tas-sajd jestendi lil hinn miż-żona ġeografika tar-Renju Unit u għandu implikazzjonijiet kbar fiż-żona tal-Oċean Atlantiku tal-Grigal kollha, kif ukoll għall-bastimenti tal-UE li joperaw f'partijiet oħra tad-dinja, bħall-ibħra madwar il-Gżejjer Falkland, Greenland u Svalbard; jenfasizza li r-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit trid isservi bħala pedament għall-governanza tas-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet kondiviżi ma' pajjiżi terzi oħra, bħall-kavalli jew l-istokkafixx;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

4. Jiddeplora l-fatt li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni gradwalment inaqqas is-sehem tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ibħra tar-Renju Unit għall-flotta tal-UE b'25 % fuq perjodu ta' ħames snin u nofs, tnaqqis li se jaffettwa s-segmenti kollha tal-flotta tal-UE, inkluż is-sajd fuq skala żgħira; jesprimi tħassib dwar kif se tkun is-sitwazzjoni meta jintemm il-perjodu ta' aġġustament; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li, wara t-30 ta' Ġunju 2026, l-aċċess reċiproku għall-ibħra u r-riżorsi tas-sajd jinżamm għaddej u li, meta jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, ma jkun hemm l-ebda tnaqqis ulterjuri fil-kwoti għas-sajjieda tal-UE;

5. Jistieden lill-Partijiet jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-aspetti soċjoekonomiċi meta jkunu qed jaqblu dwar il-qabdiet totali permissibbli għall-istokkijiet imsemmija fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; jitlob li l-mekkaniżmi għall-iskambju tal-kwoti tas-sajd bejn il-Partijiet jiġu ssimplifikati u ma jkunux ta' piż fuq is-settur;

6. Jirrimarka li hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jallokaw il-kwoti lill-flotot tagħhom u jheġġiġhom, fejn xieraq, jagħmlu użu mill-possibbiltajiet previsti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex itaffu l-impatt tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fuq il-flotot tagħhom, inkluż is-sajd fuq skala żgħira, meta jallokaw il-kwoti tagħhom;

7. Itenni l-bżonn urġenti li jiġi aċċertat kull effett negattiv possibbli, mhux biss fil-Baħar tat-Tramuntana iżda fl-Atlantiku kollu, partikolarment fuq il-komunitajiet tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-ekonomiji huma vulnerabbli, l-ekosistemi huma fraġli u d-dipendenza fuq is-setturi primarji hija qawwija;

8. Jirrimarka li ż-żieda fl-espansjoni ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż u fl-Oċean Atlantiku se tagħmilha saħansitra aktar diffiċli għas-sajjieda biex jiksbu aċċess għaż-żoni tas-sajd;

9. Jirrimarka li l-aċċess għall-ibħra u r-riżorsi kemm għall-flotta tal-UE kif ukoll għal dik tar-Renju Unit irid jitqies fl-ambitu sħiħ tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u, għalhekk, ma jistax jitqies b'mod iżolat minn kwistjonijiet bħall-aċċess għas-suq; jenfasizza li parti sinifikanti mill-flotta tal-UE hija storikament dipendenti fuq iż-żoni tas-sajd li issa huma esklużivament ġestiti mir-Renju Unit, li hemm ħafna kumpaniji Brittaniċi, partikolarment dawk involuti fil-produzzjoni tal-akkwakultura, li jiddependu fuq is-suq uniku tal-UE, u li fl-UE hemm domanda għal dawn il-prodotti; jilqa' l-fatt li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jinkorpora rabta diretta bejn id-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u d-dispożizzjonijiet dwar is-sajd; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li n-negozjati dwar is-sajd mar-Renju Unit kif ukoll ma' stati kostali oħra fl-Atlantiku tal-Grigal ikunu marbuta wkoll ma' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-aċċess għas-suq uniku tal-UE;

10. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm kull rotta ta' negozjati mar-Renju Unit miftuħa bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet stabbli u permanenti li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet, jipprovdu kundizzjonijiet stabbli u prevedibbli għas-sajjieda u għas-settur tas-sajd kollu kemm hu u jmorru lil hinn mill-2026; jirrimarka, madankollu, li sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jiġi implimentat bis-sħiħ, għandhom jintużaw l-istrumenti legali kollha, inklużi dawk relatati mal-aċċess għas-suq, kif ukoll kull miżura kompensatorja u ta' rispons u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim previsti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

11. Jirrimarka li ħafna reġjuni kostali fl-UE jiddependu ħafna fuq is-settur tas-sajd u għalhekk jeħtieġu ċerta stabbiltà u prevedibbiltà fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-impatt tiegħu; jitlob, għalhekk, li jkun hemm kemm jista' jkun trasparenza fil-konfront tal-Istati Membri fir-rigward tal-proċess ta' negozjati mar-Renju Unit u li l-informazzjoni ma tinżammx fil-livell tekniku fi ħdan il-Kummissjoni;

12. Jitlob li, wara t-terminazzjoni tat-Trattat tal-Bajja ta' Granville, tinstab soluzzjoni permanenti għall-kwistjoni tas-sajd f'din iż-żona;

13. Ifakkar li, jekk ir-Renju Unit jikkunsidra li jillimita l-aċċess wara l-perjodu ta' aġġustament, l-UE se tkun tista' tieħu azzjoni biex tħares l-interessi tagħha, inkluż billi terġa' tistabbilixxi tariffi jew kwoti għall-ħut importat mir-Renju Unit jew tissospendi partijiet oħra tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jekk ikun hemm riskju ta' diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji għall-komunitajiet tas-sajd tal-UE;

14. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-inċertezza maħluqa mill-klawżola fl-Artikolu 510 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni dwar ir-rieżami tal-Ħames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-ftehim erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' aġġustament;

15. Jinnota li s-sitwazzjoni tas-sajd wara l-2026 għadha inċerta ħafna u mhijiex prevista għalkollox mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; iqis li ftehim pluriennali għal wara l-2026 joffri aktar stabbiltà u viżibbiltà ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati b'dak l-objettiv f'moħħha;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

16. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit biex jippromwovu u jappoġġjaw is-settur u l-komunitajiet kostali affettwati u jikkumpensaw bis-sħiħ għat-telf li jġarrbu, partikolarment it-telf tal-kwoti tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jużaw il-fondi allokati għas-sajd fl-ambitu tar-riżerva u jallokaw aktar ammonti fejn ikun hemm bżonn; iqis li dawn il-fondi għandhom jintużaw filwaqt li jitqies il-fatt li l-perjodu ta' tranżizzjoni għall-kwoti se jdum għaddej sat-30 ta' Ġunju 2026;

17. Jenfasizza li dawn il-fondi jridu jitqiegħdu għall-benefiċċju tas-sajjieda u n-negozji kollha kkonċernati, inkluż fis-sajd fuq skala żgħira, u li kwalunkwe ostaklu potenzjali għall-finanzjament dirett, bħal regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jxekklu l-assistenza lis-sajjieda affettwati, għandu jiġi indirizzat; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd tal-11 ta' Mejju 2021 dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit kif dovut u tieħu kull azzjoni neċessarja f'dan ir-rigward, inkluż li tressaq proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iżvilupp ta' opportunitajiet ekonomiċi addizzjonali għall-komunitajiet kostali, speċjalment dawk l-aktar affettwati mill-Brexit;

19. Jinnota li l-Brexit iddestabbilizza r-relazzjonijiet fost l-istati kostali fl-Atlantiku tat-Tramuntana u jenfasizza li l-UE qed tiffaċċja effetti negattivi, bħat-telf tal-kwoti tal-bakkaljaw ta' Svalbard, minħabba l-preżenza ta' pajjiż ieħor f'negozjati bilaterali ma' pajjiżi terzi fl-Atlantiku tat-Tramuntana; jiddeplora l-fatt li l-kuntest internazzjonali l-ġdid ta' wara l-Brexit fl-Atlantiku tal-Grigal qed jintuża minn pajjiżi u territorji terzi bħan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe biex jadottaw deċiżjonijiet unilaterali, li għandhom impatt sinifikanti u negattiv fuq l-istokkijiet tal-ħut u l-flotta tas-sajd tal-UE; jenfasizza li dawn l-effetti negattivi jeħtieġ li jitqiesu u jeħtieġu rispons; jenfasizza l-ħtieġa li s-settur jingħata appoġġ li jindirizza dawn l-effetti negattivi, dment li dawn ma jkunux diġà koperti minn fondi eżistenti oħra jew minn għajnuna mill-Istat;

20. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-isfida li tindirizza b'mod koordinat l-isfidi ppreżentati mill-Brexit fl-Atlantiku tal-Grigal, tieħu d-deċiżjonijiet xierqa dwar l-istruttura organizzattiva u r-riżorsi u taħdem fuq soluzzjonijiet strutturali ma' stati kostali oħra fir-reġjun sabiex tinkiseb ġestjoni aħjar tas-sajd, inklużi kooperazzjoni u skambju aktar profondi dwar studji xjentifiċi u ġbir ta' data;

21. Jirrimarka li r-relazzjonijiet internazzjonali jridu jkunu ankrati fl-istat tad-dritt, iħarsu l-awtonomija neċessarja ta' kull pajjiż jew unjoni ta' pajjiżi, u jkunu ggwidati f'kull waqt minn spirtu ta' relazzjonijiet tajbin u mill-ftehimiet fis-seħħ;

22. Jopponi d-deċiżjonijiet kollha, speċjalment dawk meħuda b'mod unilaterali, li jistabbilixxu opportunitajiet tas-sajd li jiksru d-dritt internazzjonali jew li jmorru kontra l-pariri bbażati fuq l-aqwa għarfien xjentifiku u dak l-aktar aġġornat, u li jmorru kontra ftehimiet internazzjonali kif ukoll l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi kondiviżi;

23. Iħeġġeġ lin-Norveġja, b'mod partikolari, tirrettifika d-deċiżjoni tagħha li tnaqqas b'mod unilaterali l-kwoti tal-bakkaljaw ta' Svalbard għall-flotta tal-UE; iħeġġeġ lin-Norveġja, l-Iżlanda, il-Gżejjer Faeroe u Greenland, barra minn hekk, biex jirrettifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom li jżidu l-kwoti tal-kavalli tagħhom b'mod unilaterali u skont kriterji xjentifiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jissalvagwardjaw id-drittijiet li ilhom stabbiliti u l-interessi soċjoekonomiċi leġittimi tal-flotta tal-UE fl-Atlantiku tal-Grigal;

24. Jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li żżomm in-negozjati mas-sħab kollha, issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tar-Renju Unit u timpenja ruħha fil-livelli kollha, inkluż l-ogħla livell politiku, u tkun lesta tuża l-għodod xierqa kollha inklużi l-miżuri ta' aċċess għas-suq, anke fl-ambitu taż-Żona Ekonomika Ewropea, li huma diffiċli biżżejjed, speċjalment fir-rigward ta' deċiżjonijiet unilaterali minn pajjiżi terzi, sabiex tintwera l-importanza li jiġi solvut kwalunkwe kunflitt li jista' jinqala'; barra minn hekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni ma teskludix il-possibbiltà li tuża l-miżuri ta' rispons previsti fir-Regolament (UE) Nru 1026/2012, li jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd jew fuq l-aċċess għall-portijiet tal-UE;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

25. Jiddeplora l-attitudni restrittiva tan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe lejn l-investiment Ewropew fis-setturi tas-sajd tagħhom; jenfasizza li l-UE għandha żżomm relazzjoni aktar ibbilanċjata ma' dawn il-pajjiżi u t-territorji sabiex tersaq lejn il-punt fejn jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-investiment;

26. Ifakkar li l-UE hija l-akbar suq ta' importazzjoni kif ukoll l-aktar wieħed attraenti għall-prodotti tal-frott tal-baħar; jitlob li din il-pożizzjoni ta' saħħa tiġi rikonoxxuta u użata biex tipproteġi l-interessi tal-flotta tas-sajd tal-UE, tipprevjeni lis-sħab tagħha milli jirrinunzjaw għal ftehimiet jew impenji stabbiliti u trawwem kundizzjonijiet ekwi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

27. Jirrimarka li huwa fl-interess taż-żewġ Partijiet li jfittxu kooperazzjoni leali fir-rigward tal-isfruttament mhux biss taż-żoni fil-ġuriżdizzjoni tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq iżda wkoll tal-ibħra internazzjonali kontigwi; jirrimarka, barra minn hekk, li r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ma għandhomx fruntieri, u għalhekk il-ġestjoni ta' dawn ir-riżorsi għandha riperkussjonijiet diretti fuq l-ibħra fil-ġuriżdizzjoni ta' kull Parti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' kooperazzjoni u skambju tajbin fir-rigward tax-xjenza u l-ġbir tad-data;

28. Ifakkar li l-Brexit ma jridx jintuża bħala skuża biex tiddewwem l-azzjoni tant meħtieġa għar-restawr tal-ekosistemi tal-baħar, biex jinkiseb status ambjentali tajjeb tal-ambjent tal-baħar kif mitlub mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina ([21]), jew biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030;

29. Jenfasizza l-bżonn li l-Kummissjoni tiżgura li l-aktar deċiżjonijiet reċenti tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal jiġu rrispettati mill-partijiet kontraenti kollha u mill-partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, u jiġu integrati bis-sħiħ u b'mod rapidu fid-dritt tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem flimkien ma' partijiet kontraenti oħra biex tinkludi miżuri ambizzjużi ta' kontroll u ta' ġestjoni tas-sajd li jkunu konformi mal-objettivi stabbiliti fil-PKS u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u li jkunu kompatibbli mar-regoli stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni dwar l-aċċess għall-ibħra u għar-riżorsi fl-ibħra taħt il-ġuriżdizzjoni taż-żewġ Partijiet;

30. Ifaħħar in-negozjati li seħħew minkejja d-diffikultajiet tal-pandemija tal-COVID-19 u jirrikonoxxi li dawn laħqu l-qofol tagħhom fi Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ambizzjuż, li madankollu kien jinvolvi telf ta' kwoti għas-sajjieda tal-UE; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-aċċess għall-ibħra tar-Renju Unit ingħata biss għal perjodu ta' ħames snin u nofs, li wassal għal nuqqas ta' sigurtà dwar il-futur; jenfasizza, għaldaqstant, li l-impenji meħuda jridu jiġu ssodisfati u infurzati;

31. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u r-Renju Unit jikkonformaw mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u jinfurzawh mingħajr ma jirrikorru għal interpretazzjoni tar-regoli li ma tkunx konformi mal-ispirtu ta' *bona fide* u viċinat tajjeb u jfittxu relazzjonijiet paċifiċi, kostruttivi u mill-qrib ibbażati fuq il-kooperazzjoni, u jiggarantixxu ċ-ċertezza tad-dritt u r-rispett għall-awtonomija u s-sovranità tal-Partijiet; jirrimarka li r-Renju Unit ipprova jinterpreta ħażin it-termini tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni billi kiser l-ispirtu tal-ftehim, bħal meta stabbilixxa kundizzjonijiet addizzjonali għall-kisba ta' liċenzji għall-bastimenti;

32. Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-liċenzji għall-bastimenti tal-UE fl-ibħra tad-Dipendenzi tal-Kuruna u n-nuqqas ta' impenn mir-Renju Unit biex jimplimenta fedelment il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni f'dan ir-rigward; jistieden għalhekk lir-Renju Unit jibqa' lura milli jagħmel interpretazzjonijiet restrittivi u kontroversjali tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzji, b'mod partikolari għal bastimenti li storikament stadu fiż-żona ta' bejn 6 u 12-il mil nawtiku tal-baħar territorjali Brittaniku u fl-ibħra tal-Bailiwicks ta' Jersey u Guernsey u ta' Isle of Man; jistieden lill-Partijiet jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-bastimenti fil-flotta tas-sajd fuq skala żgħira, li qabel il-Brexit ma kinux obbligati jużaw teknoloġiji biex iżommu rekord kontinwu tal-attivitajiet tas-sajd tagħhom u issa qed ikollhom diffikultà jipprovdu din l-informazzjoni;

---

([21]) Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-għażliet kollha sabiex tiżgura li d-drittijiet tal-bastimenti tal-UE jiġu rispettati mir-Renju Unit; jirrimarka li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi dispożizzjonijiet biex il-Kunsill ta' Shubija jikkunsidra arranġamenti differenti għall-kooperazzjoni fl-ibħra tad-Dipendenzi tal-Kuruna; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li arranġamenti preċedenti skont it-Trattat tal-Bajja ta' Granville jistgħu jipprovdu bażi għal adattamenti futuri tar-regoli mill-Kunsill ta' Shubija;

34. Jistieden lir-Renju Unit ma jfixkilx is-sajd li jsir minn bastimenti tal-UE li jistadu bil-konz tal-wiċċ, li tradizzjonalment jidħlu fl-ibħra Brittaniċi biex ifittxu ġlejjeb ta' alongi u pixxispad; ifakkar li s-sajd għal dawn l-ispeċijiet migratorji ħafna huwa rregolat fi ħdan il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni ta' dawn is-setturi tal-flotta;

35. Jenfasizza li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom ikunu proporzjonati, għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku, ma għandhomx ikunu diskriminatorji, għandhom japplikaw bl-istess mod għall-bastimenti miż-żewġ partijiet u jridu jiġu nnotifikati minn qabel; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri tekniċi, ta' ġestjoni u ta' kontroll inkluż l-iżvilupp ta' kriterji ċari u mhux diskriminatorji għal dawn il-miżuri biex jiġi żgurat li ma jkunux jistgħu jintużaw biex jirrestrinġu indirettament l-aċċess għall-flotot tas-sajd fejn ikollhom drittijiet tas-sajd;

36. Jistieden lill-Partijiet jiżguraw li d-deżinjazzjoni taż-żoni protetti tal-baħar fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom tkun nondiskriminatorja, ibbażata fuq ix-xjenza u proporzjonata; jenfasizza li ż-żoni protetti tal-baħar għandhom jiġu stabbiliti b'objettivi ta' konservazzjoni definiti sew u ma għandhomx jintużaw bħala għodda biex jiġi ristrett l-aċċess barrani għall-ibħra; jiddeplora, f'dan ir-rigward, in-nuqqas ta' kooperazzjoni mir-Renju Unit meta identifika żoni ġodda madwar id-Dogger Bank;

37. Jeżiġi li r-Renju Unit iwaqqaf immedjatament kwalunkwe kontroll ta' intimidazzjoni tal-bastimenti tal-UE u jżomm lura milli jimponi kwalunkwe miżura teknika diskriminatorja; jesprimi t-tħassib serju tiegħu li r-Renju Unit jista' jitbiegħed mingħajr ġustifikazzjoni mir-regolamenti tal-UE dwar miżuri tekniċi u leġiżlazzjoni ambjentali oħra relatata tal-UE, u b'hekk jimponi limitazzjonijiet *de facto* fuq l-aċċess ta' xi bastimenti tas-sajd Ewropej għall-ibħra tar-Renju Unit, b'tali mod li s-sajd isir kumpless bla bżonn; jisħaq fuq ir-rwol tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fit-tfittxija ta' approċċ komuni dwar il-miżuri tekniċi u fid-diskussjonijiet dwar kwalunkwe miżura li Parti waħda tista' tagħti avviż dwarha lill-oħra; ifakkar li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jobbliga lil kull Parti tiġġustifika b'mod preċiż in-natura nondiskriminatorja ta' kwalunkwe miżura f'dan il-qasam u l-ħtieġa li tiġi żgurata sostenibbiltà ambjentali fit-tul, abbażi ta' data xjentifikament verifikabbli; jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment viġilanti dwar ir-rispett ta' dawn il-kundizzjonijiet u tirreaġixxi bil-qawwa f'każ li r-Renju Unit jaġixxi b'mod diskriminatorju;

38. Jieħu nota tal-miżuri ta' "rabta ekonomika" tar-Renju Unit li, mill-1 ta' April 2022, se jillimitaw il-wiri tal-bandiera tal-bastimenti tiegħu, se jżidu l-perċentwal minimu ta' membri tal-ekwipaġġ tar-Renju Unit abbord il-bastimenti tiegħu u se jistabbilixxu l-ammont minimu ta' ħut li jrid jinħatt l-art fil-portijiet tar-Renju Unit għal 70 %; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt ta' dawn il-miżuri protezzjonisti u twieġeb kif xieraq, fejn meħtieġ;

39. Jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1203 bil-għan li jittaffew l-effetti tal-Brexit f'termini tat-telf ta' status preferenzjali għat-territorji extra-Ewropej tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jeliminaw it-tariffi fuq l-importazzjonijiet tal-klamar tal-Patagonja (*Loligo gahi*);

40. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li, reċentement, l-Assemblea tal-Gżejjer Falkland għaddiet l-Att dwar is-Sajd (Konservazzjoni u Amministrazzjoni) tal-2021, li jirrikjedi li 51 % tal-ishma tal-kumpaniji kollha tas-sajd li joperaw fil-Gżejjer Falkland irid ikollhom sjieda fil-Falklands;

41. Jesprimi tħassib dwar każijiet reċenti ta' infurzar eċċessiv tar-regoli ta' kontroll tas-sajd fil-Baħar Ċeltiku; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jevitaw prattiki li jistgħu jammontaw għal "nazzjonaliżmu tas-sajd" mhux ġustifikat;

**It-Tlieta 5 ta’ April 2022**

42. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, li se jkun responsabbli biex jieħu deċiżjonijiet li jkunu ġusti għaż-żewġ Partijiet u li jiżgura li r-riżorsi jiġu ġestiti b’mod sostenibbli fit-tul, jieħu forma u jibda l-ħidma tiegħu malajr, inkluż billi jipprijoritizza l-ħidma fuq kwistjonijiet urġenti, bħall-applikazzjoni prattika tal-aċċess għall-ibħra u d-definizzjoni ta’ “sostituzzjoni diretta” ta’ bastiment li jikkwalifika bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata aktar implimentazzjoni leali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

43. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd tkun trasparenti u li l-Parlament Ewropew jiġi aġġornat regolarment dwar il-ħidma tiegħu u d-deċiżjonijiet li jieħu, kemm qabel kif ukoll wara l-laqgħat tiegħu; jitlob li r-rappreżentanti tekniċi mill-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd;

44. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li d-deċiżjonijiet kollha meħuda fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jirrispettaw il-prerogattivi tal-istituzzjonijiet differenti u jsegwu l-proċess leġiżlattiv xieraq, b’mod partikolari fir-rigward ta’ miżuri tekniċi;

45. Ifakkar li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-Partijiet tiegħu jikkonsultaw mas-soċjetà ċivili; jisħaq fuq l-importanza li entitajiet reġjonali li jirrappreżentaw is-settur u l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali jiġu inklużi fi gruppi konsultattivi, filwaqt li jiġi żgurat li l-komunitajiet kostali tar-reġjuni affettwati direttament jew indirettament ikunu protetti legalment skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, inkluż protetti mill-effetti ta’ kwalunkwe deċiżjoni unilaterali meħuda mir-Renju Unit;

46. Jitlob li r-rappreżentanti tas-settur tas-sajd, l-awtoritajiet reġjonali, il-komunitajiet kostali u partijiet interessati oħra jkunu involuti b’mod attiv fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b’mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-gruppi konsultattivi interni u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili previst fl-Artikoli 13 u 14 tal-ftehim; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-istabbiliment ta’ grupp konsultattiv intern domestiku dwar is-sajd għal dan il-għan, mingħajr preġudizzju għall-kunsilli konsultattivi eżistenti;

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, ta’ Jersey, ta’ Guernsey, ta’ Isle of Man, tan-Norveġja, tal-Iżlanda, ta’ Greenland u tal-Gżejjer Faeroe.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0104

# Il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja (2021/2060(INI))

(2022/C 434/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta'), b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 24 (2019) tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema tal-ġustizzja tal-minorenni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri [1] (ir-Regolament Brussell IIa),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment [2] (ir-Regolament dwar il-Manteniment),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali [3],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja [4]

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri [5],

— wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tas-17 ta' Novembru 2010 dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2079 tal-Kunsill tal-Ewropa tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar l-ugwaljanza u l-kustodja konġunta: ir-rwol tal-missirijiet,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-490/20 [6],

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' The Hague tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri,

---

(1) ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1.
(2) ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.
(3) ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3.
(4) ĠU L 156, 5.5.2021, p. 21.
(5) ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1.
(6) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta' Diċembru 2021, V.M.A. v *Stolichna obshtina, rayon "Pancharevo"*, C-490/20, ECLI:EU:C:2021:1008.

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2017 dwar rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-aspetti transfruntiera tal-adozzjonijiet ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal ([8]),

— Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar l-impatt tal-vjolenza domestika u tad-drittijiet ta' kustodja fuq in-nisa u t-tfal ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0033/2022),

***Ġustizzja adattata għat-tfal fil-proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja***

A. billi għadd dejjem jikber ta' tfal u adolexxenti qed jiġu f'kuntatt mas-sistema ġudizzjarja fi proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja, prinċipalment minħabba ż-żieda fid-divorzju, is-separazzjoni u l-adozzjoni; billi fi proċedimenti bħal dawn it-tfal kollha għandhom ikunu garantiti aċċess mhux diskriminatorju għall-ġustizzja inkluż, b'mod partikolari, aċċess għall-qrati u għal metodi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim;

B. billi l-UE hija impenjata li tiżgura li d-drittijiet ta' kull tifel u tifla jiġu rispettati, protetti u eżerċitati bil-ħsieb li tinbena soċjetà aktar b'saħħitha, aktar reżiljenti, aktar ekwa u aktar ġusta għal kulħadd;

C. billi t-tfal għandhom id-dritt li jipparteċipaw, li jinstemgħu u li jesprimu l-fehmiet tagħhom b'mod konformi mal-età, il-maturità u l-ħiliet lingwistiċi tagħhom, fi kwalunkwe proċediment li jikkonċerna l-benesseri tagħhom u l-arranġamenti futuri għall-ħajja tagħhom; billi l-fehmiet tat-tfal għandhom jingħataw l-importanza dovuta, irrispettivament minn jekk il-proċedimenti jsirux minn qorti jew minn kwalunkwe awtorità rilevanti oħra;

D. billi l-parteċipazzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi għandha sseħħ f'ambjent komdu u adattat għat-tfal sabiex ma jiġux ikkawżati trawma jew stress addizzjonali għat-tfal u biex jiġi minimizzat l-impatt psikoloġiku u emozzjonali ta' tali ċirkostanzi, b'mod partikolari għat-tfal l-aktar vulnerabbli bħat-tfal b'diżabilità jew dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni;

E. billi l-parteċipazzjoni tat-tfal f'tali proċedimenti għandha tiġi appoġġjata permezz ta' approċċ multidixxiplinari mill-awtoritajiet rilevanti;

F. billi l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu salvagwardji, garanziji u regoli proċedurali li jirregolaw is-seduti ta' smigħ tat-tfal; billi madankollu dawn id-dispożizzjonijiet ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri;

G. billi fid-dar u f'ambjent tal-familja, fejn ikun jeżisti kunflitt bejn il-ġenituri, it-tfal jistgħu jsibu lilhom infushom vittmi ta' "vjolenza mixhuda" billi jesperjenzaw varjetà ta' forom ta' trattament ħażin permezz ta' atti ta' vjolenza fiżika, verbali, psikoloġika, sesswali u ekonomika kontra figuri ta' referenza jew figuri oħra ta' sinifikanza fl-unità domestika; billi vjolenza ta' dan it-tip għandha konsegwenzi serji ħafna għall-iżvilupp psikoloġiku u emozzjonali tat-tfal; billi huwa għalhekk essenzjali li tingħata attenzjoni xierqa lil tali vjolenza meta s-smigħ tat-tfal isir fi proċedimenti tad-dritt tal-familja sabiex jiġi żgurat li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu l-kunsiderazzjoni primarja;

H. billi t-tfal għandhom id-dritt li jiġu infurmati kif xieraq b'mod proporzjonat mal-età, il-maturità u l-ħiliet lingwistiċi tagħhom u b'mod li jkunu jistgħu jifhmu f'kull pass tal-proċedimenti tal-qorti u amministrattivi li jikkonċernawhom;

(7) ĠU C 252, 18.7.2018, p. 14.
(8) ĠU C 474, 24.11.2021, p. 146.
(9) Testi adottati, P9_TA(2021)0406.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

I. billi fi proċedimenti ċivili, amministrattivi u tad-dritt tal-familja, b'mod partikolari f'każijiet transfruntiera, it-tfal għandhom possibbiltajiet limitati biex ikunu rappreżentati minn professjonist jew konsulent legali;

J. billi f'ċerti każijiet l-esperjenza wriet ([10]) il-benefiċċji li jkun hemm persuna ddedikata u indipendenti ta' fiduċja biex tappoġġja u takkumpanja lit-tfal matul il-proċedimenti legali, inkluż f'każijiet ta' medjazzjoni;

K. billi l-qrati, il-korpi amministrattivi u l-istituzzjonijiet tal-assistenza soċjali għandhom iqisu l-ewwel u qabel kollox l-aħjar interessi tat-tfal meta jieħdu kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna t-tfal; billi dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fuq bażi individwali, b'kont meħud tal-età, il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-tfal u ta' familthom;

L. billi l-aħjar interessi tat-tfal u l-aċċess għall-ġustizzja għat-tfal kollha ma jistgħux jiġu żgurati jekk il-parteċipazzjoni tagħhom fi proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja u l-użu ta' servizzi ta' appoġġ li jakkumpanjawhom jiddependu mir-riżorsi finanzjarji tal-ġenituri tagħhom, anke minħabba li l-ispejjeż ta' tali proċedimenti u servizzi jistgħu jkunu għoljin ħafna;

M. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha huma obbligati jippromwovu d-drittijiet tat-tfal, inkluż permezz ta' ġustizzja adattata għat-tfal, fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha fl-ambitu tal-Programm dwar il-Ġustizzja;

### *Qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'tilwim transfruntier ċivili*

N. billi ż-żieda fil-mobilità tfisser li l-għadd ta' tfal imwielda f'familji b'element transfruntier x'aktarx li jiżdied ukoll;

O. billi għalkemm id-dritt ċivili u tal-familja sostantiv jibqgħu kompetenza tal-Istati Membri, ir-regoli armonizzati dwar id-dritt transfruntier ċivili u tal-familja jista' jiġi stabbilit fil-livell tal-UE;

P. billi, bħala partijiet għall-Konvenzjonidwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu l-aħjar interessi tat-tfal kunsiderazzjoni primarja fl-azzjoni pubblika kollha, inkluż meta jittrattaw tilwim transfruntier tal-familja; billi f'tilwim tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti f'xi Stati Membri spiss jinterpretaw il-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal bħala li jkollhom jibqgħu fit-territorju tal-istat, anke f'każijiet fejn l-abbuż u l-vjolenza domestika jkunu ġew irrapportati kontra l-ġenitur li jirrisjedi f'dak l-istat;

Q. billi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka, jobbliga lill-Istati Membri jagħtu effett lil sentenza jew deċiżjoni li toriġina fi Stat Membru ieħor;

R. billi l-proċedimenti transfruntiera huma aktar kumplessi minn perspettiva legali u għalhekk normalment jieħdu aktar ħin u jiswew aktar flus;

S. billi n-nuqqas ta' proċeduri effettivi għall-infurzar ta' sentenzi dwar ir-responsabilità tal-ġenituri, id-drittijiet ta' aċċess, il-ħtif tat-tfal mill-ġenituri jew l-obbligi ta' manteniment f'każijiet transfruntiera huwa ta' detriment għall-aħjar interessi tat-tfal;

T. billi t-tfal involuti f'tilwim transfruntier dwar id-dritt ċivili u tal-familja għandhom igawdu l-istess drittijiet, l-istess livell ta' protezzjoni, garanziji proċedurali u standards minimi fl-Istati Membri kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza tal-ġenituri tagħhom;

U. billi kull tifel u tifla għandhom id-dritt li jkunu jafu l-ġenituri tagħhom u li dawn jieħdu ħsiebhom; billi f'każ ta' separazzjoni, kull tifel u tifla għandhom id-dritt li jkollhom relazzjonijiet personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri fuq bażi regolari jew, jekk il-ġenituri tagħhom ma jkunux disponibbli, mal-membri tal-familja tal-ġenituri tagħhom, u jekk dan lanqas ma jkun possibbli, ma' persuna tal-għażla tagħhom; billi r-relazzjonijiet personali u l-kuntatti diretti tat-tfal mal-ġenituri tagħhom jistgħu jiġu ristretti mill-awtorità kompetenti biss biex jipproteġu l-aħjar interessi tat-tfal;

([10]) Bħal *Kindbehartiger* fin-Netherlands jew "Youth At Risk" fi Flanders.

V. billi l-Konvenzjoni The Hague tal-1980 tintroduċi sistema ta’ kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pajjiżi biex issolvi minnufih każijiet ta’ ħtif internazzjonali ta’ minorenni; billi sal-lum il-konvenzjoni ġiet ratifikata minn 101 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE;

W. billi minkejja l-isforzi li saru s’issa, l-UE m’għandhiex biżżejjed data dwar il-proċedimenti ġudizzjarji li jinvolvu t-tfal, u lanqas il-qrati speċjalizzati li jittrattaw magħhom ma għandhom;

X. billi n-nuqqas ta’ regoli komuni tal-UE dwar ir-rikonoxximent ta’ sentenzi dwar il-ġenituri, b’mod partikolari f’każijiet li jinvolvu ġenituri tal-istess ġeneru, jista’ jirriżulta f’telf tad-drittijiet tal-ġenituri, jista’ jikser id-dritt tat-tfal li jitrabbew miż-żewġ ġenituri u li u jżommu relazzjoni magħhom, u kwalunkwe dritt li jirriżulta minn paternità (bħal manteniment jew suċċessjoni), u jista’ wkoll jinkoraġġixxi għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni fil-każ ta’ tilwim transfruntier fil-familja; billi l-proposta leġiżlattiva futura f’dan il-qasam għandha tgħin biex jitnaqqas l-għadd ta’ proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji;

Y. billi l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement stabbiliet is-sentenza li ġejja fil-Kawża C-490/20: fil-każ ta’ wild li huwa ċittadin tal-Unjoni u li ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu nħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru ospitanti u li jindika lill-ġenituri ta’ dan il-wild bħala żewġ persuni tal-istess sess, l-Istat Membru li tiegħu dan il-wild għandu n-nazzjonalità huwa obbligat, (i) li joħroġ lil dak il-wild karta tal-identità jew passaport mingħajr ma jkun meħtieġ li jinħareġ minn qabel ċertifikat tat-twelid mill-awtoritajiet nazzjonali tiegħu u (ii) li jirrikonoxxi, bħal kull Stat Membru ieħor, id-dokument mill-Istat Membru ospitanti li jippermetti lil dak il-wild jeżerċita, ma’ kull waħda minn dawn iż-żewġ persuni, id-dritt tal-wild li jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri;

### *Medjazzjoni f’każijiet li jikkonċernaw it-tfal*

Z. billi f’ħafna każijiet, il-medjazzjoni tal-familja wriet li hija aktar rapida, orħos u aktar adattata għat-tfal biex jissolva t-tilwim mill-proċedimenti tal-qorti u għalhekk tista’ tgħin biex jiġu evitati l-ħtif futur tat-tfal mill-ġenituri;

AA. billi l-użu ta’ riżoluzzjonijiet alternattivi tat-tilwim għandu jitħeġġeġ, sakemm dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tat-tfal, b’mod partikolari fil-każ ta’ vjolenza domestika u abbuż sesswali;

AB. billi l-għadd ta’ proċedimenti ta’ medjazzjoni domestika u transfruntiera tal-familja għadu baxx;

AC. billi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma hemm l-ebda għajnuna legali disponibbli għall-medjazzjoni għall-ġenituri li għandhom mezzi finanzjarji limitati iżda li fl-istess ħin jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu għajnuna legali għal proċedimenti legali;

AD. billi l-ġenituri jistgħu jsibuha diffiċli li jiksbu informazzjoni xierqa u verifikata dwar il-possibilità li jidħlu f’medjazzjoni fl-istadju ta’ qabel il-qorti;

AE. billi l-medjazzjoni kummerċjali hija sostanzjalment differenti mill-medjazzjoni tal-familja;

AF. billi l-medjazzjoni transfruntiera tal-familja għandha l-potenzjal li tiffaċilita ftehimiet bejn il-ġenituri li jirrispettaw l-aħjar interessi tat-tfal, u dan inaqqa il–piż emozzjonali u finanzjarju u l-kumplessità legali inerenti għall-proċedimenti ġudizzjarji;

AG. billi l-medjazzjoni transfruntiera tal-familja hija aktar kumplessa mill-medjazzjoni f’tilwim domestiku tal-familja minn perspettiva legali u loġistika u teħtieġ għarfien u ħiliet lingwistiċi addizzjonali mill-medjatur;

AH. billi kemm l-imħallfin kif ukoll l-avukati għandhom jiġu mħarrġa biex ikollhom aktar għarfien dwar il-medjazzjoni transfruntiera tal-familja;

### *Ġustizzja adattata għat-tfal fil-proċedimenti ta’ dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja*

1. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li fil-proċedimenti kollha li jikkonċernaw il-benesseri tat-tfal u l-arranġamenti għall-ħajja futura tagħhom, id-drittijiet tat-tfal jiġu rispettati, garantiti u implimentati bis-sħiħ, u li l-aħjar interessi tat-tfal jingħataw l-ogħla prijorità u jiġu inkorporati kif xieraq u applikati b’mod konsistenti f’kull azzjoni meħuda mill-istituzzjonijiet pubbliċi, speċjalment fi proċedimenti ġudizzjarji, li għandha impatt dirett jew indirett fuq it-tfal, f’konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

2. Ifakkar li l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt li wieħed jinstema' huma drittijiet fundamentali u li kull tifel u tifla, irrispettivament mill-kuntest soċjali, ekonomiku jew etniku tagħhom, jenħtieġilhom ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ dawk id-drittijiet f'kapaċità personali, indipendentement mill-ġenituri jew il-kustodji legali tagħhom;

3. Jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat sfidi addizzjonali f'termini ta' aċċess għall-ġustizzja, inkluż dewmien fil-proċedimenti; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jipprevedu miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja matul il-pandemiji, speċjalment jekk ikunu involuti tfal fi proċedimenti ċivili, amministrattivi jew tal-liġi tal-familja;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mingħajr dewmien żejjed, sett ta' linji gwida komuni jew għodda mhux leġiżlattiva simili, li għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki biex l-Istati Membri jsegwuhom sabiex jiżguraw li s-smigħ tat-tfal isir minn imħallef jew minn espert imħarreġ u li ma tiġi applikata l-ebda pressjoni, inkluż mill-ġenituri; jisħaq li tali seduti ta' smigħ, partikolarment fil-proċedimenti tad-dritt tal-familja, għandhom isiru f'ambjent adattat għat-tfal u jkunu xierqa għall-età, il-maturità u l-ħiliet lingwistiċi tat-tfal f'termini ta' lingwa u kontenut, filwaqt li jipprovdu l-garanziji kollha li jiżguraw li l-integrità emozzjonali u l-aħjar interessi tat-tfal jiġu rispettati, jiġi evitat l-istress żejjed u jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti tqis kif xieraq il-fehmiet tat-tfal skont l-età u l-maturità tagħhom; jisħaq, barra minn hekk, li s-smigħ tat-tfal fi proċedimenti tal-familja fejn ikun hemm suspett ta' vjolenza domestika jew fil-familja jew "vjolenza mixhuda" għandu dejjem isir fil-preżenza ta' psikologi, tobba jew professjonisti kwalifikati, inklużi professjonisti kwalifikati fin-newropsikjatrija tat-tfal, sabiex it-trawma tagħhom ma tiġix aggravata u ma jiġux vittimizzati aktar;

5. Jissottolinja li tali linji gwida jew għodda mhux leġiżlattiva simili għandhom jiddikjaraw b'mod ċar li t-tfal involuti fi proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattivi jew tal-familja għandhom jiġu infurmati f'kull stadju tal-proċedura b'mod li jkunu jistgħu jifhmuh bis-sħiħ u, b'mod partikolari, li d-deċiżjoni mogħtija mill-awtorità għandha tiġi spjegata lit-tfal minn professjonist imħarreġ apposta b'mod adatt għall-età, il-maturità u l-ħiliet lingwistiċi tagħhom;

6. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-rabta mill-qrib bejn il-proċedimenti kriminali, il-proċedimenti ċivili u proċedimenti legali oħra sabiex issir koordinazzjoni tar-risponsi ġudizzjarji u risponsi legali oħra għall-vjolenza fuq it-tfal u dik minn sieħeb intimu; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jadottaw miżuri biex jorbtu l-kawżi kriminali u dawk ċivili li jinvolvu familja individwali u t-tfal sabiex jipprevjenu b'mod effettiv kwalunkwe diskrepanza bejn id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u deċiżjonijiet legali oħra li tkun ta' ħsara għat-tfal;

7. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw u jipprovdu informazzjoni adattata għat-tfal, li tkun faċilment aċċessibbli, komprensibbli u eżawrjenti, dwar id-drittijiet tat-tfal fil-proċedimenti ta' dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja u dwar il-proċedimenti nfushom, inklużi dawk ta' natura transfruntiera;

8. Jistieden lill-Istati Membri jippermettu l-aċċess għal rappreżentanza legali mingħajr ħlas, iffinanzjata pubblikament u ta' kwalità għolja għat-tfal involuti f'tilwim ċivili, amministrattiv u tal-familja, inkluż it-tilwim ta' natura transfruntiera, f'każijiet meta l-ġenituri ma jeżerċitawx responsabbiltà tal-ġenituri sħiħa jew meta jkun hemm suspett li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu f'kunflitt mal-aħjar interessi tat-tfal;

9. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jadottaw approċċ multidixxiplinari u jistabbilixxu servizzi ta' konsulenza u appoġġ għat-tfal li jkunu aċċessibbli faċilment, ta' kwalità għolja, personalizzati, mingħajr ħlas u ffinanzjati pubblikament – kemm fil-qorti kif ukoll barra mill-qorti – biex jipprovdu, fejn ikun meħtieġ, l-appoġġ ta' professjonisti mħarrġa, bħal tobba, psikologi, professjonisti kwalifikati tan-newropsikjatrija tat-tfal, ħaddiema soċjali u speċjalisti tal-kura tat-tfal sabiex jappoġġjaw lit-tfal bl-aħjar mod possibbli fl-istadji kollha tal-proċedimenti; jisħaq li għandu jittieħed approċċ individwalizzat għal kull tifel u tifla involuti fi proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja u li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal li ta' spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew ikunu f'sitwazzjoni vulnerabbli, inklużi t-tfal b'diżabilità, it-tfal li jkunu ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u t-tfal li jgħixu fil-faqar jew li jkunu soċjalment esklużi;

10. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu korsijiet obbligatorji ta' taħriġ dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal għall-imħallfin u professjonisti legali oħra, l-awtoritajiet tal-infurzar, l-assistenti soċjali, l-għalliema, il-kindergartens u l-partijiet rilevanti l-oħra kollha involuti fil-proċedimenti tal-qorti u amministrattivi li jikkonċernaw it-tfal; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ għal tali azzjonijiet, pereżempju permezz tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, u l-Programm dwar il-Ġustizzja;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

11. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi n-networks u l-pjattaformi eżistenti tal-professjonisti legali jiskambjaw il-prattiki tajba dwar is-smigħ tat-tfal, id-dritt tat-tfal għall-informazzjoni u d-dritt għall-privatezza madwar l-UE; jistieden lill-Kummissjoni tqis li tistabbilixxi punt uniku ta' servizz ta' esperti minn madwar l-UE biex iservi ta' pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni; iħeġġeġ lin-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju jipprevedi forum bħal dan għall-imħallfin involuti f'tilwim transfruntier tal-familja;

12. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli biżżejjed riżorsi biex jiżguraw li l-proċedimenti tad-dritt ċivili, amministrattiv u tal-familja li jinvolvu t-tfal jiġu ttrattati bl-akbar konformità mal-istandards tal-ġustizzja adattata għat-tfal, bir-rispett xieraq għall-integrità emozzjonali u fiżika tat-tfal, u mingħajr dewmien żejjed; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati tat-tfal u tal-familja jiffunzjonaw bħala servizz essenzjali, filwaqt li jkomplu jorganizzaw seduti ta' smigħ ta' emerġenza u jeżegwixxu d-digrieti tal-qorti għall-kura u l-protezzjoni tat-tfal li jkunu f'riskju immedjat ta' negliġenza jew abbuż;

13. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-Programm dwar il-Ġustizzja biex jiffinanzjaw azzjonijiet u organizzazzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-ġustizzja għat-tfal kollha u biex jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu mat-tfal u għalihom permezz tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi u proċeduri xierqa għall-ilmenti, ir-rikorsi jew ir-rimedji sabiex jiġi żgurat bis-sħiħ li d-drittijiet tat-tfal ikunu integrati b'mod xieraq fil-proċedimenti ġudizzjarji li jkollhom impatt dirett jew indirett fuq it-tfal;

***Qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'tilwim transfruntier ċivili***

14. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċedimenti transfruntiera tal-familja, inkluż billi jiżguraw li l-liġijiet u l-proċeduri ma jiddiskriminawx bejn il-ġenituri abbażi tan-nazzjonalità tagħhom, il-pajjiż ta' residenza tagħhom jew b'xi mod ieħor, u billi jirrifjutaw is-suppożizzjoni li l-aħjar interess tat-tfal huwa dejjem li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru partikolari;

15. Jissottolinja li waħda mir-raġunijiet li l-każijiet transfruntiera jistgħu jkunu ta' sfida mil-lat legali hija t-terminoloġija nazzjonali differenti, bħal pereżempju d-differenzi fir-rekwiżiti tal-età minima madwar l-Istati Membri, għax dan jista' jwassal biex it-tfal jiġu ttrattati b'mod differenti skont il-kriterji diverġenti ta' età, jew ir-rwoli differenti tal-konsulenza legali tal-minuri fil-proċedimenti li jinvolvu t-tfal;

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw id-dritt ta' kull tifel u tifla li jżommu kuntatt personali u dirett ma' kull ġenitur, dment li dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tat-tfal, irrispettivament mill-kompożizzjoni tal-familja jew il-parentela bijoloġika tagħhom; jissottolinja li dawk id-drittijiet għandhom jiġu rispettati minkejja l-miżuri restrittivi marbuta mal-COVID-19;

17. Jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw b'mod effettiv is-sentenzi f'tilwim transfruntier tal-familja li jikkonċerna t-tfal f'konformità mad-dritt applikabbli tal-UE u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, speċjalment f'każijiet relatati ma' ħtif transfruntier ta' minuri mill-ġenituri iżda wkoll f'każijiet ta' separazzjoni, divorzju, kustodja, adozzjoni u foster care u deċiżjonijiet relatati mar-rikonoxximent tal-paternità, inklużi koppji tal-istess sess, filwaqt li dejjem iqisu l-aħjar interessi tat-tfal f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta;

18. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw kif xieraq ir-regoli u l-obbligi l-ġodda skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri ([11]). jissottolinja l-importanza tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-qrati nazzjonali fil-każijiet transfruntiera u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri għal dak il-għan, tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni korretta tar-regolament, u tirrispondi fil-pront għal kwalunkwe nuqqas fir-rigward;

([11]) ĠU L 178, 2.7.2019, p. 1.

19. Ifakkar li r-riformulazzjoni tar-Regolament Brussell IIa kellha l-għan li tipproteġi d-drittijiet tat-tfal billi tiċċara r-regoli, tqassar il-proċedimenti transfruntiera li jikkonċernaw it-tfal permezz ta' skadenzi stabbiliti u l-abolizzjoni tal-exequaturs, u trawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ċentrali u l-iskambju ta' informazzjoni f'każijiet transfruntiera; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jipprovdu riżorsi umani u finanzjarji xierqa biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ xieraq dwar ir-regoli l-ġodda għall-awtoritajiet ċentrali, l-imħallfin u professjonisti legali oħra involuti f'tilwim transfruntier, inkluż dwar is-smigħ tat-tfal u l-użu possibbli tal-medjazzjoni f'każijiet bħal dawn; jenfasizza li tali taħriġ għandu jipprevedi livell suffiċjenti ta' għarfien u għarfien espert dwar il-proċedimenti transfruntiera tal-familja;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida għal prattika tajba dwar ir-Regolament Brussell IIa riformulat;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni tal-UE tarmonizza l-garanziji proċedurali għat-tfal fi proċedimenti transfruntiera tad-dritt tal-familja;

23. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ispejjeż finanzjarji tal-proċedimenti u l-ispejjeż addizzjonali inerenti f'każijiet transfruntiera ma jkunux ostaklu għall-aċċess għall-ġustizzja f'kawżi transfruntiera ċivili, amministrattivi u tal-familja li jinvolvu t-tfal; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli u aċċessibbli l-informazzjoni dwar l-għajnuna legali possibbli f'każijiet bħal dawn;

24. Jinnota li r-Renju Unit m'għadux jipparteċipa fil-kooperazzjoni fl-ambitu tar-Regolament Brussell IIa u r-Regolament dwar il-Manteniment; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod urġenti l-aktar mezz xieraq, inkluża għodda bilaterali, biex tiġi indirizzata l-inċertezza legali eżistenti bejn l-UE u r-Renju Unit fil-qasam tal-proċedimenti ċivili, amministrattivi u tal-familja li jikkonċernaw it-tfal;

25. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li tressaq proposta leġiżlattiva biex tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku tal-paternità bejn l-Istati Membri;

26. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tqis kif xieraq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-aspetti transfruntiera tal-adozzjonijiet, inkluż l-anness tagħha li jipprevedi regolament dwar ir-rikonoxximent transfruntier tad-digrieti ta' adozzjoni, sabiex jinħoloq qafas legali ċar u biex il-familji jingħataw iċ-ċertezza legali meħtieġa biex id-digrieti ta' adozzjoni li jinħarġu legalment fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor;

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinfurmaw u jinkludu kif xieraq lill-Parlament fi kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida jew riveduta fil-qasam tad-dritt transfruntier ċivili u tal-familja, peress li tali regoli jinfluwenzaw direttament il-ħajja u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE u fuq kollox tat-tfal;

28. Iqis li l-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 hija strument vitali għas-salvagwardja tal-aħjar interessi tat-tfal f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri u jemmen li l-UE għandha tilqa' l-adeżjoni ta' pajjiżi ġodda għal din il-konvenzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq progress rapidu fil-valutazzjoni tagħha tal-adeżjoni ta' pajjiżi ġodda u jistieden lill-Istati Membri jaċċettawhom mingħajr ebda eżitazzjoni;

29. Itenni t-talba tiegħu għal aktar kooperazzjoni internazzjonali fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Ġappun, sabiex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni internazzjonali kollha dwar il-protezzjoni tat-tfal bil-għan li t-tfal jiġu protetti mill-effetti dannużi tal-ħtif ta' minuri mill-ġenituri;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tespandi r-riċerka u l-ġbir tad-data dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal u l-aħjar prattiki fil-qasam fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data dwar it-tilwim ċivili transfruntier li jinvolvi t-tfal bħall-każijiet ta' kustodja, aċċess u ħtif ta' minuri mill-ġenituri; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi din id-data fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

***Medjazzjoni f'każijiet li jirrigwardaw it-tfal***

31. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta ġdida għal regolament dwar il-medjazzjoni transfruntiera, akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, li għandu jistabbilixxi standards komuni għall-proċedura transfruntiera, regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' ftehimiet medjati, rekwiżiti għall-istabbiliment ta' ċertifikat Ewropew għall-medjaturi biex tiġi żgurata l-kwalità tal-għarfien espert f'każijiet transfruntiera, u standards komuni għall-kuntratti transfruntiera ta' medjazzjoni; iqis li tali standards komuni għandhom jiżguraw ir-rispett għar-regoli ta' kunfidenzjalità ta' kull Stat Membru u jipprovdu lill-partijiet biżżejjed informazzjoni legali dwar il-kunċett, il-limiti u l-konsegwenzi tal-medjazzjoni;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw in-networks eżistenti ta' medjaturi fit-tilwim tal-familja transfruntier;

33. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu uffiċċji ta' premedjazzjoni sabiex jipprovdu lill-ġenituri u lit-tfal ikkonċernati l-informazzjoni kollha li jeħtieġu dwar it-twettiq tal-medjazzjoni u l-ispejjeż u l-benefiċċji possibbli tagħha, b'mod partikolari għat-tfal infushom u d-drittijiet u l-benesseri tagħhom; jenfasizza li xi Stati Membri diġà stabbilew tali uffiċċji jew qed jippruvaw jagħmlu dan;

34. Jissottolinja li l-medjazzjoni tista' tkun għodda effettiva biex tipproteġi l-aħjar interessi tat-tfal f'każijiet ta' ħtif transfruntier ta' minuri mill-ġenituri; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-prattiki tajba u l-"mediators in court model" (mudell ta' medjazzjoni fil-qorti) użati minn xi Stati Membri biex isolvu tilwim tal-familja transfruntier b'mod amikevoli u barra mill-qorti;

35. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li t-tfal ikollhom il-possibbiltà li matul il-proċess ta' medjazzjoni jitkellmu ma' individwu kwalifikat u indipendenti li jista' jipprovdilhom informazzjoni u appoġġ adattati għat-tfal;

36. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għall-għajnuna legali għall-medjazzjoni f'każijiet ta' tilwim tal-familja transfruntier għall-ġenituri b'mezzi finanzjarji limitati;

37. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi esplorat l-użu ta' għodod online, inklużi l-vidjokonferenzi, fil-medjazzjoni fil-każ ta' tilwim fuq distanza twila jew tilwim affettwat minn ċirkostanzi straordinarji, bħall-pandemija tal-COVID-19;

38. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv il-medjazzjoni volontarja fi kwistjonijiet tal-familja li jikkonċernaw lit-tfal, inkluż permezz ta' bidliet fil-leġiżlazzjoni;

39. Jistieden lill-Istati Membri jipprevedu regoli sempliċi, rapidi u affordabbli biex il-ftehimiet medjati bejn il-ġenituri jsiru legalment vinkolanti u infurzabbli;

o

o o

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0110

# Miżuri kontra t-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati, inkluż titjib fis-sistemi differenti tal-kejl tannitrati fl-Istati Membri

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar miżuri kontra t-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati, inkluż it-titjib fis-sistemi differenti ta' kejl tan-nitrati fl-Istati Membri (2021/3003(RSP))**

(2022/C 434/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Petizzjonijiet 0751/16, 1025/16, 0793/17, 0819/17, 0482/20, 0490/20, 0491/20, 0499/20, 0535/20, 0095/21 u 0862/21,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 4, 191 u 192(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikoli 35 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli [1] (id-"Direttiva dwar in-Nitrati"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [2] (id-"Direttiva Qafas dwar l-Ilma" (WFD)),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE [3] (id-"Direttiva dwar il-Kwalità tal-Ilma għall-Għawm"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament [4] (id-"Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin [5] (id-"Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina") ,

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem [6] (id-"Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb"),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 – Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima" (COM(2021)0699),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM(2021)0400),

---

(1) ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.
(2) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
(3) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.
(4) ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.
(5) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.
(6) ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli u bbażata fuq rapporti tal-Istati Membri għall-perjodu 2016-2019 (COM(2021)1000),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 227(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva diversi petizzjonijiet li jqajmu tħassib dwar it-tniġġis ta' korpi tal-ilma bħala riżultat tan-nitrat u li jiddenunzjaw il-ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE; billi rċieva wkoll petizzjonijiet dwar problemi relatati mas-sistemi differenti ta' kejl tan-nitrati madwar l-Istati Membri u diffikultajiet fil-kejl korrett tal-livelli tan-nitrati fl-ilmijiet Ewropej u billi għandu stampa ġenerali tas-sitwazzjoni fl-UE;

B. billi l-istatus ta' ħafna korpi tal-ilma fl-UE ddeterjora minħabba sfruttament żejjed u tniġġis u/jew għadu ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-WFD;

C. billi hemm reġjuni fl-UE li huma partikolarment esposti għal dan it-tip ta' tniġġis minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom u l-impatt tat-tibdil fil-klima;

D. billi eċċess ta' nitrati huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jikkawża tniġġis dannuż għall-ilma fl-UE minħabba l-akkumulazzjoni tan-nitroġenu u l-fosforu mid-demel tal-bhejjem u mill-fertilizzanti inorganiċi;

E. billi n-nitroġenu huwa nutrijent vitali għat-tkabbir tal-pjanti u tal-għelejjel; billi l-konċentrazzjonijiet għoljin tiegħu fl-ilma jagħmlu ħsara lin-nies u lin-natura; billi n-nitrati jikkawżaw it-tnaqqis tal-ossiġenu u l-ewtrofikazzjoni, u b'hekk ipoġġu kemm is-saħħa tal-bniedem kif ukoll l-ekosistemi f'riskju; billi dawn għandhom impatti ekonomiċi sinifikanti fuq it-trattament tal-ilma għall-konsum mill-bniedem, it-trasport tal-ilma ħelu għall-komunitajiet affettwati u s-setturi ekonomiċi li jiddependu mill-ilmijiet imniġġsa;

F. billi, bejn l-2016 u l-2019, 14,1 % tal-ilma ta' taħt l-art madwar l-Istati Membri kien għadu qed jaqbeż il-limitu ta' konċentrazzjoni tan-nitrati stabbilit għall-ilma tax-xorb; billi l-ilma rrapportat bħala ewtrofiku fl-UE jinkludi 81 % tal-ilmijiet tal-baħar, 31 % tal-ilmijiet kostali, 36 % tax-xmajjar u 32 % tal-lagi; billi bejn il-perjodi 2012-2015 u 2016-2019, l-erja totali ta' żoni vulnerabbli għan-nitrati (inkluż fl-Istati Membri li japplikaw approċċ fit-territorju kollu) żdiedet b'14,4 %; billi l-Kummissjoni nnotat li l-ewtrofikazzjoni hija kwistjoni li mhijiex qed titqies biżżejjed fid-deżinjazzjoni ta' żoni kkontaminati min-nitrati;

G. billi 30 sena wara l-adozzjoni tad-Direttivi dwar in-Nitrati, id-data dwar il-kwalità tal-ilma turi li l-livelli ta' implimentazzjoni u infurzar għadhom mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tagħha u l-objettivi korrispondenti tad-WFD;

H. billi ħafna Stati Membri għadhom qed jirreġistraw kwalità batuta tal-ilma fit-territorju tagħhom u għandhom problemi sistemiċi fil-ġestjoni tat-telf tan-nutrijenti mill-agrikoltura, filwaqt li xi Stati Membri oħra għandhom hotspots fejn it-tniġġis mhuwiex indirizzat biżżejjed;

I. billi, minkejja l-miżuri adottati, il-progress madwar l-UE mill-2012 huwa wieħed kajman; billi l-ksur tad-Direttiva dwar in-Nitrati mill-Istati Membri ħafna drabi jkun relatat ma' nuqqasijiet fl-istabbiltà tan-network ta' monitoraġġ, mad-deżinjazzjoni ta' żoni vulnerabbli u mal-implimentazzjoni ta' programmi ta' azzjoni;

J. billi s-sistemi u l-istandards tal-kejl tan-nitrati jvarjaw bejn l-Istati Membri; billi dan ifisser li r-riżultati tal-kejl tan-nitrati ma jistgħux jitqabblu faċilment u jistgħu jwasslu għal problemi relatati mal-kompetizzjoni fis-settur agrikolu tal-UE b'interruzzjonijiet konsegwenti fis-suq intern;

K. billi l-Patt Ekoloġiku Ewropew jipprevedi tnaqqis ta' 50 % fit-telf tan-nutrijenti sal-2030;

L. billi f'konformità mad-Direttiva dwar in-Nitrati, l-Istati Membri jeħtiġilhom jidentifikaw u jiddeżinjaw b'mod korrett żoni vulnerabbli għat-tniġġis min-nitrati sabiex jiżguraw azzjoni effettiva biex jiġi miġġieled it-tniġġis min-nitrati fit-territorju tagħhom;

([7]) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 126.

**It-Tlieta 5 ta’ April 2022**

M. billi l-ewtrofikazzjoni qed tikkawża telfien inkwetanti tal-bijodiversità u anke, f'xi każijiet, traġedji ambjentali f'ekosistemi ta’ valur ambjentali għoli li huma diffiċli li jiġu rettifikati;

N. billi d-daqs tal-problemi tat-tniġġis tal-ilma kkawżati mill-użu żbaljat tan-nitrati fl-industrija agrikola u dawk li jirriżultaw minn sorsi muniċipali bħall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi qed jhedded is-sopravivenza ta’ xi ekosistemi Ewropej;

O. billi ħafna impjanti muniċipali għat-trattament tal-ilma mormi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti attwali;

1. Ifakkar li d-WFD tirrikjedi li l-ilmijiet tal-wiċċ Ewropej kollha jilħqu status tajjeb sa mhux aktar tard mill-2027; jesprimi dispjaċir għall-fatt li nofs il-korpi tal-ilma tal-UE għad ma għandhomx status tajjeb u li l-kontaminazzjoni min-nitrati għadha waħda mill-akbar pressjonijiet fuq l-ambjent akkwatiku;

2. Jinnota li d-Direttiva dwar in-Nitrati tibqa’ strument ewlieni għall-protezzjoni tal-korpi Ewropej tal-ilma; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-implimentazzjoni mhux adegwata tad-Direttiva dwar in-Nitrati, l-infurzar insuffiċjenti tagħha u l-użu wiesa’ tal-eżenzjonijiet mill-Istati Membri; jinnota, għalhekk, li l-progress kien bil-mod mill-adozzjoni tagħha fl-1991;

3. Jisħaq fuq l-importanza li jiżdiedu l-azzjonijiet biex tiġi indirizzata l-ewtrofikazzjoni kemm tal-ilma ħelu kif ukoll tal-melħ ikkawżata min-nitroġenu u l-fosforu mis-sorsi kollha, speċjalment mill-agrikoltura u minn sorsi muniċipali bħall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u l-ilma mormi mhux ittrattat jew ittrattat b'mod mhux xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri ambizzjużi f'dan ir-rigward fil-pjan ta’ azzjoni integrat tagħha għall-ġestjoni tan-nutrijenti li jmiss, skedat għall-2022;

4. Jissottolinja l-fatt li huwa meħtieġ għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membru u fil-livell Ewropew; jemmen li l-użu ta’ sistemi ta’ kejl differenti f'kull Stat Membru jista’ jwassal għal diffikultajiet fl-indirizzar tal-problema tat-tniġġis tal-ilma min-nitrati fil-livell Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-komparabbiltà tal-kejl tan-nitrati u tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-ewtrofikazzjoni madwar l-Istati Membri; huwa tal-fehma li s-sistemi ta’ valutazzjoni tal-kejl tan-nitrati u tal-ewtrofikazzjoni, u b'mod partikolari l-post tal-punti ta’ kejl, għandhom jiġu armonizzati fl-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri f'dan il-proċess billi ttejjeb il-linji gwida tagħha kif ukoll twettaq studju dwar kif is-sistemi ta’ monitoraġġ jiġu implimentati mill-Istati Membri; jisħaq li hija meħtieġa sistema uniformi għall-kampjunar u l-analiżi sabiex il-valuri mkejla jsiru komparabbli;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw trasparenza sħiħa u aċċess pubbliku fir-rigward tal-immudellar u l-għażliet u s-suppożizzjonijiet sottostanti li jsiru biex jiġu stmati l-emissjonijiet tan-nitroġenu;

6. Jissottolinja li l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u jiġi miġġieled it-tniġġis ikkawżat min-nitrati jridu jitfasslu u jiġu adottati abbażi ta’ data dwar il-kwalità tal-ilma u mhux stimi li jitfasslu minn mudelli, li jistgħu jipprovdu biss informazzjoni addizzjonali għal miżuri mmirati;

7. Iqis li t-titjib f'waqtu u sinifikanti tal-miżuri rilevanti kollha stabbiliti biex tiġi żgurata kwalità tajba tal-ilma huwa ta’ importanza kbira, peress li, abbażi tax-xejriet osservabbli attwali, huma meħtieġa bidliet drastiċi biex jintlaħqu l-objettivi tad-WFD ta’ status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-ilma;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza b'mod adegwat il-każijiet kollha ta’ nuqqas ta’ konformità mad-Direttiva dwar in-Nitrati billi tqis bis-sħiħ il-korp dejjem akbar ta’ evidenza u informazzjoni mressqa miċ-ċittadini, u tiżgura trasparenza sħiħa fir-rigward tal-azzjonijiet ġenerali tagħha kontra Stati Membri mhux konformi sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet taċ-ċittadini u l-kapaċità tagħhom li jgawdu bis-sħiħ il-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, biex ittejjeb bil-bosta l-użu tas-setgħat ta’ infurzar tagħha, inkluż billi tagħmel użu effettiv u f'waqtu mill-proċeduri ta’ ksur sabiex jiġi ggarantit li l-Istati Membri jiddeżinjaw kif xieraq żoni vulnerabbli għan-nitrati u jistabbilixxu u jimplimentaw b'mod preċiż il-miżuri rilevanti kollha fil-programmi ta’ azzjoni dwar in-nitrati;

9. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li matul il-perjodu 2016-2019, għaxar Stati Membri kienu s-suġġett ta’ każijiet ta’ ksur li għadhom għaddejjin għan-nuqqas ta’ konformità mad-Direttiva dwar in-Nitrati; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod urġenti t-tniġġis eżistenti tal-ilma u jipprevjenu kwalunkwe riskju ta’ tniġġis ulterjuri billi jsaħħu d-deżinjazzjoni ta’ żoni vulnerabbli skont id-Direttiva dwar in-Nitrati u jsaħħu l-programmi ta’ azzjoni sabiex jimplimentaw u jinfurzaw bis-sħiħ il-miżuri adottati skont id-Direttiva dwar in-Nitrati; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżguraw l-integrazzjoni tal-objettivi tal-ilma f'oqsma ta’ politika oħrajn;

**It-Tlieta 5 ta’ April 2022**

10. Jirrimarka li t-tibdil fil-klima u ż-żieda fix-xita jistgħu jwasslu għall-għargħar u t-telf tan-nutrijenti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-programmi ta’ azzjoni attwali jaf ma jindirizzawx b’mod adegwat dawn ir-riskji; jistieden lill-Istati Membri jqisu dawn il-projezzjonijiet u r-riskji meta jirrieżaminaw il-programmi ta’ azzjoni tagħhom, filwaqt li japplikaw il-prinċipju ta’ prekawzjoni;

11. Jirrimarka l-importanza li tiġi promossa l-adozzjoni ta’ innovazzjonijiet biex jiġu xprunati l-effiċjenza u l-prattiki tajbin fl-agrikoltura, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ineffiċjenzi li jwasslu għal użu eċċessiv tal-ilma, il-fertilizzanti, il-pestiċidi u l-antibijotiċi;

12. Ifakkar fl-importanza li nimxu lejn agrikoltura ambjentalment sostenibbli sabiex jiġi eliminat it-tniġġis tan-nutrijenti u tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta’ prattiki ambjentali tajbin, inkluż billi jintużaw kif xieraq l-għodod rilevanti kollha offruti mill-politika agrikola komuni, mill-Fondi Strutturali u minn programmi oħra tal-UE, bħal LIFE; jisħaq fuq l-importanza li jintużaw prattiki innovattivi bħall-irkupru tan-nitroġenu mid-demel biex jiġi mmitigat dan it-tniġġis u tiġi mminimizzata t-tnixxija tan-nutrijenti fl-ambjent; jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja programmi ta’ riċerka fl-ambitu ta’ Orizzont Ewropa biex jinstabu soluzzjonijiet intelliġenti u innovattivi għall-problema tat-tniġġis tan-nutrijenti fl-UE;

13. Iqis li regolament huwa l-istrument leġiżlattiv xieraq li permezz tiegħu tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ilma mit-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli u biex jiġi applikat infurzar uniformi tal-objettivi relatati mal-kwalità tal-ilma madwar l-UE f’konformità mal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0112

# Approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni – L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel (2021/3001(RSP))**

(2022/C 434/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2021 dwar approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel (COM(2021)0252),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2020)0628),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015 bl-isem "Transforming our World: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima ([1]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel (O-000013/2022 – B9-0011/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

A. billi l-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel tirrikonoxxi li ċ-ċaqliq attwali fil-poter ġeopolitiku joħloq sfidi għad-drittijiet tal-bniedem, il-valuri u l-libertà akkademika;

B. billi l-istrateġija għandha l-għan li tippromwovi regoli bbażati fuq il-multilateraliżmu, it-trasparenza reċiproka, kundizzjonijiet ekwivalenti, u soluzzjonijiet ekoloġiċi, diġitali, tas-saħħa, soċjali u bbażati fuq l-innovazzjoni f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tħares ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-valuri kondiviżi;

C. billi l-istrateġija se tiġi implimentata permezz ta' inizjattivi mfassla fuq l-approċċ Tim Ewropa;

D. billi l-programm Orizzont Ewropa se jibqa' miftuħ għad-dinja, u billi l-Unjoni se taħdem favur fehim u implimentazzjoni komuni ta' prinċipji bħalma huma l-etika u l-integrità tar-riċerka, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużività, id-data miftuħa u x-xjenza miftuħa, il-libertà akkademika, l-istandards u t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza;

E. billi l-istrateġija għandha l-għan li timmobilizza x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni sostenibbli u inklużiva lejn soċjetajiet u ekonomiji bbażati fuq l-għarfien f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju;

F. billi l-insegwiment tal-aġenda għad-diplomazija xjentifika jsaħħaħ is-sħubijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi u jgħin biex jiġu appoġġjati l-objettivi diplomatiċi;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

G. billi l-kooperazzjoni internazzjonali dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) hija parti integrali miż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

H. billi l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija se jkollhom rwoli importanti fl-appoġġ tan-negozji ġodda innovattivi f’inizjattivi ta’ kollaborazzjoni ma’ pajjiżi terzi;

I. billi l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I konformi mal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Ftehim ta’ Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew hija indispensabbli u neċessarja biex tissaħħaħ is-saħħa globali u jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, filwaqt li jiġi żgurat li tinstab soluzzjoni fit-tul għal dawn l-isfidi;

J. billi l-UE għandha tmexxi bl-eżempju billi tipproteġi l-istandards tal-proprjetà intellettwali tal-UE u tindirizza l-indħil barrani;

K. billi r-R&I internazzjonali jista’ jkollhom rwol importanti fil-kontribut għall-istrateġija tal-Unjoni għall-idroġenu;

L. billi l-istrateġija tippromwovi kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi industrijalizzati;

1. Jilqa’ l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ globali għar-riċerka u l-innovazzjoni: L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f’dinja li qed tinbidel, li tirrikonoxxi li x-xjenza u l-innovazzjoni huma parti mill-istess sistema u li l-kooperazzjoni globali jeħtieġ li tikkunsidra l-aspetti kollha tal-katina tal-valur tal-għarfien;

2. Jilqa’ l-objettiv tal-Kummissjoni li tagħmel l-approċċ globali sforz li fir-rigward tiegħu Tim Ewropa se jiġbor flimkien ir-riżorsi tiegħu;

3. Jikkunsidra li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I hija parti integrali miż-Żona Ewropea tar-Riċerka mġedda u jitlob lill-Kummissjoni tisfrutta l-potenzjal tal-azzjonijiet u l-programmi rilevanti tal-Unjoni biex tattira t-talenti minn madwar id-dinja;

4. Ifakkar fil-ħtieġa ta’ investiment kontinwu fil-ħiliet u l-karrieri tar-riċerkaturi, li għandu jinkludi l-appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi rwol strutturat għall-partijiet ikkonċernati Ewropej rilevanti tar-R&I u għall-Parlament Ewropew fil-Forum taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għat-Tranżizzjoni;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni tiżviluppa kooperazzjoni multilaterali bbażata fuq ir-regoli biex tindirizza l-isfidi ekonomiċi, soċjetali u ambjentali globali ewlenin, fejn ir-R&I għandu jkollhom rwol ċentrali;

7. Ifakkar li l-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni ma’ pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 16(1), il-punt (d) tar-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa [2] jistgħu jiġu ffirmati biss ma’ pajjiżi terzi u territorji li jieħdu impenn fir-rigward ta’ ekonomija tas-suq miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, inkluż trattament ġust u ekwu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, bl-appoġġ ta’ istituzzjonijiet demokratiċi;

8. Jiddispjaċih bir-rwol limitat tax-Xjenzi Soċjali u Umanistiċi f’dixxiplini għall-kooperazzjoni globali;

9. Jisħaq fuq ir-rwol ewlieni li l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jista’ jkollhom fit-trawwim tal-kooperazzjoni internazzjonali u fl-isfruttar tal-potenzjal tal-kumpaniji ġodda u li qed jespandu permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f’inizjattivi ma’ pajjiżi terzi; iħeġġeġ impriżi konġunti u sħubijiet oħra tal-Unjoni fir-R&I biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali;

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

10. Jisħaq li l-kooperazzjoni globali fir-R&I hija kruċjali għall-kompetittività tal-Ewropa, filwaqt li jinnota li din ma tistax twassal għal ftuħ mingħajr ebda kundizzjoni min-naħa tal-Unjoni; jappoġġja l-approċċ ġenerali kkaratterizzat mill-prinċipju ta' "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ";

11. Jappoġġja l-prinċipju li jiġi permess aċċess reċiproku għall-programmi ta' riċerka, ix-xjenza miftuħa u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali filwaqt li s-sħab jiġu meħtieġa jirrispettaw u jilħqu l-istandards Ewropej għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jilqa' s-sett ta' għodod tal-Kummissjoni dwar l-Indirizzar tal-Indħil Barrani fir-R&I filwaqt li jinżamm l-impenn favur il-preservazzjoni ta' approċċ kollaborattiv u miftuħ għax-xjenza u l-innovazzjoni;

12. Jappoġġja l-użu tal-Artikolu 22(5) tar-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa f'każijiet eċċezzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, madankollu, tippubblika politika għal esklużjonijiet ġustifikati u tniedi dibattitu pubbliku dwar l-użu xieraq ta' dawn il-possibbiltajiet;

13. Jissottolinja l-ħtieġa li l-approċċ globali jiġi allinjat mal-istrateġija industrijali tal-Unjoni u mal-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala muturi għall-prosperità u t-tkabbir ekonomiku u sostenibbli; jitlob li tingħata kunsiderazzjoni aktar b'saħħitha lill-kooperazzjoni industrijali bħala parti mill-istrateġija;

14. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tas-semikondutturi biex tiġi żgurata s-sovranità diġitali tal-Unjoni; jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u jenfasizza l-kollaborazzjoni fir-riċerka ma' pajjiżi terzi assoċjati mal-programmi eżistenti tal-Unjoni;

15. Jenfasizza r-rwol importanti tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej (SMEs) fil-kooperazzjoni internazzjonali u jisħaq li l-SMEs jeħtiġilhom jingħataw l-opportunità ta' aċċess għal konsulenza dwar l-investimenti, strumenti li jgħinu biex iżidu l-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom, u jeħtiġilhom ikollhom il-ħila li jiżviluppaw kapaċitajiet biex jattiraw it-talenti minn madwar id-dinja;

16. Jenfasizza li l-UE għandha tiżgura li l-kooperazzjoni internazzjonali kollha fir-R&I titwettaq f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, u tikkontribwixxi għalihom, u fl-aħħar mill-aħħar tiżgura l-iżvilupp tal-innovazzjoni u t-teknoloġiji f'konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

17. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jieħdu impenn favur aktar trasferimenti ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ambjentali u klimatiċi kruċjali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

18. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi s-sinerġiji bejn il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi; iqis li jeħtieġ li jiġu żviluppati sħubijiet imfassla apposta fir-R&I ma' pajjiżi terzi u li dawn jiġu integrati f'kooperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp usa' bħal dik fl-ambitu tal-inizjattiva Global Gateway;

19. Huwa tal-fehma li l-approċċ globali għar-R&I għandu jagħmel enfasi qawwija fuq is-saħħa, il-mediċina preventiva u l-kura tas-saħħa u jkollu fil-qalba tiegħu l-prinċipji ta' aċċess miftuħ, kondiviżjoni tad-data, il-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u t-trijade tad-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà; iqis li dawn il-prinċipji għandhom japplikaw għall-proġetti ta' riċerka li jiżviluppaw teknoloġiji u prodotti mediċinali li jaqdu lill-komunitajiet lokali filwaqt li jtejbu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa;

20. Jirrakkomanda l-intensifikazzjoni tal-kollaborazzjoni mal-pajjiżi kollha interessati u li għandhom l-istess fehma sabiex tinstab soluzzjoni fit-tul għan-nuqqas ta' materja prima, u li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni globali fix-xjenza tal-materjali u l-ekonomija ċirkolari filwaqt li tiġi mħeġġa s-sostituzzjoni, sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' din il-materja prima kritika;

21. Jappoġġja l-isforzi u l-inizjattivi tal-Unjoni biex tippromwovi d-diplomazija dwar ix-xjenza inkluż l-iżvilupp ta' aġenda ta' diplomazija dwar ix-xjenza mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

22. Josserva bi tħassib dejjem akbar il-pressjoni u r-restrizzjonijiet li qed jikbru fuq il-libertà akkademika fl-Unjoni u madwar id-dinja;

23. Huwa mħasseb dwar iż-żieda fid-dipendenza finanzjarja tal-universitajiet Ewropej fuq pajjiżi terzi u l-implikazzjonijiet għal-libertà akkademika;

**L-Erbgħa 6 ta’ April 2022**

24. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal proposta għall-protezzjoni legali tal-libertà akkademika fl-Unjoni fit-Trattati u tagħmel referenza għar-rispett ta’ din il-libertà fil-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena u bħala parti mir-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-programm Orizzont Ewropa dwar l-istat tal-libertà akkademika fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni għandha xi assoċjazzjoni jew ftehim ta’ kollaborazzjoni xjentifika;

26. Jisħaq li l-Kummissjoni jeħtieġ li toħroġ b’mod urġenti linji gwida prattiċi lill-partijiet ikkonċernati tar-R&I dwar il-libertà akkademika sabiex tiżgura s-sikurezza, is-sigurtà, il-benesseri u l-kompetittività tal-Unjoni;

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jrawmu azzjonijiet u jistabbilixxu programm tal-UE biex jappoġġjaw soġġorni jew fellowships akkademiċi għar-riċerkaturi f’riskju;

28. Jisħaq li l-Unjoni għandha rwol fundamentali fl-avvanz tax-xjenza miftuħa madwar id-dinja u l-kondiviżjoni transfruntiera ta’ data, riżultati u infrastruttura tar-riċerka, filwaqt li taderixxi mal-prinċipju FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli); jinnota, madankollu, li dan ma jistax iwassal għal ftuħ mingħajr ebda kundizzjoni u jappoġġja l-prinċipju ġenerali ta’ “kemm jista’ jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ”;

29. Jemmen li approċċ strateġiku għall-istandardizzazzjoni internazzjonali huwa komponent kruċjali ta’ approċċ globali ta’ suċċess għar-R&I u jistenna bil-ħerqa strateġija Ewropea għall-istandardizzazzjoni;

30. Jisħaq li fil-kooperazzjoni internazzjonali tagħha fir-R&I, l-Unjoni għandha tieħu rwol mexxej u tistabbilixxi standards etiċi għoljin u tapplika grad għoli ta’ integrità tar-riċerka fil-forniment ta’ xjenza ta’ klassi dinjija, filwaqt li tiżgura li r-riċerka u l-iżvilupp ta’ teknoloġiji ġodda jkunu konformi mal-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa u ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent;

31. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri b’enfasi fuq it-tisħiħ tal-kompetenzi u r-rwol tar-riċerkaturi nisa; jissottolinja l-ħtieġa li d-dimensjoni tal-ġeneru tiġi integrata aħjar fil-kontenut tar-R&I u l-ġbir ta’ data u riżultati disaggregati, filwaqt li jissaħħaħ il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-timijiet tar-R&I; jitlob lill-Kummissjoni tagħti segwitu għal dawn l-għanijiet permezz tad-djalogu u l-iskambju tal-aħjar prattiki ma’ pajjiżi terzi;

32. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jidħlu fi ftehim interistituzzjonali mal-Parlament sabiex jagħtuh rwol aktar b’saħħtu fil-ġestjoni tal-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni ffirmati skont l-Artikolu 16(1), il-punt (d) tar-Regolament dwar l-Orizzont Ewropa, fid-dawl tan-natura politika profonda tagħhom u l-impatt baġitarju tagħhom fuq il-programmi qafas attwali u futuri;

33. Jenfasizza l-importanza li jinsabu s-sinerġiji u tissaħħaħ il-kooperazzjoni permezz tal-programmi ta’ azzjoni esterna tal-Unjoni, bħall-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali, l-investimenti fl-iżvilupp ta’ infrastruttura globali fl-ambitu tal-inizjattiva Global Gateway, u l-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni, biex tinbena l-kapaċità fil-pajjiżi sħab fil-qasam tar-R&I u l-edukazzjoni għolja, filwaqt li jissaħħu s-sħubijiet diġà eżistenti, b’mod partikolari dawk mas-sħab Afrikani; iqis li hu daqstant ieħor importanti li jinbnew kapaċitajiet tar-R&I fid-delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja biex jiġi żgurat approċċ verament globali għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE;

34. Jenfasizza l-ħtieġa tat-tisħiħ tar-R&I fil-kooperazzjoni tal-UE ma’ pajjiżi bi b’introjtu baxx u medju f’oqsma ewlenin bħat-tibdil fil-klima, is-saħħa, it-tħejjija għall-epidemiji, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni;

35. Jinnota li l-istrateġija tal-UE għall-idroġenu se teħtieġ l-importazzjoni ta’ idroġenu nadif; jenfasizza li l-pajjiżi tan-Nofsinhar fil-madwar tal-Mediterran għandhom potenzjal kbir biex jużaw u jesportaw idroġenu nadif lejn l-Ewropa; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li l-aħjar mod biex tiġi ffaċilitata din ir-relazzjoni kummerċjali futura jkun li s-sħab kollha jiġu inklużi fl-isforzi tar-R&I li se jirfdu l-istrateġija għall-idroġenu; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-possibbiltà li tespandi l-finanzjament tas-sħubijiet tal-Unjoni fir-R&I, bħas-sħubija fir-R&I fiż-żona tal-Mediterran (PRIMA), mingħajr ma tiddevja mill-objettivi prinċipali tagħhom, b’mod partikolari billi tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi konġunti li l-Mediterran jeħtieġ b’mod urġenti;

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

36. Jilqa' l-appoġġ politiku mġedded favur kooperazzjoni trans-Atlantika aktar fil-fond permezz ta' fora kummerċjali u teknoloġiċi differenti u jappoġġja l-intensifikazzjoni ulterjuri tal-kollaborazzjoni xjentifika bejn l-UE u l-Istati Uniti;

37. Jisħaq fuq l-importanza li jitrawmu sforzi tar-R&I u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant sabiex jiġu promossi l-iżvilupp, il-paċi u l-istabbiltà ġeopolitika;

38. Jikkundanna bil-qawwa l-invażjoni vjolenti tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Gvern Ukren, sejħiet għal proġetti fl-ambitu tal-programm Orizzont Ewropa mmirati lejn it-tisħiħ tas-settur tax-xjentifiku Ukren, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna; jistieden lill-Unjoni twaqqaf kull kooperazzjoni fix-xjenza u r-riċerka mal-Federazzjoni Russa, l-entitajiet Russi u l-entitajiet Ewropej ikkontrollati minn entitajiet Russi, u tapplika l-istess approċċ għal kwalunkwe pajjiż li jappoġġja l-isforzi tal-gwerra Russi;

39. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' politika dwar l-innovazzjoni mal-Georgia u r-reġjun tal-Kawkasu tan-Nofsinhar kif stabbilit fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia;

40. Jistieden lill-gvernijiet tal-Iżvizzera u tar-Renju Unit u lill-Kummissjoni jistabbilixxu mill-ġdid relazzjonijiet kostruttivi bħala bażi għal kooperazzjoni msaħħa u assoċjazzjoni potenzjali mal-programm Orizzont Ewropa;

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0113

# Implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar il-bidu tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 (2022/2527(RSP))**

(2022/C 434/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 162, 174-178 u 349 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Frar 2022 intitolata "It-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni: Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050" (COM(2022)0034),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (COM(2022)0109),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 (O-000002/2022 – B9-0006/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 136(5) u l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta kontinwament il-politika ewlenija ta' investiment u solidarjetà fil-livell tal-UE għall-ugwaljanza soċjali u t-tranżizzjoni ġusta, u hija katalista stabbilita għat-tkabbir u l-impjiegi sostenibbli, għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE, u għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-UE, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, permezz ta' baġit li jammonta għal EUR 392 biljun sal-2027;

---

([1]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.
([2]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.
([5]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.

B. billi l-pandemija kienet ir-raġuni ewlenija għad-dewmien fin-negozjati tal-politika ta’ koeżjoni u dan ikkawża dewmien sussegwenti biex jiġi adottat il-qafas leġiżlattiv għall-perjodu ta’ finanzjament 2021-2027; billi l-maġġoranza tal-Istati Membri ma rnexxilhomx iħaffu t-tħejjija tal-proċess ta’ programmazzjoni;

C. billi l-prijoritizzazzjoni biex jitħejjew il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll l-infiq ta’ REACT-EU, għalkemm kienet meħtieġa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ikkontribwiet involontarjament għad-dewmien imsemmi hawn fuq;

D. billi l-finanzjament tal-politika ta’ koeżjoni għandu jkun konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-istat tad-dritt u l-kodiċi ta’ kondotta Ewropew dwar is-sħubija;

E. billi, skont l-aħħar informazzjoni disponibbli, il-programmi u l-ftehimiet ta’ sħubija huma għodod strateġiċi biex jiggwidaw l-investimenti fl-Istati Membri u r-reġjuni, iżda s’issa ftit biss ġew ippreżentati u waħda biss (fil-Greċja) ġiet adottata;

F. billi bħala riżultat ta’ dan ta’ hawn fuq ġew impenjati biss 0,2 % tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn ippjanati għall-2021 taħt l-Intestatura 2.1: “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali”, ammont li huwa ferm inqas meta mqabbel mal-2014 (4,22 %), anke minħabba l-prijorità mogħtija lil fondi u lil inizjattivi ġodda, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, React-EU u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta;

G. billi l-Kummissarju għall-Baġit u l-Amministrazzjoni stqarr li huwa jistenna li kważi l-allokazzjoni baġitarja kollha tal-2021 ikollha tiġi riprogrammata għas-snin ta’ wara, fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 [6];

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-dewmien sinifikanti biex tiġi implimentata l-politika ta’ koeżjoni għall-perjodu 2021-2027, filwaqt li jagħraf li huwa importanti li programmi ta’ kwalità għolja jiġu adottati fil-bidu tal-perjodu ta’ programmazzjoni sabiex tiġi evitata r-riprogrammazzjoni fi stadju ulterjuri;

2. Jisħaq li d-dewmien attwali qed jisfida l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jippjanaw b’mod effettiv, jimplimentaw il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE għall-perjodu 2021-2027 u jiżguraw l-irkupru ekonomiku u r-reżiljenza tar-reġjuni Ewropej;

3. Ifakkar li l-politika ta’ koeżjoni, flimkien mal-kofinanzjament garantit mill-Istati Membri, tkompli tipprevedi proporzjon kbir tan-nefqa pubblika marbuta mat-tkabbir fl-UE u hija strument importanti maħsuba biex tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima u tappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-Ftehim ta’ Pariġi; jisħaq li għalhekk huwa imperattiv li tinbeda l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda malli jiġu adottati sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE, jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni u fi ħdanhom, jitwettqu l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, b’mod partikolari tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta u inklużiva, jiġu massimizzati r-riżultati tal-investimenti fit-tkabbir sostenibbli, tiżdied il-produttività, tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, jiġi miġġieled it-telfien tal-bijodiversità u jkun hemm konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-almu tagħhom biex iħaffu l-adozzjoni ta’ programmi u ftehimiet ta’ sħubija fl-iqsar żmien possibbli mingħajr ma jdgħajfu l-miri ta’ kontribut klimatiku, il-prinċipju ta’ sħubija u l-proċess ta’ konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jinkoraġġixxu l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u approċċi oħra minn isfel għal fuq; jesiġi, b’mod partikolari, li l-Kummissjoni – filwaqt li tkompli tagħti attenzjoni partikolari lill-kwalità, lill-prinċipji orizzontali u lill-ħtieġa li titkompla l-ġlieda kontra l-frodi – tanalizza l-modi kollha possibbli biex tissimplifika l-proċeduri interni tagħha ħalli tappoġġa dan il-proċess;

5. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-politika ta’ koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala tandem baġitarju u operazzjonali, minflok ma jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza a skapitu tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi ta’ koeżjoni; iqis li huwa fundamentali li tiġi stabbilita komplementarjetà fi ħdan il-programmi ta’ koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u bejniethom, u li jiġu evitati duplikazzjonijiet fl-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipju tal-addizzjonalità tar-riżorsi rigward il-programmi ta’ koeżjoni;

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

**L-Erbgħa 6 ta’ April 2022**

6. Jistieden lill-Kummissjoni, f’dan ir-rigward, tisfrutta bis-sħiħ il-possibbiltajiet eżistenti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni attwali biex il-programmi u l-ftehimiet ta’ sħubija jiġu approvati b’pass aktar mgħaġġel, filwaqt li tirrispetta l-Kodiċi ta’ Kondotta dwar is-Sħubija;

7. Jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, tikkoopera mal-Istati Membri u tippreżenta lill-Parlament il-miżuri li biħsiebha tieħu biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programmi, flimkien mal-iskeda ta’ żmien prevista;

8. Jinsab imħasseb li kwalunkwe sottoimplimentazzjoni perċepita jaf twassal għal sejħiet biex jitnaqqas il-baġit tal-politika ta’ koeżjoni għall-perjodu ta’ programmazzjoni li jmiss; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tressaq pjan ta’ kontinġenza biex ittaffi r-riskju ta’ sottoimplimentazzjoni u diżimpenji minħabba li l-programmi nbdew tard permezz ta’ proposta leġiżlattiva matul ir-rieżami ta’ nofs it-terminu u, jekk ikun meħtieġ, permezz ta’ reviżjoni korrispondenti tal-qafas finanzjarju pluriennali;

9. Jissottolinja li d-dewmien attwali fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta’ koeżjoni 2021-2027 ixekkel il-kapaċità tal-Istati Membri li jirreaġixxu, fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, mhux biss għall-kriżi tal-enerġija u tal-provvista, iżda wkoll għall-kriżi tar-refuġjati fuq perjodu medju u twil; jilqa’ l-flessibbiltà temporanja u l-miżuri addizzjonali offruti mill-proposta CARE u l-aħħar proposta tal-Kummissjoni biex jiżdied il-prefinanzjament, li se jgħinu biex tiżdied il-kapaċità tal-Istati Membri li jirreaġixxu għal din il-kriżi umanitarja; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li CARE ma jkollhiex impatt baġitarju negattiv u ma taffettwax il-programmi, il-proġetti u l-investimenti li għaddejjin bħalissa; jisħaq, madankollu, li CARE u l-użu propost tal-finanzjament ta’ REACT-EU jaf ma jkunux biżżejjed fil-kuntest tal-kriżi attwali tar-refuġjati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivverifika jekk ikunx possibbli li l-fondi tal-2022 għall-perjodu ta’ finanzjament attwali, li jaf jiġu diżimpenjati minħabba dewmien fil-programmazzjoni, jintużaw għal CARE II, sabiex tiġi żgurata kura kontinwa għar-refuġjati;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

P9_TA(2022)0114

# Implimentazzjoni ta’ azzjonijiet ta’ edukazzjoni ċivika

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta’ April 2022 dwar l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet ta’ edukazzjoni ċivika (2021/2008(INI))**

(2022/C 434/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”),

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, b’mod partikolari l-għan 4 (Edukazzjoni ta’ kwalità) u l-mira 4.7,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta’ Marzu 2020 intitolata “Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija ta’ Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025” (COM(2020)0152),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Settembru 2015 dwar l-emanċipazzjoni tal-bniet permezz tal-edukazzjoni fl-UE ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta’ Novembru 2020 bit-titolu “Unjoni ta’ Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGTBIQ 2020-2025” (COM(2020)0698),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Marzu 2021 dwar it-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni diġitali ([2]),

— wara li kkunsidra l-Qafas ta’ Referenza tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Kompetenzi għal Kultura Demokratika,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa ([3]),

— wara li kkunsidra l-Karta dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta’ Marzu 2021 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021)0102),

— wara li kkunsidra il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat u ffirmat mill-Kunsill tal-UE, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni fis-17 ta’ Novembru 2017,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Novembru 2017 dwar it-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura – Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f’Gothenburg, is-17 ta’ Novembru 2017 (COM(2017)0673),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Ġunju 2016 bit-titolu “Appoġġ lill-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti” (COM(2016)0379),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Lulju 2020 bit-titolu “Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza” (COM(2020)0274),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Settembru 2020 bit-titolu “Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali” (COM(2020)0624),

---

([1]) ĠU C 316, 22.9.2017, p. 182.
([2]) ĠU C 494, 8.12.2021, p. 2.
([3]) ĠU C 415, 1.12.2020, p. 16.

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra l-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), b'mod partikolari l-objettiv tiegħu li jippromwovi l-ekwità, il-koeżjoni soċjali, u ċ-ċittadinanza attiva,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020)0625),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([4]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2021 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2021 dwar it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli waqt il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ([7]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, tat-tolleranza u tan-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi 2015), iffirmata fis-17 ta' Marzu 2015 f'Pariġi, fi Franza,

— wara li kkunsidra r-rapport minn Panel 1 taċ-Ċittadini Ewropej tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa bit-titolu "Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjiegi / Edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport / Trasformazzjoni diġitali",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażagħ 2021 bit-titolu "Rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażagħ għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa",

— wara li kkunsidra r-rapport Eurydice tal-Kummissjoni tas-7 ta' Novembru 2017 bit-titolu "L-Edukazzjoni fiċ-Ċittadinanza fl-Iskejjel fl-Ewropa, 2017",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Unjoni tal-Federalisti Ewropej (UEF) dwar approċċ sistematiku għall-edukazzjoni ċivika Ewropea, adottata fl-4 ta' Lulju 2021 fil-Kungress Ewropew XXVII tal-UEF f'Valencia,

— wara li kkunsidra l-laqgħa ta' informazzjoni ta' Mejju 2021 mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-qafas strateġiku tal-2030 għall-edukazzjoni u t-taħriġ,

— wara li kkunsidra r-rapport Eurydice tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "L-ekwità fl-edukazzjoni skolastika fl-Ewropa – Strutturi, politiki u prestazzjoni tal-istudenti",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Ir-rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2020 – Responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini u protezzjoni tad-drittijiet tagħhom" (COM(2020)0730),

— wara li kkunsidra il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2020,

— wara li kkunsidra s-sommarju tas-sejbiet u tad-diskussjonijiet fil-Forum dwar il-Futur tat-Tagħlim tal-2019 ippubblikat mill-panel ta' esperti Ewropej tal-Kummissjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-7 ta' Diċembru 2019,

---

([4]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.
([5]) ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1.
([6]) ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.
([7]) ĠU C 241, 21.6.2021, p. 3.

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Iċ-Ċittadinanza u d-Demokrazija tal-Unjoni Ewropea",

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-2017 tan-Network Jean Monnet għall-edukaturi tal-għalliema dwar l-identità u ċ-ċittadinanza tat-tfal fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2015 bit-titolu "Il-Promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, tat-tolleranza u tan-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni – Ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi tal-politika tal-edukazzjoni fl-Ewropa wara d-Dikjarazzjoni ta' Parigi tas-17 ta' Marzu 2015",

— wara li kkunsidra l-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2018 u l-2020,

— wara li kkunsidra d-dokument dwar il-kwistjoni tal-Bord ta' Esperti Ewropej fuq l-Edukazzjoni u t-Taħriġ dwar l-inklużjoni u ċ-ċittadinanza,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar it-tagħlim tal-UE fl-iskejjel ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2017: Insaħħu d-Drittijiet taċ-Ċittadini f'Unjoni ta' Tibdil Demokratiku ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021 dwar id-djalogi maċ-Ċittadini u l-parteċipazzjoni taċ-Ċittadini fil-proċess deċiżjonali tal-UE ([12]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0060/2022),

A. billi l-edukazzjoni hi dritt fundamentali u beni pubbliku li għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas għal kulħadd b'mod ugwali; billi l-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex jipparteċipa bis-sħiħ u b'sinifikat fis-soċjetà; billi l-edukazzjoni u t-tagħlim m'għandhomx jitqiesu biss bħala għodda għad-dispożizzjoni tas-suq tax-xogħol;

B. billi sfidi sistemiċi ġodda b'impatti lokali, reġjonali u globali, bħat-tibdil fil-klima, il-bidla diġitali, id-distakki soċjali u territorjali, jew l-integrazzjoni politika supranazzjonali nnifisha, jeħtieġu l-adattament korrispondenti tas-sistemi edukattivi, inkluża l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza; billi t-tranżizzjoni ekoloġika u l-Patt Ekoloġiku jappellaw għal espansjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza biex din tinkludi l-ħtieġa ta' azzjoni responsabbli, mhux biss fi ħdan komunità jew soċjetà partikolari, iżda lejn il-pjaneta kollha kemm hi; billi l-bidla diġitali u l-aġenda diġitali mhux biss jiftħu opportunitajiet ġodda għal ċittadinanza attiva u parteċipazzjoni demokratika online, iżda jinkludu wkoll riskji u theddid ikkawżati mill-miżinformazzjoni u mid-diżinformazzjoni; billi ċittadinanza diġitali attiva għandha tqis u tindirizza d-distakk diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet; billi l-involviment tal-midja lokali, nazzjonali u Ewropea fil-popolarizzazzjoni tal-kultura u l-istorja Ewropej huwa parti importanti tad-dibattitu pubbliku u tal-involviment taċ-ċittadinanza;

---

([8]) ĠU C 58, 15.2.2018, p. 57.
([9]) ĠU C 11, 12.1.2018, p. 16.
([10]) Testi adottati, P9_TA(2021)0452.
([11]) ĠU C 369, 11.10.2018, p. 11.
([12]) ĠU C 99, 1.3.2022, p. 96.

C. billi l-edukazzjoni ċivika trid tinftiehem f'diversi livelli, li jinkludu d-dimensjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropej u globali taċ-ċittadinanza; billi l-proċess kontinwu tal-globalizzazzjoni u tal-integrazzjoni Ewropea se jirrikjedi li l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Ewropej tinvolvi dejjem aktar ruħha politikament f'diversi livelli, biex tkun tista' tgħix u taħdem internazzjonalment u tamministra d-differenzi fil-ħajja ta' kuljum tagħha; billi l-ħsieb kritiku, il-ħiliet interpersonali u l-kompetenzi ċiviċi qegħdin ikunu dejjem aktar importanti fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali; billi s-soċjetajiet qegħdin isiru aktar diversifikati, u b'hekk qiegħda ssir dejjem aktar importanti li fl-Ewropa jkun hemm ir-rispett għad-diversità tal-kulturi u tal-oriġini u r-rifjut ta' kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, il-persuni LGTBIQ jew il-minoranzi;

D. billi l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tibbenefika minn approċċ transsettorjali u kooperazzjoni reċiproka bejn edukazzjoni formali, mhux formali u informali; billi l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tippermetti lill-edukaturi u lill-apprendisti jiskopru l-valuri, l-attitudnijiet, il-ħiliet u l-għarfien u jifhmu d-dinja flimkien, inkluż permezz ta' pedagoġija parteċipattiva;

E. billi l-bidliet soċjopolitiċi osservati fl-Istati Membri, li jvarjaw mill-polarizzazzjoni soċjali u minn fiduċja baxxa fl-istituzzjonijiet sa rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, in-nazzjonaliżmu esklużiv u l-istrumentalizzazzjoni tal-Ewroxettiċiżmu għal skopijiet politiċi, flimkien maż-żieda ta' movimenti estremisti, it-tfaċċar mill-ġdid tar-razziżmu u l-ksenofobija fil-forom kollha tagħhom, l-awtoritarjaniżmu flimkien mal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni jistgħu jkunu ta' theddida serja għad-demokraziji Ewropej u jiddestabbilizzaw lill-UE kollha kemm hi; billi t-tisħiħ tal-edukazzjoni ċivika f'kuntesti formali, mhux formali u informali, permezz ta' edukazzjoni ta' tagħlim tul il-ħajja jista' jkollu rwol importanti fil-ġlieda kontra din it-tendenza u fit-tkattir ta' diskors politiku aktar miftuħ, kif ukoll fl-inkoraġġiment ta' involviment akbar taċ-ċittadini fil-proċessi politiċi u leġiżlattivi fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew;

F. billi l-appoġġ politiku għall-Unjoni għandu t-tendenza li jiġi espress f'termini ta' sentimenti, attitudnijiet u valuri aktar milli f'termini tal-impatt konkret tiegħu fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini; billi hemm nuqqas ta' prossimità u fehim tal-proċessi demokratiċi u tal-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni tal-Unjoni fost iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażagħ; billi momentum Ewropew imġedded għall-edukazzjoni ċivika jista' jkun mod kif iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa jieħdu sehem fl-elezzjonijiet, filwaqt li tiġi limitata l-attraenza ta' diskorsi estremisti u populisti, u b'hekk tissaħħaħ ukoll il-koeżjoni soċjali;

G. billi l-ħolqien ta' ċittadinanza dinamika Ewropea ġie mfixkel minn lakuna fl-għarfien u fl-aspett emozzjonali, kif ukoll minn nuqqas ta' mekkaniżmi li jippermettu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u djalogu bejniethom; billi l-identità Ewropea tikkomplementa l-bosta identitajiet lokali, nazzjonali, ġeografiċi, kulturali jew identitajiet oħra li persuna jista' jkollha; billi għarfien limitat dwar l-UE, jew nuqqas tiegħu, u nuqqas ta' fehim tal-funzjonament u l-valur miżjud tagħha jistgħu jikkontribwixxu għall-perċezzjoni ta' defiċit demokratiku u jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' fiduċja, diżimpenn ċiviku u Ewroxettiċiżmu fl-Istati Membri;

H. billi r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar it-tagħlim tal-UE fl-iskejjel stiednet lill-Kummissjoni tipprovdi qafas komuni u tħejji linji gwida b'eżempji konkreti ta' tagħlim dwar l-UE sabiex jitrawwem ħsieb oġġettiv u kritiku dwar il-benefiċċji tal-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini tagħha;

I. billi r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni tappella biex ż-ŻEE tippermetti fluss akbar ta' studenti, għalliema u għarfien, trawwem sens ta' appartenenza Ewropea u sensibilizzazzjoni ċivika, tiggarantixxi d-drittijiet u l-valuri, tipprovdi opportunitajiet ġusti u ugwali, u ttejjeb il-koeżjoni soċjali;

J. billi l-Kummissjoni naqset milli twettaq kwalunkwe inizjattiva sostanzjali ta' natura sistemika f'dan il-qasam strateġiku; billi l-programmi eżistenti tal-UE, bħal Erasmus+ jew il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, għad għandhom potenzjal sinifikanti mhux sfruttat għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza b'approċċ aktar strateġiku għall-komponenti ta' apprendiment formali, mhux formali u informali tal-programmi, u b'koordinazzjoni aħjar tar-riżorsi; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu aktar biex itejbu u jżidu l-fluss ta' informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u dwar drittijiet u obbligi speċifiċi;

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

K. billi diversi Stati Membri żviluppaw skemi nazzjonali ta' volontarjat; billi l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' dawn l-iskemi huwa importanti sabiex titrawwem edukazzjoni ċivika prattika, tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, tiġi permessa l-mobilizzazzjoni għal kawżi ta' interess ġenerali, speċjalment għal dawk b'inqas opportunitajiet, u jingħata kontribut għall-iżvilupp personali u professjonali tal-parteċipanti; billi aktar mobilità ċivika Ewropea tista' tikkontribwixxi biex jiżdied is-sens ta' appartenenza taż-żgħażagħ f'komunità Ewropea, filwaqt li ssaħħaħ il-ħolqien ta' Ewropa taċ-ċittadini; billi l-iskemi nazzjonali ta' volontarjat għandhom il-potenzjal li jkunu portal naturali għall-mobilità Ewropea għaż-żgħażagħ, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet;

L. billi l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, imniedi fl-2018 bħala suċċessur tas-Servizz Volontarju Ewropew stabbilit fl-1996, huwa l-programm ġenerali Ewropew ta' mobilità għall-volontarjat, iżda għandu baġit limitat matul il-perjodu 2021-2027; billi għandhom jiġu żviluppati sinerġiji u kooperazzjoni akbar bejn il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u s-sistemi nazzjonali ta' volontarjat, kif ukoll bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti ta' volontarjat permezz tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

***L-istat tal-edukazzjoni ċivika fl-UE***

1. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma hemm l-ebda definizzjoni komuni għal edukazzjoni ċivika; jemmen li t-tagħlim tal-edukazzjoni ċivika jinvolvi taħlita ta' għarfien, ħiliet, metodi, għodod, kontenut, kompetenzi, attitudnijiet, valuri u kura, u huwa essenzjali għall-ħolqien ta' solidarjetà u sens ta' għaqda;

2. Iqis li fehim minimu tal-edukazzjoni ċivika għandu jipprovdi fehim teoretiku dwar il-kunċetti u l-istrutturi politiċi, legali, soċjali, ambjentali u ekonomiċi, inklużi dawk li jappartjenu għal-livell Ewropew, kif ukoll dwar l-iżviluppi globali, proporzjonati mal-livell ta' edukazzjoni u taħriġ, flimkien ma' esperjenzi prattiċi; jirrimarka l-importanza tal-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku bħala parti integrali mill-edukazzjoni ċivika; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' tiġdid pedagoġiku u l-adozzjoni ta' approċċ teoretiku u prattiku għall-edukazzjoni ċivika fl-Unjoni; jissuġġerixxi li jintużaw id-definizzjonijiet tal-edukazzjoni ċivika pprovduti mill-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qafas ta' Referenza tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Kompetenzi għall-Kultura Demokratika;

3. Jinsab imħasseb dwar l-enfasi limitata fuq iċ-ċittadinanza Ewropea u l-aspetti globali fil-kurrikuli nazzjonali; jinnota bi tħassib li nofs biss tal-istudenti li jistudjaw fl-UE rrapportaw li kellhom opportunitajiet biex jitgħallmu dwar l-Ewropa fl-iskola; jevidenzja li r-rapport ikkonkluda li l-appoġġ tal-istudenti għall-kooperazzjoni fost il-pajjiżi Ewropej kien assoċjat b'mod pożittiv ma' livelli ogħla ta' għarfien ċiviku; jiddeplora t-tensjoni li qiegħda tiżdied bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew fil-kurrikuli ta' xi Stati Membri; jinsab imħasseb dwar il-politiċizzazzjoni eċċessiva tal-edukazzjoni ċivika u l-konsegwenzi tagħha, bħal bidliet ripetuti u drastiċi fil-kurrikuli, u jtenni l-ħtieġa għal stabbiltà u koerenza fit-tul fl-għoti tal-edukazzjoni ċivika;

4. Jissottolinja li l-bidliet soċjopolitiċi u globali se jirrikjedu żieda sostanzjali fil-livell attwali tal-kwalità tal-edukazzjoni ċivika u l-approċċi lejha; jinsab imħasseb li l-istudenti maskili jiksbu punteġġ ferm inqas mill-kontropartijiet femminili tagħhom ([13]); jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' bilanċ f'termini ta' għarfien ċiviku medju madwar u fi ħdan l-Istati Membri; jinnota li l-istudenti li jgħixu f'reġjuni rurali, remoti, soċjalment żvantaġġati u f'żoni ultraperiferiċi jiffaċċjaw ostakli addizzjonali meta jinvolvu ruħhom fi programmi ta' edukazzjoni ċivika; jafferma li kull student għandu jkollu aċċess għal edukazzjoni ċivika ta' kwalità għolja li tiffoka fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom f'termini ta' finanzjament u infrastruttura, fost riżorsi oħra, li hija kruċjali għall-ħolqien b'suċċess ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;

5. Jindika li filwaqt li xi aspetti tal-edukazzjoni ċivika huma preżenti fil-parti l-kbira tal-kurrikuli nazzjonali, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom f'termini tal-livelli ta' edukazzjoni li fihom tiġi mgħallma, is-sigħat totali ddedikati għas-suġġett, il-kontenut u l-metodoloġiji tiegħu; jinnota li xi Stati Membri biss għandhom valutazzjonijiet strutturati, objettivi, orjentazzjonijiet pedagoġiċi jew taħriġ speċifiku għall-għalliema; jinnota li anke fejn ma jinsabux dawn l-elementi, hemm distakk bejn il-programmi nazzjonali u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fl-iskejjel;

---

([13]) Schulz, W. et al., *Becoming Citizens in a Changing World, IEA International Civic and Citizenship Education Study 2016 International Report*, Springer, Cham, 2016.

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

6. Ifakkar li l-kwalità tat-tagħlim għandha l-akbar impatt fuq it-tagħlim effettiv u li għalhekk it-taħriġ inizjali u kontinwu għall-għalliema u l-edukaturi kollha, irrispettivament mill-ispeċjalizzazzjoni tas-suġġett, għandu jkun prijorità fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika u, b'mod partikolari, fir-rigward tad-dimensjonijiet Ewropej u globali tal-edukazzjoni ċivika;

7. Jevidenzja li n-nuqqas ta' riċerka soda dwar kif l-edukazzjoni ċivika tista' tiġi mgħallma u vvalutata b'mod effettiv, u n-nuqqas ta' strumenti pedagoġiċi xierqa għal dan il-għan, ifixklu t-tagħlim effettiv tal-edukazzjoni ċivika; jinnota li hemm evidenza empirika li tindika kif approċċi ta' "skola sħiħa" jew "komunità sħiħa" għandhom impatt pożittiv fuq il-ħiliet u l-attitudnijiet ċiviċi; jemmen li meta tiġi indirizzata l-edukazzjoni ċivika, għandhom jitqiesu pedagoġiji parteċipattivi sabiex l-apprendisti jkunu jistgħu jesperjenzaw iċ-ċittadinanza fid-dimensjonijiet kollha tagħha u r-rwol tagħhom fi u għall-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-individwu u s-soċjetà inġenerali;

8. Jiddenunzja n-nuqqas ta' attenzjoni għall-edukazzjoni ċivika fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u l-apprendiment għall-adulti; jappella għall-inklużjoni tal-edukazzjoni ċivika fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, b'mod adatt għall-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-istudenti; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' enfasi fuq il-valur tal-kuntesti ta' apprendiment interġenerazzjonali li jiffaċilitaw id-djalogu interġenerazzjonali;

9. Jemmen li qatt mhuwa kmieni wisq biex wieħed jitgħallem dwar iċ-ċittadinanza fil-livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u globali; jinnota li l-edukazzjoni bikrija tat-tfal għandha rwol importanti fl-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u emozzjonali kritiċi, u tkabbar il-benesseri, id-djalogu, ir-rispett reċiproku, il-fehim u l-valuri komuni;

10. Ifakkar fir-rwol pedagoġiku kruċjali tat-tagħlim mhux formali u informali, inkluż il-volontarjat, il-mentoraġġ, id-dibattitu u l-isport, fl-iżvilupp tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-imġiba soċjali u ċiviċi, u fil-formazzjoni ta' ċittadini li jkunu responsabbli u attivi;

***Il-politiki tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika***

11. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-kunsens politiku fil-livell Ewropew dwar il-ħtieġa li tiġi avvanzata l-edukazzjoni ċivika u t-tagħlim tal-valuri komuni Ewropej ma ssarrafx f'objettivi, miri, parametri referenzjarji u azzjonijiet konkreti, u jikkonkludi li l-politiki dwar l-edukazzjoni ċivika jsofru minn lakuna fl-implimentazzjoni;

12. Iqis li l-programmi tal-UE jagħtu kontribut limitat għall-avvanz ta' ċerti dimensjonijiet tal-edukazzjoni ċivika, l-aktar minħabba nuqqas ta' appoġġ dirett espliċitu, riżorsi limitati u kopertura ġeografika mhux uniformi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li sa issa, il-proġetti ffinanzjati mill-UE f'dan il-qasam ma kellhomx impatt mifrux fit-tul;

13. Iqis li hemm nuqqas ta' koerenza politika fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika fil-livell tal-UE, u li attwalment ma hemm ebda strument ta' politika li jlaqqa' flimkien il-korpi u l-awtoritajiet rilevanti kollha b'mod strutturat;

14. Jikkonkludi li programmi tal-UE bħal Erasmus+, Orizzont Ewropa, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri jew Ewropa Kreattiva, fost oħrajn, ikkontribwew, l-aktar b'mod indirett, għall-forniment attiv tal-edukazzjoni ċivika; jinnota, madankollu, li s'issa ma rnexxilhomx iħallu impatt sistematiku u dejjiemi;

15. Jafferma li abbażi tal-Artikoli 9, 10, 165 u 166 tat-TUE, u tal-Karta, l-UE għandha responsabbiltà primarja li trawwem l-edukazzjoni ċivika tal-UE bħala mod ta' kif tiżgura għarfien aktar profond fost iċ-ċittadini tagħha tal-proġett Ewropew bħala unjoni ta' stati demokratiċi, b'hekk tiggarantixxi liċ-ċittadini tagħha d-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE;

16. Jenfasizza r-rieda li tiġi mħeġġa identità komuni Ewropea permezz ta' programm akkademiku komuni u li tiġi integrata bil-qawwa dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, kif espressa miċ-ċittadini fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, kif ukoll it-talba miż-żgħażagħ Ewropej li l-għarfien dwar l-opportunitajiet u l-benefiċċji tal-Ewropa jiġi inkluż fil-kurrikuli;

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

17. Jinnota li xi Stati Membri jirrikonoxxu l-influwenza pożittiva tal-iżviluppi tal-politika tal-UE fit-trawwim ta' bidla edukattiva fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika;

18. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' azzjoni effettiva mill-Kummissjoni rigward l-avvanz tal-qafas tal-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2018, "Il-Kompetenza taċ-Ċittadinanza", filwaqt li kompetenzi bażiċi oħra huma riflessi fil-parametri referenzjarji tal-ET 2020 jew huma appoġġjati minn oqfsa ta' kompetenza dedikati biex jiffaċilitaw it-tagħlim u l-adozzjoni fil-livell nazzjonali;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-għoti tal-premju taċ-Ċittadin Ewropew tal-2021 lill-inizjattivi ta' dibattitu tal-istudenti; iqis li, fi klima ta' polarizzazzjoni li dejjem qed tiżdied, id-dibattitu demokratiku huwa aktar importanti minn qatt qabel; jemmen li t-trawwim tal-ħiliet u l-kompetenzi għad-dibattitu huwa parti integrali mill-edukazzjoni ċivika;

20. Jinnota l-importanza tal-edukazzjoni ċivika fis-sensibilizzazzjoni dwar it-tranżizzjoni klimatika u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030; jenfasizza r-rabta bejn l-edukazzjoni ċivika u l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà, u l-importanza li jiġu kkoordinati l-isforzi li qed isiru biex iż-żewġ oqsma jiġu integrati fil-politiki, il-kurrikuli, l-approċċi pedagoġiċi u l-metodoloġiji fit-tagħlim u l-edukazzjoni formali, mhux formali u informali;

***Rakkomandazzjonijiet għal edukazzjoni ċivika Ewropea mġedda***

21. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jappoġġjaw, jirrieżaminaw u jaġġornaw is-sistemi edukattivi tagħhom u l-forom kollha ta' kontenut ta' kurrikuli marbutin mal-UE fil-livelli kollha tal-edukazzjoni – inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali – bl-iskop li tissaħħaħ id-dimensjoni tal-UE filwaqt li jiġu inkoraġġiti bil-qawwa r-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari meta jkollhom kompetenzi diretti fis-sistemi edukattivi;

22. Jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li titqies id-diversità lingwistika fl-edukazzjoni ċivika Ewropea, b'kunsiderazzjoni xierqa għal-lingwi minoritarji u reġjonali, kif ukoll il-lingwi fil-periklu ta' estinzjoni;

23. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri u lill-komunità edukattiva biex jinvolvu lill-persuni kollha, inklużi dawk bi sfond ta' migrazzjoni, il-migranti, ir-rifuġjati u l-komunitajiet reliġjużi, fi proċessi tal-bini taċ-ċittadinanza li jkunu bidirezzjonali, rispettużi u li jagħtu s-setgħa, filwaqt li jiżguraw parteċipazzjoni attiva fil-ħajja ċivika u kulturali; jemmen li t-trawwim ta' fehim aħjar fost iċ-ċittadini tal-kawżi storiċi u personali tal-vjaġġi tal-migranti, inkluż il-kolonjaliżmu, kif ukoll ta' sfondi kulturali kondiviżi, huwa komponent importanti taċ-ċittadinanza globali;

24. Jitlob lill-Istati Membri jsaħħu u jżidu l-opportunitajiet inizjali u kontinwi, professjonali u ta' żvilupp tul il-ħajja għall-għalliema, l-edukaturi, il-familji u l-komunità edukattiva usa', u jipprovdulhom appoġġ u riżorsi xierqa biex jgħallmu l-edukazzjoni ċivika, żviluppata f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-atturi rilevanti kollha fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiżviluppa qafas ta' kompetenza komuni għall-edukazzjoni ċivika għall-għalliema u l-istudenti għaċ-"ċittadinanza" tal-Kompetenza Ewlenija, inklużi l-kompetenzi multilingwi u interkulturali tal-edukaturi, u filwaqt li jitqiesu l-isferi lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropej u globali, b'mod simili għall-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali, il-Qafas Ewropew għall-Kompetenza Intraprenditorjali, il-Qafas Ewropew għall-Kompetenza Personali, Soċjali u tat-Tagħlim għat-Tmexxija tal-Kompetenza Ewlenija u l-Qafas Ewropew għall-Kompetenza fis-Sostenibbiltà li tnieda reċentement, li jibni relazzjonijiet bejn l-oqfsa kollha;

26. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi u mħeġġa opportunitajiet ta' mobbiltà, tagħlim bejn il-pari u skambji tal-aħjar prattiki fost il-persunal tat-tagħlim; iqis li l-karatteristiċi tal-mobbiltà ibrida u flessibbli tal-programm Erasmus+ 2021-2027 huma opportunità biex tiżdied il-mobbiltà għall-għalliema attwali u futuri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-mobbiltà fuq terminu qasir tal-għalliema u tistabbilixxi sħubijiet ta' mobbiltà fit-tul, filwaqt li tieħu vantaġġ mill-mezzi diġitali mingħajr ma tissostitwixxi l-mobbiltà fiżika u l-iskambji interpersonali;

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw taħriġ ta' kwalità għolja, fil-ħinijiet tax-xogħol, dwar suġġetti tal-UE għall-għalliema, persunal edukattiv ieħor u mexxejja taż-żgħażagħ u ħarrieġa, inklużi moduli barra mill-pajjiż, li jippermettilhom iqattgħu parti mit-taħriġ tagħhom fi Stat Membru ieħor, u billi jiżguraw ir-rikonoxximent tal-kompetenzi tagħhom biex jgħallmu dwar l-UE;

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

28. Jitlob il-ħolqien u l-promozzjoni ta' premju bit-tikketta "Euro Teacher"; itenni t-talba tiegħu għall-promozzjoni u l-iżvilupp ta' "Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+" biex titrawwem dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiddedika sejħa għal proposti għal Akkademja tal-Għalliema tal-Erasmus+ iddedikata għall-edukazzjoni ċivika għall-għalliema, il-ħarrieġa u l-istudenti kemm mis-settur formali kif ukoll minn dak mhux formali, inkluż is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET);

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu s-sinerġiji sabiex iżidu l-impatt sistemiku tal-edukazzjoni ċivika, u jaħdmu flimkien fuq l-iżvilupp ta' modulu inizjali ta' taħriġ għall-għalliema biex jiffamiljarizzaw lill-għalliema mas-sistemi edukattivi Ewropej, l-aħjar prattiki pedagoġiċi, il-pjattaformi ta' skambju tal-UE, l-għodod u s-sħubijiet li jirriflettu l-valuri Ewropej u jrawmu l-ħolqien ta' kultura edukattiva dwar iċ-ċittadinanza Ewropea, filwaqt li jirrikonoxxu d-diversitajiet fl-Ewropa; jissottolinja l-ħtieġa li dan it-tip ta' modulu ta' taħriġ jiġi inkluż fil-programm tal-Akkademji tal-Għalliema;

30. Jitlob ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kompetenzi taċ-ċittadinanza miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali, inkluż ix-xogħol taż-żgħażagħ u l-volontarjat, u għat-tisħiħ tar-rabtiet bejn it-tagħlim formali, mhux formali u informali fl-edukazzjoni ċivika;

31. Iqis li fil-qafas ta' kooperazzjoni ta' wara l-ET 2020, l-attenzjoni għandha tkun iffukata fuq l-iżvilupp ta' kurrikuli u valutazzjonijiet nazzjonali fl-edukazzjoni ċivika li jintegraw l-aspetti rilevanti kollha tas-suġġett f'konformità mal-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Kultura Demokratika tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetenzi soċjali u ċiviċi, filwaqt li titqies ukoll l-edukazzjoni informali u mhux formali, il-koordinazzjoni u l-faċilitazzjoni tagħha;

32. Jitlob li jitwaqqaf grupp ta' ħidma ġdid li jiffoka fuq l-edukazzjoni ċivika biex isegwi l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma ET 2020 dwar il-Promozzjoni tal-Valuri Komuni u l-Edukazzjoni Inklużiva stabbilit wara d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015;

33. Jitlob li jiġu żviluppati objettivi u punti ta' riferiment tanġibbli u li jistgħu jitkejlu dwar l-edukazzjoni ċivika, inkluża l-edukazzjoni ċivika Ewropea, fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-żona Ewropea u lil hinn mill-2021-2030; jirrimarka li dawn l-objettivi għandhom jissarrfu f'miri għall-2025, b'miri speċifiċi għal studenti żvantaġġati, u inklużi fi pjan ta' azzjoni speċifiku għall-edukazzjoni ċivika Ewropea, filwaqt li titqies perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, li tibda mit-tfulija bikrija;

34. Jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ aktar strutturat lejn l-identifikazzjoni u t-tixrid tar-riżultati tal-proġetti tal-edukazzjoni ċivika mill-programmi tal-UE, b'mod partikolari Erasmus+, Orizzont Ewropa, Ewropa għaċ-Ċittadini, il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u s-suċċessuri tiegħu, sabiex jiżdiedu r-riżultati madwar l-Unjoni, bl-involviment tal-Parlament Ewropew fil-proċess; iqis, għal dan il-għan, il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti ta' rieżami u analiżi fil-livell tal-UE biex jiġu identifikati prattiki tajba li jistgħu jinxterdu u jiżdiedu b'mod wiesa' biex jikkontribwixxu għal bidliet sistemiċi u dejjiema fil-politika;

35. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi avvanzata b'mod deċiżiv ir-riċerka dwar kif l-aħjar tiġi mgħallma u vvalutata l-edukazzjoni ċivika, u, b'mod partikolari, għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal, kif ukoll ir-rwol tal-opportunitajiet ta' tagħlim formali, mhux formali u informali, u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha abbażi ta' data komparattiva suffiċjenti u aġġornata mill-Istati Membri kollha; jissottolinja l-importanza tal-Azzjoni Ewlenija 2, l-Azzjoni Ewlenija 3, il-Katedri Jean Monnet u Orizzont Ewropa; jilqa' l-enfasi akbar tal-Azzjoni Ewlenija 2 fuq "il-valuri komuni, l-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni" f'Erasmus+ 2021-2027;

36. Jissottolinja l-ħtieġa li jsir aktar investiment fil-formati tal-edukazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea fil-livell tal-iskola u tal-università billi jissaħħu n-networks eżistenti u jiġu żviluppati kurrikuli ġodda adattati għal dan it-tip ta' taħriġ; jitlob l-involviment ta' fakultajiet speċjalizzati tal-affarijiet Ewropej fir-riċerka u l-użu tal-aħjar metodi u għodod ta' tagħlim għall-edukazzjoni ċivika, filwaqt li jintużaw il-fondi u r-riżorsi disponibbli tal-UE;

37. Jenfasizza li l-allinjament sostantiv tal-edukazzjoni ċivika jrid jimxi id f'id mal-għoti ta' kompetenzi u edukazzjoni diġitali jekk mhux biss biex jissodisfa r-rekwiżiti tat-trasformazzjoni diġitali, iżda wkoll jiżgura l-użu responsabbli tal-midja diġitali;

**L-Erbgħa 6 ta’ April 2022**

38. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw riċerka edukattiva komuni u parteċipattiva, b’mod partikolari ttestjar komparabbli fl-UE kollha fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika, inkluża ċ-ċittadinanza tal-UE, b’mandat u objettivi definiti sew fi ħdan il-mandat tal-kompetenzi tal-UE; jirrakkomanda li jsir Stħarriġ Speċjali tal-Ewrobarometru dwar l-għarfien ġenerali taċ-ċittadini dwar l-UE, li jwessa’ l-ambitu tas-serje attwali dwar iċ-ċittadinanza u d-demokrazija tal-Unjoni Ewropea;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi moduli għat-tagħlim taċ-ċittadinanza Ewropea u programm ta’ żjara f’siti ta’ wirt u ta’ memorja ta’ sinifikat storiku għall-Unjoni u għall-pajjiżi ospitanti biex jippromwovu approċċ interkulturali u dijaloġiku għall-istorja u jsaħħu l-valuri u l-prinċipji Ewropej bħala parti integrali minn kull opportunità ta’ mobbiltà tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-edukazzjoni ċivika għaċ-ċittadini kollha, inklużi l-adulti, b’mod aktar attiv u tirrifletti dan fil-programmi ta’ finanzjament rilevanti u fil-gruppi ta’ ħidma; jitlob lill-Kummissjoni torbot l-inizjattivi tal-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet mal-kompetenzi ċiviċi u tinkludi ċ-ċittadinanza diġitali fl-iżvilupp taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali;

41. Jitlob li jinħolqu badges Ewropej għall-iskejjel u l-universitajiet li jippromwovu b’mod attiv l-edukazzjoni ċivika; jitlob li jinħoloq premju Ewropew li jappoġġja l-edukaturi u l-atturi lokali li qed jippromwovu b’mod attiv l-edukazzjoni dwar l-Ewropa;

42. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-introduzzjoni ta’ fergħa speċifika ġdida fil-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri biex trawwem l-edukazzjoni ċivika, b’allokazzjonijiet baġitarji ddedikati, u żżid l-azzjonijiet u l-attivitajiet immirati lejn l-edukazzjoni ċivika taħt Erasmus+ u Orizzont Ewropa b’sejħiet iddedikati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel l-aħjar użu mis-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 biex tiżviluppa programmi u azzjonijiet speċifiċi li jsaħħu ċ-ċittadinanza u l-identità Ewropea;

43. Jemmen li huwa importanti li jkomplu jinxterdu l-opportunitajiet eżistenti fil-livell tal-UE fost il-komunità edukattiva tal-VET; iqis li huwa importanti li jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-programmi; jitlob l-inklużjoni ta’ enfasi ddedikata fuq l-edukazzjoni ċivika fl-azzjonijiet kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-UE, b’mod partikolari fi ħdan l-attivitajiet taċ-Ċentri ta’ Eċċellenza Vokazzjonali;

44. Jenfasizza r-rwol ta’ Dar l-Istorja Ewropea fl-iżvilupp ta’ programmi, strumenti u attivitajiet speċifiċi li jibnu narrattiva konvinċenti tal-integrazzjoni Ewropea u l-valuri bażiċi tagħha, b’mod partikolari għall-istudenti u l-għalliema fil-livelli kollha tal-edukazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Parlament fil-valutazzjoni tal-mezzi għad-deċentralizzazzjoni ta’ Dar l-Istorja Ewropea sabiex titwessa’ l-aċċessibbiltà, inkluż mill-Istati Membri u, b’mod partikolari, mill-komunità edukattiva, permezz ta’, fost inizjattivi oħra, kollaborazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet kulturali tal-Istati Membri, wirjiet rotanti u network ta’ delegazzjonijiet permanenti;

45. Jappella għal strateġija Ewropea komprensiva dwar l-edukazzjoni ċivika u dwar iċ-ċittadinanza Ewropea, kif ukoll il-ħolqien ta’ pjattaformi ta’ appoġġ biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tagħha, li tiffoka b’mod partikolari fuq il-valuri u l-prinċipji demokratiċi kondiviżi tal-UE, u fuq id-drittijiet fundamentali – bħad-dinjità tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza, it-tolleranza, ir-rispett għad-diversitajiet u l-libertà tal-kuxjenza – bil-għan li jissaħħaħ il-fehim taċ-ċittadini tal-istituzzjonijiet tal-UE, id-distribuzzjoni tal-kompetenzi, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politiki tal-UE, is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji, id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadinanza tal-UE, it-tisħiħ tal-għarfien tal-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea, ta’ kif jipparteċipaw b’mod attiv fil-proċessi demokratiċi tal-UE u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll it-tisħiħ ta’ sens kondiviż ta’ appartenenza;

46. Iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-istituzzjonijiet, lill-esperti u lill-prattikanti li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika biex iżidu l-kooperazzjoni u jiżviluppaw sinerġiji permezz ta’ networks transnazzjonali miftuħa; jenfasizza r-rwol tan-Networking tal-Edukazzjoni Ċivika Ewropea fil-provvediment ta’ fora u bl-għan ta’ prijoritizzazzjoni aktar b’saħħitha tal-edukazzjoni ċivika fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali; jappella għal istituzzjonalizzazzjoni ulterjuri ta’ tali networks Ewropej, peress li dawn jiżviluppaw u jippromwovu inizjattivi ta’ edukazzjoni ċivika madwar u lil hinn mill-Unjoni;

47. Jenfasizza li l-istrateġija għandha tinkludi perspettiva ta’ tagħlim tul il-ħajja u tal-komunità, li tinvolvi s-setturi informali u mhux formali, kif ukoll in-negozji u l-NGOs, b’mod partikolari dawk li jirċievu finanzjament mill-UE, li għandhom jikkontribwixxu direttament għat-tisħiħ tal-għarfien dwar l-UE fost il-parteċipanti u l-komunitajiet li fihom huma attivi;

48. Jemmen li l-istrateġija għandha tinkludi sinerġiji ma' azzjonijiet rilevanti tal-UE fil-qasam taż-żgħażagħ u l-politiki tal-UE li jiġġieldu r-razziżmu u l-ksenofobija fil-forom kollha tagħhom, il-mibegħda kontra l-persuni LGTBIQ u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-minoranzi, billi jiġu stabbiliti rabtiet mal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, u strumenti ta' finanzjament bħall-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza;

49. Jitlob li l-integrazzjoni tal-edukazzjoni ċivika fil-programmi rilevanti tal-UE u li jissaħħu s-sinerġiji bejniethom sabiex jiżdied l-impatt sistemiku tal-edukazzjoni ċivika, fost l-oħrajn, billi jiġi introdott u pprovdut modulu dwar iċ-ċittadinanza tal-UE li għandu jittieħed bħala kors ta' taħriġ qabel, jew b'mod parallel mat-twettiq ta' proġett iffinanzjat mill-fondi strutturali tal-UE jew opportunità ta' mobbiltà permezz ta' programmi bħal Erasmus+ jew il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; jemmen li t-twettiq ta' modulu fl-edukazzjoni ċivika tal-UE għandu jinvolvi ċertifikazzjoni permezz ta' mikrokredenzjali;

50. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi t-tagħlim dwar l-UE fl-iskola fil-proċessi tan-negozjati mal-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE;

51. Jissottolinja l-ħtieġa li jsir aktar investiment fil-formati tal-edukazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea fil-livell tal-iskola u universitarju, kemm għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali kif ukoll dawk vokazzjonali, billi jiġu żviluppati kurrikuli ġodda; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni li jkun fiha edukazzjoni primarja, sekondarja u għolja indikattiva, kif ukoll edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kurrikuli dwar l-UE u l-edukazzjoni ċivika globali għall-adozzjoni volontarja tagħha mill-Istati Membri, b'rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 165 tat-TFUE, żviluppati b'mod konġunt mal-esperti tal-Istati Membri, il-fakultajiet speċjalizzati tal-affarijiet Ewropej, l-għalliema, l-edukaturi, l-istudenti u l-komunità edukattiva usa', u akkumpanjata minn miżuri ta' inċentiv għall-adozzjoni tagħha; jemmen li l-kurrikuli dimostrattivi komuni msemmija għandhom irawmu fehim aħjar tal-istorja tal-integrazzjoni Ewropea, l-organizzazzjoni u l-istruttura tal-istituzzjonijiet eżistenti tal-UE, tal-proċessi elettorali u tat-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropej, inklużi l-mezzi tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE, li jikkombinaw approċċi u metodi pedagoġiċi differenti, inkluż tagħlim teoretiku u bbażat fuq proġetti, adattati għall-ħtiġijiet tal-istudenti;

52. Jitlob lill-Kummissjoni tissoda ħidmietha dwar l-edukazzjoni ċivika biex ittejjeb l-aċċessibbiltà għaliha u l-kwalità tagħha fl-Istati Membri kollha u tappoġġja l-iżvilupp ta' dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni ċivika għall-etajiet kollha; jemmen li struttura permanenti għandha tkun inkarigata mill-ħolqien ta' sinerġiji fil-livell Ewropew dwar l-edukazzjoni ċivika, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-UE allokati għal dan il-għan u l-koordinazzjoni tal-isforzi dwar metodi, prattiki, għodod u kontenut komuni; iqis li għandha tkun inkarigata wkoll mill-ġbir tad-data u mill-evalwazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet tal-edukazzjoni ċivika ffinanzjati mill-Unjoni, bil-ħsieb li xxerred u tkabbar l-aktar azzjonijiet ta' suċċess u tippermetti lill-Kummissjoni, fuq din il-bażi, tipproponi inizjattivi politiċi u leġiżlattivi f'dan il-qasam; jemmen li għandha tappoġġja opportunitajiet għal taħriġ fl-edukazzjoni ċivika kemm għall-għalliema kif ukoll għall-edukaturi u tinkoraġġixxi skambji transnazzjonali;

53. Jemmen li huwa urġenti li tingħata spinta lill-ħidma f'din id-direzzjoni billi tiġi introdotta azzjoni ta' fattibbiltà ffukata fuq il-ġbir tad-data u evalwazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet tal-edukazzjoni ċivika kkoordinati minn unitajiet dedikati dwar l-edukazzjoni ċivika fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura; jemmen li din tista' tkun opportunità biex jiżdiedu l-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet ta' edukazzjoni ċivika tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni tagħhom, biex tingħata orjentazzjoni strateġika għall-iżvilupp ta' strutturi u kurrikuli nazzjonali għall-edukazzjoni ċivika u biex jiġu stabbiliti standards minimi komuni f'termini ta' kontenut u metodoloġija fiċ-ċittadinanza u l-edukazzjoni ċivika madwar l-Unjoni; iqis li sabiex jagħmlu dan, dawn l-unitajiet għandhom jinvolvu lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew, lill-istudenti u lill-komunità usa' tat-tagħlim;

54. Ifaħħar il-Programm "Skejjel Ambaxxaturi", li jżid l-għarfien tal-istudenti dwar id-demokrazija parlamentari Ewropea u tal-valuri Ewropej, kif ukoll l-inizjattiva Euroscola, li toffri esperjenza immersiva prattika fil-Kamra tal-Parlament Ewropew għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji, li tirrappreżenta valur miżjud sostenibbli f'termini tal-għoti individwali tal-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni attiva fil-ħajja demokratika; jitlob l-introduzzjoni ta' ċertifikazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba mill-parteċipanti, kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema; iqis li hija l-aħjar prattika li jistħoqqilha li tiżdied biex jinkiseb effett sistemiku madwar l-Unjoni;

**L-Erbgħa 6 ta’ April 2022**

55. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jistabbilixxu u jiżviluppaw skemi nazzjonali ta’ volontarjat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw rikonoxximent reċiproku bejn is-sistemi nazzjonali u jżidu l-kooperazzjoni Ewropea fis-servizzi ċiviċi u l-volontarjat taż-żgħażagħ; iħeġġeġ skemi nazzjonali ta’ volontarjat u servizzi ċiviċi biex jallokaw esperjenzi ta’ mobbiltà Ewropea fuq bażi reċiproka;

56. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw il-mobbiltà ċivika Ewropea fil-qafas tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà indirizzata liż-żgħażagħ bil-ħsieb li jikkontribwixxu għal involviment ċiviku u servizzi ġenwini Ewropej; jitlob, b’kunsiderazzjoni ta’ dan l-għan, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b’mod sostanzjali r-riżorsi għall-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà; jenfasizza li l-istandards Ewropej dwar l-attivitajiet ta’ volontarjat, bħall-appoġġ finanzjarju għall-voluntiera, l-assigurazzjoni, it-tagħlim, it-taħriġ, l-inklużjoni u l-prinċipju tal-ebda sostituzzjoni tal-impjiegi, għandu jkollhom effett fuq kwalunkwe żvilupp futur tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà; jinsisti li l-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà jistgħu biss jikkomplementaw u mhux jieħdu post l-iskemi nazzjonali ta’ volontarjat jew is-servizzi ċiviċi;

57. Iqis li l-gżira ta’ Ventotene u l-Manifest tagħha kellhom rwol deċiżiv fl-istorja tal-integrazzjoni Ewropea; jenfasizza r-rwol tagħha bħala post emblematiku ta’ memorja għall-integrazzjoni Ewropea u għall-protezzjoni tal-valuri komuni Ewropej; jenfasizza l-kontribut tagħha għat-trawwim tal-edukazzjoni ċivika Ewropea, b’mod partikolari, permezz tal-involviment attiv taż-żgħażagħ fis-seminar annwali tagħha dwar l-integrazzjoni Ewropea, imniedi minn Altiero Spinelli fl-1982; jenfasizza wkoll l-importanza simbolika tax-xogħlijiet ta’ rkupru tal-ħabs ta’ Santo Stefano u l-potenzjal tiegħu li jsir ċentru ta’ referenza għal skambju kulturali permanenti, avvenimenti pubbliċi, wirjiet u dibattitu; għalhekk iqisha bħala kapitali storika tal-kostruzzjoni morali u intellettwali tal-valuri Ewropej;

58. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu b’mod ugwali fl-azzjonijiet formali tal-edukazzjoni ċivika u fl-appoġġ għall-edukazzjoni informali dwar iċ-ċittadinanza, f’attivitajiet kurrikulari u ekstrakurrikulari, u jsaħħu l-programmi tal-UE li jappoġġjaw l-edukazzjoni u l-edukazzjoni ċivika; jitlob biex miri speċifiċi relatati mal-edukazzjoni ċivika jiġu inklużi fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi edukattivi ffinanzjati mill-fondi tal-UE; jitlob li jiġu allokati aktar riżorsi finanzjarji għall-attivitajiet, l-għodod u l-azzjonijiet tal-Parlament relatati mal-promozzjoni tal-edukazzjoni ċivika fl-Istati Membri kollha, b’mod partikolari Euroscola; jistieden lill-Kummissjoni tapprova l-proġetti pilota proposti mill-Parlament, li huma mfassla biex isaħħu l-edukazzjoni ċivika; jinsisti fuq il-ħtieġa ta’ baġit iddedikat biex jiġi żviluppat ittestjar komparabbli fl-UE kollha fil-qasam taċ-ċittadinanza;

59. Jikkunsidra l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa bħala opportunità f’waqtha biex issir diskussjoni f’diversi livelli dwar l-iżvilupp tal-politika fil-qasam tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-kultura; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iħaddnu u jmexxu ’l quddiem ir-rapporti ta’ konklużjoni tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Konferenza dwar l-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport; jemmen, għalhekk, li l-kompetenzi kondiviżi fil-qasam tal-edukazzjoni għandhom jiġu introdotti, bħala minimu fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika, filwaqt li l-eżerċizzju ta’ dik il-kompetenza mill-UE “m’għandux iwassal biex l-Istati Membri ma jithallewx jeżerċitaw tagħhom”;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tappoġġja l-ħolqien, f’kull muniċipalità fl-Istati Membri, ta’ monument għall-Unjoni Ewropea li jipprovdi liċ-ċittadini b’simbolu viżiv tal-integrazzjoni Ewropea;

61. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([14]), minħabba li l-kompetenzi miksuba permezz ta’ dawn it-tipi ta’ tagħlim huma kontigwi jew komplementari għall-iżvilupp tal-kompetenzi ċiviċi, jew huma assolutament essenzjali għalihom;

o

o o

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([14]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0115

## Il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87769 X MON 89788

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87769 × MON 89788, li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D078875/02 – 2022/2566(RSP))**

(2022/C 434/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87769 × MON 89788, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u partikolarment l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 19(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tat-3 ta' Marzu 2022, li matulha ma ngħatat ebda opinjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fis-17 ta' Settembru 2015, u ppubblikata fit-8 ta' Ottubru 2015 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ("OĠM") ([4]),

---

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

([3]) L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar applikazzjoni (EFSA-OĠM-NL-2010-85) għat-tqegħid fis-suq tal-fażola tas-sojja MON 87769 × MON 89788, ġenetikament modifikata biex ikun fiha l-aċidu steuridoniku u tkun tolleranti għall-glifosat għall-użi fl-ikel u fl-għalf, għall-importazzjoni u għall-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 minn Monsanto, Ġurnal tal-EFSA 2015; 13(10):4256, https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4256

([4]) Fit-tmien leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta 36 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni tal-OĠM. Barra minn hekk, fid-disa' leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta r-riżoluzzjonijiet li ġejjin:
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MZHG0JG (SYN-ØØØJG-2), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*ĠU C 202, 28.5.2021, p. 11*).

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

---

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-sojja ġenetikament modifikata A2704-12 (ACS-GMØØ5-3) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*ĠU C 202, 28.5.2021, p. 15*).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 × DAS-40278-9, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina żewġ, tlieta jew erba' mill-eventi uniċi MON 89034, 1507, MON 88017, 59122 u DAS-40278-9 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*ĠU C 202, 28.5.2021, p. 20*).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qoton ġenetikament modifikat LLCotton25 (ACS-GHØØ1-3) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 208, 1.6.2021, p. 2).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 89788 (MON-89788-1), li jikkonsistu minn tali fażola tas-sojja jew li huma prodotti minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 208, 1.6.2021, p. 7).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet MON 89034 × NK603 × DAS-40278-9, 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u NK603 × DAS-40278-9, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 208, 1.6.2021, p. 12).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × 1507 × 5307 × GA21, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn, tlieta, erbgħa jew ħamsa mill-eventi uniċi Bt11, MIR162, MIR604, 1507, 5307 u GA21 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 208, 1.6.2021, p. 18).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87708 × MON 89788 × A5547-127, li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 323, 11.8.2021, p. 7).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × MIR162 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi MON 87427, MON 89034, MIR162 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1111 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 415, 13.10.2021, p. 2).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti mis-sojja ġenetikament modifikata SYHOH2 (SYN-ØØØH2-5), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 415, 13.10.2021, p. 8).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 87460 × MON 89034 × × boperejforom ta' qamħirrum ġenetikament modifikati u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn, tlieta jew erbgħa mill-avvenimenti uniċi MON 87427, MON 87460, MON 89034, MIR162 u NK603 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 415, 13.10.2021, p. 15).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87751 × MON 87701 × MON 87708 × MON 89788, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 445, 29.10.2021, p. 36).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × MIR162 × MON 87411 u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-avvenimenti uniċi MON 87427, MON 89034, MIR162 u MON 87411 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 445, 29.10.2021, p. 43).

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

---

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MIR604 (SYN-IR6Ø4-5) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 445, 29.10.2021, p. 49).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 88017 (MON-88Ø17-3), li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 445, 29.10.2021, p. 56).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 (MON-89Ø34-3), li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 445, 29.10.2021, p. 63).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB614 × T304-40 × GHB119 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 474, 24.11.2021, p. 66).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MZIR098 (SYN-ØØØ98-3), li jikkonsistu minnu jew li jkunu prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 474, 24.11.2021, p. 74).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-81419-2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 99, 1.3.2022, p. 45).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mll-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-81419-2 × DAS–44406–6, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 99, 1.3.2022, p. 52).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × MIR162 × MON810 × NK603 u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1507, MIR162, MON810 u NK603, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 99, 1.3.2022, p. 59).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt 11 (SYN-BTØ11-1), li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 99, 1.3.2022, p. 66).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-sojja ġenetikament modifikata GMB151 (BCS-GM151-6), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2022)0024).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat GHB614 (BCS-GHØØ2-5) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2022)0025).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat GHB811 (BCS-GH811-4), li jikkonsistu minnu jew li jkunu prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2022)0062).
— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-kolza ġenetikament modifikata 73496 (DP-Ø73496-4), li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2022)0063).

— wara li kkunsidra r-Regola 112(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. billi, fis-27 ta' Lulju 2010, Monsanto Europe S.A./N.V., ibbażata fil-Belġju, issottomettiet, f'isem Monsanto Company, ibbażata fl-Istati Uniti, applikazzjoni ("l-applikazzjoni"), għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel u ikel li fih, li jikkonsisti minn jew li huwa prodott minn fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87769 × MON 89788 (il-"fażola tas-sojja ĠM"), f'konformità mal-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003; billi l-applikazzjoni kopriet ukoll it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom jew li jikkonsistu minn fażola tas-sojja ĠM għal użi oħra għajr l-ikel u l-għalf, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;

B. billi, fit-8 ta' Ottubru 2015, l-EFSA ħarġet opinjoni, f'konformità mal-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ([5]); billi l-EFSA ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar is-sikurezza tal-fażola tas-sojja ĠM minħabba n-nuqqas ta' data dwar l-esponiment dijetetiku għal żejt raffinat, ibbliċjat u deodorizzat prodott mill-fażola tas-sojja ĠM, li wassal għal valutazzjoni nutrizzjonali mhux kompluta; billi l-EFSA kkonkludiet li l-fażola tas-sojja ĠM aktarx li ma jkollhiex effetti negattivi fuq l-ambjent fil-kuntest tal-applikazzjoni;

C. billi fit-12 ta' Mejju 2021, l-EFSA ppubblikat dikjarazzjoni li tikkomplementa l-opinjoni xjentifika tagħha ([6]), filwaqt li qieset il-valutazzjoni riveduta tal-esponiment fid-dieta pprovduta mill-applikant għall-valutazzjoni nutrizzjonali tal-bniedem ta' żejt raffinat, bbliċjat u deodorizzat prodott mill-fażola tas-sojja ĠM; billi l-EFSA kkonkludiet li l-konsum tas-sojja ĠM u l-prodotti derivati minnha, b'mod partikolari ż-żejt raffinat, bbliċjat u deodorizzat, ma jirrappreżentax tħassib dwar in-nutrizzjoni fil-bnedmin;

D. billi l-fażola tas-sojja ĠM ġiet żviluppata biex tipproduċi l-aċidu stearidroniku (SDA) u biex tagħti tolleranza lill-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat ([7]);

***Nuqqas ta' valutazzjoni tal-erbiċidi kumplimentari***

E. billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 503/2013 ([8]) jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk il-prattiki agrikoli mistennija jinfluwenzawx l-eżitu tal-punti tat-tmiem studjati; billi, skont dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, dan huwa speċjalment rilevanti għall-pjanti reżistenti għall-erbiċidi;

---

([5]) Opinjoni Xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Immodifikati dwar applikazzjoni (EFSA-GMO-NL-2010-85) għat-tqegħid fis-suq ta' fażola tas-sojja MON 87769 × MON 89788, ġenetikament modifikata biex fiha l-aċidu steuridoniku u tkun tolleranti għall-glifosat għall-użi fl-ikel u fl-għalf, għall-importazzjoni u l-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 minn Monsanto. Ġurnal tal-EFSA 2015; 13(10):4256, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2015.4256.

([6]) Dikjarazzjoni tal-Bord tal-EFSA dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati li tikkomplementa l-Opinjoni Xjentifika tal-EFSA dwar l-applikazzjoni (EFSA-GMO-NL-2010-85) għall-awtorizzazzjoni ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti mis-sojja ġenetikament modifikata MON 87769 × MON 89788. Ġurnal tal-EFSA 2021; 19(5):6589, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6589.

([7]) Opinjoni tal-EFSA, p. 7.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 503/2013 tat-3 ta' April 2013 dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' ikel u għalf ġenetikament modifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 641/2004 u (KE) Nru 1981/2006 (*ĠU L 157, 8.6.2013, p. 1*).

**L-Erbgħa 6 ta’ April 2022**

F. billi għadd ta’ studji wrew li l-għelejjel ĠM tolleranti għall-erbiċidi jirriżultaw f’użu akbar ta’ erbiċidi komplementari, fil-biċċa l-kbira minħabba l-emerġenza ta’ ħaxix ħażin tolleranti għall-erbiċidi [9]; billi, b’konsegwenza ta’ dan, għandu jkun mistenni li l-fażola tas-sojja ĠM tkun esposta għal dożi kemm ogħla kif ukoll ripetuti ta’ erbiċidi abbażi ta’ glifosat, u li għalhekk il-ħsad jista’ jkun fih kwantità ogħla ta’ residwi u tal-prodotti ta’ degradazzjoni tagħhom (“metaboliti”);

G. billi, f’Novembru 2015, l-EFSA kkonkludiet li l-glifosat x’aktarx mhuwiex karċinoġenu, filwaqt li, f’Marzu 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi kkonkludiet li l-ebda klassifikazzjoni ma kienet ġustifikata; billi, għall-kuntrarju ta’ dan, fl-2015, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer, l-aġenzija speċjalizzata dwar il-kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ikklassifikat il-glifosat bħala karċinoġenu probabbli għall-bnedmin;

H. billi reviżjoni riċenti riveduta bejn il-pari tiddeskrivi l-effetti tal-esponiment għall-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat jew għall-glifosat fuq l-assi ipotalamiku-pitarju-gonadali fl-irġiel u fin-nisa f’termini ta’ tfixkil endokrinali, ta’ vijabbiltà taċ-ċelloli, u ta’ proliferazzjoni; billi r-rieżami sab li l-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat jistgħu jikkawżaw tibdil fit-tratti riproduttivi kollha kemm fl-irġiel kif ukoll fin-nisa, dak it-tibdil jista’ jiġi trażmess lill-ġenerazzjonijiet li jmiss permezz ta’ effetti tal-epiġenetika u għalhekk il-fertilità tal-wild ma tkunx protetta kontra l-effetti negattivi tal-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat u li l-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat instabu li huma aktar detrimentali mill-glifosat waħdu, bla dubju relatat mal-preżenza ta’ formulanti bħal polyoxyethylene tallow amine [10];

I. billi għadd ta’ studji xjentifiċi reċenti bejn il-pari jikkonfermaw il-potenzjal karċinoġeniku tal-glifosat [11];

J. billi, għal waħda miż-żewġ provi fuq il-post użati għall-analiżi komparattiva, it-trattament tal-fażola tas-sojja ĠM b’erbiċidi bbażati fuq il-glifosat, li kien jippermetti li jiġu vvalutati l-effetti tal-erbiċida, ma ġiex inkluż [12];

K. billi l-valutazzjoni tar-residwi ta’ erbiċidi u tal-metaboliti tagħhom misjuba fi pjanti ĠM hija kkunsidrata li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati u għalhekk ma titwettaqx bħala parti mill-proċess ta’ awtorizzazzjoni għall-OĠM; billi dan huwa problematiku peress li l-mod kif l-erbiċidi komplementari jiġu diżintegrati mill-pjanta ĠM ikkonċernata, u l-kompożizzjoni u għalhekk it-tossiċità tal-metaboliti, jistgħu jiġu influwenzati mill-modifika ġenetika nnifisha [13];

---

(9) Ara, pereżempju, Bonny, S., “Genetically Modified Herbicide-Tolerant Crops, Weeds, and Herbicides: Overview and Impact”, Environmental Management, Jannar 2016; 57(1), pp. 31-48, https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pubmed/26296738 u Benbrook, C.M., “Impacts of genetically engineered crops on pesticide use in the U.S. – the first sixteen years”, Environmental Sciences Europe; 28 ta’ Settembru 2012, Vol. 24(1), https://enveurope.springeropen.com/articles/10.1186/2190-4715-24-24

(10) Serra, L.; Estienne, A.; Vasseur, C.; Froment, P.; Dupont, J., “Review: Mechanisms of Glyphosate and Glyphosate-Based Herbicides Action in Female and Male Fertility in Humans and Animal Models”, 2021, Cells, 10 (11): 3079, http://dx.doi.org/10.3390/cells10113079

(11) Ara, pereżempju, https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S1383574218300887,
https://academic.oup.com/ije/advance-article/doi/10.1093/ije/dyz017/5382278,
https://journals.plos.org/plosone/article?id=10.1371/journal.pone.0219610, and
https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC6612199/

(12) Opinjoni tal-EFSA, p. 10.

(13) Dan huwa fil-fatt il-każ għall-glifosat, kif iddikjarat fl-opinjoni motivata tal-EFSA “Rieżami tal-livelli massimi ta’ residwi eżistenti għall-glifosat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005”, EFSA Journal 2018; 16(5):5263, p. 12, https://www.efsa.europa.eu/fr/efsajournal/pub/5263

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

***Kummenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***

L. billi l-Istati Membri ressqu bosta kummenti kritiċi lill-EFSA matul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur ([14]); billi dawk il-kummenti kritiċi jinkludu kumment li r-rekwiżiti bażiċi tal-EFSA fir-rigward tad-disinn tal-prova għall-valutazzjoni tar-riskju tal-ikel u tal-għalf tal-pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi mhumiex issodisfati, li l-pjan ta' monitoraġġ ma jirrigwardax l-attivitajiet ta' monitoraġġ mal-għanijiet rilevanti ta' protezzjoni, li d-data u l-analiżijiet tad-data pprovduti dwar l-evalwazzjoni, il-kompożizzjoni u t-tossikoloġija fenotipiċi mhumiex biżżejjed, li l-konklużjonijiet tal-ekwivalenza tal-fażola tas-sojja ĠM u tal-fażola tas-sojja konvenzjonali, u dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf abbażi ta' dik l-informazzjoni huma prematuri, u li l-analiżi tal-kompożizzjoni ma kienet tinkludi la residwi tal-erbiċida kumplimentari u lanqas il-metaboliti tiegħu, li hija ta' rilevanza peress li r-reżistenza għall-erbiċida mogħtija minn modifika ġenetika tippermetti użu aktar intensiv tal-erbiċida komplementari; billi ġew sottomessi kummenti li qajmu dubji dwar il-benefiċċji nutrizzjonali ta' livelli miżjuda tal-SDA u diversi awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri talbu li jiġi preskritt livell massimu ta' aċidi grassi trans għal dan iż-żejt tal-fażola tas-sojja ĠM rikk fl-SDA;

***Il-ħarsien tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni***

M. billi f'rapport tal-2017 tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU") dwar id-dritt għall-ikel instab li, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-pestiċidi perikolużi għandhom impatti katastrofiċi fuq is-saħħa ([15]); billi l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli ("SDG") 3.9 tan-NU għandu l-għan, li sal-2030, inaqqas b'mod sostanzjali l-għadd ta' mwiet u mard minn sustanzi kimiċi perikolużi u tniġġis u kontaminazzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija ([16]); billi l-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-fażola tas-sojja ĠM iżżid id-domanda għal din l-għalla li tiġi ttrattata bil-glifosat, u b'hekk iżżid l-esponiment tal-ħaddiema u tal-ambjent f'pajjiżi terzi; billi r-riskju ta' żieda fl-esponiment tal-ħaddiema u tal-ambjent huwa ta' tħassib partikolari fir-rigward ta' għelejjel ĠM tolleranti għall-erbiċidi, meta jitqiesu l-volumi akbar ta' erbiċidi użati;

N. billi, skont studju rieżaminat bejn il-pari ppubblikat fl-2020, Roundup, wieħed mill-aktar erbiċidi bbażati fuq il-glifosat użati fid-dinja, jista' jiskatta telf tal-bijodiversità, u b'hekk l-ekosistemi jsiru aktar vulnerabbli għat-tniġġis u għat-tibdil fil-klima ([17]);

O. billi d-deforestazzjoni hija kawża ewlenija tat-tnaqqis tal-bijodiversità; billi l-emissjonijiet mill-użu tal-art u mit-tibdil fl-użu tal-art, l-aktar minħabba d-deforestazzjoni, huma t-tieni l-akbar kawża tat-tibdil fil-klima wara l-ħruq tal-fjuwils fossili ([18]); billi l-SDG 15 tan-NU jinkludi l-mira li titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ([19]); billi l-foresti għandhom rwol multifunzjonali li jappoġġjaw l-ilħuq tal-biċċa l-kbira tal-SDGs tan-NU ([20]);

P. billi l-produzzjoni tas-sojja hija xprunatur ewlieni tad-deforestazzjonital-foresti fl-Amażonja, f'Cerrado u fi Gran Chaco fl-Amerka t'Isfel; billi 97 % u 100 % tas-sojja kkultivata fil-Brażil u fl-Arġentina rispettivament, hija sojja ĠM ([21]); billi l-maġġoranza l-kbira tal-fażola tas-sojja ĠM awtorizzata għall-kultivazzjoni fil-Brażil u fl-Arġentina hija awtorizzata wkoll għall-importazzjoni fl-Unjoni;

---

([14]) Kummenti mill-Istati Membri, aċċessibbli permezz tar-reġistru tal-mistoqsijiet tal-EFSA: https://www.efsa.europa.eu/en/register-of-questions

([15]) https://www.ohchr.org/EN/Issues/Food/Pages/Pesticides.aspx

([16]) https://www.un.org/sustainabledevelopment/health/

([17]) https://www.mcgill.ca/newsroom/channels/news/widely-used-weed-killer-harming-biodiversity-320906

([18]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2019 bit-titolu "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Forestitad-Dinja" (COM(2019)0352), p. 1.

([19]) Ara l-mira 15.2: https://www.un.org/sustainabledevelopment/biodiversity/.

([20]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2019 bit-titolu "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" (COM(2019)0352), p. 2.

([21]) Servizz Internazzjonali għall-Akkwist ta' Applikazzjonijiet Agrobijoteknići, "Global status of Commercialized Biotech/GM crops in 2017: Biotech Crop Adoption Surges as Economic Benefits Accumulate in 22 Years", ISAAA Brief No. 53 (2017), pp. 16 u 21, https://www.isaaa.org/resources/publications/briefs/53/download/isaaa-brief-53-2017.pdf.

Q. billi l-Unjoni, bħala parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (il-“KDB tan-NU”), għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-attivitajiet fil-ġuriżdizzjoni jew fil-kontroll tagħha ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent ta’ Stati oħra ([22]);

R. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jiddikjara li ikel jew għalf ĠM ma jridx ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u jirrikjedi li l-Kummissjoni tqis kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u fatturi leġittimi oħra li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qiegħda titqies fl-abbozzar tad-deċiżjoni tagħha; billi dawn il-fatturi leġittimi għandhom jinkludu l-obbligi tal-Unjoni fl-ambitu tal-SDGs tan-NU, il-Ftehim ta’ Pariġi dwar il-Klima u l-KDB tan-NU;

***Teħid ta’ deċiżjonijiet mhux demokratiku***

S. billi l-votazzjoni fit-3 ta’ Marzu 2022 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ma tat l-ebda opinjoni, li jfisser li l-awtorizzazzjoni ma kinitx appoġġjata minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri;

T. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-fatt li d-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-OĠM għadhom jiġu adottati mill-Kummissjoni mingħajr maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri favur, li huwa verament l-eċċezzjoni għall-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti b’mod ġenerali iżda sar in-norma għat-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet ta’ ikel u għalf ĠM, huwa problematiku;

U. billi, fit-tmien leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta total ta’ 36 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għat-tqegħid fis-suq tal-OĠM għall-ikel u għall-għalf (33 riżoluzzjoni) u għall-kultivazzjoni tal-OĠM fl-Unjoni (tliet riżoluzzjonijiet); billi, fid-disa’ leġiżlatura tiegħu, il-Parlament diġà adotta 26 oġġezzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-OĠM; billi ma kienx hemm maġġoranza kwalifikata ta’ Stati Membri favur l-awtorizzazzjoni ta’ kwalunkwe wieħed minn dawk l-OĠM; billi r-raġunijiet li għalihom l-Istati Membri ma jappoġġjawx l-awtorizzazzjonijiet jinkludu nuqqas ta’ rispett għall-prinċipju ta’ prekawzjoni fil-proċess tal-awtorizzazzjoni u tħassib xjentifiku relatat mal-valutazzjoni tar-riskju;

V. billi minkejja r-rikonoxximent tagħha stess tan-nuqqasijiet demokratiċi, tan-nuqqas ta’ appoġġ mill-Istati Membri u tal-oġġezzjonijiet tal-Parlament, il-Kummissjoni qiegħda tkompli tawtorizza l-OĠM;

W. billi ma hija meħtieġa l-ebda bidla fil-liġi biex il-Kummissjoni tkun tista’ ma tawtorizzax OĠM meta ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata ta’ Stati Membri favur fil-Kumitat ta’ Appell ([23]);

1. Iqis li dan l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta’ implimentazzjoni pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

2. Iqis li l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, billi mhuwiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, f’konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]), biex jipprovdi l-bażi għall-iżgurar ta’ livell għoli ta’ ħarsien tal-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benessri tal-annimali, u l-interessi ambjentali u tal-konsumatur, fir-rigward tal-ikel u l-għalf ĠM, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;

---

([22]) Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Artikolu 3, https://www.cbd.int/convention/articles/?a=cbd-03

([23]) Il-Kummissjoni “tista’”, u mhux “għandha”, tkompli bl-awtorizzazzjoni jekk ma jkun hemm l-ebda maġġoranza kwalifikata ta’ Stati Membri favur il-Kumitat tal-Appell, skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 (l-Artikolu 6(3)).

([24]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

**L-Erbgħa 6 ta' April 2022**

3. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;

4. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizzax l-importazzjoni ta' għelejjel ĠM li huma tolleranti għall-erbiċidi, minħabba ż-żieda assoċjata fl-użu ta' erbiċidi komplementari u għalhekk iż-żieda fir-riskji għall-bijodiversità, għas-sikurezza tal-ikel u għas-saħħa tal-ħaddiema;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni, f'ittra tal-11 ta' Settembru 2020 lill-Membri, finalment irrikonoxxiet il-ħtieġa li titqies is-sostenibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni dwar l-OĠM ([25]); jesprimi, madankollu, id-diżappunt kbir tiegħu li, minn dakinhar il-Kummissjoni kompliet tawtorizza l-OĠM għall-importazzjoni fl-Unjoni, minkejja l-oġġezzjonijiet kontinwi mill-Parlament u l-vot kontra mill-maġġoranza tal-Istati Membri;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi minnufih l-importazzjoni ta' fażola tas-sojja ĠM ikkultivata fil-Brażil u fl-Arġentina bl-użu tal-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jekk meħtieġ, sakemm jiġu stabbiliti mekkaniżmi legalment vinkolanti effettivi biex jipprevjenu t-tqegħid ta' prodotti fis-suq tal-Unjoni assoċjati mad-deforestazzjoni u ksur relatat tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, għal darb'oħra, tqis l-obbligi tal-Unjoni skont ftehimiet internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, il-KDB tan-NU u l-SDGs tan-NU; itenni s-sejħa tiegħu għal abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni li għandhom ikunu akkumpanjati minn memorandum ta' spjegazzjoni li jispjega kif huma jirrispettaw il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" ([26]);

8. Jenfasizza li l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([27]), li ġew adottati fil-Parlament bħala bażi għal negozjati mal-Kunsill, jiddikjaraw li l-Kummissjoni ma għandhiex tawtorizza OĠM meta ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri favur; jinsisti li l-Kummissjoni tirrispetta din il-pożizzjoni u jistieden lill-Kunsill jipproċedi bil-ħidma tiegħu u jadotta approċċ ġenerali dwar dan il-fajl bħala kwistjoni ta' urġenza;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([25]) https://tillymetz.lu/wp-content/uploads/2020/09/Co-signed-letter-MEP-Metz.pdf
([26]) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2), il-paragrafu 102.
([27]) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 257.

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

P9_TA(2022)0120

# Protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna (2022/2618(RSP))

(2022/C 434/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta’ Novembru 1989 u l-Protokolli addizzjonali tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta’ Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità tat-13 ta’ Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta’ April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal ([2]),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta’ Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta’ influss bil-massa ta’ persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja ([3]),

— wara li kkunsidra l-Istudju Globali tan-NU dwar it-Tfal Imċaħħda mil-Libertà ta’ Lulju 2019,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija tat-30 ta’ Awwissu 1961,

— wara li kkunsidra l-Patt Globali tan-NU dwar ir-Rifuġjati tal-2018,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta’ Mejju 2018 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 38 tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa tas-6 ta’ Novembru 2020 dwar it-traffikar ta’ nisa u bniet fil-kuntest tal-migrazzjoni globali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta’ Marzu 2022 bit-titolu “Nilqgħu lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna: Inħejju l-Ewropa biex tkun tista’ tissodisfa l-ħtiġijiet” (COM(2022)0131),

---

([1]) ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.
([2]) ĠU C 506, 15.12.2021, p. 94.
([3]) ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1.
([4]) ĠU C 41, 6.2.2020, p. 41.
([5]) ĠU C 285, 29.8.2017, p. 78.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa u l-immirar tal-popolazzjoni tal-Ukraina kkawżaw għadd kbir ta’ nies u familji biex jaħarbu mill-Ukrajna, u kellhom impatt enormi, speċjalment fuq it-tfal u ż-żgħażagħ fir-reġjun usa’;

B. billi, skont l-aħħar rapport tal-UNICEF ([6]), fid-data tal-25 ta’ Marzu 2022, aktar minn 3,7 miljun rifuġjat ħarbu mill-Ukrajna sa mill-bidu tal-gwerra; billi din iċ-ċifra hija mistennija li tkompli tiżdied fil-ġimgħat li ġejjin; billi n-NU tistma wkoll li issa hemm kważi 6,5 miljun persuna li ġew spostati internament mill-bidu tal-gwerra, u 12,65 miljun persuna oħra affettwati direttament mill-kunflitt;

C. billi, skont l-aħħar rapport tal-UNICEF ([7]), in-nisa u t-tfal jirrappreżentaw 90 % tar-rifuġjati kollha li qed jaħarbu mill-Ukrajna; billi kważi nofs ir-rifuġjati li qed jaħarbu mill-Ukrajna huma tal-età tal-iskola ([8]); billi l-UNICEF tistma wkoll li aktar minn 2,5 miljun tifel u tifla ġew spostati internament mill-bidu tal-kunflitt;

D. billi mill-25 ta’ Marzu 2022, il-pajjiżi ġirien kienu qed ilaħħqu ma’ influss enormi ta’ rifuġjati li qed jaħarbu mill-Ukrajna, b’aktar minn 2,2 miljun imorru l-Polonja, aktar minn 579 000 ir-Rumanija, aktar minn 379 000 il-Moldova, kważi 343 000 l-Ungerija, u aktar minn 545 000 lejn pajjiżi oħra ([9]);

E. billi b’tali ċifri għoljin, it-tfal, speċjalment meta ma jkunux akkumpanjati, jinsabu f’riskju akbar ta’ vjolenza, abbuż u sfruttament u hemm riskju akbar li t-tfal jgħibu u jisfaw vittmi tat-traffikar, speċjalment huma u jaqsmu l-fruntieri;

F. billi aktar minn 100 000 tifel u tifla, nofshom b’diżabilità, jgħixu f’kura istituzzjonali u f’boarding schools fl-Ukrajna ([10]) u aktar minn 90 % ta’ dawk it-tfal għandhom il-ġenituri; billi skont ċifri uffiċjali, bejn l-24 ta’ Frar u l-bidu ta’ Marzu twieldu 4 311-il tarbija fl-Ukrajna, u billi huwa stmat li kien hemm 265 000 mara tqila fil-bidu tal-kriżi, li madwar 80 000 minnhom huma mistennija jwelldu matul il-tliet xhur li ġejjin;

G. billi skont il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati (UNHCR), fl-2021 kien hemm mill-inqas 35 875 persuna apolida u persuni ta’ nazzjonalità mhux determinata fl-Ukrajna; billi madwar 10-20 % tal-400 000 persuna Rom li jgħixu fl-Ukrajna huma apolidi jew f’riskju ta’ apolidija; billi 55 % tat-tfal imwielda f’Donetsk u Luhansk u 88 % tat-tfal imwielda fil-Krimea ġew irrappurtati li ma għandhomx ċertifikati tat-twelid jew dokumenti personali Ukreni, li jpoġġuhom f’riskju ta’ apolidija ([11]); billi t-tfal f’migrazzjoni sfurzata jinsabu f’riskju akbar ta’ apolidija minħabba kwistjonijiet marbuta ma’ ostakli għar-reġistrazzjoni tat-twelid fil-pajjiż ta’ oriġini tagħhom jew matul l-ispostament u nuqqas ta’ rikonoxximent tal-apolidija tal-ġenituri tagħhom; billi dan ir-riskju huwa aggravat għat-tfal mhux akkumpanjati fid-dawl tal-ostakli għad-dokumentazzjoni u r-reġistrazzjoni, inkluż in-nuqqas ta’ prova ta’ rabtiet familjari;

---

([6]) UNICEF, *Ukraine Situation: Refugee Response in Neighbouring Countries – Humanitarian Situation Report No 3, (Is-Sitwazzjoni fl-Ukrajna: ir-Rispons tal-Pajjiżi Ġirien għar-Rifuġjati – Rapport dwar is-Sitwazzjoni Umanitarja Nru 3),* 23 ta’ Marzu 2022.

([7]) UNICEF, *Ukraine Situation: Refugee Response in Neighbouring Countries – Humanitarian Situation Report No 3, (Is-Sitwazzjoni fl-Ukrajna: ir-Rispons tal-Pajjiżi Ġirien għar-Rifuġjati – Rapport dwar is-Sitwazzjoni Umanitarja Nru 3),* 23 ta’ Marzu 2022.

([8]) Il-Kummissjoni Ewropea, “Ħrib mill-Ukrajna: appoġġ għall-edukazzjoni”, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/stronger-europe-world/eu-solidarity-ukraine/eu-assistance-ukraine/information-people-fleeing-war-ukraine/fleeing-ukraine-support-education_mt

([9]) UNICEF, *Ukraine Situation: Refugee Response in Neighbouring Countries – Humanitarian Situation Report No 3, (Is-Sitwazzjoni fl-Ukrajna: ir-Rispons tal-Pajjiżi Ġirien għar-Rifuġjati – Rapport dwar is-Sitwazzjoni Umanitarja Nru 3),* 23 ta’ Marzu 2022.

([10]) Ara UNICEF, “Unaccompanied and separated children fleeing escalating conflict in Ukraine must be protected” (It-tfal mhux akkumpanjati u mifrudin li qed jaħarbu minn kunflitt li qed jikber fl-Ukrajna jeħtiġilhom jiġu protetti), Dikjarazzjoni konġunta mid-Direttur Eżekuttiv tal-UNICEF Catherine Russell u l-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati Filippo Grandi, 7 ta’ Marzu 2022, u Hope and Homes for Children, *The Illusion of Protection: An Analytical Report Based on the Findings of a Comprehensive Study of the Child Protection System in Ukraine (L-Illużjoni ta’ Protezzjoni: Rapport Analitiku Bbażat fuq is-Sejbiet ta’ Studju Komprensiv tas-Sistema ta’ Protezzjoni tat-Tfal fl-Ukrajna),* 2017, aċċessat minn: http://www.openingdoors.eu/the-illusion-of-protection-national-audit-of-the-child-protection-system-in-ukraine

([11]) Ara l-briefing tan-Network Ewropew dwar l-Apolidija, “Stateless people and people at risk of statelessness forcibly displaced from Ukraine” (Persuni apolidi u persuni f’riskju ta’ apolidija spostati bil-forza mill-Ukrajna), 10 ta’ Marzu 2022, u l-UNHCR, “Stateless Persons” (Persuni Apolidi), disponibbli fuq https://www.unhcr.org/ua/en/stateless-persons

H. billi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija strument tal-UE maħsub biex jipprevjeni u jiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jiggarantixxi li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess bla ħlas u effettiv għal servizzi ewlenin bħall-edukazzjoni u l-indukrar bikrin tat-tfal, attivitajiet edukattivi u bbażati fl-iskejjel, il-kura tas-saħħa u mill-inqas ikla waħda sana għal kull ġurnata tal-iskola, u li t-tfal kollha fil-bżonn ikollhom aċċess effettiv għal nutrizzjoni sana u akkomodazzjoni adegwata; billi l-objettivi tal-Garanzija għat-Tfal għandhom japplikaw għat-tfal kollha fl-Unjoni;

I. billi t-tfal tal-migranti u tar-rifuġjati spiss isibu ruħhom f'sitwazzjoni mhux definita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u minħabba f'hekk it-tfal jitħallew lura, u dan jista' jaggrava s-sottożvilupp soċjali tagħhom u jwassal għall-prekarjetà, kif ukoll għal riskju akbar li jiġu emarġinati, ittrattati ħażin u abbużati;

J. billi t-tfal li jikbru fi skarsezza ta' riżorsi u f'sitwazzjonijiet prekarji tal-familja huma aktar suxxettibbli li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'impatti estensivi fuq l-iżvilupp tagħhom u aktar tard fuq il-ħajja tagħhom ta' adulti, li jipperpetwa ċirku vizzjuż ta' faqar interġenerazzjonali; billi l-aħjar li jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa permezz ta' politiki komprensivi b'applikazzjoni ristretta iżda b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' li jkunu mmirati mhux biss lejn it-tfal iżda wkoll lejn il-familji u l-komunitajiet tagħhom, u billi tingħata prijorità lill-investimenti fil-ħolqien ta' opportunitajiet u soluzzjonijiet ġodda; billi s-setturi kollha tas-soċjetà jeħtiġilhom ikunu involuti fis-soluzzjoni ta' dawn il-problemi, mill-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej sas-soċjetà ċivili;

K. billi l-faqar fost it-tfal ġie identifikat minn organizzazzjonijiet internazzjonali kemm bħala kawża potenzjali kif ukoll bħala konsegwenza potenzjali tal-ksur tad-drittijiet tat-tfal, minħabba l-impatt li għandu fuq il-kapaċità tat-tfal li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u minħabba n-nuqqas ta' difiża ta' dawk id-drittijiet;

L. billi s'issa 378 istituzzjoni tal-edukazzjoni sekondarja u għolja nqerdu fl-Ukrajna minħabba l-bumbardamenti Russi ([12]);

M. billi l-iżgurar tal-integrazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ fi strutturi ta' kura u tagħlim għandu jibqa' prijorità għall-UE u l-Istati Membri tagħha;

N. billi hemm ksur serju kontra t-tfal fil-kuntest tal-kunflitt, inklużi dawk miżmuma f'kustodja; billi l-impatt qasir, medju u twil tal-kunflitt armat fuq it-tfal għandu jiġi indirizzat b'mod effettiv u komprensiv bl-użu ta' varjetà ta' għodod disponibbli għall-UE, inklużi linji gwida tal-UE ġodda u msaħħa dwar it-tfal u l-kunflitt armat;

O. billi l-bniet huma partikolarment f'riskju matul il-kriżi umanitarja u ta' spostament, peress li, b'mod sproporzjonat, ikomplu jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-normi tal-ġeneru u l-vjolenza sessista;

P. billi fil-Moldova t-tfal jirrappreżentaw nofs l-għadd ta' rifuġjati li qed jaħarbu mill-Ukrajna;

1. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2022 bit-titolu "Nilqgħu lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna: Inħejju l-Ewropa biex tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet", il-linji gwida operazzjonali għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 ([13]) u l-pjan b'10 punti għal koordinazzjoni Ewropea aktar b'saħħitha biex jintlaqgħu r-rifuġjati mill-Ukrajna;

2. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u għaldaqstant għandhom l-obbligu li jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet stabbiliti fiha; jisħaq li, skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom dejjem ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw it-tfal;

---

([12]) Skola tal-Ekonomija ta' Kiev, "Direct damage caused to Ukraine's infrastructure during the war has already reached almost $63 billion. Global economic losses are about $543-600 billion" ("Il-ħsara diretta kkawżata lill-infrastruttura tal-Ukrajna matul il-gwerra diġà laħqet kważi $63 biljun. It-telf ekonomiku globali jammonta għal madwar $543-600 biljun), aċċessat online minn https://kse.ua/about-the-school/news/zbitki-naneseni-infrastrukturi-ukrayini-v-hodi-viyni-skladayut-mayzhe-63-mlrd/

([13]) ĠU C 126 I, 21.3.2022, p. 1.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

3. Jistieden lill-Istati Membri jittrattaw kull tifel u tifla li qed ifittxu rifuġju, l-ewwel u qabel kollox, bħala tfal, irrispettivament mill-isfond soċjali jew etniku tagħhom, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, il-kapaċità, in-nazzjonalità jew l-istatus tal-migrazzjoni;

4. Jitlob li jinħolqu passaġġi sikuri u kurituri umanitarji għat-tfal li jkunu qed jaħarbu mill-kunflitt, kemm dawk li ma jkunux akkumpanjati kif ukoll dawk mal-familji, u li tingħata l-għajnuna urġenti meħtieġa mit-tfal li huma spostati internament, maqbuda jew li ma jistgħux jitilqu minn żoni mdawra;

5. Ifakkar li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Garanzija għat-Tfal, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, l-Istrateġija tal-UE għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità 2021-2030, kif ukoll l-istrumenti ġuridiċi eżistenti kollha tal-UE, inkluża d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ([14]) huma importanti biex jappoġġjaw lill-Istati Membri u jgħinuhom jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal li qed jaħarbu mill-gwerra;

6. Jisħaq li huwa importanti li l-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni bejniethom f'konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u li jirrikonoxxu b'mod reċiproku r-reġistrazzjoni magħmula minn wieħed minnhom;

7. Jenfasizza li t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-vjolenza, mill-isfruttament u mill-abbuż u li l-Istati Membri tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw miżuri preventivi, b'mod partikolari għat-tfal f'riskju ta' traffikar u ta' ħtif, kif ukoll appoġġ għat-tfal li jkunu ġew esposti għall-vjolenza u t-trawmi; ifakkar li t-tfal f'ambjenti tal-familja huma ġeneralment aktar sikuri u jingħataw kura aħjar u jitlob, għalhekk, appoġġ akbar għall-familji u għall-isforzi ta' riunifikazzjoni tal-familja; ifakkar li fi kwalunkwe każ għandu dejjem ikun hemm valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal; jitlob, barra minn hekk, li jingħata appoġġ lis-superstiti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-pajjiżi ġirien jistabbilixxu spazji adegwati u sikuri adatti għat-tfal b'uffiċjali għall-protezzjoni tat-tfal immedjatament wara l-fruntiera, bħaċ-ċentri Blue Dot li qed jiġu stabbiliti mill-UNICEF u l-UNHCR;

9. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-uffiċjali għall-protezzjoni tat-tfal u servizzi kritiċi oħra jkunu preżenti u disponibbli fil-fruntiera sabiex jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet ta' dawn it-tfal, b'mod partikolari billi jidentifikaw u jirreġistraw b'mod preċiż in-nazzjonalità, l-apolidija jew ir-riskju ta' apolidija tat-tfal mal-wasla tagħhom, u jirreferuhom għas-servizzi adegwati, inklużi l-appoġġ psikosoċjali, l-appoġġ għas-saħħa tal-ommijiet, il-protezzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, it-traċċar tal-familja u l-appoġġ għar-riunifikazzjoni tal-familja, u sabiex jiżguraw trasferiment xieraq għas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal, ħalli t-tfal jingħataw aċċess sħiħ għas-servizzi bażiċi kollha u kura xierqa f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-protezzjoni tat-tfal;

10. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet Ukreni biex iħaffu l-evakwazzjoni tat-tfal li jinsabu fl-istituzzjonijiet u t-tfal li jeħtieġu kura medika u jiżguraw li dawn jiġu ttrasferiti f'ambjenti ta' kura bbażati fil-komunità jew fil-familja xierqa fl-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jirċievu l-kura xierqa;

11. Jisħaq li l-evakwazzjonijiet għandhom dejjem isiru b'rispett ta' miżuri speċjali li jqisu l-aħjar interessi tat-tfal, u li għandu jingħata l-kunsens tal-ġenituri tagħhom jew tal-persuni responsabbli għall-kura tagħhom;

12. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi stabbilita strateġija tal-UE biex issaħħaħ l-azzjoni umanitarja fuq il-post bil-għan li ssalva l-familji u t-tfal, b'mod partikolari t-tfal vulnerabbli, inklużi dawk li jkunu ġejjin minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk li qegħdin f'kura istituzzjonali u foster care, dawk li jinsabu l-isptar, kif ukoll it-tfal b'diżabilità, l-orfni u t-tfal mhux akkumpanjati, speċjalment f'żoni ta' ġlied;

13. Jesprimi tħassib dwar rapporti ta' żgħażagħ li għadhom qed jinżammu fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-immigrazzjoni fl-Ukrajna, li jinsabu f'riskju akbar fost l-ostilitajiet; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-awtoritajiet Ukreni biex migranti żgħażagħ u persuni żgħażagħ li jfittxu l-ażil miżmuma fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-immigrazzjoni fl-Ukrajna jkunu jistgħu jinħelsu, u tiffaċilita l-evakwazzjoni sikura tagħhom;

([14]) ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

14. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tal-Istati Membri u n-numru ta' persuni li qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fit-territorji tagħhom;

15. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ukreni u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jiġu rreġistrati u identifikati t-tfal li jidħlu fl-UE mill-kura istituzzjonali fl-Ukrajna sabiex jiġu evitati t-traffikar tat-tfal, l-adozzjoni illegali u abbużi possibbli oħra, b'rispett sħiħ għall-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; jisħaq fuq l-importanza tal-monitoraġġ tal-benesseri u tal-post fejn ikunu jinsabu dawn it-tfal wara l-wasla tagħhom fl-UE;

16. Jitlob li t-tfal mhux akkumpanjati u separati u t-tfal minn ambjenti ta' kura istituzzjonali fl-Ukrajna jiġu inklużi minnufih fis-sistemi ta' monitoraġġ għas-servizzi soċjali u tal-protezzjoni tat-tfal fl-Istati Membri ta' akkoljenza sabiex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni tal-familja meta dan ikun fl-aħjar interessi tagħhom fil-futur u biex jiġi ssorveljat l-għoti tal-kura tagħhom sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni tagħhom;

17. Jisħaq fuq l-importanza li tinġabar data diżaggregata, bi qbil mal-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, sabiex jiġu identifikati l-gruppi vulnerabbli li ġejjin mill-Ukrajna, inklużi, iżda mhux biss: it-tfal f'kura istituzzjonali, it-tfal b'diżabilità, it-tfal minn komunitajiet Rom, it-tfal mingħajr dokumenti u tfal oħra mhux Ukreni, it-tfal apolidi u t-tfal f'riskju ta' apolidija, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' gruppi partikolari u jingħata appoġġ għat-traċċar u r-riunifikazzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati, nisa u vittmi tat-traffikar;

18. Jinnota l-pjattaforma tal-UE għar-reġistrazzjoni, li għandha l-għan li tippermetti lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni biex jiżguraw li l-persuni li jkunu qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja jew adegwata skont il-liġi nazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jillimitaw l-abbużi possibbli;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ġirien jipprovdu lit-tfal b'informazzjoni adatta għat-tfal, f'lingwa li jistgħu jifhmu, dwar is-sitwazzjoni u d-drittijiet tagħhom u r-riskju li jistgħu jiffaċċjaw ta' traffikar u forom oħra ta' sfruttament; jenfasizza li l-informazzjoni pprovduta lill-adulti għandha tinkludi taqsimiet speċjali dwar it-traffikar tat-tfal sabiex dawk li jieħdu ħsiebhom ikunu avżati u jiġi ffaċilitat appoġġ imfassal apposta;

***Kundizzjonijiet ta' akkoljenza u tfal vulnerabbli***

20. Jenfasizza li t-tfal għandhom id-dritt u ħtieġa innata li jkunu qrib il-ġenituri tagħhom jew persuna li tieħu ħsiebhom b'mod kostanti; jisħaq fuq l-importanza li l-aħwa ma jiġux separati u għalhekk fuq l-importanza li t-tfal mhux akkumpanjati jiġu ospitati f'kollokamenti bbażati fil-familja u fil-komunità biex it-tfal kollha jkunu jistgħu jikbru mhux fl-istituzzjonijiet iżda fil-familji u fil-komunitajiet, b'mod li jimpedixxi s-separazzjoni bla bżonn tal-familji; jisħaq li meta t-tfal ma jkunux akkumpanjati, għandha tingħata prijorità lill-foster care jew lil kura oħra bbażata fil-komunità, u li meta dan ma jkunx possibbli, it-tfal għandhom jitqiegħdu f'faċilitajiet separati mill-adulti;

21. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jinħatar malajr tutur għat-tfal kollha mhux akkumpanjati mal-wasla tagħhom fl-ewwel pajjiż tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istatus ta' immigrazzjoni tagħhom, u li l-informazzjoni kollha pprovduta mit-tutur tingħata b'mod adatt għat-tfal; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri ġirien għandhom jagħmlu użu sħiħ min-Network Ewropew tal-Kustodja eżistenti u, meta t-tuturi ma jkunux disponibbli fil-pajjiżi ospitanti, jirrakkomanda bil-qawwa l-ħatra ta' tuturi temporanji fil-kuntest tal-fruntiera sabiex jiġi żgurat trasferiment xieraq tar-responsabbiltajiet lis-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal;

22. Jitlob li jkun hemm finanzjament disponibbli biex jingħataw servizzi essenzjali u vitali tas-saħħa sesswali u riproduttiva u servizzi immedjati għal superstiti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, f'konformità mal-pakkett ta' servizzi inizjali minimi (Minimum Initial Service Package, MISP), bil-għan li jiġu evitati u ġestiti l-konsegwenzi tal-vjolenza sesswali, titnaqqas it-trażmissjoni tal-HIV, jiġu evitati morbożità u mortalità eċċessivi tal-ommijiet u tat-trabi tat-twelid, u ppjanar għal servizzi komprensivi fil-qasam tas-saħħa riproduttiva; jitlob għall-faċilitazzjoni immedjata tal-aċċess transfruntier għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u/jew għal tranżitu lejn Stati Membri oħra tal-UE fejn meħtieġ, sabiex jingħelbu r-restrizzjonijiet severi fl-Istati Membri ta' tranżitu u f'dawk li qed jospitaw lir-rifuġjati u jiġi żgurat li t-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-Ukrajna jkollhom aċċess għal servizzi komprensivi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u għal prodotti sanitarji;

23. Jisħaq fuq l-importanza tal-komunitajiet u l-muniċipalitajiet lokali kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jinsabu fuq quddiem nett għall-akkoljenza, l-akkomodazzjoni u l-għoti ta' aċċess għall-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tħaffef l-aċċess tagħhom għall-fondi eżistenti tal-UE;

24. Ifaħħar u jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tas-soċjetà ċivili fl-akkoljenza, l-akkomodazzjoni, l-għoti ta' assistenza umanitarja u assistenza legali u l-inklużjoni soċjali tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-gwerra; ifakkar li l-awtoritajiet ma jistgħux jiddependu fuq iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili waħedhom biex jorganizzaw l-akkoljenza u l-protezzjoni tat-tfal li qed jaħarbu mill-Ukrajna; jenfasizza l-importanza tas-sorveljanza mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-akkoljenza tat-tfal mhux akkumpanjati;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin fit-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal fil-pajjiżi ospitanti sabiex ittejjeb l-appoġġ psikoloġiku u l-aċċess għas-servizzi bażiċi, bħall-edukazzjoni u s-saħħa, għat-tfal li qed jaħarbu mill-Ukrajna, fuq livell ugwali bħat-tfal tal-pajjiżi ospitanti, u tistabbilixxi mekkaniżmi ta' rilokazzjoni li jipprijoritizzaw ir-riunifikazzjoni tal-familja u r-rilokazzjoni tat-tfal vulnerabbli u oħrajn biex titnaqqas il-pressjoni minn fuq il-pajjiżi ġirien;

26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati s-sistemi tas-saħħa tal-pajjiżi ospitanti sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura għat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-Ukrajna, b'mod partikolari billi tiġi pprovduta mediċina essenzjali, bħal pereżempju għall-pazjenti bl-HIV, bil-kanċer u b'mard rari; jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi mal-UNICEF u mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex jipprovdu tilqim kontra mard bażiku lit-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-Ukrajna, inklużi l-poljo, il-ħosba u l-COVID-19;

27. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u għaldaqstant għandhom l-obbligu li jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet stabbiliti fiha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità, inklużi faċilitajiet adegwati u kura kostanti minn persuni li jieħdu ħsiebhom li jkunu għaddew minn proċess ta' għażla;

28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li jitqiesu l-ħtiġijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ LGBTIQ+, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti arranġamenti sikuri u xierqa ta' akkoljenza jew kura u jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-punti ta' qsim tal-fruntieri; jenfasizza d-diffikultà speċifika li jiffaċċjaw in-nisa trans u l-familji qawsalla meta jaqsmu l-fruntieri; jisħaq li t-tfal ta' koppji tal-istess sess jissograw li jiġu separati minn ġenitur wieħed jew mit-tnejn li huma; jistieden lill-Istati Membri jqisu l-familji u s-sħubijiet *de facto* fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja;

29. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' solidarjetà għat-trasferimenti mediċi intra-UE ta' rifuġjati u persuni spostati mill-Istati Membri li jmissu mal-Ukrajna, inklużi tfal u żgħażagħ li jeħtieġu trattamenti u terapiji vitali immedjati;

30. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-hotline Ewropew uniku eżistenti għat-tfal neqsin (116 000) u l-linja għall-għajnuna Ewropea li tipprovdi assistenza psikoloġika bla ħlas lit-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-Ukrajna (116 111); jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-hotline 116 000 u fuq it-tisħiħ tal-azzjoni transkonfinali mmirata lejn l-identifikazzjoni u s-sejbien ta' tfal neqsin;

***Riunifikazzjoni tal-familja***

31. Jistieden lill-Istati Membri jimmaniġġjaw il-każijiet tat-tfal kollha li ħarbu mill-Ukrajna u li jinsabu temporanjament fil-kura tagħhom, bil-għan aħħari li jiffaċilitaw ir-riunifikazzjoni tal-familja, inkluż billi jiżguraw li l-awtoritajiet jivverifikaw il-bażijiet tad-data eżistenti b'mod regolari u f'konformità sħiħa mal-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, inklużi dawk li jiġbru informazzjoni dwar it-tfal neqsin; jisħaq li meta r-riunifikazzjoni fiżika ma tkunx immedjatament possibbli, il-kuntatt għandu jinżamm jew jiġi stabbilit mill-ġdid mill-aktar fis possibbli, inkluż mal-aħwa jew mal-familja estiża; huwa tal-fehma li dawn il-miżuri għandhom jinkludu mekkaniżmi robusti ta' protezzjoni u rappurtar, inkluża gwida dwar servizzi u riferimenti u talbiet b'rabta mas-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-każijiet ta' protezzjoni tat-tfal;

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

32. Jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu l-adozzjonijiet tat-tfal sabiex jevitaw is-separazzjoni ulterjuri jew permanenti tat-tfal mill-ġenituri u l-familji tagħhom kontra l-aħjar interessi tagħhom;

***Rilokazzjoni***

33. Jappella għall-promozzjoni ta’ mekkaniżmi ta’ rilokazzjoni inkluż trasport sikur, rapidu u koordinat fl-Istati Membri kollha għat-tfal u għall-familji tagħhom li diġà jinsabu fl-Istati Membri ġirien, speċjalment għal tfal mhux akkumpanjati u tfal b’diżabilità, li jeħtieġu kura speċifika, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ukreni u s-servizzi konsulari Ukreni fl-UE, meta dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta’ saħħa;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri ġirien iwettqu valutazzjonijiet individwali tal-aħjar interessi għat-tfal u, meta jkunu akkumpanjati minn adult, kemm jekk ikun membru tal-familja, kif ukoll qarib jew sponsor privat, tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistema ta’ skrutinju xierqa tal-familji ospitanti biex tipprovdi protezzjoni għat-tfal u tiżgura li dawn jiġu trasferiti b’mod sikur għand il-familji ospitanti tagħhom;

***Integrazzjoni***

35. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw approċċ koordinat fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE u jiżguraw li l-finanzjament tal-UE jipprovdi rispons rapidu u dirett lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ fil-pajjiżi l-aktar milquta, inklużi s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali; jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, iħaffu l-implimentazzjoni ta’ tali miżuri u jiddedikaw ir-riżorsi nazzjonali kollha possibbli, ikkomplementati mill-fondi tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus, l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, InvestEU, Erasmus +, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u EU4Health, sabiex jiġi żgurat li r-rifuġjati jgawdu integrazzjoni soċjoekonomika, aċċess ugwali għal impjiegi ta’ kwalità, edukazzjoni, taħriġ u kura, u jkunu protetti kontra l-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali; ifakkar li l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu miżuri apposta biex jinvestu fit-tfal u ż-żgħażagħ fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex ikollhom aċċess għall-fond, skont il-pilastru Next Generation tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u **l-Azzjoni ta’ Koeżjoni għar-Rifuġjati fl-Ewropa (CARE)**; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipprovdu riżorsi addizzjonali jekk ikun meħtieġ;

36. Jirrikonoxxi l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri fl-integrazzjoni tal-istudenti fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw malajr lill-istudenti ta’ kull età fl-istrutturi ġenerali tat-tagħlim formali, informali u mhux formali, u jipprovdu appoġġ edukattiv speċjalizzat lil dawk bi ħtiġijiet addizzjonali, inklużi tfal minn komunitajiet emarġinati bħar-Rom, biex jiġi limitat it-tluq bikri mill-iskola u tiġi evitata s-segregazzjoni fl-edukazzjoni, li twassal għall-esklużjoni soċjali u għad-diskriminazzjoni; jirrikonoxxi li l-ostakli lingwistiċi jistgħu jfixklu r-reġistrazzjoni u l-prestazzjoni fl-iskola tat-tfal li qed jaħarbu mill-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri biex jiżguraw interpretazzjoni bla ħlas, korsijiet tal-lingwa speċjali u programmi speċjali oħra għar-reklutaġġ ta’ għalliema Ukreni kif ukoll ta’ għalliema li jitkellmu bl-Ukren u/jew b’lingwi minoritarji rilevanti;

37. Jirrikonoxxi li l-għodod diġitali jistgħu jikkostitwixxu miżuri utli ħafna, flessibbli u adattati biex jipprovdu kontinwità edukattiva f’waqtha u appoġġ addizzjonali lit-tfal u liż-żgħażagħ f’sitwazzjonijiet vulnerabbli, u għandhom ikunu kompletament konformi mal-istandards dwar il-protezzjoni tad-data; jistieden lill-Kummissjoni tuża bl-aħjar mod l-għodod u t-tagħmir edukattivi diġitali eżistenti, speċjalment dawk żviluppati fl-Ukrajna, biex tiżgura li t-tfal kollha jkunu jistgħu jkomplu l-edukazzjoni tagħhom; itenni, madankollu, li dawn għandhom ikunu komplementari għall-istrutturi fiżiċi u jissottolinja l-fatt li l-edukazzjoni wiċċ imb wiċċ hija kruċjali, b’mod partikolari fil-kuntest attwali, fejn dawn it-tfal u ż-żgħażagħ jeħtieġu appoġġ psikosoċjali addizzjonali; jappella biex il-pajjiżi ospitanti jingħataw appoġġ koordinat biex isaħħu l-aċċess għal kura psikoloġika adegwata minn esperti kapaċi jittrattaw it-trawma relatata mal-gwerra; jistieden lill-Istati Membri, f’dan ir-rigward, jappoġġjaw lill-għalliema, lil min iħarreġ u l-membri l-oħra tal-persunal edukattiv li jaħdmu mat-tfal trawmatizzati;

38. Jilqa’ l-inizjattiva tal-Kummissjoni li twessa’ l-pjattaforma School Education Gateway biex tgħin tlaqqa’ flimkien lill-Istati Membri biex jibdew jaqsmu l-esperjenzi u jidentifikaw dak li hu meħtieġ biex titkompla l-edukazzjoni tat-tfal spostati, bħala punt uniku ta’ servizz għall-koordinament tal-materjal edukattiv bejn l-Ukrajna u l-Istati Membri fil-lingwa tal-istudent; jisħaq fuq il-ħtieġa li jintużaw il-kapaċitajiet ta’ għalliema Ukreni minn fost dawk li waslu ġodda fl-Ewropa;

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

39. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti d-diplomi, il-kwalifiki u l-perjodi ta’ apprendiment, inkluż għall-edukaturi u għall-ħaddiema tas-saħħa, peress li dawn huma strumentali għall-integrazzjoni bla xkiel fl-ambjent il-ġdid tagħhom tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-Ukrajna; iħeġġeġ lill-Istati Membri, fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali, juru flessibbiltà f’każijiet fejn id-dokumenti amministrattivi jkunu neqsin u jiżviluppaw modi innovattivi u prammatiċi, għall-avvanz ta’ tali każijiet, li jikkombinaw kemm l-għażliet diġitali kif ukoll dawk stampati;

40. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-miżuri li ttieħdu b’rispons għall-ħtiġijiet edukattivi u soċjali tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu mill-Ukrajna, filwaqt li tuża bl-aħjar mod il-ġbir ta’ data aggregata u tiżgura konformità sħiħa mal-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

41. Jilqa’ l-ewwel tentattivi tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-adattament tal-programmi ta’ finanzjament eżistenti tal-UE bil-ħsieb li jappoġġjaw liż-żgħażagħ, b’mod partikolari Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà, u jħeġġeġ biex dawn l-isforzi jinżammu jew jissaħħu skont l-iżviluppi u sakemm ikun meħtieġ; jenfasizza li, fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, iż-żgħażagħ kollha, mill-età ta’ 15-il sena, għandhom jirċievu offerta ta’ impjieg, edukazzjoni, traineeship jew apprendistat fi żmien erba’ xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jieqfu mill-edukazzjoni formali; jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa biex jiżguraw offerti ta’ kwalità għolja, inkluż l-għoti ta’ remunerazzjoni ġusta u aċċess għall-protezzjoni soċjali, filwaqt li jipprojbixxu l-abbuż ta’ kuntratti atipiċi, u jiżguraw ambjenti tax-xogħol li huma adattati għall-ħtiġijiet ta’ persuni b’diżabilità;

42. Jenfasizza r-rwol tal-isport fil-proċess ta’ integrazzjoni għar-rifuġjati, speċjalment it-tfal u ż-żgħażagħ, u jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għal attivitajiet u interventi sportivi għat-tfal u għaż-żgħażagħ, li jgħinuhom itejbu l-benesseri mentali tagħhom, jegħlbu t-trawma, jadattaw għall-ambjent il-ġdid tagħhom u joħolqu rabtiet mal-komunitajiet ospitanti;

43. Jilqa’ l-isforzi minn xi pajjiżi biex jagħmlu disponibbli fondi apposta għal boroż ta’ studju għall-istudenti Ukreni u jappella għal sforzi Ewropej komuni f’dan ir-rigward; jenfasizza l-importanza għall-istudenti kollha li qed jaħarbu mill-Ukrajna, inklużi l-istudenti internazzjonali, li jkunu jistgħu jagħmlu użu minn tali fondi u jlestu l-lawrji tagħhom, peress li huma wkoll jinsabu f’sitwazzjoni ta’ emerġenza; jinsisti fuq l-importanza li jiġu appoġġjati t-tfal u ż-żgħażagħ kollha;

44. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jsegwu u jadottaw approċċ konsistenti biex jiffaċċjaw l-isfidi attwali u futuri maħluqa mill-gwerra kontra l-Ukrajna, u ma jinsewx it-tagħlimiet miksuba mir-rispons għal din il-gwerra, anzi jaġixxu fuqhom, inkluż billi japplikaw u jimplimentaw id-Direttiva dwar Protezzjoni Temporanja biex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni tar-rifuġjati u tal-persuni li jfittxu l-ażil ta’ kwalunkwe oriġini;

45. Jistieden lill-Istati Membri u, b’mod partikolari, lill-koordinaturi nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal jiżguraw aċċess għal servizzi bla ħlas, effettivi u ta’ kwalità tajba għat-tfal li qed jaħarbu mill-Ukrajna, li jkunu tal-istess livell tas-servizzi li jingħataw lit-tfal l-oħra fil-pajjiżi ospitanti, f’konformità mar-rakkomandazzjoni biex jiġu żgurati miżuri nazzjonali integrati u jitqiesu l-iżvantaġġi speċifiċi; jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 u l-wasla tar-rifuġjati wara l-gwerra fl-Ukrajna jistgħu jaggravaw is-sitwazzjoni tat-tfal f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali jew tat-tfal li jeħtieġu aċċess għal kura ta’ kwalità tajba; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, għalhekk, iżidu b’mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b’baġit apposta ta’ mill-inqas EUR 20 biljun għall-ġlieda kontra l-faqar li qed jaffettwa lit-tfal u lill-familji tagħhom u biex jikkontribwixxu għall-għan li l-faqar jitnaqqas mill-inqas bi 15-il miljun ruħ sal-2030 – liema għan ikun jinkludi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla fl-Istati Membri kollha sal-2030; jistieden lill-Istati Membri kollha, f’dan ir-rigward, jallokaw aktar mill-minimu ta’ 5 % tar-riżorsi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġjaw attivitajiet fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal;

46. Jistieden lill-Istati Membri, f’dan il-kuntest, jagħtu spinta lill-investiment f’impjiegi sostenibbli u ta’ kwalità u fl-appoġġ soċjali għaż-żgħażagħ u għall-ġenituri, u jimplimentaw politiki ta’ impjieg speċifiċi li jiżguraw standard tal-għajxien deċenti, pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, suq tax-xogħol inklużiv u impjegabbiltà ogħla, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jenfasizza li l-indukrar tat-tfal bikri bla ħlas għandu jiġi stabbilit biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari tan-nisa, u biex jappoġġja l-iżvilupp soċjali tat-tfal; jishaq fuq il-ħtieġa ta’ ħidma mill-qrib mat-trade unions nazzjonali u Ewropej biex il-persuni kollha li qed jaħarbu mill-Ukrajna jiġu appoġġjati jeżerċitaw id-drittijiet soċjali u ta’ impjieg tagħhom fl-Istati Membri;

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

47. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw akkomodazzjoni adegwata u sikura għall-persuni kollha li qed jaħarbu mill-Ukrajna; jistieden lill-Istati Membri jipprijoritizzaw l-għoti ta’ akkomodazzjoni permanenti lit-tfal u lill-familji tagħhom li jkunu f’riskju li jispiċċaw mingħajr dar, u jinkludu soluzzjonijiet ta’ akkomodazzjoni, għal tfal li jkunu qed jesperjenzaw il-problema li jsibu ruħhom mingħajr dar u esklużjoni severa mill-akkomodazzjoni, fil-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali tagħhom fl-ambitu tal-Garanzija għat-Tfal; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kull tifel u tifla, u żagħżugħ u żagħżugħa, li qed jaħarbu mill-Ukrajna jkollhom aċċess għall-ilma ġieri, għas-sanitazzjoni u għal faċilitajiet ta’ iġjene personali, kemm id-dar kif ukoll l-iskola;

o

o o

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0121

# Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022: inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra fl-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022: inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom (2022/2560(RSP))

(2022/C 434/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u l-Ukrajna, b'mod partikolari dawk tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera Ukrena u fit-territorji okkupati mir-Russja tal-Ukrajna [1] u tal-1 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna [2],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet dwar l-Ukrajna mill-mexxejja tal-Parlament Ewropew tas-16 u l-24 ta' Frar 2022,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-24 ta' Frar 2022 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-UE, dwar l-invażjoni tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew u tal-President tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2022 dwar l-aggressjoni militari bla preċedent u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-11 ta' Marzu 2022,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2022,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-4 ta' April 2022 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-UE, dwar l-atroċitajiet Russi mwettqa f'Bucha u fi bliet oħra tal-Ukrajna,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill dwar sanzjonijiet u miżuri restrittivi kontra r-Russja, li jinkludu miżuri diplomatiċi, miżuri restrittivi individwali bħall-iffriżar tal-assi u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, ir-restrizzjonijiet fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Krimea u Sevastopol u maż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern ta' Donetsk u Luhansk, sanzjonijiet ekonomiċi, restrizzjonijiet fuq il-media u restrizzjonijiet fuq il-kooperazzjoni ekonomika,

— wara li kkunsidra l-prinċipji ta' Nuremberg imfassla mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi delitt tal-gwerra,

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-protokolli addizzjonali tagħha,

— wara li kkunsidra l-Att Finali ta' Ħelsinki u d-dokumenti sussegwenti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-2 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-aggressjoni kontra l-Ukrajna,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tan-NU tas-16 ta' Marzu 2022,

(1) Testi adottati, P9_TA(2021)0515.
(2) ĠU C 125, 18.3.2022, p. 2.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Memorandum ta' Budapest dwar Garanziji ta' Sigurtà u d-Dokument ta' Vjenna u l-protokolli addizzjonali tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, f'konformità mal-Karta tan-NU u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-istati kollha jgawdu minn sovranità ugwali u "għandhom iżommu lura fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom milli jirrikorru għat-theddid jew għall-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat"; billi l-Federazzjoni Russa ilha mill-24 ta' Frar 2022 twettaq gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, u billi fis-16 ta' Marzu 2022, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ordnat lill-Federazzjoni Russa "tissospendi minnufih l-operazzjonijiet militari tagħha fit-territorju tal-Ukrajna";

B. billi eluf ta' ċivili Ukreni tilfu ħajjithom jew sfaw feruti fl-aggressjoni u fl-invażjoni Russa mill-24 ta' Frar 2022 'l hawn, filwaqt li kważi 6,5 miljun ċittadin Ukren ġew spostati internament u aktar minn 4 miljuni ħarbu lejn pajjiżi ġirien, li jżid mal-aktar minn 14 000 persuna, kemm mill-persunal militari kif ukoll mill-popolazzjoni ċivili, li tilfu ħajjithom fit-tmien snin preċedenti bħala riżultat tal-okkupazzjoni tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-kunflitt li ġġenerat fl-Ukrajna tal-lvant;

C. billi xahar wara li bdiet l-aggressjoni mir-Russja, il-gwerra fl-Ukrajna għadha tikkawża mwiet ta' persuni innoċenti; billi l-atroċitajiet mwettqa mit-truppi Russi qatt ma laħqu livell daqshekk baxx meta nhar il-Ħadd 3 ta' April 2022 ġew skoperti iġsma ta' rġiel u nisa ċivili mitluqin fit-toroq ta' Bucha, belt li għal kważi xahar ma kinitx aċċessibbli għall-armata Ukrena; billi dawn il-fatti jiġġustifikaw b'mod ċar it-twaqqif ta' kummissjoni internazzjonali biex tinvestiga r-reati kollha mwettqa mill-armata Russa sa mill-bidu tal-gwerra;

D. billi l-armata Russa qed tkompli twettaq bumbardamenti indiskriminatorji u attakki mill-ajru kontra żoni residenzjali u infrastruttura ċivili, bħal sptarijiet, skejjel u skejjel materni, li wasslu għall-qerda sħiħa jew kważi sħiħa ta' Mariupol, Volnovakha u bliet u villaġġi oħra;

E. billi l-Ukrajna s'issa wriet livelli bla preċedent ta' reżistenza u reżiljenza u ċaħdet lir-Russja milli jirnexxielha tilħaq l-objettiv inizjali tagħha għall-gwerra li tokkupa l-pajjiż kollu;

F. billi l-Kummissjoni ppproponiet u ħabbret sanzjonijiet ġodda fil-5 ta' April 2022 u qed taħdem fuq pakketti oħra ta' sanzjonijiet; billi l-ewwel sanzjonijiet tal-UE kontra l-Federazzjoni Russa ġew imposti f'Marzu 2014 wara l-annessjoni illegali tal-Krimea fl-2014, u billi l-aħħar pakkett ġie adottat fil-15 ta' Marzu 2022 wara l-invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna mir-Russja, li varat fl-24 ta' Frar 2022; billi l-UE adottat ukoll sanzjonijiet kontra l-Belarussja b'reazzjoni għall-involviment tagħha fl-aggressjoni u fl-invażjoni Russa;

G. billi s-sanzjonijiet qed iħallu effett iżda x-xiri tal-fjuwils fossili mingħand ir-Russja min-naħa tal-UE għadu qiegħed jipprovdi lir-reġim b'mezzi li jgħinu jiffinanzjaw il-gwerra;

H. billi l-UE qed tħallas lir-Russja sa EUR 800 miljun kuljum għall-forniment ta' fjuwils fossili, li fis-sena jammontaw għal kważi EUR 300 biljun;

I. billi kważi 500 kumpanija u korporazzjoni internazzjonali għażlu li jissospendu l-operazzjonijiet tagħhom fir-Russja jew jirtiraw kompletament mis-suq Russu; billi, madankollu, xi kumpaniji baqgħu għaddejjin bin-negozju fir-Russja, u poġġew il-profitti minn operazzjonijiet fis-suq Russu qabel is-sigurtà u r-responsabbiltà soċjali, u b'hekk dgħajfu l-effetti tas-sanzjonijiet u mminaw il-kundanna tal-Federazzjoni Russa mill-komunità internazzjonali;

J. billi studji akkademiċi [3] juru li l-projbizzjoni tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja jkollha impatt fuq it-tkabbir ekonomiku tal-UE, li jikkorrispondi għal telf stmat ta’ inqas minn 3 % tal-PDG, filwaqt li t-telf potenzjali għall-ekonomija Russa matul l-istess perjodu jammonta għal 30 % tal-PDG u jkun strumentali biex titwaqqaf l-aggressjoni Russa;

K. billi l-President Metsola indirizzat lill-Verkhovna Rada fl-1 ta’ April 2022 u ltaqgħet mal-President u mal-Prim Ministru tal-Ukrajna kif ukoll mal-mexxejja tal-fazzjonijiet politiċi f’isem il-Parlament Ewropew;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta’ aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-involviment tal-Belarussja f’din il-gwerra, u jeżiġi li r-Russja ttemm minnufih kull attività militari fl-Ukrajna u tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu rikonoxxut internazzjonalment tal-Ukrajna; jesprimi d-dispjaċir tiegħu għat-telf u t-tbatija ta’ qsim il-qalb li qed jesperjenza l-poplu tal-Ukrajna;

2. Jissottolinja li l-aggressjoni u l-invażjoni militari jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali, b’mod partikolari tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra u l-Protokolli addizzjonali tagħha u tal-Karta tan-NU, u jistieden lill-Federazzjoni Russa terġa’ tibda tissodisfa r-responsabbiltajiet ta’ membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà u tirrispetta l-impenji tagħha skont l-Att Finali ta’ Ħelsinki, il-Karta ta’ Pariġi għal Ewropa Ġdida u l-Memorandum ta’ Budapest dwar Garanziji ta’ Sigurtà; iqis l-invażjoni Russa tal-Ukrajna bħala attakk mhux biss kontra pajjiż sovran, iżda anki kontra l-prinċipji u l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni u sigurtà fl-Ewropa u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kif definit mill-Karta tan-NU;

3. Jesprimi r-rabja u l-indinjazzjoni tiegħu għall-atroċitajiet irrappurtati, inklużi l-istupru u l-eżekuzzjoni ta’ ċivili, l-ispostament furzat, is-sakkeġġ u l-attakki fuq infrastruttura ċivili, bħal sptarijiet, faċilitajiet mediċi, skejjel, xelters u ambulanzi, u l-isparar fuq ċivili li qed jippruvaw jaħarbu miż-żoni ta’ kunflitt permezz ta’ kurituri umanitarji miftiehma minn qabel flimkien mal-forzi armati Russi f’għadd ta’ bliet Ukreni okkupati, bħal Bucha; jinsisti li l-awturi ta’ delitti tal-gwerra u ksur serju ieħor tad-drittijiet, kif ukoll l-uffiċjali tal-gvern u l-mexxejja militari responsabbli, iridu jinżammu responsabbli għal għemilhom; ifakkar li f’każ ta’ delitti tal-gwerra u ġenoċidju, il-komunità internazzjonali hija obbligata taġixxi u għandha tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha; jappoġġja bis-sħiħ l-investigazzjoni varata mill-Prosekutur tal-QKI dwar delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, kif ukoll il-ħidma tal-Kummissjoni ta’ Inkjesta tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa f’istituzzjonijiet u fi proċedimenti internazzjonali u fil-QKI jew tribunali jew qrati internazzjonali xierqa oħra biex jibdew proċedimenti kontra l-azzjonijiet ta’ Vladimir Putin u Aliaksandr Lukashenka bħala delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u jipparteċipaw b’mod attiv fl-investigazzjoni tagħhom; jitlob li jitwaqqaf tribunal speċjali tan-NU għad-delitti fl-Ukrajna; iqis li jkun pertinenti li jittieħed vantaġġ mill-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzjali u Indipendenti biex tingħata assistenza fi kwalunkwe investigazzjoni internazzjonali dwar delitti tal-gwerra mwettqa fl-Ukrajna; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jiġġieldu b’mod effettiv l-impunità għal dawk li wettqu jew ipparteċipaw f’delitti tal-gwerra;

4. Itenni li l-kunsinni ta’ armi jridu jkomplu u jiżdiedu biex l-Ukrajna tkun tista’ tiddefendi ruħha b’mod effettiv; itenni l-appoġġ tiegħu għall-għajnuna difensiva kollha pprovduta lill-forzi armati tal-Ukrajna offruta individwalment mill-Istati Membri u kollettivament permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF); jilqa’ d-deċiżjoni li tiżdied l-assistenza lill-Ukrajna permezz tal-EPF b’EUR 500 miljun oħra u jitlob għal żieda ulterjuri f’kontribuzzjonijiet konkreti biex jissaħħu b’mod urġenti l-kapaċitajiet ta’ difiża tal-Ukrajna, kemm b’mod bilaterali kif ukoll fl-ambitu tal-EPF;

5. Jitlob li jiġu stabbiliti passaġġi u kurituri umanitarji sikuri biex jiġu evakwati ċ-ċivili li jaħarbu l-bumbardamenti u li tingħata spinta lin-networks tal-għajnuna umanitarja tal-UE fl-Ukrajna (inkluż għall-fjuwil, l-ikel, il-mediċini, il-provvisti tal-ilma tax-xorb, il-ġeneraturi tal-enerġija u l-kampusijiet mobbli); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tintroduċi skemi ta’ għajnuna bejn il-pari għall-Ukrajna sabiex tiżdied l-effikaċja tal-assistenza; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal, kemm il-minorenni mhux akkumpanjati kif ukoll dawk li qed jaħarbu mal-familji tagħhom, u jitlob li kull tifel jew tifla li jfittxu kenn jiġu ttrattati l-ewwel u qabel kollox bħala tifel jew tifla, u li tiġi żgurata l-protezzjoni għall-persuni kollha li jaħarbu mill-Ukrajna, irrispettivament mill-isfond soċjali jew etniku tagħhom, mill-ġeneru, mill-orjentazzjoni sesswali, mill-kapaċità jew mill-istatus ta’ migrazzjoni; ifaħħar lill-Istati Membri u lill-pajjiżi tal-viċinat

(3) Inkluż minn Bachmann et al., il-Bank Ċentrali Ewropew, Deutsche Bank Research, Oxford Economics, Goldman Sachs, etc. kif sar sommarju tiegħu minn Sachverständigenrat zur Begutachtung der gesamtwirtschaftlichen Entwicklung (Kunsill Ġermaniż tal-Esperti Ekonomiċi) fir-rapport tiegħu ta’ Marzu 2022 bit-titlu “Auswirkungen eines möglichen Wegfalls russischer Rohstofflieferungen auf Energiesicherheit und Wirtschaftsleistung: Auszug aus der aktualisierten Konjunkturprognose 2022 und 2023”.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

tal-Ukrajna għar-rispons rapidu u pożittiv tagħhom għall-fluss ta' aktar minn 4 miljun rifuġjat li qed jaħarbu mill-gwerra; jilqa' l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja [4] u jappella għall-promozzjoni ta' mekkaniżmi għar-rilokazzjoni tar-rifuġjati fost l-Istati Membri, inkluż it-trasport ikkoordinat malajr għar-rifuġjati, b'mod partikolari għal tfal mhux akkumpanjati u tfal b'diżabilità li jirrikjedu kura speċifika;

6. Jissottolinja li r-reazzjoni tal-UE u l-impenn politiku tagħha jridu jilqgħu l-isfida ostili u jikkorrispondu għall-isforz tas-sħab Ukreni tal-istess fehma tagħna, li qed jiġġieldu u jissagrifikaw ruħhom għall-valuri u l-prinċipji Ewropej, li jmorru lil hinn mis-sħubija preżenti tal-UE;

7. Jesprimi s-solidarjetà kollha tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna u mal-aspirazzjonijiet qawwija taċ-ċittadini li jittrasformaw lil pajjiżhom fi Stat Ewropew demokratiku u prosperu; jirrikonoxxi r-rieda tal-Ukrajna li tkun involuta fil-proġett Ewropew, kif espressa permezz tal-applikazzjoni tagħha għal sħubija fl-UE ppreżentata fit-28 ta' Frar 2022; itenni t-talba tiegħu lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaħdmu biex jagħtu l-istatus ta' kandidat tal-UE lill-Ukrajna, bħala sinjal politiku ċar tal-impenn tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u abbażi tal-mertu, u, sadanittant, ikomplu jaħdmu favur l-integrazzjoni tagħha fis-suq uniku tal-UE f'konformità mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni; jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-Kunsill Ewropew, li tiddikjara li l-Ukrajna hija membru tal-familja Ewropea tagħna;

8. Jikkundanna bil-qawwa r-retorika Russa li tindika rikors possibbli għall-użu ta' armi ta' qerda massiva mill-Federazzjoni Russa u jenfasizza li kwalunkwe użu bħal dan ma jkunx aċċettabbli u jkollu l-aktar konsegwenzi ħarxa; barra minn hekk, jikkundanna t-theddid mill-forzi Russi ta' faċilitajiet u siti nukleari attivi jew li ma għadhomx jintużaw fit-territorju tal-Ukrajna, filwaqt li jenfasizza li l-immaniġġjar tajjeb ta' dawn il-faċilitajiet huwa kwistjoni kruċjali tas-saħħa għar-reġjun kollu; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) fl-iżgurar tas-sikurezza tal-faċilitajiet nukleari fl-Ukrajna; jappoġġja l-appell tal-awtoritajiet Ukreni lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex minnufih jieħu miżuri għad-demilitarizzazzjoni taż-żona ta' esklużjoni tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl u jippermetti lill-IAEA tieħu minnufih il-kontroll sħiħ tas-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari;

9. Jilqa' l-adozzjoni rapida tas-sanzjonijiet mill-Kunsill u jfaħħar l-għaqda tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri b'reazzjoni għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll il-livell għoli ta' koordinazzjoni fost il-G7; jistieden lis-sħab kollha, b'mod partikolari lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-pajjiżi kandidati potenzjali, biex jallinjaw ruħhom mal-pakketti ta' sanzjonijiet; jilqa' b'sodisfazzjon it-Task Force dwar l-Elites, il-Proxies u l-Oligarki Russi li għadha kif ġiet stabbilita li l-għan tagħha huwa li tikkoordina l-ħidma tal-UE, tal-G7 u tal-Awstralja dwar sanzjonijiet kontra l-oligarki Russi u Belarussi; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni jintensifikaw l-involviment tagħhom f'pajjiżi li għadhom ma ngħaqdux mal-UE fl-introduzzjoni ta' sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa, bl-użu tas-saħħa tal-UE u l-firxa sħiħa tal-għodod disponibbli tagħhom għal dak il-għan, u bl-għoti ta' assistenza jekk tkun meħtieġa; jiddeplora n-nuqqas ta' allinjament ta' ċerti pajjiżi kandidati tal-UE mas-sanzjonijiet tal-UE; jitlob li jiġi stabbilit pjan ċar ta' azzjoni vis-à-vis pajjiżi mhux tal-UE li qed jiffaċilitaw l-evażjoni tas-sanzjonijiet mill-Federazzjoni Russa; iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta sanzjonijiet ħorox ulterjuri li jirriflettu l-eskalazzjoni bla waqfien tal-aggressjoni Russa u l-atroċitajiet xokkanti mwettqa mill-forzi militari Russi, li bla dubju jikkostitwixxu delitti tal-gwerra;

10. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw il-fatt li jintbagħtu l-forzi taż-żamma tal-paċi tan-NU biex jipproteġu l-15-il reattur nukleari fl-Ukrajna, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-missjoni tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika; jenfasizza li skont ir-Riżoluzzjoni 377 tagħha, l-Assemblea Ġenerali tan-NU għandha setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet sussidjarji meta l-Kunsill tas-Sigurtà ma jkunx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjonijiet adegwati dwar kwistjonijiet ta' żamma tal-paċi;

11. Jistieden lill-mexxejja tal-UE u lill-mexxejja ta' stati oħra biex jeskludu lir-Russja mill-G20 u minn organizzazzjonijiet kooperattivi multilaterali oħra, bħall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-Interpol, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-UNESCO u oħrajn, bħala sinjal importanti li l-komunità internazzjonali mhux se terġa' tibda topera bħas-soltu mal-istat aggressur;

---

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

12. Jissottolinja li l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sanzjonijiet eżistenti fl-UE kollha u mill-alleati internazzjonali tal-UE issa trid tkun prijorità; jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw u, fejn meħtieġ, joħolqu malajr bażi ġuridika biex, mingħajr dewmien, jiżguraw il-konformità sħiħa u effettiva mas-sanzjonijiet fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet superviżorji tal-UE jimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni effettiva u komprensiva tas-sanzjonijiet kollha tal-UE mill-Istati Membri u jindirizzaw kwalunkwe prattika ta' ċirkomvenzjoni;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-penali nazzjonali għall-ksur tas-sanzjonijiet tal-UE jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi; jilqa' t-tħabbira ta' repożitorju ta' informazzjoni dwar is-sanzjonijiet u ta' pjan direzzjonali (li jinkludi kriterji u skeda ta' żmien) għal tranżizzjoni mill-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità sistematiċi mas-sanzjonijiet tal-UE għal proċeduri ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

14. Jistieden lill-Kunsill jimponi aktar sanzjonijiet fuq personalitajiet pubbliċi li qed ixerrdu propaganda aggressiva fir-Russja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;

15. Ifakkar li d-dħul mit-taxxa mill-akbar kumpaniji barranin tar-Russja jikkostitwixxi parti sinifikanti mill-baġit tar-Russja u huwa stmat li jammonta għal terz tan-nefqa militari; jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjonijiet ta' bosta kumpaniji tal-Punent li jirrifjutaw li jwettqu negozju fir-Russja jew li jipprovdu l-prodotti u s-servizzi tagħhom hemmhekk; jistieden lin-negozji privati jirtiraw l-investimenti tagħhom, jirrilokaw is-siti ta' produzzjoni mir-Russja, u jnaqqsu l-kuntratti li għaddejjin bħalissa; jistieden lil kumpaniji kbar tal-IT jirrestrinġu b'mod sinifikanti jew sħiħ lill-utenti fir-Russja milli jaċċessaw il-prodotti, is-servizzi u s-sistemi operattivi tagħhom;

16. Jitlob li tiżdied l-effettività tas-sanzjonijiet eżistenti, fost l-oħrajn billi jiġu esklużi, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali tal-UE li jaħsbuha bl-istess mod, il-banek kollha mill-Federazzjoni Russa mis-sistema SWIFT u billi jiġi pprojbit kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera Russa, li r-reġistrazzjoni, is-sjieda, il-kirja jew l-operat tiegħu relatati mar-Russja, kwalunkwe bastiment li joriġina minn port Russu jew li jbaħħar lejh jew kwalunkwe bastiment li b'xi mod ieħor marbut mar-Russja, inkluż Sovicomflot, mid-dħul fl-ilmijiet territorjali tal-UE u mit-trakkar fil-portijiet tal-UE; jitlob il-projbizzjoni tat-trasport tal-merkanzija bit-triq minn u lejn it-territorju tar-Russja u l-Belarussja u jissuġġerixxi li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tiġi estiża għall-konsenji li ġew ikkuntrattati qabel id-dħul fis-seħħ tas-sanzjonijiet, iżda li għadhom ma tlestewx għalkollox; jitlob b'insistenza l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet sekondarji fuq l-entitajiet kollha rreġistrati fl-UE u f'pajjiżi mhux tal-UE li qed jgħinu lir-reġim Russu u r-reġim Belarussu jevitaw is-sanzjonijiet;

17. Jitlob embargo sħiħ immedjat fuq l-importazzjonijiet Russi ta' żejt, faħam. fjuwil nukleari, u gass, biex in-Nordstream 1 u 2 jiġu abbandunati għalkollox, u biex jiġi ppreżentat pjan biex tkompli tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE fuq perjodu ta' żmien qasir; jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jistabbilixxu pjan ta' azzjoni komprensiv għall-UE dwar sanzjonijiet ulterjuri u jikkomunikaw b'mod ċar il-limiti assoluti u l-passi korrispondenti għall-azzjonijiet biex ineħħu s-sanzjonijiet f'każ li r-Russja tieħu passi biex terġa' tistabbilixxi l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri internazzjonalment rikonoxxuti tagħha u tneħħi kompletament it-truppi tagħha mit-territorju tal-Ukrajna;

18. Jisħaq, għal darb'oħra, fuq l-importanza tad-diversifikazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija, tat-teknoloġiji u tar-rotot tal-provvista, flimkien ma' aktar investiment fl-effiċjenza enerġetika, fl-enerġija rinnovabbli, fis-soluzzjonijiet tal-ħżin tal-gass u tal-elettriku u f'investimenti sostenibbli fit-tul f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati provvisti tal-enerġija sostenibbli mis-sħab kummerċjali tal-UE permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti u futuri, li tkompli tnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq ir-Russja, b'mod partikolari għall-materja prima; jitlob, barra minn hekk, li jiġu stabbiliti riżervi strateġiċi komuni tal-enerġija u mekkaniżmi għall-akkwist tal-enerġija fil-livell tal-UE bil-għan li tiżdied is-sigurtà tal-enerġija filwaqt li titnaqqas id-dipendenza esterna fuq l-enerġija u l-volatilità tal-prezzijiet; jitlob li tinbeda ħidma fuq il-ħolqien ta' unjoni tal-gass, ibbażata fuq xiri komuni ta' gass mill-Istati Membri;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtemmu l-kollaborazzjoni ma' kumpaniji Russi fuq proġetti nukleari eżistenti u ġodda, inkluż fil-Finlandja, fl-Ungerija u fil-Bulgarija, fejn l-esperti Russi jistgħu jiġu ssostitwiti b'oħrajn mill-Punent, u jeliminaw gradwalment l-użu tas-servizzi ta' Rosatom; jitlob li tintemm il-kooperazzjoni xjentifika mal-kumpaniji Russi tal-enerġija, bħal Rosatom, u ma' entitajiet xjentifiċi Russi rilevanti oħra; jitlob b'insistenza li s-sanzjonijiet fuq il-Belarussja jirriflettu dawk introdotti kontra r-Russja sabiex tingħalaq kwalunkwe lakuna li tippermetti lil Putin juża l-għajnuna ta' Lukashenka biex jevita s-sanzjonijiet;

20. Iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-enerġija jikkunsidraw mill-ġdid ir-rwol tar-Russja fl-attivitajiet tagħhom, inkluż li potenzjalment jissospendu proġetti ta' kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-IAEA, kif ukoll is-sospensjoni tal-parteċipazzjoni tar-Russja fi proġetti multilaterali;

21. Jisħaq li l-assi kollha li jappartjenu għall-uffiċjali Russi jew għall-oligarki assoċjati mar-reġim ta' Putin, il-prokuraturi tagħhom u dawk li jaġixxu f'isimhom, kif ukoll dawk fil-Belarussja marbuta mar-reġim ta' Lukashenka, għandhom jiġu ssekwestrati u l-viżi tal-UE għandhom jiġu revokati bħala parti minn tmiem sħiħ u projbizzjoni immedjata għall-passaporti tad-deheb, il-viżi u l-permessi ta' residenza; jissottolinja li segment usa' ta' uffiċjali, gvernaturi, sindki u membri Russi tal-elite ekonomika li jirrispettaw il-politika attwali tar-reġim ta' Putin u li jibbenefikaw minnha għandhom ikunu fil-mira tas-sanzjonijiet;

22. Jitlob li tinbeda ħidma fuq fond simili għall-Pjan Marshall (il-Fond Fiduċjarju ta' Solidarjetà għall-Ukrajna) biex wara l-gwerra l-Ukrajna terġa' tinbena, jitnieda programm ta' investiment massiv u jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir tal-pajjiż; iqis li l-fond għandu jkun ġeneruż u ffinanzjat *inter alia* mill-UE, l-Istati Membri tagħha, minn kontribuzzjonijiet tad-donaturi u kumpens mir-Russja għad-danni tal-gwerra, inklużi assi Russi li qabel kienu ġew ikkonfiskati b'riżultat ta' sanzjonijiet u li għandhom ikunu kkonfiskati legalment f'konformità mad-dritt internazzjonali;

23. Jistieden lill-UE żżid malajr it-trasparenza finanzjarja, tagħlaq il-lakuni kollha li għandhom l-għan li jaħbu s-sjieda benefiċjarja fi ħdan il-qafas tan-negozjati rigward il-pakkett leġiżlattiv dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tiżgura li jiġi kkonfiskat kwalunkwe ammont ta' flus maħżun minn oligarki Russi fl-Unjoni; jitlob, f'dan il-kuntest, li kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja f'pajjiżi mhux tal-UE li tkun involuta fil-ħasil tal-flus jew li tippermetti li dan isir, titniżżel f'lista sewda;

24. Jitlob li jkun hemm mekkaniżmu ta' solidarjetà tal-UE biex jittratta l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u tas-sanzjonijiet imposti; jirrikonoxxi li sanzjonijiet effettivi kontra l-Federazzjoni Russa u l-fluss ta' miljuni ta' rifuġjati li qed jaħarbu mill-Ukrajna bħala riżultat tal-aggressjoni u l-invażjoni Russa qed jiġġeneraw sfidi ekonomiċi u soċjali inevitabbli madwar l-UE u l-Istati Membri tagħha; jappella għal miżuri ta' kumpens u provvisti alternattivi ta' merkanzija u sorsi tal-enerġija sabiex jitnaqqsu dawn l-impatti negattivi, kif ukoll għal miżuri effettivi kontra l-ispekulazzjoni inaċċettabbli li tkompli taggravahom, inkluż b'apprendimentmill-miżuri ta' suċċess implimentati mill-UE b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19;

25. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet ta' ħafna bliet Ewropej li temmew l-iskemi ta' kooperazzjoni u sħubija tagħhom ma' bliet u organizzazzjonijiet Russi; jistieden lill-gvernijiet lokali u l-bliet jeżaminaw mill-ġdid u jitterminaw l-ftehimiet ta' sħubija tagħhom mal-bliet tal-Federazzjoni Russa, u minflok jistabbilixxu kooperazzjoni mal-bliet Ukreni;

26. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li s-settur agrikolu tal-Ukrajna jkun jista' jiffunzjona kif suppost mill-ġdid malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jsiru l-isforzi kollha possibbli biex jiġi ssalvagwardjat l-istaġun li jmiss taż-żrigħ u tal-produzzjoni u biex ikunu jistgħu jiġu ttrasportati u jiġu pprovduti kurituri tal-ikel u tal-fjuwil sikuri lejn u mill-pajjiż; jappella għall-ftuħ ta' kurituri tal-art ekoloġiċi biex tiddaħħal fl-Ukrajna kwalunkwe ħaġa meħtieġa biex tinżamm il-produzzjoni agrikola (eż. pestiċidi u fertilizzanti) u biex jinħarġu mill-Ukrajna l-prodotti agrikoli kollha li għadhom jistgħu jiġu esportati;

27. Jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għad-deċiżjoni tal-Prosekutur tal-QKI li jiftaħ investigazzjoni dwar l-allegati delitti tal-gwerra u reati kontra l-umanità mwettqa fl-Ukrajna u jissottolinja l-importanza ta' ħidma u ta' progress b'ħeffa sabiex tiġi żgurata l-evidenza meħtieġa; jitlob, għalhekk, għal appoġġ finanzjarju u prattiku għall-ħidma importanti tal-QKI, eż. billi l-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għall-Ukrajna tiġi permessa tassisti bid-dokumentazzjoni tal-evidenza;

28. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jistabbilixxu mekkaniżmu globali ta' sanzjonijiet kontra l-korruzzjoni u jadottaw malajr sanzjonijiet immirati kontra individwi responsabbli għall-korruzzjoni ta' livell għoli fir-Russja u fil-Belarussja;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġjaw il-proċessi leġittimi internazzjonali u nazzjonali kollha biex jiġu investigati l-allegati delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra mwettqa fl-Ukrajna bl-għan li l-awturi u l-kompliċi kollha jinżammu responsabbli quddiem qorti tal-ġustizzja;

30. Itenni li d-diżinformazzjoni mir-Russja hija parti mill-isforzi tal-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna u li s-sanzjonijiet tal-UE kontra l-mezzi tal-media tar-Russja li huma proprjetà tal-Istat jistgħu faċilment jiġu evitati permezz tal-VPN, it-televiżjoni bis-satellita u l-funzjonijiet tat-televiżjoni intelliġenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-projbizzjoni fuq il-mezzi ta' propaganda tar-Russja li huma proprjetà tal-Istat;

31. Jitlob li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jiġu estiżi sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu infurmati dwar l-assi kollha miżmuma minn ċerti ċittadini Russi u Belarussi msemmija hawn fuq, u mhux biss id-depożiti tagħhom; ifakkar li ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jużaw l-għodda għall-informaturi tal-Kummissjoni biex jirrapportaw b'mod anonimu ksur tas-sanzjonijiet tal-passat, attwali u ppjanati kontra individwi u entitajiet Russi u Belarussi; jemmen li l-kamp ta' applikazzjoni tal-listi ta' sanzjonijiet individwali għandu jiġi estiż għall-benefiċjarji attwali u preċedenti ta' rabtiet mill-qrib mal-Gvernijiet Russi u Belarussi; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-qafas kontra l-ħasil tal-flus u tinkludi lir-Russja u lill-Belarussja fil-lista ta' ġuriżdizzjonijiet b'riskju għoli kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus ([5]); jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' korp iddedikat biex jissorvelja l-infurzar tas-sanzjonijiet finanzjarji u ta' miżuri restrittivi oħra tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tippubblika l-assi ffriżati u ssekwestrati minn kull Stat Membru; jilqa' l-isforzi tas-soċjetà ċivili u tal-ġurnalisti investigattivi fl-iżvelar tal-assi li huma proprjetà tal-oligarki Russi;

32. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż fil-qasam tal-kultura u l-isport, li jissospendu l-parteċipazzjoni tar-Russja; jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-livell ta' rappreżentazzjoni tal-Federazzjoni Russa u jnaqqsu l-għadd ta' persunal diplomatiku u konsulari Russu u Belarussu fl-UE, b'mod partikolari fejn l-azzjonijiet tagħhom jinvolvu spjunaġġ, diżinformazzjoni jew kwistjonijiet militari; jitlob li jkun hemm koordinazzjoni kontinwa mal-alleati transatlantiċi u ma' sħab li jaħsbuha bl-istess mod bħal dawk fin-NATO, fil-G7 u fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, l-Istati assoċjati u l-pajjiżi kandidati; jissottolinja li l-UE għandha tirreaġixxi b'mod deċiżiv meta s-sħab preżunti jonqsu milli jappoġġaw il-pożizzjonijiet tal-UE;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lin-Nazzjonijiet Uniti, lin-NATO, lill-G7, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Belarussja.

---

([5]) ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0123

## Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq, inkluża lpersekuzzjoni tal-minoranzi reliġjużi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq, inkluża l-persekuzzjoni tal-minoranzi reliġjużi (2022/2620(RSP))**

(2022/C 434/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2022 tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-G7 u tar-Rappreżentant Għoli tal-UE dwar l-illanċjar ta' missila ballistika interkontinentali mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-1 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, tal-25 ta' Marzu 2022 dwar l-illanċjar ta' missila ballistika interkontinentali (ICBM),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna tal-11 ta' Jannar 2022 dwar l-illanċjar ta' missili mir-RDPK,

— wara li kkunsidra s-sanzjonijiet l-aktar riċenti tat-22 ta' Marzu 2021 imposti mill-UE minħabba l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-1 ta' April 2022 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2356 (2017), 2270 (2016), 2371 (2017), 2375 (2017) u 2397 (2017), li jipprojbixxu b'mod espliċitu t-testijiet nukleari mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u Diskriminazzjoni abbażi ta' Reliġjon jew Twemmin tal-1981,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-7 ta' Frar 2014 tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-RDPK għadha wieħed mill-pajjiżi l-aktar ripressivi fid-dinja; billi fir-RDPK, l-istat jeżerċita kontroll assolut fuq kull aspett ta' ħajjet iċ-ċittadini tiegħu, iżomm monopolju assolut fuq l-informazzjoni, u jikkontrolla l-moviment ġewwa u barra l-pajjiż kif ukoll il-ħajja soċjali taċ-ċittadini tiegħu, filwaqt li jżomm l-ubbidjenza billi jinstiga l-biża' fil-popolazzjoni permezz ta' theddid ta' eżekuzzjoni, priġunerija, għajbien furzat u xogħol iebes furzat fil-kampijiet ta' detenzjoni u ta' priġunerija;

B. billi r-RDPK għandha sistema tas-sigurtà estensiva u strutturata tajjeb li tissorvelja mill-qrib il-ħajja ta' kważi kull ċittadin u ma tippermetti l-ebda tip ta' libertà bażika fil-pajjiż;

C. billi l-Kummissjoni ta’ Inkjesta investigat “il-ksur sistematiku, mifrux u serju tad-drittijiet tal-bniedem” fir-RDPK u ħarġet rapport fis-7 ta’ Frar 2014; billi l-Kummissjoni ta’ Inkjesta kkonkludiet fir-rapport tagħha li l-gravità, l-iskala u n-natura tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta’ Pyongyang “jiżvelaw Stat li ma għandu l-ebda parallel fid-dinja kontemporanja”;

D. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK ma tjibitx minn meta nħareġ ir-rapport tal-Kummissjoni ta’ Inkjesta fl-2014; billi l-eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja, it-tortura, il-vjolenza sesswali, l-iskjavitù u d-detenzjonijiet arbitrarji mwettqa mir-reġim tar-RDPK, inkluża l-persekuzzjoni għal raġunijiet ta’ twemmin reliġjuż, għadhom għaddejjin u huma sistematiċi; billi skont is-sistema ta’ songbun tagħha, il-prattikanti reliġjużi jappartjenu għall-klassi “ostili” u jitqiesu bħala għedewwa tal-istat, li jisthoqqilhom “diskriminazzjoni, pieni, iżolament, u saħansitra eżekuzzjoni”; billi d-dokumentazzjoni minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) turi li s-segwaċi tax-xamaniżmu u tal-Kristjaneżmu huma partikolarment vulnerabbli għall-persekuzzjoni;

E. billi r-reġim qed jimmira b’mod sistematiku t-twemmin reliġjuż u l-minoranzi, inklużi x-xamaniżmu, il-Buddiżmu Korean, il-Kattoliċiżmu, iċ-Ċeondożmu u l-Protestantiżmu; billi eżempji ta’ tali mmirar sistematiku jinkludu l-eżekuzzjoni ta’ xi qassisin Kattoliċi u mexxejja Protestanti mhux barranin li ma rrinunzjawx għat-twemmin tagħhom u li ġew maqtula bħala ”spiji Amerikani”;

F. billi minbarra l-ksur imġarrab mill-popolazzjoni ġenerali, in-nisa u l-bniet fil-Korea ta’ Fuq huma l-mira potenzjali ta’ firxa ta’ abbużi sesswali u abbażi tal-ġeneru, bl-uffiċjali tal-gvern kemm iwettqu kif ukoll jonqsu milli jirrispondu b’mod effettiv għall-ksur tad-drittijiet, inklużi d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru mifruxa;

G. billi l-Gvern tar-RDPK ma jippermettix oppożizzjoni politika, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, media ħielsa, libertà reliġjuża, libertà ta’ assoċjazzjoni, negozjar kollettiv jew libertà ta’ moviment u għalhekk ma jirrispettax il-prinċipju tal-istat tad-dritt; billi kien hemm rapporti ta’ repressjoni severa ta’ persuni involuti f’attivitajiet reliġjużi pubbliċi u privati, inklużi l-privazzjoni arbitrarja tal-libertà, it-tortura, ix-xogħol furzat u l-eżekuzzjoni; billi l-kwanliso (kampijiet ta’ priġunerija politiċi) għadhom operattivi u huma fundamentali għall-kontroll u r-repressjoni tal-popolazzjoni, skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU; billi skont ir-Rapporteur Speċjali, “Ħafna minn dan il-ksur jinvolvi delitti kontra l-umanità li qed jitwettqu fir-RDPK. Proċessi konkreti ta’ obbligu ta’ rendikont huma meħtieġa b’mod urġenti, jew fil-livell nazzjonali jew f’dak internazzjonali”;

H. billi l-awtoritajiet statali tar-RDPK sistematikament jiċħdu d-drittijiet bażiċi tal-priġunieri u jwettqu eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, detenzjoni arbitrarja u għajbien furzat, inkluż fil-forma ta’ ħtif ta’ ċittadini barranin, filwaqt li internaw dak li huwa stmat minn xi sorsi bħala aktar minn 100 000 persuna f’sistema penali estensiva ta’ ċentri ta’ priġunerija u detenzjoni, kampijiet ta’ taħriġ tax-xogħol, kampijiet ta’ priġunerija politiċi u kampijiet ta’ riedukazzjoni, fost faċilitajiet oħra; billi r-reġim tar-RDPK b’mod regolari u sistematiku jirrikjedi xogħol furzat minn ħafna mill-popolazzjoni tiegħu biex isostni l-ekonomija tiegħu, b’mod partikolari l-persuni miżmuma fil-kwanliso;

I. billi r-reġim tar-RDPK irrifjuta r-riżoluzzjonijiet kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Assemblea Ġenerali u tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU rigward is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorju tiegħu;

J. billi l-pandemija tal-COVID-19 intużat mir-RDPK biex tkompli tiżola l-pajjiż mid-dinja ta’ barra, u dan irriżulta fi u kompla jikkonsolida l-ksur aggravat tad-drittijiet tal-bniedem u wassal għal impatt negattiv fuq is-saħħa tal-poplu tiegħu; billi l-organizzazzjonijiet umanitarji għadhom ma jistgħux jirritornaw lejn ir-RDPK; billi l-preżenza internazzjonali limitata fil-pajjiż u t-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta’ persuni li ħarbu li jaslu fir-Repubblika tal-Korea jagħmlu d-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem aktar diffiċli minn qatt qabel; billi r-RDPK għalqet il-fruntieri tagħha għall-qsim estern kollu biex tevita t-tixrid tal-COVID-19 u ma qassmet l-ebda vaċċin kontra l-COVID-19 lill-poplu tagħha, filwaqt li sostniet li l-virus ma jeżistix fil-pajjiż; billi, sa mill-bidu tal-pandemija, il-Korea ta’ Fuq saret saħansitra aktar iżolata mill-bqija tad-dinja minħabba li l-infrastruttura tas-saħħa tagħha tibqa’ magħrufa li hija dgħajfa u minħabba n-nuqqas ta’ tilqim tal-popolazzjoni tagħha; billi skont l-aħħar rapport tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ppubblikat f’Marzu 2022, il-Korea ta’ Fuq hija aktar iżolata minn qatt qabel minħabba l-għeluq fit-tul tal-fruntieri fuq skala kbira u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn il-bliet u r-reġjuni imposti f’Jannar 2020; billi l-kontroll oppressiv tal-popolazzjoni kompla jissaħħaħ;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

K. billi l-poplu tar-RDPK ġie espost għal għexieren ta' snin ta' sottożvilupp, b'kura tas-saħħa fqira u livelli għoljin ta' malnutrizzjoni materna u tat-tfal, f'kuntest ta' iżolament politiku u ekonomiku u nuqqasijiet ta' ikel u fjuwil; billi l-insigurtà kronika tal-ikel għadha mifruxa u x'aktarx marret għall-agħar bit-tnaqqis sinifikanti tal-kummerċ wara l-għeluq tal-fruntieri tal-pajjiż; billi partijiet tal-popolazzjoni, speċjalment popolazzjonijiet vulnerabbli, jistgħu jkunu qed jiffaċċjaw ġuħ u karestija;

L. billi l-UE hija difensur u promotur tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja; billi d-djalogi politiċi bejn l-UE u r-RDPK saru l-aħħar f'Ġunju 2015; billi l-Gvern Ċiniż iqis il-parti l-kbira tar-rifuġjati tal-Korea ta' Fuq bħala migranti ekonomiċi illegali u jirripatrija xi whud minnhom jekk jiġu skoperti, mingħajr ma jqis ir-riskju tagħhom ta' persekuzzjoni malli jirritornaw; billi n-Nord Koreani fir-Russja qed jiffaċċjaw ripatrijazzjoni lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, peress li l-pulizija Russa għandha storja ta' arrest ta' Nord Koreani fuq talba ta' Pyongyang; billi din il-prattika tikser direttament l-obbligi taċ-Ċina u tar-Russja skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar ir-Rifuġjati tal-1951 u l-Protokoll tagħha tal-1967; billi ħafna persuni li jaħarbu mill-Korea ta' Fuq jgħaddu minn diffikultajiet tremendi fiċ-Ċina u fil-pajjiżi ġirien tagħha, mingħajr identità uffiċjali jew status legali, u huma estremament vulnerabbli għat-traffikar ta' bnedmin, il-ħtif u l-isfruttament sesswali;

M. billi r-RDPK kompliet issegwi l-kapaċitajiet nukleari u l-programm tal-missili ballistiċi tagħha, kif intwera reċentement miż-żieda fl-ittestjar tal-missili fil-bidu tal-2022; billi l-UE imponiet sanzjonijiet fuq 57 individwu elenkat u disa' entitajiet elenkati talli kkontribwew għall-programmi tar-RDPK relatati ma' kapaċitajiet nukleari u ta' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva, jew talli evitaw sanzjonijiet; billi l-proliferazzjoni tal-armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi u l-mezzi ta' twassil tagħhom jirrappreżentaw theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali; billi r-RDPK rtirat mit-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) fl-2003, ilha tmexxi provi nukleari mill-2006 u uffiċjalment iddikjarat fl-2009 li kienet żviluppat arma nukleari, li jfisser li t-theddida tal-avvanz tal-kapaċitajiet nukleari tagħha ċarament amplifikat; billi fl-20 ta' April 2018, ir-RDPK ħabbret li kienet se tissospendi immedjatament l-ittestjar nukleari u tal-missili u tagħlaq is-sit ta' Punggye-ri li kien intuża għal sitt testijiet nukleari preċedenti; billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkundanna l-illanċjar mir-RDPK ta' missila ballistika interkontinentali fl-24 ta' Marzu 2022 bħala ksur tas-sospensjoni tal-illanċjar ta' missili ballistiċi interkontinentali mwiegħda mir-RDPK u ksur tas-sanzjonijiet tan-NU; billi fit-22 ta' Marzu 2022, l-UE imponiet iffriżar tal-assi u projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar skont ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem fuq żewġ individwi u entità waħda fir-RDPK;

N. billi l-President uxxenti tar-Repubblika tal-Korea Moon Jae-in ippropona dikjarazzjoni ta' "tmiem il-gwerra" lir-RDPK biex jiġi ddikjarat tmiem formali tal-Gwerra Koreana li ntemmet fl-1953 mingħajr trattat ta' paċi;

O. billi l-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 u r-Rappreżentant Għoli tal-UE ddikjaraw b'mod konġunt li s-sitwazzjoni umanitarja mwiegħra fir-RDPK hija minħabba li r-RDPK tuża r-riżorsi tagħha għal armi ta' qerda massiva u għal programmi ta' missili ballistiċi aktar milli għall-benesseri tal-poplu tagħha;

1. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu għar-ripressjoni statali li ilha għaddejja għal għexieren ta' snin u hija eżerċitata b'mod sistematiku mill-Mexxejja Supremi u mill-amministrazzjoni tar-RDPK, kemm dawk attwali kif ukoll dawk tal-passat; jistieden lil Kim Jong-un iwaqqaf il-politika ta' esterminazzjoni, qtil, skjavitù, tortura, priġunerija, stupru, aborti furzati u vjolenza sesswali oħra, persekuzzjoni għal raġunijiet politiċi, reliġjużi, razzjali u tal-ġeneru, it-trasferiment furzat tal-popolazzjonijiet, l-għajbien furzat ta' persuni, l-att inuman li konxjament jiġi kkawżat karestija fit-tul u l-impunità istituzzjonalizzata għall-awturi ta' dawn l-atti; iheġġeġ lill-awtoritajiet tar-RDPK iwaqqfu d-delitti kontinwi tagħhom kontra l-umanità, inkluż permezz tas-sistema tal-*kwanliso*, u jwettqu proċess ta' riforma fejn id-drittijiet tal-bniedem kollha jiġu rispettati u protetti; jishaq fuq il-ħtieġa li jiżżarmaw il-*kwanliso*; jappella biex tiġi ppubblikata informazzjoni dettaljata dwar dawn il-kampijiet u li l-korpi ta' monitoraġġ internazzjonali indipendenti jingħataw l-opportunità li jżuruhom;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-użu sistematiku u fuq skala kbira tal-piena kapitali fir-RDPK; jistieden lill-Gvern tar-RDPK jiddikjara moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet kollha, bil-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt fil-ġejjieni qrib; jistieden lir-RDPK ttemm l-eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarja u l-għajbien furzat, teħles lill-priġunieri politiċi u tippermetti liċ-ċittadini tagħha jivvjaġġaw liberament, kemm fil-pajjiż kif ukoll barra minnu; jistieden lill-RDPK tippermetti l-libertà tal-espressjoni

u l-libertà tal-istampa għall-media nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll aċċess għall-internet mingħajr ċensura liċ-ċittadini kollha tagħha; jitlob lir-RDPK tieqaf takkuża bi "tradiment" lil dawk li jaħarbu min-nazzjon jew titlob li dawk li jaħarbu lejn iċ-Ċina jiġu rritornati lejn ir-RDPK;

3. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, f’konformità mal-obbligi tagħhom bħala Stati partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar ir-Rifuġjati, biex ir-rifuġjati tal-Korea ta’ Fuq li jaqsmu l-fruntiera lejn iċ-Ċina u r-Russja ma jiġux miċħuda d-dritt tagħhom li jfittxu ażil jew li jiġu rritornati bil-forza lejn il-Korea ta’ Fuq, iżda biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tagħhom; itenni t-talba tiegħu lill-pajjiżi li huma riċevituri ta’ rifuġjati mir-RDPK biex jirrispettaw il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 u l-Protokoll tagħha tal-1967 u biex b’mod imperattiv joqogħdu lura milli jikkooperaw fi kwalunkwe forma mal-amministrazzjoni tar-RDPK dwar l-estradizzjoni jew ir-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tal-Korea ta’ Fuq;

4. Jikkundanna r-restrizzjonijiet ħarxa fuq il-libertà tal-moviment, tal-espressjoni, tal-informazzjoni, ta’ għaqda paċifika u ta’ assoċjazzjoni, kif ukoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sistema *songbun* li tikklassifika lin-nies abbażi ta’ klassi soċjali u twelid assenjati mill-Istat, u tinkludi wkoll kunsiderazzjoni tal-opinjonijiet politiċi u tar-reliġjon; jinsab imħasseb ħafna dwar il-ksur sistematiku tal-libertà ta’ reliġjon u twemmin li jaffettwa x-Xamaniżmu u l-Kristjaneżmu kif ukoll reliġjonijiet oħra fil-Korea ta’ Fuq; jiddenunzja l-arresti arbitrarji, id-detenzjoni fit-tul, it-tortura, it-trattament ħażin, il-vjolenza sesswali u l-qtil ta’ persuni reliġjużi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-RDPK iwaqqfu kull vjolenza kontra minoranzi reliġjużi u jagħtuhom id-dritt tal-libertà ta’ reliġjon u twemmin, id-dritt ta’ assoċjazzjoni u d-dritt tal-libertà ta’ espressjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-awturi ta’ dawn l-atti vjolenti jinżammu responsabbli, inklużi l-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali tal-Poplu u l-Ministeru għas-Sigurtà tal-Istat li huma strumentali fil-persekuzzjoni tal-komunitajiet reliġjużi;

5. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDPK iwaqqaf il-programm tiegħu ta’ xogħol furzat sponsorjat mill-Istat li permezz tiegħu pajjiżi barranin ibbenefikaw minn għexieren ta’ eluf ta’ ħaddiema mill-Korea ta’ Fuq f’kundizzjonijiet prekarji, u b’hekk iġġeneraw valuta fiżika bħala għajnuna biex jiġi sostnut ir-reġim; jissottolinja li, f’dan il-każ, ir-responsabiltà għall-ħarsien tad-drittijiet tax-xogħol testendi għall-istati ospitanti li għandhom jiżguraw il-ħarsien tal-istandards tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jesprimi t-tħassib partikolari tiegħu dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni fis-sistema penali kollha, inkluż iċ-ċaħda tal-kura tas-saħħa, it-tortura flimkien ma’ trattament u pieni krudili, inumani u degradanti, il-privazzjoni arbitrarja tal-libertà, ix-xogħol furzat, l-istupru u forom oħra ta’ vjolenza sesswali, iċ-ċaħda tad-dritt għall-ħajja u għal proċess ġust u l-ksur tad-drittijiet tad-detenuti vulnerabbli, inklużi nisa, persuni b’diżabilità u minorenni; jistieden lill-awtoritajiet tar-RDPK jiżguraw li l-osservaturi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem ikollhom aċċess għas-sistema penali tagħha u jikkooperaw magħhom bil-għan li jaħdmu mal-atturi internazzjonali rilevanti biex jirriformaw is-sistemi penali u ġudizzjarji tagħha;

7. Jikkundanna l-istrumentalizzazzjoni tal-pandemija, li wasslet għall-impożizzjoni ta’ restrizzjonijiet ulterjuri u għal miżuri severi, bla bżonn u estremi li l-Gvern tal-Korea ta’ Fuq stabbilixxa apparentement biex jipproteġi kontra l-COVID-19, li jkomplu jirrestrinġu d-drittijiet intrinsikament soppressi għall-ikel u s-saħħa, u d-drittijiet għal-libertà ta’ moviment u l-libertà ta’ espressjoni u ta’ informazzjoni; ifaħħar il-ħidma tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet 1718 li malajr approva t-talbiet kollha għal eżenzjoni mis-sanzjonijiet relatati mal-COVID-19 biex tingħata assistenza umanitarja lir-RDPK; jistieden lir-RDPK taħdem ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluża l-inizjattiva dwar l-Aċċess Globali għall-Vaċċini (COVAX) għall-Coronavirus (COVID-19), biex tiżgura t-twassil u d-distribuzzjoni f’waqthom tal-vaċċini kontra l-COVID-19 lill-poplu tagħha;

8. Jesprimi t-tħassib partikolari tiegħu dwar il-gravità tas-sitwazzjoni tal-ikel li l-pajjiż qiegħed iħabbat wiċċu magħha u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-popolazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet tal-RDPK jiżguraw l-aċċess liċ-ċittadini kollha għall-ikel u l-għajnuna umanitarja abbażi tal-ħtieġa, skont il-prinċipji umanitarji;

9. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat l-obbligu ta’ rendikont għad-delitti tal-passat u dawk li għadhom għaddejjin kontra l-umanità; iħeġġeġ bil-qawwa lir-RDPK tikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi legali kollha li jirriżultaw mir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jappella lill-membri kollha tan-NU biex jieħdu azzjoni biex jimplimentaw bis-sħiħ is-sanzjonijiet eżistenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jappella biex isiru sforzi biex is-sitwazzjoni fir-RDPK tiġi

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

riferuta lill-Qorti Kriminali Internazzjonali jew biex jinħoloq tribunal *ad hoc*, jew mekkaniżmu komparabbli, sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà kriminali tal-uffiċjali tal-gvern, inklużi l-ogħla awtoritajiet; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kunsill jadotta sanzjonijiet severi addizzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, immirati lejn l-individwi identifikati bħala responsabbli għal dak il-ksur; jieħu nota tal-opinjoni tar-Rapporteur Speċjali tan-NU biex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet kontra l-pajjiż ma jkollhomx impatt detrimentali fuq id-drittijiet għall-ikel, is-saħħa, l-ilma u s-sanità, l-akkomodazzjoni u l-iżvilupp, kif ukoll biex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq l-assistenza umanitarja, inkluż fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19;

10. Jikkundanna bil-qawwa li fl-24 ta' Marzu 2022 l-RDPK tella' ICBM bħala provokazzjoni bla bżonn u perikoluża, li hija ksur ta' diversi riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u reġjonali; jistieden lir-RDPK tabbanduna l-armi ta' qerda massiva u l-programmi ta' missili ballistiċi tagħha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli;

11. Jistieden lir-RDPK tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-interlokuturi internazzjonali bil-ħsieb li jiġu promossi titjibiet konkreti fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-prattika, inkluż permezz ta' djalogi, żjarat uffiċjali lejn il-pajjiż u aktar kuntatti bejn il-persuni;

12. Ikompli jappoġġja riżoluzzjoni paċifika għall-kunflitt fil-Peniżola Koreana, li għandha tinvolvi denuklearizzazzjoni flimkien ma' titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw l-istrutturi tan-NU u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għar-reati mwettqa permezz tal-ġbir kontinwu ta' evidenza u dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-passat u fil-preżent fil-pajjiż, bil-ħsieb li tintemm l-impunità għall-abbużi serji tar-RDPK;

13. Jilqa' t-tiġdid tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK; jiddispjaċih għall-fatt li l-uffiċċju fil-post ġewwa Seoul tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) għadu nieqes mill-persunal, u jħeġġeġ lill-membri tan-NU u tal-OHCHR jappoġġjaw il-mekkaniżmu u jiżguraw li dan jiġi pprovdut bil-persunal u r-riżorsi kollha meħtieġa;

14. Jirrakkomanda li jsir progress lejn ir-rikonċiljazzjoni u l-istabbiliment ta' proċess xieraq ta' rimedju; jistieden lill-istati affettwati joħorġu "Dikjarazzjoni ta' tmiem il-Gwerra" biex jintemm il-kunflitt militari mhux riżolt;

15. Jilqa' r-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE, kif ukoll ir-rieda espressa tal-UE li tappoġġja kwalunkwe proċess diplomatiku sinifikanti; jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija li tikkomplementa r-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE, skont l-Istrateġija Globali tal-UE, u b'kont meħud tat-tkomplija tad-djalogu politiku mal-Korea ta' Fuq meta jkun wasal iż-żmien, bil-ħsieb li jiġu integrati d-drittijiet tal-bniedem, id-denuklearizzazzjoni u l-inizjattivi ta' paċi fl-impenn tagħha mar-RDPK;

16. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Korea, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Istati Uniti, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ġappun, lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0124

# Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Gwatemala

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Gwatemala (2022/2621(RSP))**

(2022/C 434/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Gwatemala, partikolarment dik tal-14 ta' Marzu 2019 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Gwatemala tal-11 ta' Frar 2022, u dwar id-deterjorament tal-istat tad-dritt fil-Gwatemala tat-23 ta' Marzu 2022,

— wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerka Ċentrali, min-naħa l-oħra ([2]), u b'mod partikolari l-klawżola li fih dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Frar 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni attribwibbli lill-kelliem għas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Gwatemala, tal-11 ta' Frar 2022,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR) tat-22 ta' Frar 2022 li tesprimi tħassib dwar ksur ġdid tal-indipendenza ġudizzjarja fil-Gwatemala, u dik tal-IACHR u tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati tad-9 ta' Marzu 2022 li tħeġġeġ lill-Gwatemala tiggarantixxi l-indipendenza u l-imparzjalità fil-ħatra tal-avukat ġenerali l-ġdid tal-pajjiż,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli fakultattivi tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Patt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Gwatemala,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Gwatemala hija sieħeb importanti u tal-istess fehma tal-UE, kif muri mir-rwol ewlieni tal-pajjiż fl-integrazzjoni reġjonali fl-Amerka Ċentrali permezz tal-presidenza pro tempore tiegħu tas-Sistema ta' Integrazzjoni Reġjonali tal-Amerka Ċentrali, it-tkabbir tal-kooperazzjoni kummerċjali bejn l-UE u l-Gwatemala, is-solidarjetà tal-pajjiż mal-Ukrajna u l-Ewropa u l-kundanna qawwija tiegħu tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, u r-rwol attiv tiegħu fil-fora internazzjonali, kif ukoll id-djalogu kostruttiv mal-Ambaxxata tal-Gwatemala fi Brussell fil-kuntest tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali;

B. billi fl-2019, il-gvern tar-Repubblika tal-Gwatemala ddeċieda unilateralment li jtemm il-mandat tal-Kummissjoni Internazzjonali Kontra l-Impunità fil-Gwatemala (CICIG), li kienet ilha topera għal 12 il-sena fil-pajjiż; billi matul il-perjodu meta l-awtoritajiet ikkollaboraw mas-CICIG, il-Gwatemala wriet progress kontinwu fil-prosekuzzjoni ta' każijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-korruzzjoni;

([1]) ĠU C 23, 21.1.2021, p. 92.
([2]) ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.

C. billi minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Gwatemala sofriet proċess kontinwu ta' kooptazzjoni istituzzjonali u ż-żarmar tal-istat tad-dritt, l-ostruzzjoni u l-fastidju sistematiċi tal-ħidma leġittima tal-imħallfin u l-prosekuturi, kampanji ta' malafama, arresti u intimidazzjoni tal-operaturi tal-ġustizzja, b'mod partikolari dawk tas-CICIG, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali kontra l-Impunità (FECI), u intensifikazzjoni u żieda tal-aggressjonijiet kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-kriminalizzazzjoni tagħhom;

D. billi l-prosekuturi tal-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata li jinvolvu uffiċjali għolja tal-istat u sidien ta' negozji ġew kriminalizzati f'bosta proċedimenti kriminali permezz ta' lmenti quddiem il-Bord Dixxiplinari Ġudizzjarju u proċessi preliminari promossi mill-Ministeru Pubbliku tal-Gwatemala sabiex jarrestawhom jew jirtirawlhom l-immunità ġudizzjarja tagħhom; billi l-proliferazzjoni ta' dawn il-proċedimenti legali kontra mħallfin, prosekuturi u avukati indipendenti u n-nuqqas ta' rispons fil-pront u effiċjenti u miżuri ta' protezzjoni huma allarmanti;

E. billi t-theddid, il-fastidju u r-riskju ta' detenzjoni arbitrarja wasslu biex aktar minn 20 imħallef ħabbru l-eżilju tagħhom mill-Gwatemala biex jipproteġu s-sikurezza u l-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom, u biex jevitaw rappreżalji mill-awtoritajiet tal-Istat tal-Gwatemala; billi l-każijiet tal-imħallef Erika Aifán, l-eks avukati ġenerali Claudia Paz u Thelma Aldana, u Juan Francisco Sandoval, li kien imexxi l-FECI, huma biss ftit eżempji ta' fastidju kontra operaturi ġudizzjarji fil-Gwatemala;

F. billi l-Artikolu 203 tal-Kostituzzjoni tal-Gwatemala jenfasizza li l-funzjoni ġudizzjarja trid tiġi eżerċitata esklużivament mill-Qorti Suprema tal-Ġustizzja u tribunali oħra stipulati mil-liġi; billi hemm nuqqas ta' progress fl-elezzjoni ta' mħallfin għas-siġġijiet vakanti fil-Qorti Suprema u fil-Qorti tal-Appell; billi din is-sena, il-President u l-Kungress se jaħtru tliet karigi ewlenin: l-avukat ġenerali, l-ombudsperson tad-drittijiet tal-bniedem, u l-kontrollur ġenerali;

G. billi f'Mejju 2022, se jiġi elett l-avukat ġenerali l-ġdid tar-Repubblika tal-Gwatemala; billi l-Kostituzzjoni tal-Gwatemala tistipula li l-ħatra tal-avukat ġenerali ssir permezz ta' kummissjoni nominanti li tkun magħmula mill-president tal-Qorti Suprema, dekani tal-iskejjel tal-liġi, membri tal-kamra tal-avukati, u membri tas-soċjetà ċivili; billi f'Settembru 2021, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika tal-Gwatemala u kandidat għall-elezzjoni mill-ġdid, María Consuelo Porras, kif ukoll is-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, Angel Pineda, ġew inklużi mid-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti fuq il-Lista Engel bħala atturi korrotti u mhux demokratiċi li jostakolaw il-prosekuzzjoni kriminali ta' każijiet ta' korruzzjoni; billi l-avukat ġenerali għandu rwol fundamentali biex jiggarantixxi l-istat tad-dritt, il-protezzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità;

H. billi l-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-maġistrati għamlu diversi rakkomandazzjonijiet biex titwettaq riforma kostituzzjonali rigward il-proċeduri għall-elezzjoni tal-avukat ġenerali u l-imħallfin tal-qrati superjuri tal-pajjiż f'konformità mal-istandards internazzjonali ta' indipendenza u imparzjalità;

I. billi l-Gvern tal-Gwatemala għamel sforzi biex jimplimenta politiki li jippromwovu t-trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-impunità permezz tal-ħolqien tal-Kumitat Presidenzjali kontra l-Korruzzjoni u l-Kumitat Presidenzjali għall-Paċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, li għandhom joħorġu b'riżultati konkreti;

J. billi skont Transparency International, il-Gwatemala waqgħet 59 pożizzjoni fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni matul l-aħħar 10 snin, mill-91 post (2010) għall-150 post minn 180 pajjiż;

K. billi d-Digriet 4-202, magħruf bħala l-Liġi dwar l-NGOs, li daħal fis-seħħ fi Frar 2022, għandu l-għan li jirrestrinġi l-attivitajiet tal-NGOs, filwaqt li jissikka s-superviżjoni tal-gvern u jiftaħ il-bieb għall-abolizzjoni tal-NGOs li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti amministrattivi;

L. billi l-vjolenza u l-estorsjoni minn organizzazzjonijiet kriminali b'saħħithom għadhom problemi serji fil-Gwatemala u billi l-vjolenza relatata mal-gangs hija fattur importanti li jwassal lin-nies jitilqu mill-pajjiż;

M. billi fl-2021, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) iddokumenta 103 attakki kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u sitt każijiet ta' qtil, kif ukoll 33 attakk kontra ġurnalisti; billi d-difensuri tal-ambjent u tal-art, il-popli indiġeni u l-komunitajiet u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa qed jiffaċċjaw theddid serju; billi l-OHCHR qed jenfasizza ż-żieda fl-użu ħażin tal-liġi kriminali minn atturi statali u mhux statali kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti biex jippenalizzawhom jew jimpedixxu l-eżerċizzju leġittimu ta' xogħolhom;

N. billi l-popli indiġeni għadhom jiffaċċjaw diversi forom ta' diskriminazzjoni u inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali; billi hemm bżonn li tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' fiduċja bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-popli indiġeni permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tagħhom inkluż id-dritt għal kunsens liberu u infurmat minn qabel;

O. billi l-vjolenza sessista u sesswali kontra n-nisa u l-bniet huma problemi mifruxa u b'għeruq profondi; billi fit-8 ta' Marzu 2022, il-Kungress tal-Gwatemala approva d-Digriet 18-2022, l-hekk imsejjaħ "Liġi għall-Protezzjoni tal-Ħajja u tal-Familja", li jikkriminalizza l-abort fiċ-ċirkostanzi kollha, b'sentenzi tal-ħabs ta' bejn 5 u 25 sena, u li jipprojbixxi d-diversità tal-ġeneru u l-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel; billi wara diversi protesti fil-livell nazzjonali u internazzjonali, il-President esprima l-intenzjoni tiegħu li jeżerċita veto fuq id-digriet u fil-15 ta' Marzu 2022, il-Kungress tal-Gwatemala vvota biex jissospendi l-liġi kontroversjali;

P. billi l-Gwatemala għandha waħda mill-ogħla rati ta' inugwaljanza u fost l-agħar faqar, malnutrizzjoni u rati ta' mortalità materna u tat-tfal fir-reġjun; billi l-Gwatemala tinsab fis-sitt post għall-malnutrizzjoni kronika fid-dinja;

Q. billi l-UE għadha waħda mis-sħab ewlenin ta' kooperazzjoni tal-Gwatemala, u allokat EUR 152 miljun taħt il-perjodu ta' programmazzjoni tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (2014-2020) li jiffoka fuq is-sigurtà tal-ikel, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-paċi u s-sigurtà, u l-kompetittività;

R. billi Aura Lolita Chávez, difensur ambjentali indiġena mill-Gwatemala u finalista tal-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew fl-2017, telqet minn pajjiżha wara attakki serji, theddid ta' qtil u malafama, u qed tiffaċċja diversi proċessi ġudizzjarji li kieku kellha tirritorna l-Gwatemala; billi s-sikurezza legali u fiżika tagħha għandha tiġi żgurata jekk tiddeċiedi li tirritorna;

1. Jinsab imħasseb dwar id-deterjorament tal-istat tad-dritt fil-Gwatemala u l-azzjonijiet legali mibdija mill-Qorti Suprema tal-Ġustizzja u l-prosekutur ġenerali kontra mħallfin, avukati u prosekuturi indipendenti li jinvestigaw jew iressqu quddiem il-prosekuzzjoni strutturi kriminali b'rabtiet ma' uffiċjali għolja tal-istat u sidien ta' negozji;

2. Jikkundanna l-kriminalizzazzjoni, id-detenzjoni u l-kampanji ta' diskreditazzjoni fuq il-media, it-theddid u l-atti ta' fastidju kontra l-operaturi ġudizzjarji involuti fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-impunità, kif ukoll dawk kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jtemmu dawn l-azzjonijiet u jirrispettaw l-istat tad-dritt u r-rispett sħiħ għall-indipendenza tal-fergħat tal-poter bħala elementi ewlenin fil-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni;

3. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jwettqu investigazzjonijiet immedjati, bir-reqqa u imparzjali tat-theddid, l-atti ta' fastidju u l-kampanji ta' stigmatizzazzjoni kontra uffiċjali tal-ġustizzja u atturi tas-soċjetà ċivili, sabiex jidentifikaw lil dawk responsabbli u jressquhom quddiem tribunali kompetenti, indipendenti u imparzjali;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jieħdu l-miżuri meħtieġa b'mod urġenti biex jiżguraw is-sikurezza u l-integrità tal-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukati – inklużi eks avukati tas-CICIG – u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u ta' dawk li qed jiġu detenuti, u jissalvagwardjaw id-dritt tagħhom għal proċess ġust; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jiżguraw ir-ritorn sikur ta' dawk li ġew imġiegħla jitilqu mill-pajjiż minħabba l-biża' għas-sikurezza tagħhom;

5. Ifakkar fl-indispensabilità ta' kanali ta' djalogu mtejba u effettivi fil-qafas tal-istituzzjonijiet tal-Gwatemala sabiex jiġu promossi l-valuri demokratiċi, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jafferma mill-ġdid li l-proċess tal-għażla u l-ħatra tal-imħallfin irid ikun trasparenti u parteċipattiv u li l-kandidati għandhom jintgħażlu abbażi tal-merti tagħhom u rekord ippruvat ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-Kostituzzjoni tal-Gwatemala; jistieden lill-awtoritajiet tal-Gwatemala, f'dan is-sens, jiggarantixxu l-elezzjoni ġusta tal-imħallfin, b'mod partikolari fir-rigward tal-elezzjoni tal-prosekutur ġenerali u l-ombudsperson tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Jenfasizza li l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni restrittiva bħal-Liġi dwar l-NGOs tista' tikkontribwixxi għaż-żarmar tas-sistema ta' protezzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li ssaħħaħ l-impunità; jitlob li dawn il-liġijiet jitħassru;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Gwatemala jieħu l-miżuri meħtieġa biex isaħħaħ il-leġiżlazzjoni u l-politiki biex jipproteġi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-difensuri ambjentali u l-ġurnalisti, u jiżviluppa politika pubblika għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità ma' deċiżjoni tal-2014 tal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-impenn meħud mill-Gwatemala stess quddiem il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2018; jirrakkomanda li l-Gvern tal-Gwatemala jirratifika l-Ftehim ta' Escazú;

9. Jilqa' l-ħolqien mill-awtoritajiet tal-Gwatemala tal-Kumitat Presidenzjali kontra l-Korruzzjoni u l-Kumitat Presidenzjali għall-Paċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, bħala pilastri ewlenin tal-pjan nazzjonali tal-Gvern għall-innovazzjoni u l-iżvilupp, u bil-ħsieb li jiġu implimentati politiki li jippromwovu t-trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-impunità; iħeġġeġ lil dawn il-kumitati jagħtu riżultati konkreti;

10. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Gwatemala jikkoopera aktar mal-mekkaniżmi tan-NU u reġjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem sabiex imexxi 'l quddiem il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; jirrakkomanda li l-Gvern tal-Gwatemala jġedded il-mandat tal-OHCHR fil-Gwatemala għal perjodu ta' żmien raġonevoli;

11. Jilqa' l-azzjoni meħuda mill-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE u d-Delegazzjoni tal-UE għall-Gwatemala fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tespandi b'mod sostanzjali u timplimenta b'mod aktar attiv miżuri ta' protezzjoni, inkluż it-twessigħ tal-osservazzjoni tas-seduti ta' smigħ tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kriminalizzati, b'mod partikolari d-difensuri ambjentali u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa billi, fost affarijiet oħra, iżżid l-appoġġ tagħha għall-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili;

12. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw il-mekkaniżmi stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni biex jinkoraġġixxu bil-qawwa lill-Gwatemala twettaq aġenda ambizzjuża dwar id-drittijiet tal-bniedem u tiġġieled l-impunità bil-għan li ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Gwatemala, lis-Segretarjat tal-Amerka Ċentrali għall-Integrazzjoni Ekonomika u lill-Parlament tal-Amerka Ċentrali.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0125

## Żieda fir-repressjoni fir-Russja, inkluż il-każ ta' Alexey Navalny

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar iż-żieda fir-repressjoni fir-Russja, inkluż il-każ ta' Alexei Navalny (2022/2622(RSP))**

(2022/C 434/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-NU, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Federazzjoni Russa,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Josep Borrell tat-28 ta' Marzu 2022 dwar il-gazzetta indipendenti Russa Novaya Gazeta,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE tat-22 ta' Marzu 2022 dwar id-deċiżjoni li l-priġunerija politikament motivata ta' Alexei Navalny tiġi estiża b'disa' snin oħra,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa tal-24 ta' Marzu 2022 li tesprimi apprezzament għall-ħidma kuraġġuża tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk mill-Federazzjoni Russa u l-Belarussja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant tal-Libertà tal-Media tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa tat-3 ta' Marzu 2022 dwar il-ksur serju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media fir-Russja fil-kuntest tal-attakk militari tal-pajjiż kontra l-Ukrajna,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-aħħar żviluppi fir-Russja u fl-Ukrajna,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Federazzjoni Russa kisret ripetutament id-dritt internazzjonali u l-impenji internazzjonali tagħha u nediet gwerra illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u wettqet massakri kontra ċ-ċittadini tagħha; billi r-restrizzjonijiet leġiżlattivi, il-projbizzjonijiet fuq il-media, il-kriminalizzazzjoni ta' rappurtar indipendenti u opinjoni ħielsa, u prosekuzzjonijiet politiċi oħra laħqu skala totalitarja f'dawn l-aħħar xhur, li rriżultaw fid-diżintegrazzjoni tal-ispazju ċivili indipendenti u pluralistiku fir-Russja;

B. billi r-reġim Russu intensifika, b'mod mingħajr preċedent, ir-repressjoni tiegħu fuq dimostranti paċifiċi, ġurnalisti u blogers indipendenti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti tas-soċjetà ċivili fi sforz biex isikktu kwalunkwe kritika u oppożizzjoni kontra l-aggressjoni militari illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna; billi eluf ħarbu mir-Russja minħabba ż-żieda drastika fir-riskju ta' arrest u prosekuzzjoni arbitrarji; billi din ir-repressjoni kellha effett devastanti fuq il-ħajja u l-libertajiet tal-minoranzi, tal-persuni LGBTQI+, tan-nisa, u tal-persuni kollha mmarkati mill-gvern u s-soċjetà bħallikieku jiddevjaw mir-regoli u l-aspettattivi tal-imġiba jew dawk normattivi imposti jew talli kkritikaw ir-reġim u l-politiki tal-awtoritajiet Russi;

C. billi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-espressjoni, huma minquxa fil-Kostituzzjoni tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll f'bosta strumenti legali internazzjonali li r-Russja impenjat ruħha għalihom; billi l-awtoritajiet Russi huma responsabbli għal snin ta' kampanji ta' propaganda sistematika kontra l-Ukrajna, l-Ewropa u l-valuri demokratiċi liberali, li jwasslu għall-qerda ta' kwalunkwe traċċi ta' soċjetà ċivili vibranti, politikament attiva u indipendenti;

D. billi mill-24 ta' Frar 2022, l-awtoritajiet Russi arrestaw arbitrarjament aktar minn 15 400 dimostrant paċifiku kontra l-gwerra madwar il-pajjiż, u xi wħud minnhom ġew soġġetti għal trattament ħażin serju u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem; billi minn dak iż-żmien 'l hawn diġà tressqu aktar minn 60 każ kriminali;

E. billi bosta liġijiet imposti matul dawn l-aħħar ftit snin, bħal-liġi dwar l-"aġenti barranin" u l-varjazzjonijiet tagħha, ir-regolamentazzjoni u l-aġġudikazzjoni tal-hekk imsejħa "organizzazzjonijiet estremisti" u għadd kbir ta' digrieti mir-regolatur responsabbli għas-sorveljanza tal-media (Roskomnadzor) intużaw mill-awtoritajiet Russi għar-repressjoni kkonċentrata tagħhom fuq is-soċjetà ċivili indipendenti u l-media attivi fir-Russja, immirati b'mod partikolari lejn organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs), difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, avukati, kif ukoll attivisti għad-drittijiet tan-nisa, tal-LGBTQI+ u ambjentali, u attivisti ta' minoranzi etniċi u kulturali; billi l-impożizzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, tar-regolamentazzjoni u tal-piżijiet ġudizzjarji u amministrattivi kollha qed iġġiegħel lill-atturi tas-soċjetà ċivili jirrifjutaw finanzjament barrani, jinvolvu ruħhom f'awtoċensura u jnaqqsu kemm il-viżibbiltà pubblika tagħhom kif ukoll l-attivitajiet tagħhom minħabba biża' ta' ritaljazzjoni mill-istat;

F. billi fl-4 ta' Marzu 2022, il-Parlament Russu emenda l-Kodiċi Kriminali biex jimponi piena ta' mhux aktar minn 15-il sena ħabs għat-tixrid ta' informazzjoni allegatament "falza" dwar il-gwerra fl-Ukrajna; billi fit-22 ta' Marzu 2022, il-liġi twessgħet biex tikkriminalizza l-kondiviżjoni ta' "aħbarijiet foloz" dwar kwalunkwe attività tal-korpi uffiċjali tar-Russja barra mill-pajjiż; billi fl-4 ta' Marzu 2022, id-Duma Russa pprojbiet dimostrazzjonijiet kontra l-gwerra fl-Ukrajna; billi r-riformi legali Russi introduċew reati amministrattivi u kriminali għal ċittadini u entitajiet ġuridiċi Russi li jitolbu sanzjonijiet internazzjonali kontra l-istat Russu, iċ-ċittadini tiegħu jew kwalunkwe entità ġuridika Russa;

G. billi l-awtoritajiet Russi ġiegħlu lil diversi mezzi tal-media indipendenti jissospendu l-attivitajiet tagħhom, jagħlqu jew iċaqalqu l-attivitajiet tagħhom barra mill-pajjiż, filwaqt li jimblukkaw l-aċċess għal oħrajn fil-kuntest ta' ċensura, kontroll u iżolament dejjem akbar tal-internet, u b'hekk ċaħħdu lill-popolazzjoni Russa minn informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-delitti tal-gwerra mwettqa hemmhekk f'isem il-Federazzjoni Russa; billi dawn jinkludu, b'mod partikolari, l-istazzjon tar-radju Echo ta' Moska, l-istazzjon televiżiv Dozhd u l-gazzetta Novaya Gazeta; billi l-awtoritajiet imblukkaw il-media soċjali barranija fir-Russja u poġġew fuq blacklist lil Meta, il-kumpanija omm ta' Facebook, Instagram u WhatsApp, u ttikkettawha bħala "estremista";

H. billi mill-bidu tal-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna, mijiet ta' ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti u oħrajn telqu mir-Russja minħabba r-riskju drastikament akbar ta' arrest u prosekuzzjoni arbitrarji, inkluż wara li l-President Putin irrefera għal dawk li qed jiddefendu l-gwerra bħala "tradituri nazzjonali" u "l-ħames kolonna";

I. billi fis-16 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ddeċieda li jirrevoka s-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Kunsill tal-Ewropa, b'mod effettiv minnufih; billi l-Federazzjoni Russa, min-naħa tagħha, iddeċidiet li titlaq mill-Kunsill tal-Ewropa fil-15 ta' Marzu 2022, u b'hekk iċċaħħad liċ-ċittadini Russi mill-protezzjoni minquxa fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ċċaħħadhom mill-aċċess għal rimedji ġudizzjarji quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

J. billi Alexei Navalny, avukat Russu, politiku tal-oppożizzjoni u attivist kontra l-korruzzjoni, u rebbieħ tal-Premju Sakharov 2021, ġie arrestat f'Jannar 2021 u ilu l-ħabs minn Frar 2021, fejn qed jiskonta sentenza arbitrarja u motivata politikament u ġie ripetutament soġġett għal tortura u trattament inuman; billi l-UE kkundannat l-avvelenament u l-priġunerija politikament motivata ta' Alexei Navalny bl-aktar mod qawwi possibbli, imponiet sanzjonijiet immirati u għadha titlob investigazzjoni indipendenti dwar l-avvelenament tiegħu;

K. billi fit-22 ta' Marzu 2022, il-Qorti Lefortovski ta' Moska, wara sessjoni straordinarja li saret f'kamp ta' ħabs u għalhekk barra mill-faċiliatjiet tas-soltu tal-qorti, ikkundannat lil Alexei Navalny għal disa' snin ħabs f'ħabs b'sigurtà massima u tagħtu multa amministrattiva ta' RUB 1,2 miljun (madwar EUR 12 838); billi din is-sentenza tikser b'mod ċar id-dritt internazzjonali u l-Kostituzzjoni Russa u hija illegali, arbitrarja u politikament motivata daqs is-sentenza preċedenti;

L. billi għadd ta' attivisti ġew arrestati u mħarrka jew ġew mhedda b'dan talli appoġġaw jew ikkollaboraw ma' Alexei Navalny jew talli appoġġaw l-ideat tiegħu, bħall-istrateġija ta' votazzjoni intelliġenti; billi ġew akkużati u mħarrka għal tali appoġġ permezz tal-applikazzjoni retroattiva ta' liġijiet jew deċiżjonijiet amministrattivi ġodda fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tagħhom fuq il-media soċjali, u ħafna minnhom telqu mir-Russja wara li ffaċċjaw akkużi kriminali; billi l-Fondazzjoni Kontra l-Korruzzjoni ta' Alexei Navalny ġiet ikklassifikata bħala "estremista";

1. Jikkundanna r-repressjoni interna tar-reġim Russu, li marret għall-agħar wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jitlob li l-awtoritajiet Russi jwaqqfu l-fastidju, l-intimidazzjoni u l-attakki kontra d-dimostranti kontra l-gwerra, l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, l-NGOs, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-avukati kollha, kif ukoll l-attivisti favur id-drittijiet tan-nisa, l-LGBTQI+ u l-ambjent fir-Russja; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-forzi demokratiċi fir-Russja, li huma impenjati favur soċjetà miftuħa u ħielsa, u jissottolinja l-appoġġ tiegħu għall-individwi u l-organizzazzjonijiet kollha li kienu fil-mira ta' attakki u repressjoni;

2. Jikkundanna l-pożizzjoni ideoloġika neo-totalitarja u imperjalista promossa mill-Gvern Russu u l-propagandisti tiegħu; jenfasizza li l-attakk kontra d-demokrazija u n-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet ta' nazzjonijiet oħra witta t-triq tar-Russja lejn id-despotiżmu, l-aggressjoni internazzjonali u d-delitti tal-gwerra; jenfasizza li Russja mhux demokratika tikkostitwixxi theddida kostanti għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Ewropa;

3. Jiddeplora l-leġiżlazzjoni Russa, inklużi dik dwar "aġenti barranin", il-bidliet fil-Kodiċi Kriminali introdotti fl-4 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu 2022, u l-Liġi dwar il-Media tal-Massa, li jintużaw biex jitwettaq fastidju ġudizzjarju fuq vuċijiet kritiċi fil-pajjiż u barra mill-pajjiż u biex jimminaw il-media indipendenti; jenfasizza li dawn l-iżviluppi huma f'kontradizzjoni sfaċċata mal-impenji li ħadet ir-Russja b'mod volontarju fl-ambitu tad-dritt internazzjonali u inklużi fil-Kostituzzjoni tagħha stess;

4. Jiddenunzja ċ-ċensura kontinwa u li qed tiżdied mill-awtoritajiet Russi, inkluż fuq l-internet, u jheġġiġhom itemmu minnufih il-kontroll u ċ-ċensura tagħhom;

5. Jikkundanna l-imġiba tal-awtoritajiet Russi fil-persekuzzjoni tal-ommijiet ta' suldati Russi u l-organizzazzjonijiet stabbiliti tagħhom, peress li qed iċaħħdu lill-ġenituri Russi minn informazzjoni dwar fejn jinsabu wliedhom u qed jirrifjutaw li jikkooperaw mal-awtoritajiet Ukreni sabiex jirritornaw il-fdalijiet tas-suldati Russi maqtula fl-azzjoni;

6. Jikkundanna r-rwol tal-Patrijark Kirill ta' Moska, kap tal-Knisja Ortodossa Russa, talli pprovda kopertura teoloġika għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; ifaħħar il-kuraġġ tat-300 qassis tal-Knisja Ortodossa Russa li ffirmaw ittra li tikkundanna l-aggressjoni, u li fiha esprimew dieqa kbira minħabba l-esperjenza kiefra li għaddej minnha l-poplu Ukren u talbu li "titwaqqaf il-gwerra";

7. Jikkundanna bil-qawwa l-priġunerija tar-rebbieħ tal-Premju Sakharov, Alexei Navalny, u jtenni t-talba tiegħu għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tiegħu, kif ukoll tal-mijiet ta' ċittadini Russi oħra li ġew detenuti mingħajr motivi iżda sempliċement talli kellhom il-kuraġġ li jipprotestaw favur id-demokrazija u l-paċi jew biex itejbu d-drittijiet tagħhom, inklużi d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda paċifika; jistieden lill-awtoritajiet Russi jtejbu l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet u fil-faċilitajiet ta' detenzjoni sabiex jissodisfaw l-istandards internazzjonali; iqis li s-sitwazzjoni umanitarja, ta' saħħa u ta' sikurezza ta' Alexei Navalny tikkostitwixxi tħassib prijoritarju għall-UE; jistieden lill-awtoritajiet Russi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu bis-sħiħ id-drittijiet tiegħu matul id-detenzjoni illegali tiegħu; jikkundanna l-fatt li l-proċess kontra Alexei Navalny ma rrispettax id-dritt tiegħu għal proċess ġust u jtenni t-talba tiegħu għal investigazzjoni trasparenti u mingħajr dewmien dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny;

8. Iqis li r-ripressjoni kontra Alexei Navalny, is-sostenituri tiegħu, il-media u s-soċjetà ċivili hija kollha kemm hi intiża bħala parti minn preludju għall-gwerra kriminali ta' aggressjoni tar-Russja, u jtenni li l-pluraliżmu politiku u l-media ħielsa huma l-aħjar salvagwardji u ostakli kontra l-aggressjoni internazzjonali minn gvern mhux demokratiku; iqis li l-isforzi tagħna biex nappoġġaw il-libertà tal-opinjoni u l-media għaċ-ċittadini Russi huma parti intrinsika tal-isforzi tagħna biex niġġieldu l-gwerra u l-aggressjoni fl-Ukrajna;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

9. Jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjonijiet tal-qrati Russi li wasslu għall-għeluq ta' Memorial Internazzjonali u ċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' "Memorial", flimkien waħda mill-eqdem u l-aktar organizzazzjoni prominenti tad-drittijiet tal-bniedem tar-Russja u rebbieħa tal-Premju Sakharov; jikkundanna t-twissijiet kontinwi minn Roskomnadzor kontra Novaya Gazeta dwar iċ-ċensura u l-allegat ksur tal-liġi dwar l-"aġenti barranin", li rriżultaw fit-tħabbira tal-gazzetta li se twaqqaf l-operazzjonijiet sa tmiem il-gwerra fl-Ukrajna; jiddeplora bl-istess mod it-talba tal-Prosekutur Ġenerali Russu biex Roskomnadzor jirrestrinġi l-aċċess għal Echo of Moscow u Dozhd minħabba l-kopertura tagħhom tal-gwerra fl-Ukrajna; ifaħħar ir-rwol ta' dawn l-istabbilimenti, kif ukoll ta' tant organizzazzjonijiet indipendenti u stabbilimenti tal-aħbarijiet oħra li ngħalqu minn dak iż-żmien 'l hawn, fl-iżvelar tal-verità u fil-provvediment ta' fatti dwar id-delitti tar-reġim Sovjetiku u tal-Gvern Russu, kif ukoll l-impenn tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem; jitlob li tintemm ir-ripressjoni sistematika tal-istituzzjonijiet ġurnalistiċi u tal-media indipendenti, li jikkostitwixxu l-pilastri fundamentali tal-libertà u d-demokrazija;

10. Jistieden lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jinvestiga bis-sħiħ u b'urġenza l-ksur tad-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni mwettaq mir-reġim Russu;

11. Jesprimi tħassib serju dwar kif ir-ripressjoni fuq is-soċjetà ċivili Russa, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti favur id-drittijiet tan-nisa, l-attivisti favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u l-komunitajiet LGBTQI + qed tkompli taggrava s-sitwazzjoni ta' gruppi diġà vulnerabbli u persegwitati fil-pajjiż;

12. Itenni li l-ħidma ħielsa u indipendenti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-media hija pedament ta' soċjetà demokratika; jistieden lir-Russja, għalhekk, tistabbilixxi qafas legali ċar kif ukoll ambjent sikur għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-dimostranti, il-media u l-atturi politiċi f'konformità mal-Kostituzzjoni u l-obbligi internazzjonali tar-Russja u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, biex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-ħidma leġittima u utli tagħhom mingħajr indħil; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit rimedju ġuridiku effiċjenti għad-dimostranti, l-attivisti tas-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti li d-drittijiet fundamentali tagħhom ġew miksura;

13. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, jipprovdu assistenza ta' emerġenza u jżidu l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, l-NGOs indipendenti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-media indipendenti li għadhom attivi fir-Russja, inkluża assistenza finanzjarja sostenibbli u flessibbli; jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE u lir-rappreżentanzi tal-Istati Membri fir-Russja juru pubblikament solidarjetà ma' dawk ippersegwitati;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-protezzjoni għad-drittijiet u l-integrità fiżika tal-attivisti, il-ġurnalisti indipendenti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-mira tar-repressjoni tal-awtoritajiet Russi, u jipprovdulhom viżi ta' emerġenza li jippermettulhom jitilqu mill-pajjiż u jsibu kenn temporanju fl-UE, kif ukoll jippermettu lill-NGOs u lill-media Russi mhedda jew ipprojbiti jkomplu l-ħidma tagħhom immedjatament mit-territorju tal-UE jekk ikun meħtieġ;

15. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill jagħmlu użu effettiv mill-Mekkaniżmu ta' Sanzjonijiet Globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u jimponu miżuri restrittivi fuq l-uffiċjali Russi kollha involuti fir-repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-media indipendenti u d-dimostranti paċifiċi, kif ukoll fl-aħħar każ reċenti kontra Alexei Navalny;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu u jiġġieldu t-tixrid tad-diżinformazzjoni, inkluża l-propaganda, u jsaħħu l-media indipendenti; jilqa', għalhekk, l-iżvilupp ta' pjattaformi u aħbarijiet speċifiċi bir-Russu u bl-Ukren; jitlob li jittejbu l-komunikazzjonijiet strateġiċi tal-UE u li jiġu esplorati modi effettivi biex tiġi miġġielda l-propaganda tal-gwerra li toriġina mir-Russja minn strumenti bħal Rossija, Channel One Russia u NTV, li jxerrdu kontenut li japprova l-gwerra tal-aggressjoni u li jxerrdu diżinformazzjoni dwarha man-nies; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jkomplu jsaħħu l-informazzjoni alternattiva online bil-lingwa Russa dwar l-iżviluppi li qed iseħħu sabiex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, ikomplu jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-UE u tal-Istati Membri jiġu tradotti bir-Russu u jindirizzaw lil udjenzi u pjattaformi bil-lingwa Russa;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jospitaw fl-UE timijiet tal-media pprojbiti u jiżviluppaw pjattaforma konġunta għall-media fl-eżilju, kif ukoll jappoġġaw teknoloġiji li jippermettu lin-nies jużaw l-internet biex jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari l-libertà tal-informazzjoni u tal-espressjoni, u jappoġġaw it-tfittxija tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, billi jistabbilixxu mezzi teknoloġiċi biex jevitaw is-sorveljanza tal-komunikazzjoni u l-imblukkar ta' siti web u applikazzjonijiet fir-Russja, inklużi dawk b'teknoloġija baxxa, permezz ta' M-waves, pjattaforma VPN Russia, networks ta' anonimizzazzjoni u televiżjoni bis-satellita;

18. Jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE u lir-rappreżentanzi diplomatiċi nazzjonali fir-Russja jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni fil-post u kif jiġu ttrattati l-proċessi, u joffru lil dawk ikkonċernati kwalunkwe appoġġ li jista' jkollhom bżonn, inkluża assistenza finanzjarja diretta biex iħallsu għall-avukati u l-esperti; jistieden lill-gvernijiet kollha jirrifjutaw kwalunkwe talba futura ta' estradizzjoni għal ċittadini Russi b'rabta ma' reati skont il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi dwar ir-Reati Amministrattivi;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw status umanitarju u joħolqu possibbiltajiet ta' migrazzjoni sikura għall-oppożizzjoni Russa, is-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-media mhedda, inkluż l-iżgurar ta' opportunitajiet biex igawdu minn residenza u xogħol fit-tul fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmu għall-protezzjoni tas-suldati Russi li jiddeċiedu li jiddiżertaw; jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji, il-banek, il-kumpaniji tal-karti tal-kreditu u l-awtoritajiet tal-gvern jintroduċu proċeduri ta' skrinjar għall-applikazzjoni mfassla apposta ta' sanzjonijiet kontra ċ-ċittadini Russi fl-UE sabiex jippermettu lill-attivisti tal-oppożizzjoni, lis-soċjetà ċivili indipendenti u lir-rappreżentanti tal-media jżommu l-aċċess għall-assi finanzjarji tagħhom meħtieġa biex jiżguraw l-eżistenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea;

20. Ifakkar li l-kollaborazzjoni akkademika u kulturali fil-livell individwali, anke fi żminijiet ta' kunflitt, tista' tgħin biex issaħħaħ l-ilħna pluralistiċi f'ċirkostanzi anti-demokratiċi u sservi bħala bażi biex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment mill-ġdid ta' relazzjonijiet wara l-kunflitt; jissottolinja li l-komunità xjentifika Russa kienet mira primarja ta' repressjoni mir-reġim ta' Putin;

21. Jenfasizza l-valur strateġiku tal-kontribut tal-akkademiċi Russi li jopponu l-gwerra sabiex jiġi analizzat aħjar ir-reġim ta' Putin u kif għandu jiġi miġġieled; jitlob strateġija tal-UE li tippermetti lill-istudenti u lill-professuri Russi jkomplu l-istudji u l-ħidma tagħhom b'mod uffiċjali fl-universitajiet Ewropej, b'mod partikolari fid-dixxiplini umanitarji, u li jirċievu d-diplomi korrispondenti tagħhom;

22. Jitlob lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw id-drittijiet tal-bniedem u l-konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili fid-djalogi kollha bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u r-Russja, u jirrispettaw l-impenn tagħhom favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

23. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jkomplu jinvolvu ruħhom mal-poplu tar-Russja u mas-soċjetà ċivili Russa fl-eżilju; iħeġġeġ lill-UE turi r-rieda tagħha li tappoġġa lis-soċjetà ċivili Russa fl-isforzi tagħha biex tibni Russja demokratika, u tilqa' lura fil-komunità internazzjonali Russja demokratika u responsabbli;

24. Jistieden lill-UE taħtar mibgħut speċjali għal Russja demokratika, li għandu jkun responsabbli għar-relazzjonijiet mal-poplu Russu, b'mod partikolari mad-difensuri tad-demokrazija fl-eżilju u ma' dawk li baqgħu fir-Russja u li jridu li l-pajjiż jerġa' lura fit-triq tad-demokrazija;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-SEAE, tgħin fl-istabbiliment u l-appoġġ ta' Ċentru għal Russja Demokratika sabiex ikun hemm djalogu kontinwu mal-komunità demokratika Russa, b'mod partikolari mal-kumitat ta' kontra l-gwerra stabbilit mill-attivisti tal-oppożizzjoni demokratika Russa, sabiex jipprovdi komunikazzjoni diretta mal-poplu Russu, jiżviluppa flimkien mas-soċjetà ċivili strateġija tal-UE għal Russja demokratika futura, itejjeb l-integrazzjoni ta' emigranti ġodda mir-Russja permezz ta' programmi edukattivi, u jorganizza summits annwali tal-UE mar-Russja demokratika fl-eżilju;

26. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni koordinata ma' pajjiżi tal-istess fehma biex iqajmu kuxjenza dwar ir-restrizzjonijiet tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem u l-oppożizzjoni tagħhom min-naħa tal-awtoritajiet Russi, inkluż permezz ta' interventi ta' livell għoli u pubbliċi, inizjattivi kkoordinati, skrutinju sostnut fil-fora internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll valutazzjonijiet regolari tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem biex jiġi żgurat li l-involviment mar-Russja ma jimminax l-objettivi tad-drittijiet tal-bniedem u ma jikkontribwixxix, direttament jew indirettament, għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

27. Jinnota li skont iċ-Ċentru ta' Levada, 83 % tar-Russi jappoġġaw il-gwerra ta' Putin fl-Ukrajna, filwaqt li l-perċentwal tar-Russi li jgħidu li l-pajjiż qed jimxi fid-direzzjoni t-tajba żdied minn 52 % għal 69 %, l-ogħla livell irreġistrat mill-1996; ifaħħar, f'dan ir-rigward, lil dawk l-individwi kuraġġużi li jipprotestaw b'mod miftuħ u jopponu l-imperjaliżmu Russu fl-aktar forma reċenti tiegħu, jiġifieri l-invażjoni tal-Ukrajna, minkejja l-brutalità tal-politika dwar l-irvellijiet, kif ukoll pressjonijiet mill-media u soċjali; iħeġġeġ liċ-ċittadini tal-UE, madankollu, ma jqabblux liċ-ċittadini Russi kollha mal-azzjonijiet brutali tat-tmexxija u tal-militar tagħhom fl-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw u jipproteġu l-ilħna kritiċi fi ħdan id-dijaspora Russa li qed iħabbtu wiċċhom ma' theddid mill-awtoritajiet Russi; jikkundanna l-manifestazzjonijiet organizzati mid-dijaspori Russi b'appoġġ għall-gwerra jew bi protesta kontra l-aċċettazzjoni tar-rifuġjati Ukreni;

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0126

# Id-dritt għat-tiswija

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar id-dritt għat-tiswija (2022/2515(RSP))**

(2022/C 434/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti [1] ("id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali [2] ("id-Direttiva dwar Kontenut Diġitali"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija [3] ("id-Direttiva dwar l-Ekodisinn"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern ("id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali") [4], u b'mod partikolari l-Anness I tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 "Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi" [5],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari [6],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar ħajja itwal għall-prodotti: benefiċċji għall-konsumaturi u l-kumpaniji [7],

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar id-dritt għat-tiswija (O-000010/2022 – B9-0010/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

A. billi l-Parlament saħaq f'diversi okkażjonijiet [8] fuq l-importanza li l-konsumaturi jingħataw dritt għat-tiswija bħala pilastru ewlieni tal-aġenda tal-Ekonomija Ċirkolari fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, peress li jrawwem użu aktar effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi, jipprevjeni u jnaqqas l-iskart u jinkoraġġixxi l-użu u l-użu mill-ġdid estiż tal-prodotti u tal-ekonomija kollaborattiva, filwaqt li jsaħħaħ ukoll id-drittijiet u l-benesseri tal-konsumatur;

B. billi l-ittra ta' intenzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni 2021 [9] thabbar proposta leġiżlattiva għal dritt għat-tiswija bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin għall-2022 u billi din il-proposta għandha tiġi adottata f'koordinazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi leġiżlattivi relatati, bħall-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli u l-inizjattiva "L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika", li kollha għandhom l-għan li jiksbu prodotti u xejriet ta' konsum aktar sostenibbli;

[1] ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28.
[2] ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1.
[3] ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.
[4] ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
[5] ĠU C 425, 20.10.2021, p. 10.
[6] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 11.
[7] ĠU C 334, 19.9.2018, p. 60.
[8] Riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2020 "Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi"; ir-riżoluzzjoni tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari.
[9] Il-Kummissjoni Ewropea, Ittra ta' Intenzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni 2021, 15 ta' Settembru 2021.

C. billi l-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika sal-5 ta' April 2022 dwar il-konsum sostenibbli tal-oġġetti – il-promozzjoni tat-tiswija u l-użu mill-ġdid; billi l-Kummissjoni għandha l-għan li tipproponi Direttiva li temenda d-Direttiva dwar il-bejgħ tal-oġġetti u qed tikkunsidra li tipproponi att leġiżlattiv separat dwar id-dritt għat-tiswija;

D. billi d-Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali u d-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti fihom oqfsa komprensivi li jkopru elementi essenzjali tad-dritt kuntrattwali tal-konsumatur bħal dwar ir-rekwiżiti għall-konformità mal-kuntratt u r-rimedji disponibbli għall-konsumaturi minħabba nuqqas ta' konformità, inklużi dispożizzjonijiet dwar it-tiswija, is-sostituzzjoni, l-introduzzjoni ta' kontenut jew ta' servizzi diġitali f'konformità, it-tnaqqis fil-prezzijiet u t-terminazzjoni tal-kuntratt, kif ukoll regoli dwar il-modalitajiet ewlenin għall-eżerċitar ta' tali rimedji u dwar garanziji kummerċjali;

E. billi 79 % taċ-ċittadini tal-UE jaħsbu li l-manifatturi għandhom jintalbu jiffaċilitaw it-tiswija ta' apparati diġitali jew is-sostituzzjoni tal-partijiet individwali tagħhom; billi 77 % taċ-ċittadini tal-UE jippreferu jsewwu l-apparati tagħhom milli jissostitwixxuhom; billi n-negozji tat-tiswija jistgħu jkunu sors ta' impjiegi lokali u ta' għarfien espert speċifiku fl-Ewropa;

F. billi l-kriżi tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa li jiġu stabbiliti mudelli kummerċjali ġodda u aktar reżiljenti u li jiġu appoġġjati n-negozji Ewropej, u b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), il-mikrointrapriżi u dawk li jaħdmu għal rashom;

G. billi l-għoti tad-dritt għat-tiswija lill-konsumaturi jkun strumentali biex titmexxa 'l quddiem it-tranżizzjoni industrijali tal-Ewropa u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha u fl-awtonomija strateġika miftuħa; billi l-inkoraġġiment ta' kultura ta' tiswija joffri sorsi ta' opportunitajiet ekonomiċi u soċjali f'termini ta' intraprenditorija u ta' ħolqien ta' impjiegi; billi l-prodotti sostenibbli huma ta' benefiċċju kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi billi jagħtu spinta lid-domanda fl-oġġetti sostenibbli u l-provvista tagħhom;

H. billi għadd ta' ostakli jipprevjenu lill-konsumaturi milli jagħżlu tiswija, inkluż in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni, in-nuqqas ta' aċċess għall-parts tal-bdil, in-nuqqas ta' standardizzazzjoni u interoperabbiltà, jew ostakli tekniċi oħra, u l-ispejjeż tat-tiswija;

I. billi l-e-skart huwa l-fluss tal-iskart li qed jikber l-aktar malajr fid-dinja, b'aktar minn 53 miljun tunnellata ta' skart elettroniku mormi fl-2019;

1. Jenfasizza li dritt effettiv għat-tiswija għandu jindirizza aspetti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott u jiġi indirizzat minn oqsma ta' politika interkonnessi differenti, inkluż id-disinn tal-prodott, il-prinċipji etiċi ewlenin tal-produzzjoni, l-istandardizzazzjoni, l-informazzjoni għall-konsumatur, inkluż it-tikkettar dwar il-possibbiltà ta' tiswija, u dwar il-ħajja tal-prodott fejn possibbli u xieraq, id-drittijiet u l-garanziji tal-konsumatur, u l-akkwist pubbliku;

2. Jenfasizza li l-inizjattiva dwar id-dritt għat-tiswija trid tkun proporzjonata, ibbażata fuq l-evidenza u kosteffiċjenti, u tibbilanċja l-prinċipji tas-sostenibbiltà, tal-protezzjoni tal-konsumatur u ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna sabiex il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jħaddnu l-opportunitajiet inerenti għat-tranżizzjoni ekoloġika;

3. Jenfasizza li dritt effettiv għat-tiswija għandu joħloq vantaġġi kompetittivi sinifikanti għan-negozji Ewropej filwaqt li jżomm lura milli jpoġġi kwalunkwe forma ta' piż finanzjarju sproporzjonat fuqhom, u għandu jispira l-innovazzjoni u jħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji sostenibbli, filwaqt li jqis l-iżviluppi tas-suq u l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-konsumaturi;

### *Id-disinn ta' prodotti li jdumu aktar u li jistgħu jissewwew*

4. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli li tirrevedi d-Direttiva dwar l-Ekodisinn u li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha lil hinn mill-prodotti relatati mal-enerġija;

5. Ifakkar li l-manifattura ta' prodotti konformi, sostenibbli u sikuri hija vantaġġ ewlieni tas-suq uniku tal-UE li hija ta' benefiċċju kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-manifatturi jiddisinjaw il-prodotti tagħhom b'tali mod li jdumu aktar, ikunu jistgħu jissewwew b'mod sikur u l-partijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu aċċessati u mneħħija faċilment;

6. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess aħjar mill-utenti finali u mill-fornituri indipendenti tas-servizzi ta' tiswija għall-parts tal-bdil u għall-manwali tal-istruzzjonijiet fi żmien raġonevoli u bi spiża raġonevoli, għal perjodu li jikkorrispondi għat-tul ta' ħajja mistenni tal-prodott;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-rekwiżiti tad-durabbiltà u tat-tiswija f’Direttiva futura dwar l-Ekodisinn b’kamp ta’ applikazzjoni usa’; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu analizzati bir-reqqa r-rekwiżiti prodott bi prodott biex jiġi żgurat li jintgħażel l-aktar rekwiżit adatt għall-iskop, filwaqt li jiġi nnotat pereżempju li għal xi prodotti d-disinn modulari se jagħmel it-tiswijiet aktar faċli u jtawwal il-ħajja tal-prodott, filwaqt li għal prodotti oħrajn id-disinn modulari jew l-obbligu li tiġi żgurata t-tiswija jistgħu jikkompromettu d-durabbiltà;

8. Jenfasizza li fl-2019 ġew adottati għadd ta’ miżuri ta’ implimentazzjoni skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn li jintroduċu perjodu obbligatorju għall-forniment ta’ parts tal-bdil u żminijiet massimi għall-konsenja, kif ukoll rekwiżiti tad-disinn dwar iż-żarmar/l-assemblaġġ tal-komponenti; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, testendi l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ tali miżuri għal kategoriji oħra ta’ prodotti, inklużi prodotti mhux relatati mal-enerġija, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tagħhom;

9. Ifakkar li l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għall-atturi kollha fis-settur tat-tiswija huwa kruċjali biex il-konsumaturi jingħataw aċċess akbar għas-servizzi ta’ tiswija; jinsisti għalhekk li “dritt għat-tiswija” xieraq għandu jipprovdi lill-atturi fl-industrija tat-tiswija, inklużi s-sewwejja indipendenti, u lill-konsumaturi b’aċċess għall-informazzjoni meħtieġa dwar it-tiswija u l-manutenzjoni mingħajr ħlas, inkluża informazzjoni dwar għodod dijanjostiċi, parts tal-bdil, software u aġġornamenti, meħtieġa biex jitwettqu tiswijiet u manutenzjoni; ifakkar fl-importanza ta’ ambjent tan-negozju innovattiv u r-rispett għas-sigrieti tal-mestier;

10. Jenfasizza li l-oġġetti b’elementi diġitali jirrikjedu attenzjoni speċjali; jisħaq b’mod partikolari li l-aġġornamenti tas-software għandhom ikunu disponibbli għal perjodu minimu f’konformità mad-Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali; jinsisti li l-konsumaturi għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ dwar id-disponibbiltà ta’ aġġornamenti fil-ħin tax-xiri; iżid jgħid li l-aġġornamenti tal-funzjonalità għandhom ikunu riversibbli u ma jwasslux għal tnaqqis fil-prestazzjoni; jinnota li l-prattiki li jillimitaw bla bżonn id-dritt għat-tiswija jew li jwasslu għall-obsolexxenza jistgħu jitqiesu bħala prattiki kummerċjali żleali u għalhekk jiżdiedu mal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali;

***L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi biex jagħżlu prodotti li jissewwew***

11. Huwa tal-fehma li t-titjib tal-informazzjoni għall-konsumatur dwar il-possibbiltà ta’ tiswija tal-prodotti huwa kruċjali biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jkollhom rwol aktar attiv fl-ekonomija ċirkolari; iqis li informazzjoni mtejba għall-konsumatur tippermetti lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar dwar ix-xiri, li jistgħu jixprunaw is-suq lejn prodotti b’possibbiltà akbar ta’ tiswija; jilqa’ għalhekk l-inizjattiva mħabbra tal-Kummissjoni dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika;

12. Jissottolinja li l-konsumaturi għandhom jirċievu informazzjoni affidabbli, ċara u li tinftiehem faċilment fil-punt tal-bejgħ dwar id-durabbiltà u l-possibbiltà ta’ tiswija ta’ prodott, biex tgħinhom iqabblu u jidentifikaw l-aktar prodotti sostenibbli disponibbli fis-suq; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi regoli armonizzati għal tali informazzjoni għall-konsumatur, inkluż, fost informazzjoni oħra, punteġġi ta’ tiswija, informazzjoni dwar it-tul ta’ ħajja stmat, informazzjoni dwar il-parts tal-bdil, informazzjoni dwar is-servizzi ta’ tiswija u l-perjodu li matulu l-aġġornamenti tas-software jkunu disponibbli fil-każ ta’ oġġetti b’elementi diġitali, filwaqt li jitqiesu l-imperattivi tas-sikurezza tal-konsumatur; jinnota li, sabiex tkun utli, tali informazzjoni għandha ssir disponibbli fil-ħin tax-xiri;

13. Jitlob lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura li l-informazzjoni dwar il-prodott tkun ibbażata fuq kejl standardizzat, pereżempju għad-durabbiltà, u tibda l-iżvilupp ta’ standards fejn dawn ma jeżistux;

14. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-ekotikketta tal-UE fit-tħeġġiġ tal-adozzjoni mill-industrija tal-politiki tat-tikkettar li jwasslu informazzjoni ewlenija lill-konsumaturi dwar il-ħajja tal-oġġetti, filwaqt li jiġu bbilanċjati l-obbligi fuq il-kumpaniji b’inċentivi kummerċjali pożittivi b’saħħithom biex tinbena l-fiduċja tal-konsumatur; jinnota, madankollu, li din l-iskema ta’ tikkettar hija biss volontarja;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-proposta ta’ rekwiżiti għall-manifatturi biex jistabbilixxu mezzi ta’ tikkettar intelliġenti bħall-kodiċijiet QR u l-passaporti diġitali tal-prodotti fil-leġiżlazzjoni l-ġdida kollha dwar il-prodotti u fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn; jitlob li jiġi żgurat bilanċ fl-iżvilupp ta’ inizjattivi bħall-“passaport tal-prodotti” diġitali Ewropew permezz ta’ kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, filwaqt li jitqies b’mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità u tingħata attenzjoni speċjali biex jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs;

16. Jinsisti li l-konsumaturi li jixtru prodotti online għandhom jirċievu livell simili ta' informazzjoni għal dawk li jixtru offline u li l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jinfurzaw li l-bejjiegħa online jinkludu l-informazzjoni meħtieġa fuq is-siti web tagħhom u meta joffru l-prodotti tagħhom fis-swieq online;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva biex tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' akkwist pubbliku ekoloġiku; iqis li prodotti użati mill-ġdid, imsewwija, manifatturati mill-ġdid, irranġati u prodotti u soluzzjonijiet oħra effiċjenti fl-użu tar-riżorsi li jimminimizzaw l-impatti ambjentali tal-prodotti u s-soluzzjonijiet tul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom u l-għażla prestabbilita fl-akkwist pubbliku, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jekk dawn ma jkunux ippreferuti, għandu japplika l-prinċipju "ikkonforma jew spjega";

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jassistu u jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet, il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet lokali u reġjonali biex iwettqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-konsumaturi dwar l-estensjoni tat-tul ta' ħajja tal-prodotti, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni ċara u affidabbli, pariri u servizzi bħal manutenzjoni, tiswija u użu mill-ġdid;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw inċentivi finanzjarji għas-servizzi ta' tiswija biex jagħmlu t-tiswijiet konvenjenti u attraenti għall-konsumaturi;

***It-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumatur u l-garanziji għal użu aktar fit-tul tal-oġġetti***

20. Jenfasizza li l-konsumaturi Ewropej jista' jkollhom l-oġġetti tagħhom imsewwija jew il-kontenut u s-servizzi diġitali li jinġiebu f'konformità skont id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti u d-Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali; jisħaq li filwaqt li l-konsumaturi għandhom id-dritt li jagħżlu bejn it-tiswija u s-sostituzzjoni għal oġġetti difettużi skont id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti, it-tiswija tista' f'ħafna każijiet tkun għażla aktar effiċjenti fir-riżorsi u newtrali għall-klima; jinnota li l-konsumaturi fil-prattika normalment jippreferu s-sostituzzjoni mit-tiswija, li tista' tkun minħabba l-ispiża għolja tat-tiswija; jisħaq li s-sostituzzjoni tal-prodott għandha tibqa' alternattiva jekk konsumatur u bejjiegħ jaqblu dwar dan, peress li t-tiswija tista' tieħu wisq ħin;

21. Jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi fl-inizjattiva tagħha dwar id-dritt għat-tiswija firxa ta' miżuri bil-għan li tippromwovi u tħeġġeġ lill-konsumaturi, lill-produtturi u lill-kummerċjanti biex jagħżlu li jsewwu minflok jibdlu; jissottolinja li meta tipproponi miżuri bħal dawn, il-Kummissjoni għandha dejjem tqis l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' benesseri tal-konsumatur;

22. Jinnota li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti jista', fost l-oħrajn, jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jagħżlu li jsewwu minflok jibdlu, bħall-obbligu li jipprevedu prodott ta' sostituzzjoni waqt li jkunu qed jissewwew ċerti prodotti; iqis li sabiex tiġi mħeġġa t-tiswija tal-prodott, għandhom jiġu offruti ċerti inċentivi lill-konsumaturi li jagħżlu li jsewwu minflok jibdlu; iqis li garanzija estiża tista' tipprovdi inċentiv biex tintgħażel it-tiswija minflok is-sostituzzjoni; iżid jgħid li l-bejjiegħa għandhom dejjem jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-għażliet kollha disponibbli għalihom b'mod ugwali, inklużi d-drittijiet għat-tiswija u ta' garanzija relatati;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu konġunt ta' responsabbiltà bejn il-manifatturi u l-bejjiegħa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità tal-prodott;

24. Jinnota li l-qafas legali attwali skont id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti jipprevedi perjodu minimu ta' responsabbiltà ta' sentejn biss għal oġġetti difettużi u jħeġġeġ lill-Istati Membri jestenduh; jissottolinja li din hija regola ta' armonizzazzjoni minima u li għadd limitat biss ta' Stati Membri jmorru lil hinn minn dak il-perjodu; jemmen għalhekk li r-rieżami tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti għandu jipproponi wkoll l-estensjoni tal-garanzija legali lil hinn minn sentejn għal xi kategoriji ta' prodotti; jinnota wkoll l-importanza ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-perjodu ta' garanzija legali;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta sa liema punt jista' jiġi propost id-dritt għat-tiswija sabiex l-operaturi tas-suq ikunu jistgħu joffru aċċess faċli u bi prezz raġonevoli għat-tiswijiet anke lil hinn mill-perjodu ta' garanzija;

26. Jisħaq li kwalunkwe proposta għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt xierqa li tinkludi l-analiżijiet xierqa tal-ispejjeż u l-benefiċċji kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji, tqabbil tal-aħjar prattiki fil-livell nazzjonali u ma' pajjiżi mhux tal-UE u l-impatt kwantifikat fuq il-benesseri ġenerali tal-konsumatur, l-ambjent u n-negozji, inklużi l-SMEs, fost aspetti oħra; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż tat-tiswijiet għall-kumpaniji tal-UE fis-suq uniku; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti kollha u li jiġu proposti wkoll indikaturi kwantifikabbli sabiex jitkejjel l-impatt ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni futura;

27. Ifakkar li bħalissa ma hemm l-ebda regola speċifika għat-tiswija ta' oġġetti manifatturati mill-ġdid jew irranġati; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri li jippremjaw lin-negozjanti talli jipprovdu possibbiltajiet ta' tiswija għal oġġetti manifatturati mill-ġdid jew irranġati sabiex tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra tagħmir bħall-miters tal-użu u tipprojbixxi l-qerda ta' oġġetti mhux mibjugħa biex tiffaċilita l-użu mill-ġdid u t-tiswija tal-prodotti;

o

o o

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0128

## Is-sitwazzjoni fl-Afganistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tan-nisa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa (2022/2571(RSP))**

(2022/C 434/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan,

— wara li kkunsidra t-tħabbira tat-Talibani dwar il-ħolqien tal-gvern interim tal-Afganistan tas-7 ta' Settembru 2021,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2626 (2022) tan-NU tas-17 ta' Marzu 2022 dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Missjoni ta' Assistenza tan-NU fl-Afganistan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni għall-istampa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-27 ta' Marzu 2022 dwar l-Afganistan,

— wara li kkunsidra l-lista tal-finalisti għall-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb tal-Parlament Ewropew għas-sena 2021,

— wara li kkunsidra l-Jiem tan-Nisa Afgani fil-Parlament Ewropew fl-1 u t-2 ta' Frar 2022,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-Relazzjonijiet mal-Afganistan tat-23 ta' Marzu 2022 dwar it-tħabbira min-naħa tat-Talibani biex tiġi estiża l-projbizzjoni mill-edukazzjoni għal studenti bniet mis-sitt grad 'il fuq, u d-dikjarazzjoni relatata tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tat-23 ta' Marzu 2022,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-VP/RGħ f'isem l-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Marzu 2022 li titlob il-ftuħ mill-ġdid immedjat tal-iskejjel sekondarji għall-bniet,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar ir-Rifuġjati,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

— wara li kkunsidra l-Patt Globali tan-NU għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari u l-Patt Globali tan-NU dwar ir-Rifuġjati, li segwew id-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Rifuġjati u l-Migranti adottata unanimament mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-19 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tematiċi tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Ministeru tal-Edukazzjoni tat-Talibani ħabbar f'dikjarazzjoni tal-21 ta' Marzu 2022 li "huwa impenjat lejn id-dritt għall-edukazzjoni taċ-ċittadini kollha tiegħu" u kien qed jaħdem biex "jelimina kull tip ta' diskriminazzjoni";

B. billi l-awtoritajiet *de facto* tal-Afganistan fil-15 ta' Jannar 2022 wiegħdu li se jippermettu lill-bniet jirritornaw l-iskola fil-livelli kollha wara l-bidu tas-sena skolastika l-ġdida fit-tieni nofs ta' Marzu 2022;

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

C. billi l-bniet fl-Afganistan kellhom jirritornaw l-iskola fit-23 ta’ Marzu 2022; billi t-Talibani estendew b’mod indefinit il-projbizzjoni li l-istudenti nisa jitħallew jattendu s-seba’ grad ’l fuq sakemm ikunu jistgħu jiddeċiedu liema uniformijiet huma l-iktar xierqa għall-bniet; billi dan iċaħħad lil iktar minn miljun tifla mill-edukazzjoni fil-livell sekondarju u huwa ksur tad-dritt fundamentali għall-edukazzjoni għat-tfal kollha, kif minqux fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

D. billi l-Afganistan huwa kklassifikat fl-aħħar post fl-Indiċi Globali tan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u b’hekk huwa l-iktar pajjiż perikoluż għan-nisa; billi skont il-Proċeduri Speċjali tan-NU, il-mexxejja Talibani qed jippruvaw ineħħu n-nisa u l-bniet mill-ħajja pubblika permezz ta’ diskriminazzjoni sistematika abbażi tal-ġeneru u vjolenza;

E. billi mindu ħadu f’idejhom il-pajjiż fil-15 ta’ Awwissu 2021, it-Talibani għalqu l-Ministeru għall-Affarijiet tan-Nisa u stabbilew mill-ġdid lill-eks Ministeru dwar il-Vizzju u l-Virtù; billi t-Talibani abolixxew *de facto* l-liġijiet kollha infurzati preċedentement, inklużi dawk li jipproteġu lin-nisa, u imponew restrizzjonijiet ħorox fuq l-eżerċizzju, id-dritt għal għaqda paċifika, il-libertà ta’ espressjoni u d-dritt tan-nisa għax-xogħol, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa; billi l-Kummissjoni Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Afganistan (AIHRC) ilha magħluqa mit-teħid tal-poter mit-Talibani;

F. billi skont direttiva ġdida, in-nisa Afgani ma jistgħux jivvjaġġaw distanzi ta’ iktar minn 45 mil (72 km) minn darhom mingħajr ma jkunu akkumpanjati minn qarib raġel; billi din id-direttiva ssegwi direttiva maħruġa f’Novembru 2021 li pprojbiet lill-istazzjonijiet televiżivi milli jxandru programmi b’atturi nisa;

G. billi l-protesti paċifiċi għad-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan qed jitrażżnu bil-forza; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem inħatfu u ma ġiet kondiviża l-ebda informazzjoni dwar fejn jinsabu minkejja l-appelli ripetuti għar-rilaxx tagħhom; billi dawk li nħelsu mill-kustodja għadhom jibżgħu għal ħajjithom;

H. billi l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem qed jiġi rrappurtat kuljum, inklużi arresti, detenzjoni, ħtif, tortura, theddid, estorsjoni, qtil ekstraġudizzjarju, u attakki fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-membri tal-familja tagħhom; billi għad hemm nuqqas sħiħ ta’ obbligu ta’ rendikont għal tali ksur; billi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem ġew affettwati b’mod speċjali; billi l-gruppi ta’ minoranza, bħall-komunità Hazara, ġew fil-mira b’mod speċifiku;

I. billi l-faqar wassal biex il-familji Afgani jorganizzaw żwiġijiet u jiġbru doti għal uliedhom u billi kien hemm żieda ta’ 500 % fiż-żwiġijiet tat-tfal fl-Afganistan mill-implimentazzjoni tal-projbizzjoni skolastika għall-bniet; billi qabel it-teħid tal-poter mit-Talibani, 35 % tal-bniet kienu miżżewġin qabel l-età ta’ 18-il sena, u 9 % qabel l-età ta’ 15-il sena;

J. billi l-Afganistan għandu waħda mill-ogħla rati ta’ mortalità tat-trabi fid-dinja, fejn eluf ta’ nisa qed imutu kull sena minn kawżi relatati mat-tqala li faċilment jistgħu jiġu evitati; billi s-sitwazzjoni soċjoekonomika, li diġà kienet prekarja qabel it-teħid tal-poter mit-Talibani, iddeterjorat b’mod drammatiku taħt l-amministrazzjoni *de facto* u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, nixfiet severi u xitwa ħarxa;

K. billi l-kriżi umanitarja fl-Afganistan hija waħda mill-kriżijiet li qed jiddeterjoraw l-iktar malajr fid-dinja u qed taffettwa b’mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet; billi kważi 100 % tal-unitajiet domestiċi Afgani mmexxija min-nisa qed jiffaċċjaw nuqqas ta’ sigurtà tal-ikel; billi l-politiki l-ġodda introdotti mill-gvern tat-Talibani affettwaw ħafna l-kapaċità tan-nisa li jaqilgħu l-għajxien tagħhom, u dan faqqarhom iktar, filwaqt li ħafna nisa kapijiet ta’ unità domestika ntlaqtu b’mod partikolarment iebes;

L. billi skont ir-rapport ta’ Marzu 2022 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, iktar minn 1,258 miljun Afgan ħarbu minn pajjiżhom fl-2021, id-doppju ta’ dawk li ħarbu f’dawn l-aħħar snin; billi fl-istess ħin, in-numru ta’ persuni spustati internament li rritornaw lejn darhom ittrippla, u fl-2021 laħaq rekord ta’ 3,06 miljun ritorn; billi fir-reġjun kollu, kważi 5 miljun Afgan għadhom spustati barra mill-pajjiż, u 90 % minnhom huma ospitati fil-Pakistan u fl-Iran;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

M. billi skont il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati, 35 % tan-nisa u l-bniet irrappurtaw li ma jħossuhomx sikuri minħabba l-vjolenza abbażi tal-ġeneru meta jfittxu rifuġju fil-pajjiżi ġirien tal-Iran u l-Pakistan; billi 70 % biss tal-bniet huma rreġistrati fi skejjel hemmhekk, meta mqabbla ma' 92 % tas-subien;

N. billi l-UE żiedet l-appoġġ tagħha lill-popolazzjoni billi nediet proġetti li jiswew iktar minn EUR 268,3 miljun li jiffukaw fuq iż-żamma tal-edukazzjoni, is-sostenn tal-għajxien u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika; billi dawn il-proġetti huma parti mill-pakkett globali ta' appoġġ tal-UE ta' EUR 1 biljun imħabbar mill-Kummissjoni f'Ottubru 2021, li jinkludi għajnuna għar-rifuġjati, il-migranti u l-persuni spustati internament u appoġġ lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

O. billi skont Reporters Without Borders, 231 stabbiliment tal-midja ngħalqu fl-Afganistan, li jammonta għal 40 % tal-ħwienet totali fil-pajjiż; billi 80 % tas- 6 400 ġurnalist li tilfu l-impjieg tagħhom huma nisa; billi ġew imposti restrizzjonijiet li jipprojbixxu l-midja lokali u internazzjonali, bħall-BBC, u l-ġurnalisti ġew arrestati, detenuti u msawta;

P. billi s-sanzjonijiet kontra entitajiet u individwi relatati mat-Talibani m'għandhomx jipprevjenu tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-assistenza umanitarja u l-forniment ta' servizzi bażiċi minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs);

Q. billi sal-15 ta' Awwissu 2021, taħt dik li kienet ir-Repubblika tal-Afganistan, in-nisa avvanzaw f'pożizzjonijiet ta' livell għoli bħal Membri tal-Parlament, Ministri, imħallfin, gvernaturi, avukati u ambaxxaturi; billi l-forzi Talibani neħħew bil-forza uffiċjali leġittimi tal-gvern preċedenti u ma inkludewx lin-nisa fil-gvern *de facto* l-ġdid mhux rikonoxxut tagħhom; billi dawn l-awtoritajiet *de facto* m'għandhomx rappreżentanza inklużiva tas-soċjetà diversa tal-Afganistan;

R. billi l-aġenziji tal-intelligence wissew li l-Afganistan jeħtieġlu ma jsirx rifuġju sikur għall-gruppi terroristiċi;

1. Huwa mħasseb ħafna dwar il-kriżi umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem li ilha għaddejja fl-Afganistan mit-teħid tal-poter mit-Talibani; itenni s-solidarjetà soda tiegħu mal-poplu tal-Afganistan u l-impenn tiegħu fil-konfront tal-poplu Afgan; jishaq li d-drittijiet u l-libertajiet bażiċi li l-poplu Afgan gawda matul dawn l-aħħar 20 sena għandhom jiġu rrispettati;

2. Jikkundanna l-fatt li s-sitwazzjoni tan-nisa u tal-bniet fl-Afganistan ilha tiddeterjora b'mod kostanti mit-teħid tal-poter mit-Talibani; jikkundanna l-enfasi persistenti tat-Talibani biex ineħħu lin-nisa u lill-bniet mill-ħajja pubblika u jċaħħduhom mill-iktar drittijiet fundamentali tagħhom inkluż d-dritt għall-edukazzjoni, ix-xogħol u l-kura tas-saħħa;

3. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi, id-deċiżjoni tat-Talibani li jipposponu r-ritorn lejn l-iskola tal-bniet 'l fuq mis-sitt grad b'mod indefinit, minkejja l-impenn preċedenti tagħhom li jippermettu lil kull ċittadin jaċċessa l-edukazzjoni; iħeġġeġ lit-Talibani jreġġgħu lura d-deċiżjonijiet u r-restrizzjonijiet tagħhom immirati speċifikament lejn in-nisa u l-bniet u jiftħu mill-ġdid il-Ministeru għall-Affarijiet tan-Nisa;

4. Jishaq fuq il-fatt li l-aċċess għall-edukazzjoni għan-nisa u l-bniet jeħtieġ, min-naħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha, jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali għal kwalunkwe impenn ulterjuri mal-awtoritajiet Afgani *de facto*;

5. Jistieden lit-Talibani jżommu l-impenn tagħhom li jiżguraw id-dritt għall-edukazzjoni għaċ-ċittadini Afgani kollha, inklużi n-nisa u l-bniet;

6. Jiddeplora r-repressjoni min-naħa tat-Talibani tal-protesti paċifiċi favur id-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan; jitlob il-ħelsien immedjat tal-uffiċjal tal-pulizija mara Alia Azizi, li ġiet arrestata f'Herat f'Ottubru 2021, kif ukoll il-ħelsien ta' kwalunkwe attivisti oħra tad-drittijiet tan-nisa li jistgħu jiġu arrestati, u li l-intimidazzjoni u l-fastidju ta' dawn l-attivisti jitwaqqfu; jitlob li jintemmu l-fastidji, it-theddid u l-attakki kontra l-għalliema u l-istudenti;

7. Jappella lill-awtoritajiet *de facto* jiggarantixxu lin-nisa u lill-bniet kollha d-drittijiet sħaħ u l-aċċess għall-kura tas-saħħa riproduttiva madwar l-Afganistan;

8. Jesprimi tħassib serju li mindu t-Talibani ħadu il-poter f'idejhom, in-nisa u l-bniet ġew iffaċċjati b'riskju akbar ta' sfruttament, inkluż ir-riskju li jiġu ttraffikati għall-finijiet ta' żwieġ furzat, sfruttament sesswali u xogħol furzat; jikkundanna l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Afgani *de facto* biex jiffurmaw gvern inklużiv li jinvolvi lin-nisa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija ġdida tal-UE għall-Afganistan li tkun adattata għas-sitwazzjoni tan-nisa u tal-bniet fil-pajjiż sabiex jiġu promossi b'mod konkret id-drittijiet tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika;

10. Ifakkar li l-UE għandha pożizzjoni soda fir-rigward ta' kwalunkwe impenn politiku mat-Talibani, iggwidata minn parametri referenzjarji tematiċi għal involviment ibbażat fuq il-prinċipji ta' aderenza mad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd u l-istat tad-dritt; huwa tal-fehma li, mill-15 ta' Awwissu 2021 'il hawn, kien hemm biss deterjorament f'dawn il-parametri referenzjarji, li ma jista' jiġġustifika ebda rikonoxximent *de facto* ta' gvern tat-Talibani;

11. Jilqa' r-Riżoluzzjoni 2626 (2022) tan-NU, li ġiet adottata fis-17 ta' Marzu 2022 u li estendiet il-mandat tal-Missjoni ta' Assistenza tan-NU fl-Afganistan; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, jappoġġjaw il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għall-Afganistan, inkluż billi jiddjalogaw mal-atturi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti Afgani kollha biex jiġi żgurat il-ftuħ mill-ġdid tal-iskejjel għall-istudenti bniet kollha mingħajr aktar dewmien;

12. Jieħu nota tat-taħditiet ta' Oslo ta' Jannar 2022 bejn l-uffiċjali Ewropej u dawk tal-Istati Uniti u delegazzjoni tat-Talibani, kif ukoll it-tħassir reċenti min-naħa tal-Istati Uniti tat-Taħditiet ta' Doha b'reazzjoni għad-deċiżjoni tat-Talibani li ma jerġgħux jiftħu l-iskejjel għall-bniet; jenfasizza li kwalunkwe taħditiet nazzjonali ulterjuri mat-Talibani għandhom jinkludu rappreżentanti nisa Afgani;

13. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw u jipproteġu lil dawk li qed jaħarbu mill-Afganistan; itenni l-ħtieġa li jiġi garantit l-istatus ta' avukati nisa Afgani, mexxejja tas-soċjetà ċivili, artisti, atleti u persuni vulnerabbli oħra, speċjalment dawk li ħajjithom tinsab f'riskju, bħall-persuni LGBTQI+; itenni t-talba tiegħu għal programm speċjali dwar il-viżi, skemi ta' risistemazzjoni msaħħa u protezzjoni garantita effettiva għar-rifuġjati Afgani;

14. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi indirizzata l-problema tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa u l-bniet Afgani fil-pajjiżi ospitanti, b'mod partikolari fl-Iran u fil-Pakistan, kif ukoll li jiġi żgurat li jattendu l-iskola, jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jkollhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inklużi s-servizzi tas-saħħa mentali; ifakkar li r-rifuġjati u dawk fi tranżitu huma partikolarment esposti għar-riskju li jesperjenzaw vjolenza abbażi tal-ġeneru; jitlob għalhekk li jiġi allokat finanzjament akbar għall-organizzazzjonijiet u l-aġenziji umanitarji li jwettqu ħidma ta' protezzjoni;

15. Jappella lill-pajjiżi biex itemmu minnufih ir-ritorni ta' individwi lejn l-Afganistan jew lejn pajjiżi terzi fejn jaf ikunu f'riskju li jiġu ritornati lejn l-Afganistan; jitlob monitoraġġ mill-qrib taċ-ċittadini Afgani li diġà ġew ritornati, b'mod partikolari t-tfal;

16. Jikkundanna l-għadd dejjem jikber ta' rapporti ta' qtil, fastidju u intimidazzjoni ta' minoranzi etniċi u reliġjużi;

17. Jinsab imħasseb ħafna li t-Talibani għal darb' oħra qed jipprovdu rifuġju sikur lill-gruppi terroristiċi; jinsisti li t-Talibani u l-awtoritajiet *de facto* tal-Afganistan jeħtiġilhom jissodisfaw l-impenji tagħhom kontra t-terroriżmu;

18. Ifakkar fl-istruzzjoni tiegħu lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex iwassal il-messaġġ lit-tmexxija tal-Pakistan li ġġorr responsabbiltà għas-sigurtà u l-istabbiltà fl-Afganistan u li jeħtiġilha tuża l-influwenza tagħha fuq it-Talibani biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, inkluż l-iżgurar tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għan-nisa u l-bniet Afgani;

19. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u tħeġġeġ ir-rwol prattiku kostruttiv tagħhom fis-sistemazzjoni tar-rifuġjati Afgani; jisħaq fuq il-fatt li din il-kooperazzjoni ma għandhiex iddgħajjef id-difiża tal-UE tal-valuri fundamentali u tal-istat tad-dritt;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

20. Jenfasizza li l-ħelsien tan-nisa u tal-bniet se jibqa' ma jistax jintlaħaq sakemm tkompli l-katastrofi umanitarja; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jindirizzaw il-fatturi ewlenin tal-kriżi umanitarja li għaddejja billi jagħmlu kull sforz biex jespandu l-assistenza umanitarja, isegwu approċċ sensittiv għall-ġeneru, jerġgħu jistabbilixxu l-likwidità u jżommu servizzi soċjali bażiċi; jitlob it-tneħħija tal-iffriżar tal-assi Afgani u ż-żieda fl-appoġġ finanzjarju għal programmi bħall-assistenza mid-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA), li tiffoka fuq il-ħtiġijiet bażiċi u l-għajxien u l-Fond Fiduċjarju tal-Bank Dinji għar-Rikostruzzjoni tal-Afganistan; jissottolinja li l-finanzjament umanitarju għandu jsir aċċessibbli b'mod flessibbli permezz ta' sistema bankarja li tiffunzjona u għandu jiġi pprovdut lil NGOs kredibbli u lil organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità li joperaw fl-Afganistan, inklużi organizzazzjonijiet lokali tan-nisa;

21. Jieħu nota tal-preżenza stabbilita mill-ġdid fuq il-post tad-Delegazzjoni tal-UE f'Kabul għall-fini tal-koordinazzjoni tal-għajnuna umanitarja u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni umanitarja; jissottolinja bil-qawwa li dan ma jikkostitwixxix rikonoxximent tar-reġim tat-Talibani mill-UE;

22. Jiddispjaċih għall-fatt li, fil-31 ta' Marzu 2022, id-donaturi internazzjonali, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, wiegħdu biss USD 2,44 biljun b'rispons għall-appell tan-NU ta' USD 4,4 biljun għall-Pjan ta' Rispons Umanitarju 2022 tagħha biex tingħata għajnuna umanitarja fl-Afganistan; iħeġġeġ lill-Kummissjoni talloka fondi adegwati u speċifiċi, u timplimenta, il-programmi u l-proġetti tad-drittijiet tan-nisa bħala parti minn impenn komprensiv u fit-tul għall-appoġġ tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan;

23. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' aċċess umanitarju mingħajr xkiel biex jiġi żgurat li l-fondi impenjati jilħqu tassew lil dawk affettwati; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrevedu u jaġġustaw il-miżuri attwali kif xieraq; ifakkar li l-għajnuna umanitarja trid tkun newtrali, imparzjali, umana u indipendenti u qatt ma għandha tkun soġġetta għal ebda kundizzjonalità; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jwasslu b'mod konsistenti l-messaġġ li l-għoti ta' assistenza umanitarja mhuwiex kundizzjonali fuq il-ħames parametri referenzjarji tal-Kunsill għall-interazzjoni mat-Talibani;

24. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, fid-dawl tal-Avveniment ta' Livell Għoli b'Appell għal Wegħdiet ta' Donazzjonijiet tan-NU dwar l-Appoġġ għar-Rispons Umanitarju fl-Afganistan, li sar fil-31 ta' Marzu 2022, biex jieħdu passi ulterjuri bil-għan li l-għajnuna umanitarja ssir aktar trasparenti u effettiva; iqis, għalhekk, li huwa essenzjali li jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzjament umanitarju permezz ta' sistema bankarja funzjonali sabiex jiġu pprovduti fondi lil NGOs affidabbli li jaħdmu fil-pajjiż;

25. Ifaħħar il-qlubija tal-bniet u n-nisa li jieħdu sehem fil-protesti; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jiddjalogaw mal-awtoritajiet *de facto* tal-Afganistan biex jitolbu informazzjoni dwar l-attivisti tad-drittijiet tan-nisa li huma maħsuba li ġew detenuti u sparixxew, u jitolbu l-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tagħhom; jitlob li t-Talibani jwaqqfu minnufih dawn il-prattiki arbitrarji u extraġudizzjarji u jiżguraw il-libertà ta' għaqda paċifika u ta' espressjoni;

26. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-appoġġ tagħhom lill-attivisti tad-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan u jimplimentaw bis-sħiħ il-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jiżguraw li tinżamm ir-responsabbiltà għall-ksur permezz ta' promozzjoni privata u pubblika dwar każijiet individwali;

27. Jitlob li r-Rapporteur Speċjali l-ġdid dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan jingħata biżżejjed fondi, għarfien espert u appoġġ diplomatiku biex iwettaq il-mandat tiegħu; jistieden lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jistabbilixxi kummissjoni ta' inkjesta internazzjonali indipendenti b'mandat pluriennali u riżorsi adegwati biex tiddokumenta, tirrapporta u tiġbor evidenza ta' ksur, inkluż ksur tad-drittijiet tan-nisa;

28. Jilqa' t-tnedija tal-Forum tal-Mexxejja Nisa Afgani; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiffaċilitaw l-organizzazzjoni tal-ewwel Konferenza Internazzjonali tan-Nisa Afgani sabiex isemmgħu leħinhom fl-Afganistan u internazzjonalment, jibnu mill-ġdid in-networks tan-nisa u jappoġġjaw il-ħidma tal-Forum tal-Mexxejja Nisa Afgani b'mod aktar inklużiv; jappoġġja l-istabbiliment tal-Università Online għall-Afgani f'Eżilju, b'appoġġ finanzjarju mill-UE;

29. Jistieden lill-membri parlamentari Afgani, lill-eks uffiċjali tal-gvern u lill-attivisti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb għas-sena 2021, jinvolvu ruħhom b'mod attiv mad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-Afganistan, il-kumitati rilevanti u korpi oħra fi sforz biex jiġi żgurat li l-politika tal-UE b'appoġġ għall-Afganistan twieġeb għall-ħtiġijiet tal-poplu Afgan;

30. Jappoġġja t-talbiet tas-soċjetà ċivili Afgana, b'mod partikolari dawk tal-parteċipanti fil-Jiem tan-Nisa Afgani fil-Parlament Ewropew, biex il-gvern *de facto* tat-Talibani jinżamm responsabbli għal reati preċedenti u biex l-atroċitajiet li wettaq ma jintesewx;

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Membri tal-Assemblea Nazzjonali Afgana, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-uffiċċju politiku tat-Talibani f'Doha.

**It-Tlieta 5 ta’ April 2022**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0101

## Reviżjoni tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-5 ta’ April 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta’ kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra sal-2030 (COM(2021)0571 – C9-0325/2021 – 2021/0202(COD))** [1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2022/C 434/15)

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Ftehim ta’ Pariġi, adottat f’Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) daħal fis-seħħ f’Novembru 2016 (“il-Ftehim ta’ Pariġi”) [3]. Il-Partijiet għall-Ftehim ta’ Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali. | (1) Il-Ftehim ta’ Pariġi, adottat f’Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) daħal fis-seħħ f’Novembru 2016 (“il-Ftehim ta’ Pariġi”) [3]. Il-Partijiet għall-Ftehim ta’ Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali. ***Bl-adozzjoni tal-Patt Klimatiku ta’ Glasgow, il-Partijiet għall-Ftehim ta’ Pariġi rrikonoxxew li l-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1,5 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali tnaqqas b’mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sa tmiem l-2022 biex inaqqsu d-diskrepanza fl-ambizzjoni, f’konformità mas-sejbiet tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). Dan għandu jsir b’mod li jkun ekwu u jirrispetta l-prinċipju ta’ responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti. Ir-reviżjoni tal-Iskema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta’ Kwoti*** |

(3) Il-Ftehim ta’ Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

(1) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 59(4), ir-rabà subparagrafu (A9-0045/2022).

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***tal-Emissjonijiet (EU ETS), inkluża r-riżerva tal-istabbiltà tas-suq tagħha, hija opportunità unika biex tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-azzjoni dwar il-klima tal-Unjoni qabel is-27 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Partijiet (COP 27) għall-UNFCCC fl-Eġittu.*** |

([3]) Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-urġenza tal-ħtieġa li l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi ta' 1,5 °C jinżamm ħaj saret aktar sinifikanti wara s-sejbiet tal-IPCC fir-rapport tiegħu tas-7 ta' Awwissu 2021 bit-titolu "Climate Change 2021: The Physical Science Basis" (It-Tibdil fil-Klima 2021: Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika). L-IPCC sab li t-temperatura globali se tilħaq jew taqbeż il-marka ta' 1,5 °C aktar kmieni milli kien antiċipat preċedentement, jiġifieri fl-20 sena li ġejjin. Dan sab ukoll li sakemm ma jkunx hemm tnaqqis immedjat u ambizzjuż fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, mhux se jkun aktar possibbli li t-tisħin globali jiġi limitat għal qrib 1,5 °C jew saħansitra 2 °C.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali ([1a]), il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata u ambizzjuża biex tillimita t-tisħin globali għal 1,5 °C u tevita telfien kbir tal-bijodiversità, inkluż billi tindirizza l-inkonsistenzi fil-politiki attwali tal-Unjoni dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali u billi tiżgura li l-proposti leġiżlattivi u baġitarji futuri rilevanti kollha jkunu allinjati bis-sħiħ mal-objettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal inqas minn 1,5 °C u li ma jikkontribwux għat-telfien tal-bijodiversità.*** |

***([1a]) ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.***

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 1c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | *(1c)* ***Il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti hija intensifikata aktar biż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-kundizzjonijiet tat-temp estremi b'riżultat dirett tat-tibdil fil-klima. Skont l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri, l-għadd ta' diżastri rreġistrati madwar id-dinja u l-iskala tat-telf ekonomiku globali kważi rduppjaw f'dawn l-aħħar 20 sena, u ħafna minn din iż-żieda tikkorrispondi għaż-żieda sinifikanti fin-numru ta' diżastri relatati mal-klima.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 1d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | *(1d)* ***Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tindirizza din l-urġenza billi żżid l-isforzi tagħha u tistabbilixxi lilha nnifisha bħala mexxej internazzjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tirrifletti l-prinċipji ta' ekwità u ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u kapaċitajiet rispettivi, kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019 ([4]).<br><br>([4]) COM(2019)0640. | (2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma ***għalhekk*** fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019 ([4]).<br><br>([4]) COM(2019)0640. |

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ***jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri*** u ***inizjattivi ta' tisħiħ reċiproku mmirati lejn il-kisba tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050,*** u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, ***fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi***. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. ***Fl-istess ħin,*** din it-tranżizzjoni taffettwa ***lin-nisa*** u ***lill-irġiel*** b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, bħall-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà ***u l-persuni*** bi sfond razzjali jew etniku minoritarju. Għalhekk irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva***, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura***. | (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ***jipprovdi l-punt tat-tluq għall-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050,*** u ***l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill*** ([1a])***. Dan*** jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, ***filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fi tranżizzjoni ġusta li tindirizza wkoll il-faqar enerġetiku***. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. Din it-tranżizzjoni taffettwa ***lil ħaddiema minn diversi setturi*** u ***lil kull ġeneru*** b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati ***u vulnerabbli***, bħall-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà***, il-persuni*** bi sfond razzjali jew etniku minoritarju ***u l-individwi u l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju inferjuri. Din timponi wkoll sfidi akbar fuq ċerti reġjuni, b'mod partikolari r-reġjuni strutturalment żvantaġġati u periferiċi, kif ukoll dawk insulari***. Għalhekk irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva. |

***([1a]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).***

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (4) Il-ħtieġa u l-valur ***tal-Patt*** Ekoloġiku Ewropew ***kibru biss*** fid-dawl tal-effetti serji ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, li wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom għax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jipprevjenuhom jew jimmitigawhom. Iċ-ċittadini Ewropej għadhom jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima ([5]).<br><br>([5]) Ewrobarometru Speċjali 513 dwar it-Tibdil fil-Klima, 2021 (https://ec.europa.eu/clima/citizens/support_mt). | (4) Il-ħtieġa u l-valur ***ta' Patt*** Ekoloġiku Ewropew ***implimentat sew, jekk xejn, kibru*** fid-dawl tal-effetti serji ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, li wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom għax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jipprevjenuhom jew jimmitigawhom ***b'mod ġust u li jwassal biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inklużi dawk f'riskju ta' faqar enerġetiku***. Iċ-ċittadini Ewropej għadhom jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima ([5]).<br><br>([5]) Ewrobarometru Speċjali 513 dwar it-Tibdil fil-Klima, 2021 (https://ec.europa.eu/clima/citizens/support_mt). |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 4a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(4a) Il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), fir-rapport tagħha tad-29 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Biodiversity and Pandemics" (Il-bijodiversità u l-pandemiji), irrimarkat li l-kawżi sottostanti tal-pandemiji huma l-istess bidliet ambjentali globali li jixprunaw it-telfien tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima. It-tibdil fil-klima għandu għalhekk jiġi mmitigat sabiex tiġi sostnuta u mtejba s-saħħa tal-bijodiversità tagħna, u b'hekk tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem.*** |

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (*[7]*), l-Unjoni stabbiliet ***il-mira*** tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha ***sal-2050 fil-leġiżlazzjoni***. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. | (6) Fir-Regolament (UE) 2021/1119, l-Unjoni stabbiliet ***fil-leġiżlazzjoni l-mira*** tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha ***sa mhux aktar tard mill-2050, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan***. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. ***Dan jenħtieġ li jitwettaq bħala tranżizzjoni ġusta fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura.*** |

***[7] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).***

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kollha tal-ekonomija jridu jikkontribwixxu biex jinkiseb dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet. Għalhekk, l-ambizzjoni tal-Iskema tal-UE ***għan-Negozjar*** ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS), stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), jenħtieġ li tiġi aġġustata biex tkun konformi mal-impenn nett għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra madwar l-ekonomija kollha. | (7) Is-setturi kollha tal-ekonomija jridu jikkontribwixxu biex jinkiseb dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet. Għalhekk, l-ambizzjoni tal-Iskema tal-UE ***għall-Iskambju*** ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS), stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), jenħtieġ li tiġi aġġustata biex tkun konformi mal-impenn nett għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra madwar l-ekonomija kollha***, mal-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni li għandu jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-2050, u mal-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan, kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119***. |

[8] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[8] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ strutturali bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) stabbiliet riżerva tal-istabbiltà tas-suq (ir-"riżerva") fl-2018, li ilha operattiva mill-2019. | (8) Sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ strutturali bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq, ***li dgħajjef l-EU ETS permezz ta' prezzijiet tal-karbonju aktar baxxi, u b'hekk ipprevjena li l-EU ETS tipprovdi inċentivi b'saħħithom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet,*** id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) stabbiliet riżerva tal-istabbiltà tas-suq (ir-"riżerva") fl-2018, li ilha operattiva mill-2019. ***Il-ħolqien tar-riżerva kkontribwixxa għat-tnaqqis tas-surplus tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni b'29 % fl-2019 meta mqabbel mal-livell rekord tal-2013. Madankollu, skont ir-Rapport tal-2021 dwar is-Suq tal-Karbonju, l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni reġa' żdied fl-2020 għal 1 579 biljun kwota, meta mqabbel ma' 1 385 biljun kwota fl-2019. Dik iż-żieda qawwija fis-surplus ġenerali ġiet marbuta ma' domanda aktar baxxa minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tistma li l-assorbiment tas-surplus addizzjonali tal-2020 se jieħu mhux inqas minn erba' snin, u dan se jkompli jdewwem il-ħtieġa urġenti li jiġi assorbit is-surplus storiku u li l-EU ETS issir adatta għall-iskop tagħha. Għalhekk, u mingħajr preġudizzju għal reviżjonijiet ulterjuri tar-riżerva bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li se ssir fl-2022, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja kontinwament il-funzjonament tar-riżerva u tiżgura li r-riżerva tinżamm adattata għall-iskop tagħha f'każ ta' xokkijiet esterni imprevedibbli futuri.*** |
| ([9]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1). | ([9]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1). |

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8a)* ***Riżerva robusta u li tħares 'il quddiem hija essenzjali biex tiġi żgurata l-integrità tal-EU ETS u biex din tiġi ġestita b'mod effettiv sabiex tikkontribwixxi, bħala għodda ta' politika, għall-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, u għall-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2021/1119. Jenħtieġ li l-EU ETS, u għalhekk ir-riżerva, jiġu allinjati wkoll mal-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu riflessi l-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Meta l-għadd ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla mil-limitu massimu stabbilit, ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għal perċentwal partikolari ta' dawn il-kwoti jitnaqqas mill-volumi ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati u mqiegħda fir-riżerva. Sadanittant, għadd korrispondenti ta' kwoti jiġi rilaxxat mir-riżerva lill-Istati Membri, u jiżdied mal-volumi tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jaqa' taħt il-limitu l-aktar baxx stabbilit. | (10) ***Attwalment,*** meta l-għadd ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla mil-limitu massimu stabbilit, ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għal perċentwal partikolari ta' dawn il-kwoti jitnaqqas mill-volumi ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati u mqiegħda fir-riżerva. Sadanittant, għadd korrispondenti ta' kwoti jiġi rilaxxat mir-riżerva lill-Istati Membri, u jiżdied mal-volumi tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jaqa' taħt il-limitu l-aktar baxx stabbilit. |

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [10] emendat id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 billi rduppjat ir-rata perċentwali li għandha tintuża għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu kull sena fir-riżerva minn 12 % għal 24 % sal-31 ta' Diċembru 2023. | (11) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [10] emendat id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 billi rduppjat ir-rata perċentwali li għandha tintuża għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu kull sena fir-riżerva minn 12 % għal 24 % sal-31 ta' Diċembru 2023***, b'hala mod biex jiġi assorbit malajr is-surplus storiku sabiex jiġi pprovdut sinjal tal-prezz aktar b'saħħtu ħalli l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mod kosteffiċjenti. Dik id-deċiżjoni ttieħdet fil-kuntest tal-mira klimatika preċedenti tal-Unjoni għall-2030 li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha jitnaqqsu b'mill-inqas 40 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.*** |
| ([10]) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3). | ([10]) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3). |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-analiżi mwettqa fil-kuntest tar-rieżami tar-riżerva u l-iżviluppi mistennija rilevanti għas-suq tal-karbonju juru li rata ta' 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva kull sena wara l-2023 hija insuffiċjenti biex tipprevjeni żieda sinifikanti fis-surplus ta' kwoti fl-EU ETS. ***Għalhekk, wara l-2023, iċ-ċifra perċentwali jenħtieġ li tkompli tkun 24 %, u l-għadd minimu ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva jenħtieġ li jkompli jkun 200 miljun.*** | (14) L-analiżi mwettqa fil-kuntest tar-rieżami tar-riżerva u l-iżviluppi mistennija rilevanti għas-suq tal-karbonju juru li rata ta' 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva kull sena wara l-2023 hija insuffiċjenti biex tipprevjeni żieda sinifikanti fis-surplus ta' kwoti fl-EU ETS. ***Jekk ir-rata tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva kull sena terġa' lura għal 12 %*** wara l-2023, ***surplus sinifikanti u dannuż ta' kwoti fl-EU ETS jista' jfixkel l-istabbiltà tas-suq u l-funzjonament tajjeb tal-EU ETS***, u ***b'riżultat ta' dan jipperikola l-kisba tat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra neċessarju biex jintlaħqu l-miri klimatiċi legalment vinkolanti, kif imsemmi fil-valutazzjoni tal-impatt*** li ***twettqet mill-Kummissjoni għal din id-Deċiżjoni***. |

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) ***Jekk ir-rata tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni*** li ***għandhom jitqiegħdu fir-riżerva kull sena terġa' lura għal 12*** % wara l-2023***, surplus ta' kwoti fl-EU ETS,*** li ***potenzjalment jagħmel ħsara, jista' jfixkel l-istabbiltà tas-suq. Barra minn hekk, ir-rata ta' 24 % wara l-2023*** jenħtieġ li ***tiġi stabbilita*** separatament mir-rieżami ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 biex tissaħħaħ l-Iskema tal-UE ***għan-Negozjar*** ta' Kwoti ta' Emissjonijiet f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni ghall-2030 biex tiġi ***żgurata*** l-prevedibbiltà tas-suq. | (15) ***Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat*** li ***r-rata ma terġax lura għal inqas minn 24*** % wara l-2023 ***u*** li ***l-għadd minimu ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva ma jaqax taħt il-200 miljun. Dan*** jenħtieġ li ***jsir*** separatament mir-rieżami ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 biex tissaħħaħ l-Iskema tal-UE ***għall-Iskambju*** ta' Kwoti ta' Emissjonijiet f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni ghall-2030 biex ***jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tempestiv tagħha, u b'hekk*** tiġi ***pprovduta*** l-prevedibbiltà tas-suq ***billi jiġi eliminat ir-riskju li r-rata terġa' taqa' taħt l-24 %. Iż-żamma tar-rata ta' 24 % f'din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal reviżjonijiet ulterjuri tar-riżerva, inkluża, jekk ikun xieraq, ir-reviżjoni tar-rata ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva, bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li se ssir fl-2022.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Ir-rata ta' 24 % wara l-2023 jenħtieġ li tiġi stabbilita separatament mir-rieżami ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 biex tissaħħaħ l-EU ETS f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni għall-2030 biex jiġi żgurat li jkun hemm prevedibbiltà tas-suq.*** |

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 15b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b)*** ***Minħabba li l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-kontinwazzjoni tal-parametri attwali tar-riżerva ta' stabbiltà tas-suq kif stabbilit skont id-Direttiva (UE) 2018/410, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.*** |

**It-Tlieta 5 ta’ April 2022**

P9_TA(2022)0102

## L-użu ta’ vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta’ merkanzija bit-triq ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta’ April 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta’ vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta’ merkanzija bit-triq (13531/1/2021 – C8-0172/2017 – 2017/0113(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2022/C 434/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (13531/1/2021 – C8-0172/2017),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-6 ta’ Diċembru 2017 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta’ Frar 2018 ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2022)0014),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([3]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0282),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0041/2022),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f’konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 129, 11.4.2018, p. 71.
([2]) ĠU C 176, 23.5.2018, p. 57.
([3]) ĠU C 411, 27.11.2020, p. 258.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0105

## Infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għal infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (COM(2020)0824 – C9-0417/2020 – 2020/0360(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2022/C 434/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0824),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0417/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2021 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-1 ta' Lulju 2021 [2],

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-22 ta' Diċembru 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0269/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2020)0360

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2022/869.)*

---

[1] ĠU C 220, 9.6.2021, p. 51.
[2] ĠU C 440, 29.10.2021, p. 105.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0106

# Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2023, Taqsima III – Kummissjoni (2021/2226(BUI))

(2022/C 434/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni [1] (ir-"Regolament Finanzjarju"),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 [2] (ir-"Regolament QFP"),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-tisħiħ ta' programmi speċifiċi u l-adattament ta' atti bażiċi [3],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu ta' rimborżi mill-Faċilità ta' Investiment tal-AKP għall-benefiċċju tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali [4],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka [5],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-trattament tal-ispejjeż tal-imgħax u r-ripagamenti ta' NGEU fil-QFP 2021-2027 [6],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti ġodda bbażati fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni [7],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul assenjat estern u l-għoti u t-teħid b'self fir-Regolament Finanzjarju [8],

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 [9],

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2021)0569),

---

(1) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
(2) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
(3) ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 1.
(4) ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 2.
(5) ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 3.
(6) ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 4.
(7) ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 5.
(8) ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 6.
(9) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 240.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([10]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([11]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2021 biex temenda dik id-Deċiżjoni (COM(2021)0570),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 ([12]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ([13]),

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat mill-Kunsill Ewropew, il-Parlament u l-Kummissjoni f'Novembru 2017, il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-4 ta' Marzu 2021 u d-Dikjarazzjoni ta' Porto dwar l-affarijiet soċjali adottata mill-membri tal-Kunsill Ewropew f'Mejju 2021,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar it-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni diġitali ([14]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" (COM(2021)0118),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([15]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika ([16]) (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima),

— wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar tisħin globali ta' 1,5 °C, dwar it-tibdil fil-klima u l-art, u dwar l-oċeani u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel,

— wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) li saret f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-"Ftehim ta' Pariġi"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([17]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,

(10) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
(11) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.
(12) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23.
(13) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.
(14) ĠU C 494, 8.12.2021, p. 2.
(15) ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.
(16) ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.
(17) Testi adottati, P9_TA(2022)0052.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali 10/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tas-26 ta' Mejju 2021 bit-titolu "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni",

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 ([18]) u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni li huma annessi miegħu,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2022 dwar il-linji gwida baġitarji għall-2023 (07218/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-ittri tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għas-Sajd u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0062/2022),

A. billi f'sensiela ta' riżoluzzjonijiet, il-Parlament irrakkomanda li l-Istati Membri kollha jallokaw minimu ta' 2 % tal-finanzjament tagħhom tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għas-setturi kulturali u kreattivi u minimu ta' 10 % għall-edukazzjoni, u li jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) b'ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw attivitajiet taħt il-Garanzija Ewropea għat-Tfal;

***Baġit 2023: l-irkupru jinżamm fit-triq it-tajba għal kulħadd***

1. Jinnota li minkejja s-sinjali inkoraġġanti li jagħtu lok għal tkabbir ulterjuri mistenni fl-2022, l-inċertezza fil-perspettiva ekonomika għada tippersisti, fid-dawl ta' fatturi bħat-tfixkil fil-katina tal-provvista, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, l-inflazzjoni li qed tiżdied u l-pandemija tal-COVID-19 li għadha għaddejja, kif ukoll il-konsegwenzi tal-invażjoni tal-Ukrajna; ifakkar, għalhekk, li l-baġit tal-Unjoni għall-2023 se jkollu rwol importanti fit-tisħiħ tal-ekonomija tal-Unjoni u l-kompetittività tagħha, kif ukoll fil-bini tar-reżiljenza komuni tagħna, billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ta' tranżizzjoni ġusta, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, u fit-trawwim tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bħala waħda mill-pedamenti tal-irkupru flimkien mar-rispons għall-isfidi ġeopolitiċi;

2. Jimpenja ruħu għalhekk li jaħdem biex jadotta baġit orjentat lejn il-futur li jaqbel mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni li jiżguraw Unjoni tas-Saħħa aktar b'saħħitha, jagħmel suċċess mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u jrawwem irkupru ġust, inklużiv, sostenibbli u reżiljenti, inkluża żieda fl-appoġġ għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs), jippromwovi l-istat tad-dritt, il-valuri tal-UE, u d-drittijiet fundamentali u l-applikazzjoni tagħhom, jikkontribwixxi għal opportunitajiet akbar għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ madwar l-Unjoni kollha, u jiżgura Ewropa aktar b'saħħitha għaċ-ċittadini tagħha u fid-dinja;

3. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-politika ta' koeżjoni tal-UE bħala politika ta' investiment essenzjali tal-Unjoni u wieħed mill-pedamenti ta' rkupru sostenibbli u inklużiv, u jindika l-valur miżjud Ewropew uniku u l-kontribut tagħha għall-iżvilupp armonjuż kumplessiv tal-UE u tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħha; jindika li l-2023 se tkun l-aħħar sena tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020, b'mod partikolari dawk b'ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-koeżjoni, kif ukoll is-sena li fiha l-implimentazzjoni ta' programmi ġodda se tibda żżid fir-ritmu; jistenna għalhekk li dan jiġi rifless f'żieda sostanzjali fl-approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit għall-2023;

4. Jenfasizza l-fatt li l-politika agrikola komuni (PAK) il-ġdida se tidħol fis-seħħ mill-2023; ifakkar fl-importanza ċentrali tal-PAK u l-politika komuni tas-sajd għas-sistema tal-ikel tal-Ewropa li tipprovdi ikel affordabbli u ta' kwalità għolja u sigurtà nutrizzjonali għall-Ewropej kollha; jindika wkoll l-importanza tal-funzjonament xieraq tas-swieq agrikoli, l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni rurali, il-qligħ stabbli u aċċettabbli għall-bdiewa u s-sajjieda, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali

([18]) ĠU L 45, 24.2.2022, p. 1.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

u l-preservazzjoni tal-bijodiversità kif ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali tal-bdiewa; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-agrikoltura fuq skala żgħira, lill-bdiewa żgħażagħ u lin-negozji ż-żgħar tas-sajd billi jsir l-aħjar użu tal-programmi kollha rilevanti tal-UE; jindika li numru ta' setturi agrikoli ntlaqtu ħażin mit-tifqigħa tal-COVID-19, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u kriżijiet oħra;

5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jikkuntrattaw ir-riżorsi disponibbli kollha fl-RRF sal-aħħar tal-2023 u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji f'dan ir-rigward filwaqt li tinvolvi lill-Parlament fis-superviżjoni u l-valutazzjoni trasparenti tal-proċess; ifakkar, barra minn hekk, fl-importanza li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi rilevanti tal-UE;

***Unjoni tas-Saħħa aktar b'saħħitha***

6. Ifakkar li l-kriżi tal-COVID-19 poġġiet lis-sistemi tas-saħħa pubblika taħt stress bla preċedent u aggravat l-isfidi eżistenti; jilqa' l-prijorità mogħtija lill-politika tas-saħħa tal-Unjoni u jenfasizza l-programm EU4Health u r-raggruppament tas-saħħa fi ħdan Orizzont Ewropa; jinnota li l-baġit għall-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) huwa meħud minn dawk il-programmi u mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, u jesprimi tħassib kbir li dan jista' jikkompromettil-kisba ta' objettivi importanti oħra tas-saħħa maqbula mil-leġiżlaturi; ifakkar għalhekk fil-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi ġodda lill-HERA; jissottolinja, barra minn hekk, li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iskrutinju tal-Parlament tal-HERA; jenfasizza l-importanza li jinbena l-Korp Mediku Ewropew fl-ambitu tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u jistieden lill-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għalih b'aktar riżorsi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer b'enfasi qawwija fuq azzjonijiet li jagħtu riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini, pereżempju l-Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer jew il-programmi ta' tilqim kontra l-HPV;

7. Jirrikonoxxi l-importanza ta' programmi oħra tal-Unjoni, inkluża l-RRF, li jipprovdu investiment u appoġġ għall-prevenzjoni tal-kriżijiet tas-saħħa u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-infrastruttura; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' allinjament bejn dawk l-attivitajiet u programmi oħra ffinanzjati mill-UE, inkluż l-EU4Health, filwaqt li jitnaqqsu d-disparitajiet fl-aċċess għall-kura tas-saħħa; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-kampanji ta' informazzjoni dwar it-tilqim fl-Istati Membri kollha u lil hinn minnhom; ifakkar, barra minn hekk, fl-importanza ta' implimentazzjoni kostanti u aċċess għall-assistenza teknika għall-Istati Membri b'kapaċità amministrattiva baxxa; jenfasizza li l-aġenziji u l-korpi deċentralizzati relatati mas-saħħa u s-sikurezza għandhom jingħataw finanzjament u persunal adegwati u, jekk meħtieġ, jiġu msaħħa;

***Jiġi garantit is-suċċess mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali***

8. Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-kisba tal-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050 u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero se jirrikjedu investimenti pubbliċi u privati sinifikanti sabiex jitnaqqas id-distakk fl-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika identifikat mill-Kummissjoni u jintlaħqu l-objettivi vinkolanti tal-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq, madankollu, li l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni tkun ħafna ogħla; jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni huwa fil-qalba tal-isforzi biex issir tranżizzjoni ġusta lejn Unjoni aktar ekoloġika, sostenibbli, soċjalment inklużiva, aktar reżiljenti u kompetittiva u li huma meħtieġa sforzi finanzjarji akbar; jisħaq b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenji tagħha filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jinsisti li s-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew se jiddependi anki mill-finanzjament tiegħu u jitlob il-varar bi prijorità tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni fir-reġjuni, is-setturi u ż-żoni li se jkunu affettwati l-aktar mit-tranżizzjoni ekoloġika, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri; jenfasizza l-ħtieġa li l-SMEs ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mit-tranżizzjoni tan-negozju tagħhom stess lejn is-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni;

9. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi ambizzjużi għall-programmi li jappoġġaw l-azzjoni dwar il-klima u l-bijodiversità u l-protezzjoni ambjentali, bħal LIFE, u l-ħtieġa li jiġi aċċellerat u implimentat bis-sħiħ il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, inkluż billi tiġi pprovduta aktar assistenza teknika biex tappoġġa lill-Istati Membri f'dan il-kompitu; ifakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġi żgurat li l-infiq tal-Unjoni jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament

għat-tibdil fil-klima, inkluż billi tissaħħaħ it-tħejjija għad-diżastri naturali, b'mod partikolari permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità; jistenna li l-Kummissjoni tonora l-impenn tagħha, li sar matul il-konċiljazzjoni għall-baġit tal-2022, biex issaħħaħ l-aġenzija f'dak il-qasam, b'mod partikolari fid-dawl tar-rwol ċentrali tagħha fl-implimentazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u r-rapportar relatat; jinsab imħasseb ħafna, barra minn hekk, dwar in-nuqqas fit-tul ta' riżorsi umani f'ċerti servizzi tal-Kummissjoni u għalhekk itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura livelli adegwati ta' riżorsi u persunal; Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" sabiex tiġi żgurata l-koerenza meħtieġa bejn l-objettivi tal-politiki u l-effiċjenza massima tal-infiq matul it-tranżizzjoni u lil hinn minnha;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji, proċessi u ħiliet ekoloġiċi, inkluż bil-ħsieb li l-Unjoni tingħata vantaġġ kompetittiv fl-ekonomija futura ta' newtralità karbonika, u jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati riżorsi adegwati għal Orizzont Ewropa f'dak il-kuntest; iqis li l-għoti ta' appoġġ adegwat għall-SMEs huwa essenzjali biex jitjieb ir-rwol tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni; iqis li l-Unjoni jeħtiġilha tagħmel użu sħiħ mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) biex timmodernizza u tgħaqqad l-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija tagħha u biex iżżid is-sostenibbiltà tagħha, issaħħaħ is-sigurtà u l-awtonomija tal-enerġija tal-UE u tiżviluppa aktar l-Unjoni Ewropea permezz tal-interkonnettività bejn l-Istati Membri; iqis għalhekk li jeħtieġ li jiġu żgurati biżżejjed riżorsi għall-FNE; jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-programm spazjali tal-UE;

11. Jieħu nota tal-proposti leġiżlattivi mressqa mill-Kummissjoni għal Att dwar iċ-Ċipep u programm ta' konnettività sigura; ifakkar fil-prinċipju li m'għandhomx jinħolqu programmi ġodda għad-detriment ta' dawk eżistenti u jtenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li inizjattivi ġodda għandhom jiġu ffinanzjati bl-użu ta' riżorsi ġodda; biħsiebu jeżamina mill-qrib l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposti u l-impatt tagħhom fuq il-proċedura baġitarja tal-2023;

12. Iqis li huwa essenzjali għall-kompetittività tal-Unjoni li l-ekonomija u s-settur pubbliku jiġu diġitalizzati aktar; jemmen li tranżizzjoni diġitali ta' suċċess tirrikjedi sforzi ta' riċerka u innovazzjoni sostanzjali fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, investiment sinifikanti fl-infrastruttura diġitali permezz tal-FNE-Diġitali, u appoġġ f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà u l-computing ta' prestazzjoni għolja tal-UE permezz tal-programm Ewropa Diġitali; jindika l-ħtieġa li tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-ħiliet diġitali billi jiġu promossi ħiliet diġitali avvanzati u apprendiment inklużiv; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' għodod ta' rikonverżjoni professjonali; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati biżżejjed finanzjament tal-programmi tal-UE u allinjament bejniethom biex jinħolqu kundizzjonijiet għall-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji u innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, u li jippermettu lill-ekonomija u lis-settur pubbliku tal-Ewropa jkunu fuq quddiem nett tat-tranżizzjoni diġitali u l-kompetittività;

13. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni għall-irkupru ekonomiku, għall-ġlieda kontra l-qgħad u l-għoti ta' spinta għall-investiment, u b'mod partikolari bħala sostenn għall-SMEs u n-negozji ġodda; ifakkar li l-SMEs jibqgħu s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u jkomplu jaqdu rwol vitali fil-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir; jenfasizza l-programm InvestEU, it-tieqa għall-SMEs tiegħu u l-possibbiltà għall-SMEs milquta b'mod negattiv mill-pandemija li jirċievu appoġġ kapitali fl-ambitu tal-programm; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss suq uniku li jiffunzjona tajjeb permezz ta' finanzjament suffiċjenti sabiex tiġi garantita l-protezzjoni tal-konsumatur, tingħata spinta lill-kompetittività tan-negozji ż-żgħar bl-iżvilupp ta' ħiliet diġitali u intraprenditorjali, jiġi mtejjeb l-aċċess għas-swieq, titkompla l-ħidma fuq Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ, u jiġu estiżi aktar l-opportunitajiet biex jinħolqu u jiżdiedu n-negozji ġodda;

14. Jesprimi solidarjetà ma' dawk li jaħdmu f'setturi affettwati serjament mill-pandemija, b'mod partikolari fit-turiżmu, l-ospitalità, u s-setturi kulturali u kreattivi; jenfasizza li dawk is-setturi jirrappreżentaw pilastru importanti tal-ekonomija tal-Unjoni u jimpjegaw sehem sinifikanti mill-forza tax-xogħol tagħha, b'mod speċjali f'SMEs; iqis li dawk is-setturi għandhom jibbenefikaw minn appoġġ akbar mill-Istati Membri u mill-Unjoni, inkluż permezz tal-RRF, u jappella għal miżuri addizzjonali għal dawk is-setturi u finanzjament suffiċjenti għal programmi relatati tal-UE; jinsisti li, jekk il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) tinbidel f'inizjattiva jew programm aktar fit-tul, tkun teħtieġ riżorsi ġodda; itenni d-diżappunt tiegħu li t-talba li ilu jagħmel il-Parlament għal programm tal-UE ddedikat għat-turiżmu ma ntlaħqitx;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

***Promozzjoni tal-istat tad-dritt, il-valuri tal-UE u d-drittijiet fundamentali u l-applikazzjoni tagħhom***

15. Iqis li huwa essenzjali għall-kredibbiltà tal-Unjoni li tiżgura l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni u li tieħu l-passi kollha biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza r-rabta ċara bejn ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba; iqis li r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni għandu jiġi applikat immedjatament u b'mod sħiħ, kif mitlub ripetutament mill-Parlament; jiddispjaċih li l-Kummissjoni għadha ma implimentatx ir-Regolament, minkejja l-fatt li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021, u jissottolinja l-konformità sħiħa tar-Regolament mat-Trattati tal-UE kif ikkonfermat mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Frar 2022 [19]; jistenna li l-Kummissjoni tiskatta l-Artikolu 6(1) tar-Regolament mingħajr dewmien għall-Istati Membri fejn ikunu diġà ntbagħtu ittri ta' informazzjoni, skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament; jemmen li għandu jkun hemm disponibbli riżorsi adegwati għall-aġenziji u l-korpi f'dan il-qasam, u għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), b'mod partikolari fid-dawl tal-ammont ta' xogħol dejjem jiżdied tagħhom, inkluż fil-monitoraġġ u l-kontroll tan-nefqa tal-RRF;

16. Jenfasizza li l-istat tad-dritt jipproteġi l-valuri fundamentali l-oħra li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u huwa intrinsikament marbut mar-rispett għad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; jesprimi tħassib kbir dwar id-deterjorament sinifikanti tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, inklużi l-indipendenza tal-ġudikatura, is-separazzjoni tas-setgħat, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-indipendenza u l-libertà tal-media f'xi Stati Membri; jenfasizza l-importanza tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, b'mod partikolari fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fis-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri tal-involviment u tal-edukazzjoni taċ-ċittadini, u soċjetajiet miftuħa, bbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, indaqs u inklużivi; jitlob, għalhekk, li jiġi allokat livell ambizzjuż ta' riżorsi għal dan il-programm; ifakkar li l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet nazzjonali hija essenzjali għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni; jappella għal finanzjament adegwat għall-Programm tal-Ġustizzja;

***Opportunitajiet akbar għal kulħadd u b'mod partikolari għaż-żgħażagħ fl-Unjoni kollha***

17. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt negattiv sever fuq iż-żgħażagħ, il-prospetti ta' impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa mentali tagħhom, u dan wassal għal telf ta' opportunitajiet u prospetti mnaqqsa u t-twessigħ tad-distakk edukattiv; jindika l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'dan il-kuntest; jemmen bis-sħiħ li l-baġit 2023 għandu jinkludi enfasi fuq iż-żgħażagħ biex jinbena l-momentum tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 b'azzjonijiet u politiki konkreti li għandhom jitkomplew fl-2023; jenfasizza l-importanza ta' Erasmus+ u jissottolinja l-importanza kbira li jiġu żgurati biżżejjed riżorsi finanzjarji għal dak il-programm, li s-suċċess tiegħu fit-twessigħ tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-opportunitajiet ta' xogħol fl-Unjoni kollha huwa inkontestabbli u li kiseb riżultati tanġibbli; iqis li dan għandu jsir aktar inklużiv u joffri opportunitajiet akbar u aċċess indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari għal persuni li jkunu ġejjin minn ambjent żvantaġġat u minn żoni rurali u remoti;

18. Jisħaq li jridu jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli u fit-tul biex jiġu miġġielda b'suċċess l-isfidi demografiċi strutturali u biex jiġi mmitigat l-eżodu ta' mħuħ f'żoni rurali, remoti u anqas żviluppati tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' riżorsi finanzjarji biex f'żoni li qed ibatu minn tnaqqis fil-popolazzjoni jinħolqu opportunitajiet ta' impjiegi lokali ta' kwalità għolja u terġa' tingħata l-ħajja lil dawn l-opportunitajiet; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-baġit tal-UE fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fit-tisħiħ tal-azzjonijiet soċjali lokali u reġjonali, it-tisħiħ tad-djalogu soċjali u l-għoti ta' aċċess lil kulħadd għal servizzi ewlenin essenzjali bħall-kura tas-saħħa, il-mobilità, nutrizzjoni adegwata u akkomodazzjoni deċenti;

19. Jindika wkoll il-ħtieġa li jissaħħaħ il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li jgħin liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika fi Stat Membru ieħor, u b'hekk iżidu l-impjegabbiltà u l-opportunitajiet għall-ħajja tagħhom; ifakkar fl-importanza ta' finanzjament adegwat tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet tal-UE għaż-żgħażagħ u t-tfal, b'mod partikolari taħt l-FSE+, ir-ReactEU u l-RRF; ifakkar li l-Kummissjoni għandha tirrapporta fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal u Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa;

---

[19] Is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, fil-Kawżi C-156/21 *L-Ungerija* vs *Il-Parlament u Il-Kunsill*, EU:C:2022:97, u C-157/21 *Il-Polonja* vs *Il-Parlament u Il-Kunsill*, EU:C:2022:98.

20. Ifakkar li l-pandemija kellha impatt sever fuq l-anzjani wkoll; jinsisti li l-baġit 2023 għandu jipprovdi biżżejjed appoġġ lil dawk fosthom li huma l-aktar vulnerabbli u jipproteġi l-benesseri, id-dinjità u d-drittijiet fundamentali tagħhom; jinnota li Erasmus+ joffri opportunitajiet għall-adulti u l-anzjani u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn jibbenefikaw ħafna aktar minnu; jindika r-rwol tal-baġit tal-UE fil-kontribut għall-iżgurar tal-aċċess tal-anzjani għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, il-mobilità u l-opportunitajiet għall-volontarjat; jistieden lill-UE tissimplifika u żżid l-azzjonijiet tagħha mmirati lejn l-anzjani fi ħdan qafas koerenti assoċjat mal-finanzjament mill-programmi tal-UE;

***Unjoni aktar b'saħħitha għall-poplu tagħha u fid-dinja***

21. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-invażjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa u t-tentattivi kollha biex jiġu destabbilizzati s-sħab tal-UE fil-Viċinat tal-Lvant, kif ukoll l-involviment tal-Belarussja f'din l-aggressjoni; jissottolinja l-ħtieġa li l-Unjoni tibqa' magħquda u jappella għal kooperazzjoni u solidarjetà msaħħa fost l-Istati Membri f'dan il-kuntest diffiċli; iħeġġeġ lill-Unjoni tiggarantixxi finanzjament sinifikanti biex tindirizza l-konsegwenzi ġeopolitiċi tal-kriżi attwali inkluż l-appoġġ għall-varar ta' miżuri umanitarji u ta' tħejjija biex ir-refuġjati jintlaqgħu fl-Istati Membri u fil-Viċinat tal-Lvant; ifakkar li l-istabbiltà tal-Unjoni tiddependi wkoll fuq l-istabbiltà tal-viċinat tagħha;

22. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmobilizzaw il-mezzi finanzjarji kollha disponibbli biex jappoġġaw lill-Ukrajna; itenni l-appoġġ tiegħu, f'dan il-kuntest, għall-mobilizzazzjoni tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi; jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jipprovdu lill-Parlament b'rapporti u informazzjoni bikrija u trasparenti f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu aktar għajnuna umanitarja ta' emerġenza lill-Ukrajna f'kooperazzjoni mal-aġenziji umanitarji tan-NU u ma' organizzazzjonijiet sħab internazzjonali oħra; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm enfasi speċjali fuq il-gruppi vulnerabbli, il-minoranzi u n-nisa u t-tfal, peress li dawn jiġu affettwati b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u jeħtieġu protezzjoni u appoġġ speċjali; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-mezzi kollha disponibbli biex tiżgura l-għoti ta' appoġġ fl-ambitu tal-programmi rilevanti tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi soċjali u mediċi u l-edukazzjoni;

23. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġawhom, b'mod partikolari r-Repubblika tal-Moldova, fl-għoti ta' kenn temporanju lir-refuġjati mill-Ukrajna; itenni l-ħtieġa ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri fir-rilokazzjoni lejn Stati Membri oħra tar-refuġjati mill-Ukrajna li waslu l-Polonja, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja;

24. Jirrikonoxxi l-importanza tas-sanzjonijiet u l-unità tal-Unjoni fl-impożizzjoni tagħhom u jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tiffaċilita l-mezzi u l-modi biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħhom għall-UE;

25. Jissottolinja l-importanza strateġika tal-politika tat-tkabbir fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi provdut finanzjament adegwat lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u lill-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, b'mod partikolari dawk li jimplimentaw Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-UE, biex jiġu appoġġati riformi politiċi u soċjoekonomiċi komprensivi u jissaħħu s-soċjetà ċivili u l-istat tad-dritt, kif ukoll bħala għajnuna għall-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi fit-tul tagħha; jenfasizza l-importanza ta' appoġġ finanzjarju li jkun biżżejjed għall-assistenza teknika sabiex l-assorbiment tal-fondi tal-UE jittejjeb f'dawk ir-reġjuni;

26. Jistenna li, anki wara l-kriżi attwali, l-ażil u l-migrazzjoni jibqgħu prijorità fuq l-aġenda tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju kontinwu għall-akkoljenza, ir-reġistrazzjoni, l-eżami u l-integrazzjoni tal-applikanti għall-ażil, u li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-objettivi speċifiċi tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil; jisħaq li din is-sistema trid tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża, jiġifieri b'mod li wħud mill-Istati Membri ma jitgħabbewx iż-żejjed u b'mod sproporzjonat, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tal-integrazzjoni, l-istabbiliment ta' qafas għall-migrazzjoni legali, kif mitlub mill-Parlament, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u t-titjib tas-sistemi għar-ritorn effettiv, sikur u dinjituż tal-persuni u għar-ritorn volontarju, f'konformità mal-valuri u l-impenji internazzjonali tal-UE; jappella, barra minn hekk, għal finanzjament adegwat għall-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi sabiex jissaħħu s-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri;

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

27. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda benefiċjarju ta' fondi tal-UE (inklużi kuntratturi jew sottokuntratturi, parteċipanti fi gruppi ta' ħidma jew sessjonijiet ta' taħriġ, jew partijiet terzi) fuq il-lista ta' persuni jew entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi tal-UE;

28. Jisħaq li l-Unjoni għandha bżonn biżżejjed riżorsi biex tirreaġixxi għal kriżijiet kbar kif ukoll għall-isfidi fit-tul fil-viċinat tagħha u madwar id-dinja, filwaqt li jfakkar li l-limitu massimu tal-Intestatura 6 tal-QFP diġà huwa baxx wisq u li reviżjoni tal-QFP attwali hija indispensabbli; jappella għal finanzjament li jkun biżżejjed għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u demokratiku u r-riformi politiċi u ekonomiċi, il-protezzjoni tal-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ għall-proċessi elettorali u l-indirizzar tal-isfidi soċjali u klimatiċi u l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni; jindika l-ħtieġa li jingħata appoġġ kontinwu lir-refuġjati, b'mod partikolari dawk fit-Turkija u fir-reġjun usa', u li jkun hemm rispons għall-iżviluppi fl-Afganistan, filwaqt li jtenni li l-baġit tal-Unjoni m'għandux ikun l-uniku sors ta' finanzjament; jappella li l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) tirċievi livell ambizzjuż ta' finanzjament mill-baġit tal-UE fl-2023 biex tkun tista' tipprovdi appoġġ adegwat għall-istabbiltà reġjonali u ssaħħaħ ir-reżiljenza tar-refuġjati Palestinjani; jisħaq fuq l-importanza tal-programm ta' għajnuna umanitarja u jinnota li r-riżorsi mhumiex jiżdiedu b'mod allinjat ma' bżonnijiet ogħla minn qatt qabel; jappella, għalhekk, li l-programm jiġi allokat finanzjament aktar sinifikanti u li l-Istati Membri jżidu l-għajnuna umanitarja tagħhom;

29. Itenni l-fehma tiegħu li l-Unjoni għandu jkollha biżżejjed mezzi biex tirreaġixxi għal żviluppi mhux mistennija ġewwa u barra l-UE; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq analiżi fil-fond tal-implikazzjonijiet differenti tal-isfidi attwali u tal-impatt tagħhom fuq il-proċedura baġitarja tal-2023 kif ukoll fuq il-QFP 2021-2027 kollu, u tivvaluta meta tkun xierqa reviżjoni tal-QFP;

30. Iqis li l-aħħar żieda fl-għadd ta' infezzjonijiet bil-COVID-19 hija prova ulterjuri li għandu jsir aktar biex titlaqqam id-dinja kollha; ifakkar fil-ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet bħala parti mill-baġit 2022 biex tiġi rieżaminata l-evoluzzjoni tar-rispons għall-pandemija sal-aħħar ta' Ġunju 2022, b'mod partikolari fir-rigward tat-tilqim internazzjonali, u biex tittieħed kwalunkwe azzjoni neċessarja mingħajr aktar dewmien;

31. Jenfasizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' appoġġ finanzjarju adegwat għas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża, li jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tad-difiża; jappella għal sforzi akbar biex jissaħħu l-iskjerabbiltà u l-effettività operazzjonali u biex tittejjeb il-mobilità militari, anke bil-ħsieb li jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-istabbiltà fil-viċinat tal-UE u lil hinn minnu, u biex jiġi indirizzat it-theddid ibridu u ċibernetiku; iqis li tali sforzi jżidu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jsaħħu l-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea; jappella, barra minn hekk, għal finanzjament adegwat għall-Fond għas-Sigurtà Interna;

32. Jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-UE biex tindirizza t-theddid dejjem akbar għas-sigurtà bħat-tixrid tad-diżinformazzjoni, inklużi d-diżinformazzjoni online, il-kampanji ta' aħbarijiet foloz kontra l-UE, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti fl-UE u fil-pajjiżi ġirien tagħha; iqis li l-allokazzjonijiet tal-finanzjament għandhom jirriflettu n-natura dejjem tinbidel tat-theddid u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tiegħu u li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar tal-isforzi tal-Unjoni f'dan il-qasam;

33. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex ilestu l-integrazzjoni fix-Schengen tal-Istati Membri kollha, b'mod partikolari tar-Rumanija, tal-Bulgarija u tal-Kroazja, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi kollha; iqis li t-tkabbir ekonomiku u l-prosperità, is-sigurtà interna, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen u l-libertà ta' moviment fi ħdan l-UE huma marbuta b'mod inseparabbli u huma ta' benefiċċju reċiproku; iqis li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-aġenziji kollha li joperaw fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali, l-ażil, is-sigurtà, il-ġustizzja u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri jkollhom finanzjament, riżorsi umani u taħriġ tal-persunal adegwati; ifakkar li ż-żona Schengen iġġib benefiċċji ekonomiċi għall-istati parteċipanti;

***Kwistjonijiet trażversali***

34. Ifakkar li l-ispejjeż tal-finanzjament għall-Istrument tal-UE għall-Irkupru (EURI) għandhom jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni, inkluż minn biżżejjed rikavati minn riżorsi proprji ġodda, u għandhom ikunu sostnuti minn approprjazzjonijiet meħtieġa u f'waqthom; jisħaq li l-pakketti finanzjarji tal-programmi tan-nefqa m'għandhomx jintużaw biex jimmaniġġjaw l-imprevedibbiltà tal-ispejjeż tal-finanzjament tal-EURI; iqis li l-awtorità baġitarja għandha s-setgħa sħiħa biex tiddeċiedi li

ssaħħaħ kwalunkwe programm tal-UE, inkluż meta l-ispejjeż tal-finanzjament tal-EURI jkunu aktar baxxi milli mistenni; ifakkar li d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-ispiża tal-finanzjament tal-EURI fl-2022, miftiehma fil-15 ta’ Novembru 2021 matul il-perjodu ta’ konċiljazzjoni tapplika għall-proċedura baġitarja tal-2022 u ma toħloqx preċedent; ifakkar li d-deċiżjonijiet futuri kollha jistgħu jittieħdu biss matul il-proċedura baġitarja annwali;

35. Ifakkar li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni qablu fil-Ftehim Interistituzzjonali (FII) dwar pjan direzzjonali legalment vinkolanti għall-introduzzjoni ta’ basket ta’ riżorsi proprji ġodda biex jiġi żgurat li l-kapital, u l-imgħax relatat, tal-pjan ta’ rkupru tal-UE jitħallas kollu, mingħajr ma titnaqqas in-nefqa tal-programmi jew tal-istrumenti ta’ investiment taħt il-QFP, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-universalità; jilqa’ l-pakkett finanzjarju propost mill-Kummissjoni fit-22 ta’ Diċembru 2021, li fih aġġornament tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji [20], bi tliet riżorsi proprji ġodda: mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri; skambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet; u sehem mill-profitti residwi tal-akbar intrapriżi multinazzjonali u dawk l-aktar profittabbli; iqis li l-progress ta’ dan il-pakkett huwa tal-akbar importanza; jitlob, għalhekk, li l-Kunsill jirrispetta l-iskeda ta’ żmien miftiehma u jagħmel progress bl-ewwel basket ta’ riżorsi proprji qabel ma tiġi finalizzata l-proċedura baġitarja tal-2023; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, tressaq proposta għat-tieni basket ta’ riżorsi proprji ġodda qabel Diċembru 2023 sabiex jiġu żgurati biżżejjed riżorsi għall-ħlasijiet lura tan-NextGenerationEU; ifakkar li l-2023 se tkun it-tieni sena ta’ applikazzjoni tal-aġġustament speċifiku għall-programm skont l-Artikolu 5 tar-Regolament li jistabbilixxi l-QFP;

36. Jinnota li kien hemm ammont għoli mhux mistenni ta’ diżimpenji għar-riċerka (aktar minn EUR 469 miljun), f’livell li ma kienx antiċipat fil-ftehim dwar il-QFP, u għalhekk mhuwiex kopert minnu; iqis li d-diżimpenji kollha għar-riċerka għandhom ikunu disponibbli kollha skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju; biħsiebu jiffoka d-diżimpenji li huma addizzjonali għall-ammonti li għandhom jiġu inklużi mill-Kummissjoni fl-abbozz ta’ baġit fuq għadd ta’ oqsma essenzjali;

37. Jistenna bil-ħerqa l-applikazzjoni tal-metodoloġija riveduta tat-trekkjar klimatiku fl-abbozz ta’ baġit 2023 skont l-FII dwar id-dixxiplina baġitarja u fir-rapportar dwar il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” fir-rapport dwar il-prestazzjoni; jistenna li l-Kummissjoni tadotta metodoloġija effettiva, trasparenti u komprensiva għat-trekkjar tal-bijodiversità mill-aktar fis possibbli, filwaqt li żżomm f’moħħha l-miri stabbiliti għall-2024, l-2026 u l-2027; jistieden lill-Kummissjoni tqis kif xieraq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha rilevanti sabiex kull nefqa fil-futur tkun trasparenti u tistabbilixxi rabta aktar ċara bejn in-nefqa klimatika u dik għall-bijodiversità u l-impatti reali tagħhom, inkluż bl-applikazzjoni ta’ indikaturi tal-output u tar-riżultati; jappella għall-involviment sħiħ tal-Parlament fl-iżvilupp tal-metodoloġiji, kif stipulat fil-FII; jistenna li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Parlament dwar il-metodoloġija għall-bijodiversità qabel il-pubblikazzjoni tal-abbozz ta’ baġit 2023;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija għat-trekkjar tan-nefqa soċjali fil-baġit tal-UE abbażi tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

39. Itenni li n-nisa ġew affettwati b’mod sproporzjonat mill-kriżi ekonomika u soċjali b’riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, inkluż b’żieda fil-każijiet ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru; jitlob, għalhekk, finanzjament sinifikanti għall-fergħa Daphne tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri; jappella għal aktar finanzjament fil-baġit tal-UE mmirat lejn l-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni, b’mod partikolari kontra n-nisa u l-persuni LGBTI+, u jappella lill-Kummissjoni trawwem sinerġiji akbar bejn il-programmi tal-UE f’dawn l-oqsma; jappella wkoll għal riżorsi sinifikanti biex jiġu appoġġati l-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kif ukoll l-aċċess universali għalihom, u biex jiġu appoġġati d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem;

40. Ifakkar li l-Kummissjoni jeħtiġilha, sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2023, timplimenta metodoloġija, akkumpanjata mill-ġbir, ir-rapportar u l-evalwazzjoni sistematiċi ta’ data diżaggregata skont il-ġeneru, biex tkejjel in-nefqa rilevanti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd; jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni u tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala prinċipju orizzontali

[20] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta’ Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

fl-attivitajiet, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE; jissottolinja r-rwol importanti li għandhom l-aġenziji u l-korpi f'dan il-qasam u l-ħtieġa li jiġu żgurati finanzjament u riżorsi umani adegwati biex jitwettqu l-kompiti tagħhom; jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025;

41. Ifakkar fil-ħidma essenzjali mwettqa mill-aġenziji deċentralizzati; iqis li l-aġenziji jrid ikollhom ammont xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom; ifakkar li l-kompiti tal-aġenziji jevolvu f'konformità mal-prijoritajiet tal-politiki u jisħaq li r-responsabbiltajiet l-ġodda jridu jkunu akkumpanjati minn livelli korrispondenti ta' riżorsi ġodda;

42. Iqis li l-baġit 2023 għandu jkun fih livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament biex ikopri kemm il-programmi l-ġodda kif ukoll it-tlestija ta' dawk kurrenti, parzjalment biex jiġi żgurat li l-baġit tal-Unjoni jipprovdi l-istimolu ekonomiku meħtieġ; jenfasizza, filwaqt li jislet tagħlimiet mill-oqfsa finanzjarji pluriennali tal-passat, li hemm bżonn li l-implimentazzjoni tal-programm titħaffef biex jiġu evitati l-arretrati ta' pagamenti fit-tieni nofs tal-perjodu tal-QFP;

43. Iqis li, meta jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom ikunu disponibbli;

44. Jissottolinja l-valur tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji (PP-PAs) fl-ittestjar ta' inizjattivi ta' politiki ġodda u fit-tħejjija tal-pedamenti għal azzjonijiet futuri tal-Unjoni; biħsiebu, għalhekk, jipproponi pakkett ta' PP-PAs f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tiegħu u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni; fiduċjuż li l-Kummissjoni se tevalwa l-proposti tal-PP-PAs b'mod imparzjali abbażi ta' valutazzjoni legali u finanzjarja u jistenna li jirċievi spjegazzjonijiet preċiżi u dettaljati meta proġett jitqies "kopert" mill-programmi u l-politiki tal-UE, b'eżempji konkreti tal-azzjonijiet tal-UE li jitqies li jkopru l-proposti; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura li l-PP-PAs adottati fil-baġit jiġu implimentati bis-sħiħ, b'mod f'waqtu u b'kooperazzjoni mal-Parlament, u jingħataw viżibbiltà akbar sabiex l-impatt tagħhom jiġi massimizzat;

o

o o

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0107

## L-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post u ta' ċerti żrieragħ prodotti fil-Bolivja ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Bolivja fuq għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fil-Bolivja (COM(2022)0026 – C9-0024/2022 – 2022/0016(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2022/C 434/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2022)0026),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0024/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2022 [1],

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Marzu 2022 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0053/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P9_TC1-COD(2022)0016**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tagħha u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-Bolivja fuq għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fil-Bolivja**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Deċiżjoni (UE) 2022/871.)*

---

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0108

# Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022: aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 li jibbaġitja l-impatt fuq il-baġit tal-2022 tal-Aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (06310/2022 – C9-0052/2022 – 2022/0018(BUD))**

(2022/C 434/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, adottat b'mod definittiv fl-24 ta' Novembru 2021 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021-2027 ([3]) ("ir-Regolament dwar il-QFP"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ([5]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022, adottat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2022 (COM(2022)0081),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022, adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2022 u li ntbagħtet lill-Parlament fl-istess jum (06310/2022 – C9-0052/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 94 u 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0051/2022),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022 huwa marbut mal-aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP, li jippermetti t-trasferimenti tal-allokazzjoni tal-2021 tal-approprjazzjonijiet ta' impenn jew mhux użati jew riportati għal disa' fondi taħt ġestjoni kondiviża, fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2021 ta' regoli jew programmi ġodda taħt ġestjoni kondiviża;

([1]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([2]) ĠU L 45, 24.2.2022, p. 1.
([3]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([4]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([5]) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

B. billi l-approprjazzjonijiet ta' impenn li ma ntużawx fl-2021 għal programmi taħt ġestjoni kondiviża skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP jammontaw għal EUR 48 988 299 856 fi prezzijiet attwali, li jikkorrispondu għat-totalità tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2021 li kienu ppjanati li jiġu implimentati f'ġestjoni kondiviża għal tmien fondi, peress li l-programmi tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biss kienu adottati bis-sħiħ fl-2021;

C. billi dak l-ammont għandu jiġi trasferit fi proporzjonijiet indaqs għal kull waħda mis-snin 2022 sa 2025;

D. billi l-għan tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022 huwa li jirrifletti l-impatt speċifiku tat-trasferiment ta' 25 % tal-allokazzjonijiet mhux użati fl-2021 għas-sena 2022 għal tmien fondi taħt ġestjoni kondiviża (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u l-Fond għas-Sigurtà Interna);

E. billi l-impatt nett tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 12 247,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għad-diversi fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt l-Intestaturi 2a, 3, 4 u 5; billi l-Kummissjoni ma hi titlob l-ebda approprjazzjoni ta' pagament addizzjonali;

1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022, kif imressaq mill-Kummissjoni;

2. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien kbir fl-implimentazzjoni tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża; itenni l-ħtieġa ta' implimentazzjoni rapida biex tappoġġja l-irkupru tal-Unjoni; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi biex jiżguraw li jkunu kompletament operazzjonali fl-2022 u biex iwettqu x-xogħol pendenti ħalli jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi sal-2027;

3. Iwissi dwar ir-riskji marbuta ma' livell insuffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament; ifakkar fl-impenn tiegħu li jipprevjeni kwalunkwe kriżi ta' pagament futura, bħal dik esperjenzata fil-bidu tal-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti; jistenna, għalhekk, lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien kwalunkwe abbozz ta' baġit emendatorju li jitqies neċessarju għal żieda fil-pagamenti marbuta ma' aċċellerazzjoni tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni;

4. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2022;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 1/2022 ġie adottat b'mod definittiv u biex tiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**It-Tlieta 5 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0109

## Il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni) ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (test kodifikat) (COM(2020)0739 – C9-0371/2020 – 2020/0329(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni)**

(2022/C 434/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0739),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0371/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 109 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0080/2022),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fl-opinjonijiet tiegħu tal-31 ta' Marzu 2021 u tal-10 ta' Marzu 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2020)0329

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Direttiva (UE) 2022/993.)*

---

([1]) ĠU C 123, 9.4.2021, p. 80.
([2]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

P9_TA(2022)0111

## Att dwar il-Governanza tad-Data ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tad-data Ewropea (Att dwar il-Governanza tad-Data) (COM(2020)0767 – C9-0377/2020 – 2020/0340(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2022/C 434/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0767),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0377/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2021 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-15 ta' Diċembru 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0248/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2020)0340

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2022/868.)*

---

([1]) ĠU C 286, 26.7.2021, p. 38.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0116

# Id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2001/20/KE u 2001/83/KE fir-rigward ta' derogi minn ċerti obbligi li jikkonċernaw id-disponibbiltà ta' ċerti prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta (COM(2021)0997 – C9-0475/2021 – 2021/0431(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)**

(2022/C 434/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0997),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0475/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Frar 2022 [1],

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Marzu 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P9_TC1-COD(2021)0431

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2001/20/KE u 2001/83/KE fir-rigward ta' derogi minn ċerti obbligi li jikkonċernaw id-disponibbiltà ta' ċerti prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, u f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2022/642.)*

---

[1] Għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-provvista ta’ mediċini lil Ċipru, lill-Irlanda u lil Malta**

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ħoloq sfidi partikolari għal dawk l-Istati Membri (Ċipru, l-Irlanda u Malta) li tul bosta snin kienu qed jiġu fornuti b’mediċini minn partijiet tar-Renju Unit jew permezz tagħhom.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-progress li sar minn Ċipru, mill-Irlanda u minn Malta u mill-operaturi industrijali biex jimplimentaw il-bidliet biex jiffaċilitaw il-provvista kontinwa ta’ mediċini wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

Sabiex tiġi żgurata sigurtà tal-provvista tal-mediċini fit-tul, il-Kummissjoni tisħaq il-ħtieġa għal sforzi msaħħa mill-partijiet ikkonċernati kollha fit-trawwim tal-adattament tal-ktajjen tal-provvista għall-qagħda wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

Il-Kummissjoni tintrabat bis-sħiħ li takkumpanja lil Ċipru, lill-Irlanda u lil Malta fl-isforzi tagħhom lejn it-tneħħija gradwali tad-derogi temporanji previsti mir-Regolament (UE) 2022/641 [1] u mid-Direttiva (UE) 2022/642 [2] fi żmien tliet snin.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni u b’rispett sħiħ tad-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tal-mediċini għall-użu mill-bniedem, se ssegwi kontinwament l-iżviluppi fl-Istati Membri kkonċernati u se takkumpanja mill-qrib lill-awtoritajiet kompetenti ta’ Ċipru, tal-Irlanda u ta’ Malta fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu d-dipendenza tas-swieq domestiċi tagħhom fuq il-provvista ta’ prodotti mediċinali minn partijiet tar-Renju Unit jew permezz tagħhom għajr l-Irlanda ta’ Fuq.

Il-Kummissjoni se tistieden lill-awtoritajiet kompetenti ta’ Ċipru, tal-Irlanda u ta’ Malta biex jipprovdulha, fuq bażi regolari, tagħrif dwar dawn l-isforzi.

Filwaqt li tqis din l-informazzjoni, il-Kummissjoni se tirrapporta bil-miktub lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2022/641 u tad-Direttiva (UE) 2022/642 dwar il-progress li sar f’Ċipru, fl-Irlanda u f’Malta lejn it-tneħħija gradwali sħiħa tad-derogi u l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex takkumpanja mill-qrib lill-awtoritajiet kompetenti ta’ dawk l-Istati Membri f’dak ir-rigward.

Il-Kummissjoni se tfakkar lill-operaturi industrijali kkonċernati li għad baqgħalhom jagħmlu bidliet fil-ktajjen tal-provvista tagħhom li għandhom jagħmlu l-adattamenti meħtieġa b’mod urġenti biex jiżguraw l-aċċess għall-mediċini fis-swieq iżgħar. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress li sar mill-operaturi involuti fil-provvista tal-mediċini f’dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-ħila tagħhom li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni li għalihom ir-Regolament (UE) 2022/641 u d-Direttiva (UE) 2022/642 jipprevedu derogi temporanji.

Kif imħabba fl-“Istrateġija farmaċewtika għall-Ewropa” [3], barra u lil hinn minn dawn il-passi immedjati u meħtieġa, il-Kummissjoni se tagħmel proposti sal-aħħar tal-2022 biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-Unjoni. Dawn il-proposti se jfittxu jipprovdu soluzzjonijiet strutturali fuq żmien itwal, b’mod partikolari għall-kwistjoni tal-aċċess għall-mediċini, b’attenzjoni partikolari biex titjieb is-sigurtà tal-provvista u jiġi indirizzati r-riskji ta’ nuqqasijiet fis-swieq iż-żgħar tal-Unjoni.

---

(1) Regolament (UE) 2022/641 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ April 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 536/2014 fir-rigward ta’ deroga minn ċerti obbligi li jikkonċernaw prodotti mediċinali fil-fażi ta’ investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq u f’Ċipru, fl-Irlanda u f’Malta (ĠU L 118, 20.4.2022, p. 1).

(2) Direttiva (UE) 2022/642 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ April 2022 li temenda d-Direttivi 2001/20/KE u 2001/83/KE fir-rigward ta’ derogi minn ċerti obbligi li jikkonċernaw id-disponibbiltà ta’ ċerti prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, u f’Ċipru, fl-Irlanda u f’Malta (ĠU L 118, 20.4.2022, p. 4).

(3) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa”, COM(2020)0761 finali, 25.11.2020.

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

P9_TA(2022)0117

## Prodotti mediċinali fil-fażi ta’ investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, f’Ċipru, fl-Irlanda u f’Malta ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 536/2014 fir-rigward ta’ deroga minn ċerti obbligi li jikkonċernaw prodotti mediċinali fil-fażi ta’ investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq kif ukoll f’Ċipru, fl-Irlanda u f’Malta (COM(2021)0998 – C9-0476/2021 – 2021/0432(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)**

(2022/C 434/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0998),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0476/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta’ Frar 2022 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta’ Marzu 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P9_TC1-COD(2021)0432**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta’ April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 536/2014 fir-rigward ta’ deroga minn ċerti obbligi li jikkonċernaw prodotti mediċinali fil-fażi ta’ investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq u f’Ċipru, fl-Irlanda u f’Malta**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2022/641.)*

---

([1]) Għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-provvista ta' mediċini lil Ċipru, lill-Irlanda u lil Malta**

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ħoloq sfidi partikolari għal dawk l-Istati Membri (Ċipru, l-Irlanda u Malta) li tul bosta snin kienu qed jiġu fornuti b'mediċini minn partijiet tar-Renju Unit jew permezz tagħhom.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-progress li sar minn Ċipru, mill-Irlanda u minn Malta u mill-operaturi industrijali biex jimplimentaw il-bidliet biex jiffaċilitaw il-provvista kontinwa ta' mediċini wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

Sabiex tiġi żgurata sigurtà tal-provvista tal-mediċini fit-tul, il-Kummissjoni tisħaq il-ħtieġa għal sforzi msaħħa mill-partijiet ikkonċernati kollha fit-trawwim tal-adattament tal-ktajjen tal-provvista għall-qagħda wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

Il-Kummissjoni tintrabat bis-sħiħ li takkumpanja lil Ċipru, lill-Irlanda u lil Malta fl-isforzi tagħhom lejn it-tneħħija gradwali tad-derogi temporanji previsti mir-Regolament (UE) 2022/641 ([1]) u mid-Direttiva (UE) 2022/642 ([2]) fi żmien tliet snin.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u b'rispett sħiħ tad-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tal-mediċini għall-użu mill-bniedem, se ssegwi kontinwament l-iżviluppi fl-Istati Membri kkonċernati u se takkumpanja mill-qrib lill-awtoritajiet kompetenti ta' Ċipru, tal-Irlanda u ta' Malta fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu d-dipendenza tas-swieq domestiċi tagħhom fuq il-provvista ta' prodotti mediċinali minn partijiet tar-Renju Unit jew permezz tagħhom għajr l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Kummissjoni se tistieden lill-awtoritajiet kompetenti ta' Ċipru, tal-Irlanda u ta' Malta biex jipprovdulha, fuq bażi regolari, tagħrif dwar dawn l-isforzi.

Filwaqt li tqis din l-informazzjoni, il-Kummissjoni se tirrapporta bil-miktub lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2022/641 u tad-Direttiva (UE) 2022/642 dwar il-progress li sar f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta lejn it-tneħħija gradwali sħiħa tad-derogi u l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex takkumpanja mill-qrib lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri f'dak ir-rigward.

Il-Kummissjoni se tfakkar lill-operaturi industrijali kkonċernati li għad baqgħalhom jagħmlu bidliet fil-ktajjen tal-provvista tagħhom li għandhom jagħmlu l-adattamenti meħtieġa b'mod urġenti biex jiżguraw l-aċċess għall-mediċini fis-swieq iżgħar. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress li sar mill-operaturi involuti fil-provvista tal-mediċini f'dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-ħila tagħhom li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni li għalihom ir-Regolament (UE) 2022/641 u d-Direttiva (UE) 2022/642 jipprevedu derogi temporanji.

Kif imħabba fl-"Istrateġija farmaċewtika għall-Ewropa" ([3]), barra u lil hinn minn dawn il-passi immedjati u meħtieġa, il-Kummissjoni se tagħmel proposti sal-aħħar tal-2022 biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-Unjoni. Dawn il-proposti se jfittxu jipprovdu soluzzjonijiet strutturali fuq żmien itwal, b'mod partikolari għall-kwistjoni tal-aċċess għall-mediċini, b'attenzjoni partikolari biex titjieb is-sigurtà tal-provvista u jiġi indirizzati r-riskji ta' nuqqasijiet fis-swieq iż-żgħar tal-Unjoni.

---

([1]) Regolament (UE) 2022/641 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 536/2014 fir-rigward ta' deroga minn ċerti obbligi li jikkonċernaw prodotti mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni magħmula disponibbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta (ĠU L 118, 20.4.2022, p. 1).

([2]) Direttiva (UE) 2022/642 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2001/20/KE u 2001/83/KE fir-rigward ta' derogi minn ċerti obbligi li jikkonċernaw id-disponibbiltà ta' ċerti prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, u f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta (ĠU L 118, 20.4.2022, p. 4).

([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa", COM(2020)0761 finali, 25.11.2020.

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

P9_TA(2022)0118

## Żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta’ żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta’ kost unitarju (COM(2022)0145 – C9-0127/2022 – COM(2022)0162 – C9-0136/2022 – 2022/0096(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2022/C 434/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0145) u l-proposta emendata (COM(2022)0162),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0127/2022, C9-0136/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekomomiku u Soċjali Ewropew,

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta’ April 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P9_TC1-COD(2022)0096**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta’ April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta’ żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta’ kost unitarju**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2022/613.)*

---

P9_TA(2022)0119

## Il-ħażna tal-gass ***I

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 li tirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għan-negozjati interistituzzjonali abbażi tal-proposta għal regolament mhux emendat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (COM(2022)0135 –C9-0126/2022 – 2022/0090(COD))** (1)

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)**

(2022/C 434/26)

(1) Deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura (C9-0126/2022).

P9_TA(2022)0122

# Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (COM(2021)0278 – C9-0349/2021 – 2021/0140(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2022/C 434/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0278),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0349/2021),

— wara li kkunsidra l-kontributi ppreżentati mis-Senat Ċek, mill-Parlament Spanjol, mill-Parlament Portugiż u mis-Senat Rumen dwar l-abbozz ta' att leġiżlattiv,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0054/2022),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tibbaża fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri. Dak l-acquis jinkludi miżuri fil-qasam tal-fruntieri esterni, miżuri ta' kumpens għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni u qafas ta' monitoraġġ b'saħħtu, li flimkien ***jiffaċilitaw*** il-moviment liberu ***u jiżguraw*** livell għoli ta' sigurtà, ġustizzja u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data personali. | (1) Iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tibbaża fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri. Dak l-acquis jinkludi miżuri fil-qasam tal-fruntieri esterni, miżuri ta' kumpens għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni u qafas ta' monitoraġġ b'saħħtu, li flimkien ***jiżguraw*** il-moviment liberu ***kif ukoll*** livell għoli ta' sigurtà, ġustizzja u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data personali. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex iżid l-effettività u l-effiċjenza tiegħu, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen jenħtieġ li jittejjeb. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jimmira li jżomm livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri billi jiggarantixxi li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod effettiv billi jsegwu l-istandards komuni maqbula u n-normi u l-prinċipji fundamentali, ***u b'hekk jikkontribwixxi għal*** żona Schengen li taħdem sew. | (4) Sabiex iżid l-effettività u l-effiċjenza tiegħu, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen jenħtieġ li jittejjeb. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jimmira li jżomm livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri billi jiggarantixxi li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod effettiv billi jsegwu l-istandards komuni maqbula u n-normi u l-prinċipji fundamentali, ***sabiex tiġi żgurata*** żona Schengen ***li taħdem sew, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jikseb dawn l-għanijiet permezz ta' evalwazzjonijiet oġġettivi u imparzjali li jkunu jistgħu jidentifikaw f'qasir żmien in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen li jistgħu jfixklu t-tħaddim korrett taż-żona Schengen, jiżguraw li dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati minnufih, u jipprovdu l-bażi ***għad-djalogu*** dwar it-tħaddim taż-żona Schengen kollha kemm hi. Dan jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, distribuzzjoni bbilanċjata tar-responsabbiltajiet kondiviżi u li tinżamm in-natura tar-rieżami bejn il-pari tas-sistema. Jirrikjedi wkoll involviment aktar mill-qrib tal-Parlament Ewropew. Minħabba l-portata tal-bidliet, ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 jenħtieġ li jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid. | (5) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jikseb dawn l-għanijiet permezz ta' evalwazzjonijiet oġġettivi u imparzjali li jkunu jistgħu jidentifikaw f'qasir żmien in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen li jistgħu jfixklu t-tħaddim korrett taż-żona Schengen, jiżguraw li dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati minnufih, u jipprovdu l-bażi ***għal djalogu politiku ġenwin bejn l-Istati Membri*** dwar it-tħaddim taż-żona Schengen kollha kemm hi. Dan jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, distribuzzjoni bbilanċjata tar-responsabbiltajiet kondiviżi u li tinżamm in-natura tar-rieżami bejn il-pari tas-sistema. Jirrikjedi wkoll involviment aktar mill-qrib tal-Parlament Ewropew. Minħabba l-portata tal-bidliet, ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 jenħtieġ li jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid. |

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ ***jista’*** jkopri l-oqsma kollha tal-acquis ta’ Schengen – preżent u futur – ħlief dawk fejn mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni speċifiku diġà jeżisti taħt il-liġi tal-Unjoni. Il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li jinkorpora l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha u l-attivitajiet operazzjonali li jikkontribwixxu għat-tħaddim ***taż-żona Schengen***. | (6) Il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ ***jenħtieġ li*** jkopri l-oqsma kollha tal-acquis ta’ Schengen – preżent u futur – ħlief dawk fejn mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni speċifiku diġà jeżisti taħt il-liġi tal-Unjoni. Il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li ***jkopri kemm l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri esterni kif ukoll in-nuqqas ta’ kontrolli fil-fruntieri interni. Il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li*** jinkorpora l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha u l-attivitajiet operazzjonali li jikkontribwixxu għat-tħaddim ***ta’ żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tħaddim korrett tal-awtoritajiet li japplikaw l-acquis ta’ Schengen jenħtieġ li ***jitqies*** fl-evalwazzjonijiet kollha f’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta’ Marzu 2012. L-evalwazzjoni jenħtieġ ***ukoll*** tkopri ***l-prattiki*** tal-entitajiet privati, bħal-linji tal-ajru jew il-fornituri esterni tas-servizzi, sa fejn ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta’ Schengen jew affettwati minnu meta jikkooperaw mal-Istati Membri. Bl-istess mod, minħabba r-rwol akbar tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-acquis ta’ Schengen, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jappoġġa ***l-ivverifikar*** tal-attivitajiet ta’ dawn il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni sakemm iwettqu funzjonijiet għan-nom tal-Istati Membri biex jassistu fl-applikazzjoni operazzjonali tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen. ***L-ivverifikar*** ta’ dawn l-attivitajiet ***f’dawn*** ir-rigward jenħtieġ li ***jkun inkorporat*** fl-evalwazzjoni tal-Istati Membri u ***jitwettaq*** mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet attribwiti lill-Kummissjoni u lill-korpi ta’ governanza rilevanti tal-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi kkonċernati mir-regolamenti ta’ twaqqif tagħhom u l-proċeduri ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ tagħhom stess li jinsabu fihom, kif ukoll b’rispett sħiħ tagħhom. Fl-eventwalità li l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqasijiet b’rabta mal-funzjonijiet imwettqa jew appoġġati mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tinforma*** lill-korpi ta’ governanza rilevanti tagħhom. | (7) It-tħaddim korrett tal-awtoritajiet li japplikaw l-acquis ta’ Schengen ***u l-konformità tagħhom mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”)*** jenħtieġ li ***jitqiesu*** fl-evalwazzjonijiet kollha f’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta’ Marzu 2012. L-evalwazzjoni jenħtieġ ***li*** tkopri ***wkoll il-prattiki*** tal-entitajiet privati, bħal-linji tal-ajru jew il-fornituri esterni tas-servizzi, sa fejn ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta’ Schengen jew affettwati minnu meta jikkooperaw mal-Istati Membri. Bl-istess mod, minħabba r-rwol akbar tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-acquis ta’ Schengen, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jappoġġa ***l-verifika*** tal-attivitajiet ta’ dawn il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni sakemm iwettqu funzjonijiet għan-nom tal-Istati Membri biex jassistu fl-applikazzjoni operazzjonali tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen. ***Il-verifika*** ta’ dawn l-attivitajiet ***f’dan*** ir-rigward jenħtieġ li ***tkun inkorporata*** fl-evalwazzjoni tal-Istati Membri u ***titwettaq*** mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet attribwiti lill-Kummissjoni u lill-korpi ta’ governanza rilevanti tal-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi kkonċernati mir-regolamenti ta’ twaqqif tagħhom u l-proċeduri ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ tagħhom stess li jinsabu fihom, kif ukoll b’rispett sħiħ tagħhom. Fl-eventwalità li l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqasijiet b’rabta mal-funzjonijiet imwettqa jew appoġġati mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tinkludi dan il-fatt fir-rapport ta’ evalwazzjoni u tinvolvi*** lill-korpi ta’ governanza rilevanti tagħhom. |

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Frontex hija mekkaniżmu komplementari għall-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ stabbilit minn dan ir-Regolament biex jiggarantixxi l-kontroll tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni u jiżgura li kemm il-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali, ikunu lesti jirrispondu għal kwalunkwe sfida fil-fruntieri esterni. Iż-żewġ mekkaniżmi jikkostitwixxu komponent tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri. Jenħtieġ li s-sinerġiji bejn il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jiġu mmassimizzati bl-għan li tiġi stabbilita stampa mtejba tas-sitwazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen, u jiġu evitati, sa fejn ikun possibbli, l-isforzi doppji u r-rakkomandazzjonijiet kunfliġġenti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun hemm skambju ta’ informazzjoni regolari bejn il-Frontex u l-Kummissjoni dwar ir-riżultati taż-żewġ mekkaniżmi. Iż-żieda fil-fokus strateġiku u t-tfassil aktar immirat tal-evalwazzjoni jirrikjedu wkoll iż-żieda ulterjuri tas-sinerġiji mal-mekkaniżmi u l-pjattaformi rilevanti operati mill-aġenziji tal-Unjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, bħall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (“EMPACT”) jew is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni bl-appoġġ ta’ eu-LISA fir-rigward tat-tħejjija tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT rilevanti kif ukoll is-sejbiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta’ kontroll tal-kwalità. | (9) Il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Frontex hija mekkaniżmu komplementari għall-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ stabbilit minn dan ir-Regolament biex jiggarantixxi l-kontroll tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni u jiżgura li kemm il-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali, ikunu lesti jirrispondu għal kwalunkwe sfida fil-fruntieri esterni. ***Dik il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-programm ta’ evalwazzjoni annwali, u b’hekk tiżgura għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni.*** Iż-żewġ mekkaniżmi jikkostitwixxu komponent tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri. Jenħtieġ li s-sinerġiji bejn il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ jiġu mmassimizzati bl-għan li tiġi stabbilita stampa mtejba tas-sitwazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen, u jiġu evitati, sa fejn ikun possibbli, l-isforzi doppji u r-rakkomandazzjonijiet kunfliġġenti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun hemm skambju ta’ informazzjoni regolari bejn il-Frontex u l-Kummissjoni dwar ir-riżultati taż-żewġ mekkaniżmi. Iż-żieda fil-fokus strateġiku u t-tfassil aktar immirat tal-evalwazzjoni jirrikjedu wkoll iż-żieda ulterjuri tas-sinerġiji mal-mekkaniżmi u l-pjattaformi rilevanti operati mill-aġenziji tal-Unjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, bħall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (“EMPACT”) jew is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni bl-appoġġ ta’ eu-LISA fir-rigward tat-tħejjija tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT rilevanti kif ukoll is-sejbiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta’ kontroll tal-kwalità. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Matul l-evalwazzjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari ***għall-ivverifikar*** tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minbarra l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-acquis ta' Schengen imwettqa permezz ta' evalwazzjonijiet separati. Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri addizzjonali biex tiżdied il-kapaċità tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jidentifika l-ksur tad-drittijiet fundamentali fl-oqsma ta' politika rilevanti. Jenħtieġ li l-evalwaturi ta' Schengen jitħarrġu kif suppost f'dan ir-rigward, l-informazzjoni rilevanti mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tiġi użata aħjar u l-esperti tagħha jkunu involuti b'mod aħjar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet. Apparti minn hekk, jenħtieġ li evidenza li toħroġ fil-pubbliku jew tingħata permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti jew partijiet terzi rilevanti fuq inizjattiva tagħhom stess bħal ombudspersons, awtoritajiet li jwettqu monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali, titqies fil-programmazzjoni, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet. | (10) Matul l-evalwazzjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari ***għall-verifika*** tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minbarra l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-acquis ta' Schengen imwettqa permezz ta' evalwazzjonijiet separati. Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri addizzjonali biex tiżdied il-kapaċità tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jidentifika l-ksur tad-drittijiet fundamentali fl-oqsma ta' politika rilevanti. Jenħtieġ li l-evalwaturi ta' Schengen jitħarrġu kif suppost f'dan ir-rigward, l-informazzjoni rilevanti mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tiġi użata aħjar u l-esperti tagħha jkunu involuti b'mod aħjar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet. ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, jenħtieġ li tiżviluppa parametri referenzjarji speċifiċi, biex jiġu inklużi fil-kwestjonarju standard, li permezz tagħhom tista' tiġi vvalutata l-konformità mad-drittijiet fundamentali.*** Apparti minn hekk, jenħtieġ li evidenza li toħroġ fil-pubbliku jew tingħata permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti jew partijiet terzi rilevanti fuq inizjattiva tagħhom stess bħal ombudspersons, awtoritajiet li jwettqu monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali, titqies fil-programmazzjoni, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-għamliet tal-evalwazzjonijiet u l-metodi jsiru aktar flessibbli biex tiżdied l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u l-kapaċità tiegħu li jadatta għal ċirkostanzi ġodda u żviluppi leġiżlattivi u biex jiġi ssimplifikat l-użu tar-riżorsi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet perjodiċi permezz ta' żjarat ikunu l-mezz primarju ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li l-proporzjon ta' żjarat għal għarrieda u evalwazzjonijiet tematiċi jiżdied gradwalment biex jiġi żgurat użu bbilanċjat tal-għodod disponibbli. Jenħtieġ li l-għamliet tal-evalwazzjonijiet jiġu definiti b'mod ċar. Skont il-qasam ta' politika u n-natura tal-attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li jippermetti l-evalwazzjoni ta' diversi Stati Membri simultanjament u jwettaq evalwazzjonijiet mill-bogħod fl-intier tagħhom jew parzjalment kif ukoll jgħaqqad flimkien l-evalwazzjoni tal-oqsma ta' politika. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jara li jitfasslu rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri li jkunu komprensivi li jivvalutaw il-prestazzjoni kumplessiva tal-Istat Membru fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. | (12) Jenħtieġ li l-għamliet tal-evalwazzjonijiet u l-metodi jsiru aktar flessibbli biex tiżdied l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u l-kapaċità tiegħu li jadatta għal ċirkostanzi ġodda u żviluppi leġiżlattivi u biex jiġi ssimplifikat l-użu tar-riżorsi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet perjodiċi permezz ta' żjarat ikunu l-mezz primarju ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li l-proporzjon ta' żjarat għal għarrieda u evalwazzjonijiet tematiċi jiżdied gradwalment biex jiġi żgurat użu bbilanċjat tal-għodod disponibbli. Jenħtieġ li l-għamliet tal-evalwazzjonijiet jiġu definiti b'mod ċar. Skont il-qasam ta' politika u n-natura tal-attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li jippermetti l-evalwazzjoni ta' diversi Stati Membri simultanjament u jwettaq evalwazzjonijiet mill-bogħod fl-intier tagħhom jew parzjalment ***bħala metodi ta' evalwazzjoni komplementari għal żjarat fiżiċi,*** kif ukoll jgħaqqad flimkien l-evalwazzjoni tal-oqsma ta' politika. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jara li jitfasslu rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri li jkunu komprensivi li jivvalutaw il-prestazzjoni kumplessiva tal-Istat Membru fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet tematiċi jintużaw aktar ta' spiss biex jipprovdu analiżi komparattiva tal-prattiki fl-Istati Membri. Jenħtieġ li jsiru biex jivvalutaw l-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi kbar malli jibdew japplikaw u ta' inizjattivi ġodda, kif ukoll biex jivvalutaw kwistjonijiet minn fost l-oqsma ta' politika jew ***il-prattiki tal-Istati*** Membri ***li jkunu qegħdin jaffaċċjaw sfidi simili***. | (13) Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet tematiċi jintużaw aktar ta' spiss biex jipprovdu analiżi komparattiva tal-prattiki fl-Istati Membri. Jenħtieġ li jsiru biex jivvalutaw l-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi kbar malli jibdew japplikaw u ta' inizjattivi ġodda, kif ukoll biex jivvalutaw kwistjonijiet minn fost l-oqsma ta' politika jew ***politiki u prattiki simili fl-Istati*** Membri ***kollha***. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jenħtieġ li ż-żjarat għal għarrieda, billi huma fost l-aktar għodod effettivi ***għall-ivverifikar*** tal-prattiki tal-Istati Membri, isiru, skont xi jkun l-iskop tagħhom, mingħajr notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat ***jew b'notifika qasira minn qabel biss***. Jenħtieġ li ***ż-żjarat*** għal għarrieda ***mingħajr notifika minn qabel jsiru*** għal skopijiet "investigattivi" sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-obbligi skont l-acquis ta' Schengen, inkluż, bħala reazzjoni għal indikazzjonijiet fir-rigward ta' problemi sistemiċi li qegħdin ifeġġu li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt ***sinifikanti*** fuq it-tħaddim taż-żona Schengen jew għal ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni. ***F'każijiet bħal dawn, id-dispożizzjoni ta' avviż minn qabel ixxejjen l-objettiv taż-żjara. Żjarat għal għarrieda b'avviż minn qabel ta' 24 siegħa jenħtieġ li ssir jekk l-iskop ewlieni taż-żjara jkun li jsir kontroll aleatorju tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istat Membru.*** | (14) Jenħtieġ li ż-żjarat għal għarrieda, billi huma fost l-aktar għodod effettivi ***għall-verifika*** tal-prattiki tal-Istati Membri, isiru skont xi jkun l-iskop tagħhom, mingħajr notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li ***jsiru żjarat*** għal għarrieda għal skopijiet "investigattivi" sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-obbligi skont l-acquis ta' Schengen, inkluż, bħala reazzjoni għal indikazzjonijiet fir-rigward ta' problemi sistemiċi li qegħdin ifeġġu li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt ***negattiv*** fuq it-tħaddim taż-żona Schengen jew ***iwasslu*** għal ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Jenħtieġ li Stat Membru jingħata avviż ta' massimu ta' 24 siegħa qabel ma ssir żjara fi żmien qasir, li hija għodda komplementari. Żjara fi żmien qasir jenħtieġ li ssir biss meta l-għan ewlieni taż-żjara jkun li jsir kontroll aleatorju tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Il-programmazzjoni tal-attivitajiet imwettqa taħt dan ir-Regolament permezz tal-programmi pluriennali u annwali diġà wriet il-valur miżjud tagħha biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza. Għaldaqstant, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri jenħtieġ li tadotta l-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali. Dawn il-programmi jenħtieġ ukoll li jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa biex maż-żmien ikunu jistgħu jadattaw għan-natura dinamika tal-acquis ta' Schengen. Fl-eventwalità ta' force majeure, jenħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-programmi bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat mingħajr il-ħtieġa ta' emenda formali tal-programmi. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali, adottat għal seba' snin, jenħtieġ li jidentifika l-oqsma prijoritarji speċifiċi li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi. Dan l-approċċ ***huwa mistenni*** li jagħti lok għal aktar ***flessibilità***, prijoritizzazzjoni aħjar ***u*** użu aktar ibbilanċjat u strateġiku tal-għodod kollha disponibbli. L-estensjoni tal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali minn ħames għal seba' snin hija mistennija li twassal ukoll għal aktar monitoraġġ tal-Istati Membri li jkun aktar mill-qrib u aktar immirat mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' skrutinju. | (15) Il-programmazzjoni tal-attivitajiet imwettqa taħt dan ir-Regolament permezz tal-programmi pluriennali u annwali diġà wriet il-valur miżjud tagħha biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza. Għaldaqstant, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri jenħtieġ li tadotta l-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali. Dawn il-programmi jenħtieġ ukoll li jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa biex maż-żmien ikunu jistgħu jadattaw għan-natura dinamika tal-acquis ta' Schengen. Fl-eventwalità ta' force majeure, jenħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-programmi bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat mingħajr il-ħtieġa ta' emenda formali tal-programmi. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali, adottat għal seba' snin, jenħtieġ li jidentifika l-oqsma prijoritarji speċifiċi li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi. Dan l-approċċ ***jenħtieġ*** li jagħti lok għal aktar ***flessibbiltà***, ***adattabbiltà bbażata fuq l-informazzjoni aġġornata miġbura mid-diversi analiżijiet bil-ħsieb li tiġi stabbilita stampa mtejba tas-sitwazzjoni tat-theddim taż-żona Schengen,*** prijoritizzazzjoni aħjar ***kif ukoll*** użu aktar ibbilanċjat u strateġiku tal-għodod kollha disponibbli. L-estensjoni tal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali minn ħames għal seba' snin hija mistennija li twassal ukoll għal aktar monitoraġġ tal-Istati Membri li jkun aktar mill-qrib u aktar immirat mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' skrutinju. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ isiru minn timijiet magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni ***u*** esperti maħtura mill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn ir-rappreżentanti u l-esperti jkollhom kwalifiki adegwati, inkluż għarfien teoretiku solidu u esperjenza prattika. Sabiex ikun żgurat li jieħdu sehem biżżejjed esperti bl-esperjenza b'mod aktar rapidu u inqas ikkumplikat, jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp ta' esperti akkarigu tal-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-grupp jenħtieġ li jkun is-sors primarju minn fejn jinġiebu l-esperti għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. | (16) Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ isiru minn timijiet magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni***, minn*** esperti maħtura mill-Istati Membri ***u minn osservaturi tal-Unjoni***. Jenħtieġ li dawn ir-rappreżentanti u l-esperti jkollhom kwalifiki adegwati, inkluż għarfien teoretiku solidu u esperjenza prattika***, u jkunu għamlu t-taħriġ adegwat***. ***Sabiex tiġi żgurata l-integrità tar-rapporti ta' evalwazzjoni mfassla mit-timijiet wara evalwazzjoni, fejn l-attivitajiet ta' korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen jiġu evalwati flimkien mal-awtoritajiet ta' Stat Membru, l-osservaturi tal-Unjoni jenħtieġ li ma jkollhom ebda kunflitt ta' interess.*** Sabiex ikun żgurat li jieħdu sehem biżżejjed esperti bl-esperjenza b'mod aktar rapidu u inqas ikkumplikat, jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp ta' esperti akkarigu tal-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-grupp jenħtieġ li jkun is-sors primarju minn fejn jinġiebu l-esperti għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Ir-rapporti ta' evalwazzjoni jenħtieġ li jkunu konċiżi u ***fil-qosor. Jenħtieġ li jiffukaw fuq in-nuqqasijiet b'impatt sinifikanti*** u jenfasizzaw l-oqsma fejn ***jista'*** jsir titjib ***importanti. Is-sejbiet minuri mhumiex mistennija li jkunu parti mir-rapporti.*** Madankollu t-tim ***għandu*** jikkomunika dawn is-sejbiet lill-Istat Membru evalwat fi tmiem l-attività ta' evalwazzjoni, inkluż lill-awtoritajiet responsabbli għall-mekkaniżmu nazzjonali rilevanti ta' kontroll tal-kwalità. Jenħtieġ li t-tim ifittex b'mod attiv li jidentifika l-aħjar prattiki li huma mistennija li jiżdiedu fir-rapporti. B'mod partikolari, jenħtieġ li miżuri ġodda u innovattivi li jtejbu b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tar-regoli komuni u li jistgħu jiġu implimentati minn Stati Membri oħra jiġu enfasizzati bħala l-aħjar prattika għall-finijiet tar-rapport. | (19) Ir-rapporti ta' evalwazzjoni jenħtieġ li jkunu konċiżi u ***jagħtu rendikont tan-nuqqasijiet identifikati*** u jenfasizzaw l-oqsma fejn ***jenħtieġ li*** jsir titjib. Madankollu t-tim ***jenħtieġ li*** jikkomunika dawn is-sejbiet lill-Istat Membru evalwat fi tmiem l-attività ta' evalwazzjoni, inkluż lill-awtoritajiet responsabbli għall-mekkaniżmu nazzjonali rilevanti ta' kontroll tal-kwalità. Jenħtieġ li t-tim ifittex b'mod attiv li jidentifika l-aħjar prattiki li huma mistennija li jiżdiedu fir-rapporti. B'mod partikolari, jenħtieġ li miżuri ġodda u innovattivi li jtejbu b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tar-regoli komuni u li jistgħu jiġu implimentati minn Stati Membri oħra jiġu enfasizzati bħala l-aħjar prattika għall-finijiet tar-rapport. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Jenħtieġ li, bħala regola, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar kif ***għandhom*** jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati (inkluż il-ksur tad-drittijiet fundamentali) u jiġu adottati f'att uniku mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-atti ta' implimentazzjoni permezz tal-proċedura ta' eżami f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([36]). Il-konsolidazzjoni tar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet f'dokument uniku u soġġetta għal proċedura unika ta' adozzjoni tirrinforza r-rabta intrinsika bejn is-sejbiet tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni mħaffa tar-rakkomandazzjonijiet hija mistennija li tippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet b'mod aktar rapidu u b'effiċjenza akbar. Fl-istess waqt, l-użu tal-proċedura ta' eżami jenħtieġ li jiżgura l-involviment tal-Istat Membru fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jwassal għall-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. | (20) Jenħtieġ li, bħala regola, ir-rapporti ta' evalwazzjoni jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati (inkluż il-ksur tad-drittijiet fundamentali) u jiġu adottati f'att uniku mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-atti ta' implimentazzjoni permezz tal-proċedura ta' eżami f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([36]) ***u mingħajr dewmien indebitu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-identifikazzjoni u r-rimedju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.*** Il-konsolidazzjoni tar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet f'dokument uniku u soġġetta għal proċedura unika ta' adozzjoni tirrinforza r-rabta intrinsika bejn is-sejbiet tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni mħaffa tar-rakkomandazzjonijiet hija mistennija li tippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet b'mod aktar rapidu u b'effiċjenza akbar. Fl-istess waqt, l-użu tal-proċedura ta' eżami jenħtieġ li jiżgura l-involviment tal-Istat Membru fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jwassal għall-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. |
| ([36]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13. | ([36]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (22) Barra minn hekk, meta l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqas serju, jenħtieġ li japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi biex tiġi żgurata l-adozzjoni fil-pront ta' miżuri ta' rimedju. Minħabba r-riskju li tali nuqqas jirrappreżenta, malli l-Istat Membru evalwat jiġi infurmat dwar nuqqas serju, l-Istat Membru evalwat jenħtieġ li jibda jimplimenta minnufih l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni biex jirrimedja n-nuqqas, inkluż, meta meħtieġ, il-mobilizzazzjoni tal-mezzi operazzjonali u finanzjarji kollha disponibbli. Jenħtieġ li l-azzjoni ta' rimedju tkun soġġetta għal skadenzi aktar stretti u monitoraġġ u skrutinju politiku aktar mill-qrib tul il-proċess. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew meta evalwazzjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' nuqqas serju u torganizza żjara mill-ġdid minħabba "nuqqas serju" mhux aktar tard minn ***sena*** mid-data tal-evalwazzjoni biex tivverifika jekk Stat Membru jkunx irrimedja n-nuqqasijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport taż-żjara mill-ġdid lill-Kunsill wara ż-żjara mill-ġdid. | (22) Barra minn hekk, meta l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqas serju, jenħtieġ li japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi biex tiġi żgurata l-adozzjoni fil-pront ta' miżuri ta' rimedju. Minħabba r-riskju li tali nuqqas jirrappreżenta, malli l-Istat Membru evalwat jiġi infurmat dwar nuqqas serju, l-Istat Membru evalwat jenħtieġ li jibda jimplimenta minnufih l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni biex jirrimedja n-nuqqas, inkluż, meta meħtieġ, il-mobilizzazzjoni tal-mezzi operazzjonali u finanzjarji kollha disponibbli. Jenħtieġ li l-azzjoni ta' rimedju tkun soġġetta għal skadenzi aktar stretti u monitoraġġ u skrutinju politiku aktar mill-qrib tul il-proċess. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew meta evalwazzjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' nuqqas serju u ***tirrapporta dwar kwalunkwe proċedura ta' ksur li tkun għaddejja jew li tkun se titressaq kontra l-Istat Membru evalwat. Jenħtieġ li l-Kummissjoni*** torganizza ***wkoll*** żjara mill-ġdid minħabba "nuqqas serju" mhux aktar tard minn ***180 jum*** mid-data tal-evalwazzjoni biex tivverifika jekk Stat Membru jkunx irrimedja n-nuqqasijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport taż-żjara mill-ġdid lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew*** wara ż-żjara mill-ġdid. ***Meta jitqies l-impatt gravi li nuqqas serju jista' jkollu fuq iż-żona Schengen, jenħtieġ li l-Kummissjoni tvara mingħajr dewmien proċedura ta' ksur f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-identifikazzjoni ta' nuqqas serju tirrikjedi valutazzjoni bir-reqqa każ b'każ abbażi ta' kriterji ċari rigward in-natura, l-iskala u l-impatt potenzjali tal-problemi, li jaf ikunu differenti għal kull qasam ta' politika. Elementi ewlenin differenti għall-implimentazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen u taħlita differenti ta' fatturi jistgħu jwasslu biex sejba tiġi kklassifikata bħala nuqqas serju. Madankollu, jekk jitqies li nuqqas identifikat qiegħed ipoġġi f'riskju t-tħaddim kumplessiv taż-żona mingħajr fruntieri interni, jew jista' potenzjalment jagħmel hekk fuq żmien qasir, jew ikollu impatt negattiv sinifikanti fuq id-drittijiet tal-individwi, tali nuqqas għandu jitqies bħala nuqqas serju. Meta, f'rapport ta' evalwazzjoni, jiġi identifikat nuqqas serju fit-twettiq tal-kontroll fil-fruntieri esterni, jistgħu japplikaw l-Artikoli 21 u 29 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]). | (23) L-identifikazzjoni ta' nuqqas serju tirrikjedi valutazzjoni bir-reqqa każ b'każ abbażi ta' kriterji ċari rigward in-natura, l-iskala u l-impatt potenzjali tal-problemi, li jaf ikunu differenti għal kull qasam ta' politika. Elementi ewlenin differenti għall-implimentazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen u taħlita differenti ta' fatturi jistgħu jwasslu biex sejba tiġi kklassifikata bħala nuqqas serju. Madankollu, jekk jitqies li nuqqas identifikat qiegħed ipoġġi f'riskju t-tħaddim kumplessiv taż-żona mingħajr fruntieri interni, jew jista' potenzjalment jagħmel hekk fuq żmien qasir, jew ***ikollu impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali jew*** ikollu impatt negattiv sinifikanti fuq id-drittijiet tal-individwi, tali nuqqas għandu jitqies bħala nuqqas serju. Meta, f'rapport ta' evalwazzjoni, jiġi identifikat nuqqas serju fit-twettiq tal-kontroll fil-fruntieri esterni, jistgħu japplikaw l-Artikoli 21 u 29 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]). |
| ([37]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1). | ([37]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1). |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Huwa essenzjali u opportun li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom diskussjonijiet regolari fil-livell politiku sabiex jissensibilizzaw dwar l-importanza tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, iżommu responsabbli lill-Istati Membri li b'mod persistenti jiksru r-regoli komuni, u jżidu l-pressjoni fuqhom biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi input adegwat biex tiffaċilita dawn id-diskussjonijiet inkluż permezz tal-adozzjoni ta' rapport annwali komprensiv li jkopri l-evalwazzjonijiet imwettqa matul is-sena preċedenti u l-istat ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, li jifforma parti mir-rapport dwar "l-Istat ta' Schengen". Il-Parlament Ewropew huwa mħeġġeġ jadotta riżoluzzjonijiet u l-Kunsill jenħtieġ li jadotta konklużjonijiet biex iżid il-pressjoni fuq l-Istati Membri li ma jagħmlux biżżejjed progress. Il-"Forum Schengen", bħala xena unika fejn ***jiġi diskuss*** Schengen f'livell għoli mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li jipprovdi pjattaforma għad-diskussjonijiet informali bl-għan li l-acquis ta' Schengen jiġi implimentat aħjar. | (26) Huwa essenzjali u opportun li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom diskussjonijiet regolari fil-livell politiku sabiex jissensibilizzaw dwar l-importanza tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, iżommu responsabbli lill-Istati Membri li b'mod persistenti jiksru r-regoli komuni, u jżidu l-pressjoni fuqhom biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati. ***Iż-żewġ istituzzjonijiet jenħtieġ li jkunu informati b'mod sħiħ u ugwali dwar l-iżviluppi kollha fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen fl-Istati Membri.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi input adegwat biex tiffaċilita dawn id-diskussjonijiet inkluż permezz tal-adozzjoni ta' rapport annwali komprensiv li jkopri l-evalwazzjonijiet imwettqa matul is-sena preċedenti u l-istat ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, li jifforma parti mir-rapport dwar "l-Istat ta' Schengen". Il-Parlament Ewropew huwa mħeġġeġ jadotta riżoluzzjonijiet u l-Kunsill jenħtieġ li jadotta konklużjonijiet biex iżid il-pressjoni fuq l-Istati Membri li ma jagħmlux biżżejjed progress. Il-"Forum Schengen", bħala xena unika fejn ***iż-żona*** Schengen ***tiġi diskussa*** f'livell għoli mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li jipprovdi pjattaforma għad-diskussjonijiet informali bl-għan li l-acquis ta' Schengen jiġi implimentat aħjar. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) L-istatus tal-klassifikazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u ta' żjara mill-ġdid jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([38]). L-Istat Membru evalwat jenħtieġ li jkun jista' xorta waħda jżomm il-possibbiltà li jitlob il-klassifikazzjoni tar-rapport kollu jew partijiet minnu f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli. | (28) L-istatus tal-klassifikazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u ta' żjara mill-ġdid jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([38]). L-Istat Membru evalwat***, f'każijiet eċċezzjonali,*** jenħtieġ li jkun jista' xorta waħda jżomm il-possibbiltà li jitlob il-klassifikazzjoni tar-rapport kollu jew partijiet minnu f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli. |
| ([38]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli ***tas-Sigurtà*** għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53). | ([38]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli ***tas-sigurtà*** għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53). |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Fid-dawl tar-rwol partikolari fdat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali taħt l-aħħar sentenza tal-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif issottolinjat fl-Artikolu 12, il-punt (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali, jenħtieġ li l-Kunsill u l-Kummissjoni jinformaw għalkollox lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali dwar il-kontenut u r-riżultati tal-evalwazzjonijiet. Barra minn hekk, fl-eventwalità li l-Kummissjoni tippreżenta proposta biex temenda dan ir-Regolament, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 19(7), il-punt (h), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ([39]), jikkonsulta lill-Parlament Ewropew sabiex jikkunsidra l-opinjoni tiegħu, kemm jista' jkun possibbli, qabel ma jadotta test finali.<br>([39]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35). | (29) Fid-dawl tar-rwol partikolari fdat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali taħt l-aħħar sentenza tal-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif issottolinjat fl-Artikolu 12, il-punt (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali, jenħtieġ li l-Kunsill u l-Kummissjoni jinformaw għalkollox lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali dwar il-kontenut u r-riżultati tal-evalwazzjonijiet ***mhux aktar tard minn 14-il jum wara li l-proċedura ta' evalwazzjoni tkun ġiet konkluża***. Barra minn hekk, fl-eventwalità li l-Kummissjoni tippreżenta proposta biex temenda dan ir-Regolament, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 19(7), il-punt (h), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ([39]), jikkonsulta lill-Parlament Ewropew sabiex jikkunsidra l-opinjoni tiegħu, kemm jista' jkun possibbli, qabel ma jadotta test finali.<br>([39]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35). |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għall-fini li jiżgura li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod effettiv***, u b'hekk jikkontribwixxi għal*** żona li taħdem sew mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għall-fini li jiżgura li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod effettiv ***sabiex tiġi żgurata*** żona li taħdem sew mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni***, u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen ***u jqisu t-tħaddim tal-awtoritajiet li japplikaw l-acquis*** ta' Schengen. | 3. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen***, inkluża l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti mill-Istati Membri tal-miżuri li jakkumpanjawh fl-oqsma tal-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi, is-Sistema ta' Informazzjoni*** ta' Schengen***, il-protezzjoni tad-data, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-kooperazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll in-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. L-evalwazzjonijiet kollha għandhom jinkludu valutazzjoni tal-konformità mad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-aspetti koperti.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (d) "evalwazzjoni għal għarrieda" tfisser evalwazzjoni, li mhijiex inkluża fil-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali, biex tivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru wieħed jew aktar f'qasam ta' politika wieħed jew aktar; | (d) "evalwazzjoni għal għarrieda" tfisser evalwazzjoni, li ***ssir mingħajr ebda avviż minn qabel u li*** mhijiex inkluża fil-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali, biex tivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru wieħed jew aktar f'qasam ta' politika wieħed jew aktar; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(fa) "żjara fi żmien qasir" tfisser żjara, li ssir b'avviż minn qabel ta' massimu ta' 24 siegħa u bl-iskop li jsir kontroll aleatorju tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (i) "nuqqas serju" tfisser nuqqas wieħed jew aktar li jirrigwarda l-applikazzjoni effettiva ***ta' elementi ewlenin*** tal-acquis ta' Schengen u li individwalment jew flimkien ma' oħrajn***, għandu,*** jew hemm riskju li ***maż-żmien ikollu,*** impatt negattiv ***sinifikanti*** fuq id-drittijiet tal-individwi jew fuq it-tħaddim taż-żona Schengen; | (i) "nuqqas serju" tfisser nuqqas wieħed jew aktar li jirrigwarda l-applikazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen***, jew parti minnu, inkluż ir-rispett tal-Karta,*** u li individwalment jew flimkien ma' oħrajn ***għandu impatt negattiv*** jew hemm riskju li ***jkollu*** impatt negattiv fuq ***il-libertà tal-moviment,*** id-drittijiet tal-individwi jew fuq it-tħaddim taż-żona Schengen; |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) "tim" tfisser grupp magħmul minn esperti maħtura mill-Istati Membri u rappreżentanti tal-Kummissjoni li jwettqu l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. | (k) "tim" tfisser grupp magħmul minn esperti maħtura mill-Istati Membri u rappreżentanti tal-Kummissjoni ***u osservaturi maħtura minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-Unjoni rilevanti,*** li jwettqu l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) "osservatur tal-Unjoni" tfisser individwu maħtur minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) li jieħu sehem f'attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-evalwazzjonijiet sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament. | 3. L-Istati Membri***, il-Kummissjoni u l-Kunsill*** għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-evalwazzjonijiet sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament***, filwaqt li jiżguraw li l-Parlament Ewropew jinżamm infurmat għalkollox dwar l-iżviluppi sostantivi kollha***. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u t-timijiet li jwettqu l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv, b'mod partikolari billi jagħtu l-possibbiltà lill-Kummissjoni u lit-timijiet biex jindirizzaw direttament lill-persuni rilevanti u billi jipprovdu aċċess komplut u bla xkiel għaż-żoni, binjiet u dokumenti kollha li jkun intalab aċċess għalihom, inklużi struzzjonijiet u linji gwida nazzjonali u interni, anki dawk klassifikati. | Għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u t-timijiet li jwettqu l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv, b'mod partikolari billi jagħtu l-possibbiltà lill-Kummissjoni u lit-timijiet biex jindirizzaw direttament ***u individwalment*** lill-persuni rilevanti u billi jipprovdu aċċess komplut u bla xkiel għaż-żoni, binjiet u dokumenti kollha li jkun intalab aċċess għalihom, inklużi struzzjonijiet u linji gwida nazzjonali u interni, anki dawk klassifikati. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha ġġarrab l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni tal-esperti ***u l-osservatur imsemmi*** fl-Artikolu 16(2) li jieħdu sehem fiż-żjarat. | Il-Kummissjoni għandha ġġarrab l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni tal-esperti ***kif ukoll tal-osservaturi msemmija*** fl-Artikolu 16(2) ***u tal-osservaturi tal-Unjoni*** li jieħdu sehem fiż-żjarat. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) evalwazzjonijiet imwettqa fi żmien qasir;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex tevalwa l-prattiki fil-fruntieri interni; | (a) biex tevalwa l-prattiki fil-fruntieri interni***, b'mod partikolari fejn il-kontrolli fil-fruntieri interni ilhom fis-seħħ għal aktar minn 180 jum u f'postijiet fejn ikun hemm evidenza ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta ssir taf b'xi problemi li feġġew jew problemi ***sistematiċi*** li potenzjalment jista' jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq it-tħaddim taż-żona Schengen; | (b) meta ssir taf b'xi problemi li feġġew jew problemi ***eżistenti*** li potenzjalment jista' jkollhom impatt negattiv ***sinifikanti*** fuq it-tħaddim taż-żona Schengen***, inklużi ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal theddid għas-sigurtà interna.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) meta jkollha raġunijiet biex tqis li Stat Membru qiegħed jittraskura ***serjament*** l-obbligi tiegħu skont l-acquis ta' Schengen ***inkluż*** allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni. | (c) meta jkollha raġunijiet biex tqis li Stat Membru qiegħed jittraskura l-obbligi tiegħu skont l-acquis ta' Schengen***, b'mod partikolari*** allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tista' torganizza evalwazzjonijiet tematiċi, b'mod partikolari biex tivvaluta l-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi sinifikanti, malli jibdew japplikaw, u ta' inizjattivi ġodda, jew biex tivvaluta kwistjonijiet minn fost l-oqsma ta' politika jew ***il-prattiki tal-Istati Membri li jkunu qegħdin jaffaċċjaw sfidi simili***. | 3. Il-Kummissjoni tista' torganizza evalwazzjonijiet tematiċi, b'mod partikolari biex tivvaluta l-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi sinifikanti, malli jibdew japplikaw, u ta' inizjattivi ġodda, jew biex tivvaluta kwistjonijiet minn fost l-oqsma ta' politika, jew ***politiki u prattiki simili fost l-Istati Membri***. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 jistgħu jitwettqu permezz ta' żjarat b'avviż minn qabel jew għal għarrieda, u kwestjonarji jew metodi mill-bogħod. | L-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 jistgħu jitwettqu permezz ta' żjarat b'avviż minn qabel***, fi żmien qasir*** jew għal għarrieda, u kwestjonarji jew metodi mill-bogħod. ***Dawn għandhom jintużaw biss meta ż-żjarat fiżiċi ma jitqisux meħtieġa.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni. | Il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni ***u tistieden membru tal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni biex jipparteċipa fit-timijiet li jwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, meta jkun rilevanti***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta' Awwissu kull sena, il-Frontex għandha tippreżenta ***analiżi*** tar-riskju lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-dawl tal-programm ta' evalwazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. | 1. Sal-31 ta' Awwissu kull sena, il-Frontex għandha tippreżenta ***analiżijiet*** tar-riskju lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-dawl tal-programm ta' evalwazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-analiżi*** tar-riskju ***msemmi*** fil-paragrafu 1 ***għandu jkopri*** l-aspetti rilevanti kollha ***relatati mal-ġestjoni*** integrata tal-fruntieri u ***għandha tinkludi*** wkoll rakkomandazzjonijiet għaż-żjarat għal għarrieda fis-sena ta' wara, irrispettivament mill-ordni tal-Istati Membri li għandhom jiġu evalwati kull sena, kif stabbilit fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali f'konformità mal-Artikolu 12. | ***L-analiżijiet*** tar-riskju ***msemmija*** fil-paragrafu 1 ***għandhom ikopru*** l-aspetti rilevanti kollha ***tal-ġestjoni*** integrata tal-fruntieri ***Ewropej, kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896,*** u ***jinkludu komponent tad-drittijiet fundamentali, u għandhom jinkludu*** wkoll rakkomandazzjonijiet għaż-żjarat għal għarrieda ***jew fi żmien qasir*** fis-sena ta' wara, irrispettivament mill-ordni tal-Istati Membri li għandhom jiġu evalwati kull sena, kif stabbilit fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali f'konformità mal-Artikolu 12. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jirrigwardaw kwalunkwe reġjun jew ***qasam speċifiku*** u għandhom jinkludu lista ta' minn tal-anqas 10 sezzjonijiet speċifiċi tal-fruntieri esterni u minn tal-anqas 10 punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera, siti speċifiċi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2008/115/KE ([47]), u informazzjoni rilevanti oħra. | Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jirrigwardaw kwalunkwe reġjun jew ***żona speċifika*** u għandhom jinkludu lista ta' minn tal-anqas 10 sezzjonijiet speċifiċi tal-fruntieri esterni u minn tal-anqas 10 punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera, siti speċifiċi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2008/115/KE ([47]), u informazzjoni rilevanti oħra. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tibgħat mingħajr dewmien l-analiżijiet tar-riskju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.*** |
| ([47]) Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98). | ([47]) Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98). |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali*** |
| | ***F'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) u (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 ([1a]), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tippreżenta lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni ġenerali tagħha tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen bil-ħsieb li tipprovdilha l-konklużjonijiet tagħha meta tkun qed tfassal il-programm ta' evalwazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 13.*** |
| | ***([1a]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tuża r-riżultati tal-mekkaniżmi u tal-istrumenti rilevanti, inkluż attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll ta' mekkaniżmi nazzjonali indipendenti ta' monitoraġġ ***u ta' korpi*** u mekkaniżmi oħra nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fit-tħejjija tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen u biex tevita sforzi doppji u miżuri kunfliġġenti. | 1. Il-Kummissjoni għandha tuża r-riżultati tal-mekkaniżmi u tal-istrumenti rilevanti, inkluż attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll ta' mekkaniżmi ***u korpi*** nazzjonali indipendenti ta' monitoraġġ u mekkaniżmi oħra nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fit-tħejjija tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, ***fid-determinazzjoni tal-ħtieġa ta' evalwazzjoni għal għarrieda jew evalwazzjonijiet organizzati fi żmien qasir u*** biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen u biex tevita sforzi doppji u miżuri kunfliġġenti. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha ssir f'konformità mal-mandati tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kkonċernati. | Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha ssir f'konformità mal-mandati tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kkonċernati. ***Tali kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha sseħħ sabiex tiżgura għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni min-naħa tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kkonċernati, u rispons operazzjonali mtejjeb minnhom.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tul il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi, inkluż awtoritajiet indipendenti, organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali. | Tul il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, ***b'mod partikolari fid-determinazzjoni tal-ħtieġa ta' evalwazzjonijiet għal għarrieda skont l-Artikolu 4(2) u (2a),*** il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni ***u r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti*** minn partijiet terzi ***rilevanti***, ***inklużi*** awtoritajiet indipendenti, organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali ***bħall-istituzzjonijiet u l-korpi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa. Meta l-evalwazzjoni tikkonferma nuqqasijiet evidenzjati minn partijiet terzi fl-informazzjoni li jipprovdu, l-Istati Membri għandu jkollhom l-opportunità li jikkummentaw.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| F'kull ċiklu ta' evalwazzjoni pluriennali, kull Stat Membru għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni perjodika waħda u minn tal-anqas evalwazzjoni għal għarrieda waħda jew evalwazzjoni tematika waħda. | F'kull ċiklu ta' evalwazzjoni pluriennali, kull Stat Membru għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni perjodika waħda u minn tal-anqas evalwazzjoni għal għarrieda waħda jew ***żjara fi żmien qasir, kif ukoll*** evalwazzjoni tematika waħda ***jew aktar. Evalwazzjonijiet għal għarrieda skont l-Artikolu 4 għandhom jiġu organizzati mill-Kummissjoni kull meta jinqalgħu ċ-ċirkostanzi previsti f'dak l-Artikoli.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għandu jidentifika ***l-oqsma prijoritarji speċifiċi*** li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi u għandu jinkludi skeda taż-żmien proviżorja ta' dawk l-evalwazzjonijiet. | Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għandu jidentifika***, skont l-Artikolu 4, dawk l-aspetti tal-acquis ta' Schengen*** li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi u għandu jinkludi skeda taż-żmien proviżorja ta' dawk l-evalwazzjonijiet. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Għandu jistabbilixxi lista proviżorja ta' Stati Membri li għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet perjodiċi, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti skont il-paragrafu 4, f'sena partikolari. L-ordni proviżorju li fih l-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni perjodika għandu jqis iż-żmien li jkun għadda mill-evalwazzjoni perjodika preċedenti. Għandu wkoll iqis l-eżitu tal-evalwazzjonijiet preċedenti, ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prattiki tal-Istati Membri. | Għandu jistabbilixxi lista proviżorja ta' Stati Membri li għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet perjodiċi, ***flimkien mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni li jwettqu funzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen fl-Istati Membri rilevanti,*** mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti ***magħmula*** skont il-paragrafu 4, f'sena partikolari. L-ordni proviżorju li fih l-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni perjodika għandu jqis iż-żmien li jkun għadda mill-evalwazzjoni perjodika preċedenti. Għandu wkoll iqis l-eżitu tal-evalwazzjonijiet preċedenti, ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prattiki tal-Istati Membri. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fit-tfassil tal-kwestjonarju, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 7. | Fit-tfassil tal-kwestjonarju, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 7. ***Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, għandha tinkludi fil-kwestjonarju parametri referenzjarji speċifiċi li permezz tagħhom it-timijiet ta' evalwazzjoni jivvalutaw il-konformità tad-drittijiet fundamentali.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tweġibiet disponibbli għall-Istati Membri l-oħra. | Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tweġibiet disponibbli għall-Istati Membri l-oħra ***u għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, għandhom jiżguraw li l-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jirċievu taħriġ adegwat biex isiru evalwaturi ta' Schengen. | L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, għandhom jiżguraw li l-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jirċievu taħriġ adegwat biex isiru evalwaturi ta' Schengen. ***It-tlestija ta' dak it-taħriġ għandha tkun obbligatorja għall-esperti kollha li jipparteċipaw f'tim li jwettaq attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ skont l-Artikolu 18.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-finijiet ta' taħriġ, kull tim li jwettaq evalwazzjonijiet perjodiċi jista' jinkludi "osservatur" minn Stat Membru jew ***inkella mill-Kummissjoni***. | 2. Għall-finijiet ta' taħriġ, kull tim li jwettaq evalwazzjonijiet perjodiċi jista' jinkludi "osservatur" minn Stat Membru***, mill-Kummissjoni*** jew ***minn korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen***. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi, kull sena, grupp ta' esperti b'esperjenza professjonali ***li tkopri oqsma prijoritarji speċifiċi stabbiliti fil-programm*** ta' evalwazzjoni pluriennali. | 1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi, kull sena, grupp ta' esperti b'esperjenza professjonali ***li tinkludi dawk l-aspetti tal-acquis ta' Schengen li jridu jiġu koperti skont il-programm*** ta' evalwazzjoni pluriennali. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'mod parallel għat-twaqqif tal-programm ta' evalwazzjoni annwali f'konformità mal-Artikolu 13(1), meta jiġu mistiedna mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru minn tal-anqas espert kwalifikat wieħed għal kull ***qasam speċifiku ddeterminat*** fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għall-grupp ta' esperti tas-sena ta' wara. | 2. B'mod parallel għat-twaqqif tal-programm ta' evalwazzjoni annwali f'konformità mal-Artikolu 13(1), meta jiġu mistiedna mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru minn tal-anqas espert kwalifikat wieħed għal kull ***aspett tal-acquis ta' Schengen li jrid jiġi evalwat kif stabbilit*** fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għall-grupp ta' esperti tas-sena ta' wara. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-Kummissjoni għandha żżomm aġġornata l-lista ta' esperti li jiffurmaw parti mill-grupp ta' esperti u tinforma lill-Istati Membri dwar l-għadd ta' esperti u l-profili tagħhom maħtura għal kull Stat Membru. | 11. Il-Kummissjoni għandha żżomm aġġornata l-lista ta' esperti li jiffurmaw parti mill-grupp ta' esperti u tinforma lill-Istati Membri***, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** dwar l-għadd ta' esperti u l-profili tagħhom maħtura għal kull Stat Membru. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-għadd ta' esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jieħdu sehem f'tim abbażi tal-partikolaritajiet u l-ħtiġijiet tal-attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Il-Kummissjoni għandha tagħżel esperti minn grupp ta' esperti biex isiru membri ta' tim. | 1. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-għadd ta' esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jieħdu sehem f'tim abbażi tal-partikolaritajiet u l-ħtiġijiet tal-attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Il-Kummissjoni għandha tagħżel esperti minn grupp ta' esperti biex isiru membri ta' tim. ***Il-membri kollha tat-tim, bl-eċċezzjoni tal-osservaturi jew l-osservaturi tal-Unjoni, għandhom ikunu lestew it-taħriġ adegwat imsemmi fl-Artikolu 16(1).*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-esperti tal-Istati Membri ma għandhomx jieħdu sehem f'tim li jwettaq attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ tal-Istat Membru li fih ikunu impjegati. | L-esperti tal-Istati Membri ma għandhomx jieħdu sehem f'tim li jwettaq attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ tal-Istat Membru li fih ikunu impjegati. ***Barra minn hekk, meta l-attivitajiet ta' korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni preżenti fl-Istat Membru jkunu qed jiġu evalwati bħala parti mill-evalwazzjoni ta' dak l-Istat Membru, l-ebda espert jew osservatur minn dak il-korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni ma għandu jipparteċipa fl-evalwazzjoni.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fil-każ ta' żjarat għal għarrieda, il-Kummissjoni għandha tibgħat l-istediniet mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel ma ż-żjara tkun skedata li tibda. L-esperti għandhom iwieġbu fi żmien 72 siegħa minn meta jirċievu l-istedina, bi qbil mal-awtoritajiet li jaħtruhom. | 4. Fil-każ ta' żjarat għal għarrieda ***jew fi żmien qasir***, il-Kummissjoni għandha tibgħat l-istediniet mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel ma ż-żjara tkun skedata li tibda. L-esperti għandhom iwieġbu fi żmien 72 siegħa minn meta jirċievu l-istedina, bi qbil mal-awtoritajiet li jaħtruhom. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-Kummissjoni għandha tistieden ukoll lill-Parlament Ewropew jibgħat rappreżentant biex josserva ż-żjarat mill-ġdid bħala osservatur tal-Unjoni.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jekk il-Kummissjoni ma jirnexxilhiex tikseb konferma ***tas-sehem*** tal-għadd meħtieġ ta' esperti mill-grupp ta' esperti minn tal-anqas sitt ġimgħat qabel ma tkun skedata li tibda l-attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ, jew minn tal-anqas ***ġimgħa*** f'każ ta' żjarat għal għarrieda, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tistieden lill-Istati Membri kollha jinnominaw esperti kwalifikati li ma jkunux fil-grupp ta' esperti biex jimlew il-postijiet neqsin. | 8. Jekk il-Kummissjoni ma jirnexxilhiex tikseb konferma ***tal-parteċipazzjoni*** tal-għadd meħtieġ ta' esperti mill-grupp ta' esperti minn tal-anqas sitt ġimgħat qabel ma tkun skedata li tibda l-attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ, jew minn tal-anqas ***7 ijiem*** f'każ ta' żjarat għal għarrieda ***jew fi żmien qasir***, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tistieden lill-Istati Membri kollha jinnominaw esperti kwalifikati li ma jkunux fil-grupp ta' esperti biex jimlew il-postijiet neqsin. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 9 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha taħtar espert fit-tmun mill-Kummissjoni u tipproponi l-espert fit-tmun mill-Istati Membri. L-espert fit-tmun mill-Istati Membri għandu jinħatar mill-membri tat-tim mill-aktar fis possibbli wara li jiġi stabbilit it-tim. | Il-Kummissjoni għandha taħtar espert fit-tmun mill-Kummissjoni u tipproponi l-espert fit-tmun mill-Istati Membri. L-espert fit-tmun mill-Istati Membri għandu jinħatar mill-membri tat-tim mill-aktar fis possibbli wara li jiġi stabbilit it-tim. ***Il-Kummissjoni għandha taħtar espert responsabbli għall-elementi tad-drittijiet fundamentali taż-żjara jew tal-evalwazzjoni.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-programm dettaljat għal żjarat fi Stat Membru jew fil-konsolati tiegħu għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti fit-tmun u mal-Istat Membru kkonċernat. | Il-programm dettaljat għal żjarat fi Stat Membru jew fil-konsolati tiegħu għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti fit-tmun u mal-Istat Membru kkonċernat. ***Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-programm dettaljat lill-parlament nazzjonali rilevanti.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żjarat għal għarrieda għandhom isiru mingħajr notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat. ***Eċċezzjonalment,*** il-Kummissjoni ***tista' tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat minn tal-anqas 24 siegħa qabel ma tkun se ssir tali żjara meta l-iskop prinċipali taż-żjara*** għal għarrieda ***jkun dak ta' verifika aleatorja tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen***. | Iż-żjarat għal għarrieda għandhom isiru mingħajr notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni ***għandha tistabbilixxi l-programm dettaljat għaż-żjarat*** għal għarrieda. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-programm dettaljat għaż-żjarat għal għarrieda. Fil-każijiet li fihom ikunu ġew innotifikati l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-iskeda ta' żmien u l-programm dettaljat mal-Istat Membru kkonċernat.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi u taġġorna Linji gwida għat-twettiq taż-żjarat għal għarrieda. | 5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi u taġġorna linji gwida għat-twettiq taż-żjarat għal għarrieda ***jew fi żmien qasir u tista' tikkonsulta mal-Istati Membri***. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi linji gwida biex twettaq attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ permezz ta' kwestjonarju jew metodi oħra mill-bogħod. | Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi linji gwida biex twettaq attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ permezz ta' kwestjonarju, jew metodi oħra mill-bogħod***, bħala metodi komplementari. Il-metodi mill-bogħod għandhom jintużaw biss meta ż-żjarat fiżiċi ma jitqisux meħtieġa.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-parlamenti nazzjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-parlamenti nazzjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***mhux aktar tard minn 14-il jum wara li r-rapport ikun ġie adottat***. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju bl-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet u l-oqsma għat-titjib identifikati matul l-evalwazzjoni u jagħti indikazzjoni tal-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ***jista'*** jistabbilixxi skadenzi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Meta l-evalwazzjoni tidentifika nuqqas serju, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 23. | 5. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju bl-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet u l-oqsma għat-titjib identifikati matul l-evalwazzjoni u jagħti indikazzjoni tal-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ***għandu wkoll*** jistabbilixxi skadenzi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Meta l-evalwazzjoni tidentifika nuqqas serju, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 23. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni lill-Istat Membri evalwat fi żmien erba' ġimgħat minn tmiem l-attività ta' evalwazzjoni. L-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevih. F'każ li ssir talba mingħand l-Istat Membru evalwat, għandha ssir laqgħa ta' abbozzar, mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jaslu l-kummenti mingħand l-Istat Membru evalwat. Il-kummenti tal-Istat Membru evalwat ***jistgħu*** jiġu riflessi ***fl-abbozz tar-rapport*** ta' evalwazzjoni. | 6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni lill-Istat Membri evalwat fi żmien erba' ġimgħat minn tmiem l-attività ta' evalwazzjoni. L-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevih. F'każ li ssir talba mingħand l-Istat Membru evalwat, għandha ssir laqgħa ta' abbozzar, mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jaslu l-kummenti mingħand l-Istat Membru evalwat. Il-kummenti tal-Istat Membru evalwat ***għandhom*** jiġu riflessi ***għalkollox fir-rapport*** ta' evalwazzjoni. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Meta l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni jinkludi sejbiet relatati mal-attivitajiet ta' korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 6 għandha tapplika mutatis mutandis.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu u l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u l-Anness III tiegħu.***<br><br>***([1a]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lit-tim li jkun wettaq l-attività ta' evalwazzjoni, għandha tipprovdi osservazzjonijiet dwar l-adegwatezza tal-pjan ta' azzjoni u, fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tiegħu, għandha tinforma lill-Istat Membru bl-osservazzjonijiet tagħha. Il-Kunsill ***jista'*** jistieden ***lill-Istati*** Membri ***jipprovdu kummenti*** dwar il-pjan ta' azzjoni. | Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lit-tim li jkun wettaq l-attività ta' evalwazzjoni, għandha tipprovdi osservazzjonijiet dwar l-adegwatezza tal-pjan ta' azzjoni u, fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tiegħu, għandha tinforma lill-Istat Membru bl-osservazzjonijiet tagħha. Il-Kunsill ***għandu*** jistieden ***Stati*** Membri ***oħrajn jikkummentaw*** dwar il-pjan ta' azzjoni ***fil-qafas ta' djalogu politiku msaħħaħ***. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru evalwat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu kull sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni sakemm il-Kummissjoni tikkunsidra l-pjan ta' azzjoni bħala implimentat mija fil-mija. Skont in-natura tan-nuqqasijiet u l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni jaf tirrikjedi lill-Istat Membru evalwat frekwenzi ta' rapportar differenti. | L-Istat Membru evalwat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu kull sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni sakemm il-Kummissjoni tikkunsidra l-pjan ta' azzjoni bħala implimentat mija fil-mija. Skont in-natura tan-nuqqasijiet u l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni jaf tirrikjedi lill-Istat Membru evalwat frekwenzi ta' rapportar differenti. ***Jekk, wara 24 xahar mill-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni ma tqisx li r-rakkomandazzjonijiet kollha jkunu ġew indirizzati b'mod suffiċjenti u li l-pjan ta' azzjoni jkun ġie implimentat għalkollox, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni permezz ta' deċiżjoni motivata.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew ***u*** lill-Kunsill minn tal-anqas darbtejn fis-sena dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet tagħha rigward l-adegwatezza tal-pjanijiet ta' azzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-eżitu taż-żjarat mill-ġdid u ż-żjarat ta' verifika u jekk tosservax nuqqas konsiderevoli ta' progress fl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni. | Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill ***u lill-parlamenti nazzjonali kkonċernati*** minn tal-anqas darbtejn fis-sena dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet tagħha rigward l-adegwatezza tal-pjanijiet ta' azzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-eżitu taż-żjarat mill-ġdid u ż-żjarat ta' verifika u jekk tosservax nuqqas konsiderevoli ta' progress fl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni. |

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istat Membru evalwat għandu jieħu azzjonijiet ta’ rimedju ***minnufih*** inkluż, fejn meħtieġ, li jimmobilizza l-mezzi operazzjonali u finanzjarji kollha disponibbli. L-Istat Membru evalwat għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-azzjonijiet ta’ rimedju immedjati meħuda jew ippjanati. B’mod parallel, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rispettivi msemmija fl-Artikolu 7 dwar in-nuqqas serju fid-dawl tal-appoġġ possibbli tagħhom lill-Istat Membru evalwat. Il-Kummissjoni għandha wkoll tinforma lill-Kunsill u ***lill-Parlament Ewropew***. | L-Istat Membru evalwat għandu jieħu azzjonijiet ta’ rimedju ***immedjati*** inkluż, fejn meħtieġ, li jimmobilizza l-mezzi operazzjonali u finanzjarji kollha disponibbli. L-Istat Membru evalwat għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-azzjonijiet ta’ rimedju immedjati meħuda jew ippjanati. B’mod parallel, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rispettivi msemmija fl-Artikolu 7 dwar in-nuqqas serju fid-dawl tal-appoġġ possibbli tagħhom lill-Istat Membru evalwat. Il-Kummissjoni għandha wkoll tinforma ***immedjatament*** lill-Kunsill***, lill-Parlament Ewropew*** u ***lill-parlamenti nazzjonali bin-nuqqas serju identifikat u bl-azzjonijiet ta’ rimedju, jekk ikun hemm, li jkunu diġà ttieħdu mill-Istat Membru evalwat***. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet ***fi żmien ġimagħtejn*** minn meta jirċievi l-proposta. | Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet ***mhux aktar tard minn għaxart ijiem*** minn meta jirċievi l-proposta. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kunsill għandu jistabbilixxi limiti taż-żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relatati ma’ nuqqas serju u jispeċifika l-frekwenza tar-rapportar mill-Istat Membru evalwat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tiegħu. | Il-Kunsill għandu ***jiddiskuti l-kwistjoni b’mod urġenti u*** jistabbilixxi limiti taż-żmien ***qosra*** għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relatati ma’ nuqqas serju u jispeċifika l-frekwenza tar-rapportar mill-Istat Membru evalwat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tiegħu. |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru evalwat għandu jippreżenta l-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fi żmien ***xahar*** mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak il-pjan ta' azzjoni lill-Parlament Ewropew. | L-Istat Membru evalwat għandu jippreżenta l-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fi żmien ***tliet ġimgħat*** mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak il-pjan ta' azzjoni lill-Parlament Ewropew ***mingħajr ebda dewmien***. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 7 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Biex tivverifika l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relatati man-nuqqas serju, il-Kummissjoni għandha torganizza żjara mill-ġdid li għandha ssir mhux aktar tard minn ***sena*** mid-data tal-attività ta' evalwazzjoni. | Biex tivverifika l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relatati man-nuqqas serju, il-Kummissjoni għandha torganizza żjara mill-ġdid li għandha ssir mhux aktar tard minn ***180 jum*** mid-data tal-attività ta' evalwazzjoni. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-Kunsill għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu fuq ir-rapport. | 8. Il-Kunsill għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu fuq ir-rapport ***ta' evalwazzjoni u jista' jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju mmirati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet serji persistenti identifikati fir-rapport ta' żjara mill-ġdid. Meta l-Kummissjoni tippreżenta tali proposta, għandhom japplikaw il-paragrafi 6 u 7.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Meta, wara żjara mill-ġdid, Stat Membru ma jimplimentax b'mod sodisfaċenti pjan ta' azzjoni wara evalwazzjoni li tkun identifikat nuqqas serju, il-Kummissjoni għandha tniedi proċedura ta' ksur kontra dak l-Istat Membru f'konformità mat-TFUE meta tqis li dak l-Istat Membru jkun naqas milli jissodisfa obbligu.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jekk in-nuqqas serju jitqies li jikkostitwixxi theddida serja għall-ordni pubbliku jew għall-iskrutinju intern fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, jew ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew jekk tintalab mill-Parlament Ewropew jew minn Stat Membru, għandha tinforma immedjatament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan. | 10. Jekk in-nuqqas serju jitqies li jikkostitwixxi theddida serja għall-ordni pubbliku jew għall-iskrutinju intern fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, jew ksur ***serju u*** sistematiku tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew jekk tintalab mill-Parlament Ewropew jew minn Stat Membru, għandha tinforma immedjatament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan ***u għandha tinformahom dwar il-proċeduri ta' ksur li jkunu għaddejjin jew li jkunu se jinfetħu kontra l-Istat Membru evalwat***. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istatus tal-klassifikazzjoni tar-rapporti għandu jiġi ddeterminat f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444. Jistgħu ***jiġi*** kklassifikati wkoll bħala "EU RESTRICTED/RESTREINT UE" ***abbażi ta' rikjesta*** ġustifikata kif dovut tal-Istat Membru evalwat. | 2. L-istatus tal-klassifikazzjoni tar-rapporti għandu jiġi ddeterminat f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444. ***F'każijiet eċċezzjonali, partijiet mir-rapporti ta' evalwazzjoni*** jistgħu ***jiġu*** kklassifikati wkoll bħala "EU RESTRICTED/RESTREINT UE" ***fuq talba*** ġustifikata kif dovut tal-Istat Membru evalwat. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. It-trażmissjoni u t-trattament tal-informazzjoni u d-dokumenti klassifikati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom iseħħu f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli. Tali regoli ma għandhomx jipprekludu informazzjoni milli tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 7. | 3. It-trażmissjoni u t-trattament tal-informazzjoni u d-dokumenti klassifikati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom iseħħu f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli. Tali regoli ma għandhomx jipprekludu informazzjoni milli tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew***, għall-parlamenti nazzjonali*** u għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 7. |

**Il-Ħamis 7 ta’ April 2022**

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni twettaq rieżami tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Kunsill fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti ta’ evalwazzjoni kollha fir-rigward tal-evalwazzjonijiet koperti mill-ewwel programm ta’ evalwazzjoni pluriennali adottat f’konformità ma’ dan ir-Regolament. Tali rieżami għandu jkopri l-elementi kollha ta’ dan ir-Regolament, inkluż it-tħaddim tal-proċeduri għall-adozzjoni ta’ atti taħt il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew. | Il-Kummissjoni twettaq rieżami tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Kunsill fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti ta’ evalwazzjoni kollha fir-rigward tal-evalwazzjonijiet koperti mill-ewwel programm ta’ evalwazzjoni pluriennali adottat f’konformità ma’ dan ir-Regolament. Tali rieżami għandu jkopri l-elementi kollha ta’ dan ir-Regolament, inkluż it-tħaddim tal-proċeduri għall-adozzjoni ta’ atti taħt il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew ***mingħajr ebda dewmien***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 30a*** <br> ***Reviżjoni*** <br> ***Kwalunkwe proposta futura mill-Kummissjoni biex temenda dan il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ li jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta’ Schengen għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 77(2)(b) tat-TFUE.*** |

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

P9_TA(2022)0127

# L-estimi tad-dħul u tan-nefqa għas-sena finanzjarja 2023 tal-Parlament

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2023 (2021/2227(BUI))**

(2022/C 434/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([1]) (ir-"Regolament Finanzjarju"),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Bureau tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2021 u fit-22 ta' Novembru 2021;

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2021 dwar sforzi komplementari għat-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda kontra t-Theddid Ibridu;

— wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku tax-Xitwa 2022 tal-Kummissjoni ppubblikat fl-10 ta' Frar 2022;

— wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta fis-7 ta' Lulju 2020 li fiha l-Membri tal-PE ħeġġew lill-President Sassoli u lis-Segretarju Ġenerali Welle biex itejbu l-mobilità attiva sostenibbli u sikura fil-Parlament Ewropew;

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Nofs it-Terminu 2024 tal-EMAS adottata mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ġestjoni Ambjentali fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 2020,

— wara li kkunsidra r-rekwiżiti tal-addizzjonalità fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli), b'mod partikolari l-Premessa 90 u l-Artikolu 27 tagħha,

([1]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([2]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([3]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([4]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (COM(2020)0789), b'mod partikolari l-paragrafu 9 dwar l-ivvjaġġar kollettiv,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2022 [5],

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 [6],

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 [7] u d-dikjarazzjonijiet komuni maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni li huma annessi miegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali lill-Bureau bl-għan li jitħejja l-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2023,

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-estimi mħejji mill-Bureau fis-7 ta' Marzu 2022 skont l-Artikolu 25(7) u l-Artikolu 102(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-estimi mħejji mill-Kumitat għall-Baġits skont l-Artikolu 102(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 102 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0087/2022),

A. billi l-baġit propost fl-14 ta' Frar 2022 mis-Segretarju Ġenerali għall-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament għall-2023 jirrappreżenta żieda ta' 4,9 %;

B. billi l-Kummissjoni kkalkulat, fit-Tbassir Ekonomiku tax-Xitwa 2022 tagħha, li r-rata ta' inflazzjoni tal-UE kienet 4,9 % fl-aħħar trimestru tal-2021 u 2,9 % għas-sena kollha; billi l-Kummissjoni tistma li wara l-ogħla livell fi tmiem l-2021 u l-bidu tal-2022, l-inflazzjoni se tistabbilizza għal 3,9 % fl-2022 u 1,9 % fl-2023; billi l-livell ta' inflazzjoni għall-2023 bħalissa huwa volatili ħafna u estremament imprevedibbli; billi l-Kumitat għall-Baġits se jimmonitorja l-evoluzzjoni tiegħu, u jirreaġixxi kif xieraq jekk ikun meħtieġ;

C. billi l-kredibbiltà tal-Parlament u tal-Membri tiegħu f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej tiddependi fuq il-kapaċità proprja tal-Parlament li jiżgura l-kwalità tal-ħidma leġiżlattiva u ta' skrutinju u li jikkomunika r-riżultati tagħha; billi l-Parlament jeħtieġlu wkoll jagħti eżempju fil-konfront tal-istituzzjonijiet l-oħra u għalhekk jippjana u jeżegwixxi wkoll in-nefqa tiegħu bi prudenza u b'effiċjenza u b'mod li jirrifletti r-realtajiet ekonomiċi prevalenti;

D. billi l-baġit tal-Parlament għandu jiġi stabbilit fuq bażi realistika u għandu jkun konformi mal-prinċipji ta' dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba;

E. billi huwa ta' importanza kruċjali li jiġi protett il-leħen demokratiku tal-Parlament, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, speċifikament l-attakk militari illeġittimu tar-Russja fuq l-Ukrajna u l-elezzjonijiet għall-Parlament li ġejjin; billi t-theddid ċibernetiku kontra l-Parlament, inkluż minn gruppi sostnuti mill-istat, qiegħed jiżdied b'mod esponenzjali kemm fin-numru kif ukoll fis-sofistikazzjoni tagħhom; billi l-istandard tal-industrija jirrikjedi li 10 % tal-baġit sħiħ għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għandu jintnefaq fuq iċ-ċibersigurtà; billi l-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2021, approva l-ħolqien ta' direttorat ġdid għaċ-ċibersigurtà, u b'mod partikolari l-Unità għat-theddid għaċ-ċibersigurtà, il-monitoraġġ tar-riskju u l-konformità tal-protezzjoni tad-data tar-rappurtar, fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku (DĠ ITEC) u l-allokazzjoni tar-riżorsi neċessarji;

F. billi l-attakki ċibernetiċi huma theddid mhux biss diretti lejn il-Parlament iżda wkoll lejn l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea; billi l-kooperazzjoni interistituzzjonali hija essenzjali għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-monitoraġġ ta' u r-rispons xierqa għal tali theddid; billi d-Direttur Ġenerali tad-DĠ ITEC huwa l-President tal-Iskwadra ta'

(5) ĠU C 506, 15.12.2021, p. 247
(6) Testi adottati, P9_TA(2021)0432.
(7) ĠU L 45, 24.2.2022

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej (CERT-EU), korp interistituzzjonali fil-qasam taċ-ċibersigurtà; billi l-Parlament huwa impenjat bis-sħiħ li jfittex sinerġiji u kooperazzjoni addizzjonali ma' istituzzjonijiet oħra, billi, fost oħrajn, jibni l-ħiliet ta' CERT-EU bit-trasferiment ta' żewġ impjegati tal-Parlament, kif maqbul mill-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2021;

G. billi l-attakki ċibernetiċi huma biss tip wieħed ta' theddid ċibernetiku; billi t-theddid ibridu issa huwa t-thedded ewlieni għall-Parlament Ewropew u l-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni; billi theddid ibridu jirreferi għal attakki ċibernetiċi, spjunaġġ, interferenza fl-elezzjonijiet u kampanji ta' diżinformazzjoni, inkluż fuq il-midja soċjali; billi l-Kunsill, fil-konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2021 dwar sforzi komplementari għat-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda kontra t-Theddid Ibridu stieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, appoġġati mill-Istati Membri, biex jiżguraw il-kapaċità tal-Unjoni li tipproteġi l-integrità tagħha u ssaħħaħ is-sigurtà tan-networks tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni minn kull tip ta' attività malizzjuża, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tat-theddid; billi l-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Novembru 2021, approva r-riorganizzazzjoni tad-Direttorat Ġenerali Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DĠ SAFE), li jinvolvi l-ħolqien ta' direttorat ġdid għas-Sigurtà tat-Teknoloġija u l-Informazzjoni li jinkludi u jikkoordina l-kollegament operazzjonali u l-iskambju tal-informazzjoni mas-servizzi tas-sigurtà ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll mal-pulizija u mas-servizzi tas-sigurtà tal-pajjiżi ospitanti u Stati Membri oħra, li jikkomplementa l-attivitajiet ta' difiża tad-DĠ ITEC fiċ-ċibersigurtà;

H. billi r-rata ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2019 żdiedet bi tmien punti perċentwali meta mqabbla mal-elezzjonijiet tal-2014; billi l-2023 hija sena importanti għat-tħejjija tal-elezzjonijiet tal-2024;

I. billi "L-Istrateġija tal-Bini wara l-2019" tiffoka fuq il-bżonnijiet li għadhom ma ġewx indirizzati biżżejjed, bħall-adattament tal-faċilitajiet għall-modernizzazzjoni tal-mudelli tal-laqgħat parlamentari, il-prossimità b'mod partikolari grazzi għall-integrazzjoni ta' "Europa Experience" fl-Uffiċċji ta' Kollegament; it-titjib kontinwu tas-sigurtà tal-bini tal-Parlament u l-interkonnessjoni tal-bini ċentrali u l-bżonn għall-manutenzjoni tal-bini sabiex jintlaħqu l-istandards attwali tas-sikurezza u l-bżonnijiet reali tal-utenti tagħhom;

### *Qafas ġenerali*

1. Ifakkar li l-akbar sehem tal-baġit tal-Parlament huwa stabbilit permezz ta' obbligi statutarji jew kuntrattwali; jinnota li 65 % tal-baġit huwa soġġett għal indiċjar annwali, li jfisser żieda ta' EUR 67 miljun fl-2023 fl-abbozz preliminari tal-estimi propost mis-Segretarju Ġenerali fl-14 ta' Frar 2022; ifakkar li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2022, April 2023 u Lulju 2023 jammontaw għal 4,3 %, 1,1 % u 2,6 % rispettivament; jinnota li, minħabba l-perspettiva ekonomika attwali, l-Parlament jipprevedi indiċjar tas-salarji ta' 6 % minn Lulju 2022; ifakkar li, bi qbil mal-previżjonijiet tal-Kummissjoni, il-baġit tal-2022 inkluda indiċjar tas-salarju ta' 2,5 % biss għall-2022;

2. Japprova l-ftehim milħuq fil-Konċiljazzjoni bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits fit-30 ta' Marzu 2022 biex iż-żieda fuq il-baġit 2022 tiġi stabbilita għal 6,24 %, li tikkorrispondi għal livell ġenerali ta' estimi ta' EUR 2 244 696 416 għall-2023, biex jitnaqqas il-livell tan-nefqa tal-abbozz preliminari tal-estimi approvat mill-Bureau fis-7 ta' Marzu 2022 bi EUR 33,96 miljun, biex jiġu previsti 60 post tax-xogħol ġdid fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà iżda jitlob biss 52 post tax-xogħol fit-tabella tal-persunal għall-2023 minħabba li 8 postijiet tax-xogħol ġew rilokati minn servizzi amministrattivi oħra u biex jitnaqqsu kif xieraq l-approprjazzjonijiet proposti fil-linji baġitarji li ġejjin:

1 0 0 4 – Spejjeż għall-vjaġġi regolari, 1 2 0 0 — Remunerazzjoni u allowances, 1 4 0 5 — Nefqa fuq l-interpretazzjoni, 1 4 2 — Servizzi esterni tat-traduzzjoni, 2 0 0 7 — Kostruzzjoni ta' bini u sistemazzjoni fil-binjiet, 2 1 0 2 — L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Sostenn ġenerali lill-utenti, 2 1 0 3 — Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Applikazzjonijiet ICT, 2 1 0 4 — Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi, 2 1 0 5 — Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti, 2 1 2 — Għamara, 2 1 4 — Materjal u installazzjonijiet tekniċi, 2 1 6 — Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni, 2 3 7 — Rilokazzjonijiet, 2 3 8 — Nefqiet amministrattivi oħra, 3 0 0 — Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar

fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol, 3 2 0 — Akkwist tal-opinjoni tal-esperti, 3 2 1 — Nefqa għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, inklużi l-bibljoteka, l-arkivji storiċi, il-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA) u ċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika (STOA), 3 2 4 1 — Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali, 3 2 4 2 — Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi, 3 2 4 3 — Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew, 3 2 4 4 — L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stediniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi, 3 2 4 8 — In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva, 4 0 0 — Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati

Barra minn hekk, minħabba l-effetti straordinarji tal-kriżi internazzjonali fuq l-inflazzjoni, l-ispejjeż statutorji u l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Parlament, b'mod partikolari billi jsir investiment fis-sigurtà u ċ-ċibersigurtà, billi jiżdied b'EUR 62 miljun il-livell tan-nefqa tal-abbozz preliminari tal-estimi approvat mill-Bureau fis-7 ta' Marzu 2022 u billi jiżdiedu kif xieraq l-approprjazzjonijiet proposti fil-linji baġitarji li ġejjin:

1 0 0 0 — Salarji, 1 0 0 4 — Spejjeż għall-ivvjaġġar regolari, 1 0 0 5 — Spejjeż oħra għall-ivvjaġġar, 1 0 0 6 — Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali, 1 0 2 — Allowances Tranżitorji, 1 0 3 0 — Pensjonijiet tal-irtirar (PEAM), 1 0 3 1 — Pensjonijiet tad-diżabilità (PEAM), 1 0 3 2 — Pensjonijiet tar-romol (PEAM), 1 2 0 0 — Remunerazzjoni u allowances, 1 4 0 0 — Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi, 1 4 0 1 — Aġenti oħra — Sigurtà, 1 4 0 2 — Aġenti oħra — Xufiera fis-Segretarjat Ġenerali, 1 4 0 5 — Nefqa fuq l-interpretazzjoni, 2 0 2 4 — Konsum tal-enerġija, 2 1 0 4 — Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi, 4 2 2 — Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari

3. Iqis li ż-żieda ġenerali ta' 6,24 % meta mqabbla mal-2022 għandha titqies bħala żieda ta' 2,46 % għall-parti f'kundizzjonijiet normali u, minħabba ż-żmien eċċezzjonali attwali, żieda ta' EUR 79,8 miljun li tikkorrispondi għall-parti mill-kriżi biex tkopri l-inflazzjoni eċċezzjonali, iż-żieda li tirriżulta fl-ispejjeż statutorji u l-investimenti fis-sigurtà u ċ-ċibersigurtà.

4. Jissottolinja li, matul dawn l-aħħar snin, ir-rata ta' żieda tal-baġit tal-Parlament kienet inqas mir-rata ta' żieda tal-Intestatura 7; jinnota li l-Parlament ma għamilx użu tal-20 % tal-Intestatura 7 li huwa intitolat għalih;

5. Jissottolinja li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jeħtieġu li jikkonformaw mad-dixxiplina baġitarja meta jistabbilixxu l-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom għas-sena sussegwenti;

***Sigurtà kontra theddid ibridu li qiegħed dejjem jikber***

6. Jissottolinja li ċ-ċibersigurtà tal-Parlament hija prijorità ewlenija, speċjalment fid-dawl tat-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali; jiddeċiedi għaldaqstant li jappoġġja l-proposta tas-Segretarju Ġenerali li jsaħħaħ b'40 post tax-xogħol lil DG ITEC biex jiżdiedu l-ħiliet ta' difiża ċibernetika tal-Parlament u jintlaħaq livell adegwat ta' kapaċità interna; ifakkar it-tnaqqis globali b'6 % tal-persunal tal-Parlament matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, li kien sostnut primarjament mill-amministrazzjoni tiegħu; jemmen li huwa neċessarju li jiżdiedu r-riżorsi tal-Parlament fis-sigurtà sabiex tiġi protetta l-integrità tas-sistemi tal-ICT tiegħu; jinnota li l-impatt tal-40 post tax-xogħol għall-2023 se jkun ta' EUR 4,3 miljun u li l-investimenti ta' EUR 5 miljun fl-operazzjonijiet ta' u l-investimenti fiċ-ċibersigurtà huma fil-baġit għall-2023;

7. F'dan il-kuntest, itenni t-talba tiegħu lis-servizzi rilevanti biex jintegraw u jużaw soluzzjonijiet għal messaġġeriji istantanji u laqgħat virtwali li jkunu bbażati fuq sors miftuħ, ospitati fis-servers tal-Parlament u li jippermettu komunikazzjoni sigura, bħal Matrix u Jitsi, sabiex tiżdied b'mod sinifikanti l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet interni;

8. Iqis li l-kooperazzjoni interistituzzjonali hija essenzjali biex jiżdiedu s-sinerġiji fost l-amministrazzjonijiet u jiġu protetti l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mit-theddid ċibernetiku b'mod adegwat; jappoġġja bil-qawwa li jiġu trasferiti temporanjament 2 postijiet tax-xogħol AD (minn 40 post tax-xogħol addizzjonali fiċ-ċibersigurtà) għal CERT-EU flimkien ma' baġit annwali addizzjonali ta' EUR 1,564 miljun; iqis li ż-żieda fil-kapaċità tal-Parlament fiċ-ċibersigurtà se tkun ta' benefiċċju għall-istituzzjonijiet kollha billi tipprevjeni, tidentifika, tikkondividi u tipproteġi aħjar l-interessi tal-Unjoni kontra t-theddid ċibernetiku, inkluża l-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni;

**Il-Ħamis 7 ta' April 2022**

9. Ifakkar li t-theddid qiegħed jevolvi f'theddid ibridu; jappoġġja bil-qawwa l-20 post tax-xogħol addizzjonali għad-DĠ SAFE sabiex jissaħħu l-kapaċità u l-ħila tal-Parlament li jsib, jipprevjeni u jirreaġixxi għal dan it-theddid ġdid ta' natura ibrida u jimmodernizza u jiddiġitalizza l-proċessi ta' sigurtà; jieħu nota tat-Task Force Interistituzzjonali għall-Counter-Intelligence Umana, Diġitali u Ibrida li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-koordinazzjoni mas-servizzi tal-intelligence u s-sigurtà tal-Istati Membri;

10. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jagħmel użu mis-sinerġiji possibbli sabiex tiżdied l-effiċjenza fi ħdan l-amministrazzjoni, u sabiex janalizza kif id-diġitalizzazzjoni u metodi ġodda ta' ħidma jgħinu biex jiġu ssimplifikati d-direttorati u jippermettu t-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol lejn oqsma ta' prijorità; f'dan il-kuntest, jilqa' t-test pilota tal-pjattaforma "EU Voice", pjattaforma ta' mikroblogging interkonnessa b'sors miftuħ u li ġiet stabbilita mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex din tikkontribwixxi għall-privatezza tal-utent, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-IT, is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, l-interoperabilità, il-kompetizzjoni u l-għażla tal-utenti;

***Strateġija ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini***

11. Jaċċentwa r-rwol tal-Parlament fil-bini ta' kuxjenza politika Ewropea u fil-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni;

12. Jissottolinja li l-komunikazzjoni mill-partiti politiċi u l-Membri nfushom huwa wieħed mill-fatturi ewlenin għal rata ta' parteċipazzjoni għolja u għall-involviment u l-interess taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-elezzjonijiet Ewropej; jitlob li jkun hemm koordinazzjoni bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM) u s-servizzi tal-istampa tal-gruppi politiċi, bl-appoġġ tal-kontenut mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari (DĠ EPRS) u bl-appoġġ tekniku mid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠ TRAD), biex jiġi żgurat li l-messaġġ ikun ikkoordinat, adegwat u ċar għaċ-ċittadini;

13. Jieħu nota tar-riżorsi addizzjonali (EUR 27,5 miljun) allokati lid-DĠ COMM għall-istrateġija ta' komunikazzjoni relatata mal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024 sabiex jispjega r-rwol u l-funzjonijiet tal-Unjoni u b'mod partikolari tal-Parlament, l-impatt konkret fuq il-ħajja taċ-ċittadini u għaliex il-votazzjoni fl-elezzjonijiet tista' tagħmel differenza u sabiex jiżgura li l-istrutturi, l-għodod u l-pjattaformi kollha jkunu implimentati u lesti fl-2024;

14. Jitlob li jkun hemm kawtela fil-mument meta l-livell tal-ispejjeż ta' komunikazzjoni jiġi marbut mal-parteċipazzjoni fl-elezzjoni Ewropea, jew li dan jintrabat b'mod koerenti, inkluż fil-każ ta' tnaqqis fir-rata ta' varjazzjoni fil-parteċipazzjoni;

15. Iqis tal-ikbar importanza li l-Parlament ikun ippreparat sew għad-diżinformazzjoni; jitlob kooperazzjoni mtejba bejn id-DĠ ITEC, id-DĠ SAFE u d-DĠ COMM biex jidentifikaw, jimmonitorjaw u jirreaġixxu kif xieraq, fil-pront u biċ-ċar għall-kampanji ta' diżinformazzjoni, b'mod partikolari fuq il-midja soċjali; jitlob kooperazzjoni kontinwa mal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna rigward id-diżinformazzjoni;

16. Jappoġġja l-istabbiliment ta' Europa Experiences fl-Istati Membri kollha sal-2024; jappoġġja l-amministrazzjoni fil-politika tagħha maħsuba biex timmassimizza s-sinerġiji; jistenna li l-impatt baġitarju fit-tul tal-Europa Experiences f'termini ta' spejjeż operattivi jiġi ppreżentat lill-Kumitat għall-Baġits kemm jista' jkun malajr; ifakkar li l-Europa Experiences għandhom jippermettu liċ-ċittadini kollha jifhmu aħjar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej u għalhekk huma parti integrali mill-pjan ta' komunikazzjoni għall-kampanja elettorali; ifakkar li huwa tal-akbar importanza li l-Parlament kontinwament jinvolvi ruħu maċ-ċittadini tal-Unjoni permezz ta' mezzi varji ta' komunikazzjoni, fl-ispirtu ta' djalogu politiku b'diversi aspetti, mhux biss matul is-sena tal-elezzjonijiet iżda matul il-leġiżlatura kollha kemm hi; jemmen li l-posponiment ta' kwalunkwe proġett għandu jiġi deċiż abbażi ta' kriterji stabbiliti li fosthom il-bilanċ ġeografiku fost l-Istati Membri għandu jkun ta' importanza kbira; itenni l-ħtieġa li l-Parlament, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ikun preżenti b'kampanji ta' informazzjoni attiva fil-pajjiżi li applikaw formalment biex jissieħbu fl-Unjoni, jiġifieri r-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna u l-Ġeorġja;

17. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jagħti l-informazzjoni kollha kif jirrikjedi l-Artikolu 266(6) tar-Regolament Finanzjarju b'relazzjoni mas-self ta' EUR 37,9 miljun propost biex jiffinanzja x-xiri tal-bini tal-Europa Experience f'Dublin kemm jista' jkun malajr;

18. Iqis li l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew (EPLOs) għandhom jinvolvu ruħhom aktar ma' ċittadini ta' kull età; jitlob lill-Parlament biex joħloq aktar laqgħat u avvenimenti bejn il-Membri u ċ-ċittadini fil-livell lokali permezz tal-EPLOs tiegħu; itenni l-ħtieġa li l-EPLOs jipprovdu lill-Membri b'appoġġ adegwat għall-istabbiliment ta' aġendi tal-laqgħat u avvenimenti;

19. Iqis li l-EPLOs għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni f'lingwi barranin lill-komunitajiet Ewropej li jgħixu f'pajjiżi Ewropej oħra; jissottolinja l-ħtieġa li l-EPLOs jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ulterjuri rigward l-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni fil-komunitajiet lokali, l-iskejjel jew l-universitajiet.

20. Jitlob biex ikun hemm servizz iddedikat għall-anzjani li jenfasizza l-programmi u l-politiki tal-Unjoni li jkun ta' benefiċċju għat-tixjiħ attiv;

***L-ekoloġizzazzjoni u l-indipendenza enerġetika***

21. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-Parlament jeħtieġ li jkun minn ta' quddiem nett fl-adozzjoni ta' metodi ta' ħidma u prattiki ta' laqgħat aktar diġitali, flessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, billi jittieħdu t-tagħlimiet mill-esperjenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġu kapitalizzati l-investimenti teknoloġiċi li diġà ġew implimentati; jitlob għal valutazzjoni strateġika tal-kost tal-politika immobiljari, b'mod partikolari billi jitqiesu l-modi ġodda ta' ħidma, bħat-telexogħol, li kienu konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jkun rikonoxxut li l-preżenza fiżika għal negozjati politiċi, dibattiti jew skambju ta' fehmiet għadha aktar effiċjenti għat-tfassil tal-politika pubblika; jesprimi tħassib dwar il-kwalità mhux uniformi tal-faċilitajiet ta' interpretazzjoni u l-problemi tekniċi bl-Interactio; jappella biex isir investiment urġenti u mmirati biex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' multilingwiżmu; jenfasizza li wara l-kriżijiet politiċi, tas-saħħa u ekonomiċi, l-ispejjeż tal-enerġija żdiedu drastikament u b'konsegwenzi fit-tul; jitlob li jitqies l-impatt finanzjarju fuq il-bini tal-Parlament; jirrakkomanda li l-ippjanar tal-baġit annwali jqis ir-rinnovazzjoni regolari tal-bini kollu; jirrimarka li tali allokazzjoni tifforma parti minn politika immobiljari proattiva, li trid tiffoka fuq ir-rinnovazzjoni ekoloġika tal-istokk tal-bini u tiggarantixxi li l-Parlament jistinka biex jimmassimizza l-effiċjenza enerġetika, biex b'hekk inaqqas il-konsum tal-enerġija u l-ispiża tal-faċilitajiet tal-Parlament; f'dak ir-rigward, jissottolinja l-ħtieġa li l-bini Trèves I jiġi aġġornat għall-aħħar normi enerġetiċi u ambjentali; ifakkar fl-importanza ta' proċess deċiżjonali trasparenti u ġust fil-qasam tal-politika immobiljari, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-Artikolu 266 tar-Regolament Finanzjarju rigward il-politika immobiljari tal-Parlament; ifakkar fid-deċiżjoni tal-Bureau tat-2 ta' Lulju 2018 dwar ir-riabilitazzjoni tal-bini Paul-Henri Spaak; jitlob lill-Bureau jgħarraf id-deċiżjoni tiegħu dwar dak il-bini b'mod f'waqtu;

22. Ifakkar li, fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2019, il-Bureau approva l-miri aġġornati tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ambjentali tal-EMAS bid-data ta' mira unifikata tal-2024, inkluż tnaqqis, mil-livelli tal-2006, ta' 40 % tal-emissjonijiet totali tal-karbonju; ifakkar li l-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-EMAS tinkludi klawżola ta' rieżami biex tiżdied l-ambizzjoni ambjentali abbażi tal-prestazzjoni osservata; jitlob reviżjoni 'l fuq tal-miri tal-EMAS għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni peress li ħafna mill-miri stabbiliti fl-2019 diġà ntlaħqu, kif ukoll fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u l-ħtieġa li jitħaffu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u li titnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-gass; itenni t-talba tiegħu biex jiġi emendat il-pjan attwali tiegħu għat-tnaqqis tas-$CO_2$ biex tintlaħaq in-newtralità karbonika bl-użu ta' metodu rikonoxxut internazzjonalment meta jkun ġie vvalidat bħala, pereżempju, mekkaniżmu ta' Ipprezzar Intern tal-Karbonju li permezz tiegħu l-kumpaniji volontarjament jipprezzaw l-impronta tal-karbonju tagħhom u b'hekk jagħtu valur lill-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra;

23. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-impronta tal-karbonju tal-Parlament joriġinaw mit-trasport ta' persuni u oġġetti; jappella għall-promozzjoni ta' modi ta' trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-missjonijiet; itenni t-twemmin tiegħu li d-deċiżjonijiet dwar l-ivvjaġġar iridu jqisu l-importanza tal-preżenza parlamentari, it-tħassib dwar is-saħħa, il-prezz u l-ħin meħtieġ; jissottolinja li l-ivvjaġġar ta' ħafna Membri mill-kostitwenzi tagħhom lejn il-postijiet tax-xogħol tal-Parlament jirrikjedi vjaġġi twal u jista' jsir biss bl-ajruplan; ifakkar ukoll fl-għan tal-Parlament li jkompli jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu u jissottolinja li t-titjiriet diretti u biljetti flessibbli tal-ajru huma l-għażla li tippermetti l-mod tal-ivvjaġġar bl-ajru meħtieġ li jniġġes l-inqas;

24. Jistieden lill-Amministrazzjoni tkompli tistudja l-iffrankar tal-ispejjeż u l-effiċjenzi tal-konsum; jappella għal pjan direzzjonali għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili; jistieden lill-Parlament ikompli jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika tiegħu u b'mod partikolari l-produzzjoni tal-enerġija u jistenna l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi tal-ogħla livell fuq il-bjut biex jinkiseb l-ogħla potenzjal possibbli; jilqa' l-investiment li qed isir bħalissa; itenni l-istedina tiegħu lis-servizzi tal-Parlament biex ikomplu jnaqqsu l-konsum tal-karti billi jersqu lejn ambjent mingħajr karti, kollettiv

u online għal-laqgħat kollha, kif ukoll billi jimplimentaw aktar arranġamenti għall-firma elettronika, u jiffukaw biex iżommu t-tnaqqis fin-"normalità ġdida"; itenni t-talba tiegħu biex titwettaq analiżi ta' soluzzjonijiet alternattivi għall-bagolli f'konformità mal-objettiv tal-EMAS għal Parlament "mingħajr karti" kemm jista' jkun malajr; jistenna li l-prinċipji tal-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel u tal-Ekonomija Ċirkolari jiġu applikati għall-investimenti kollha, inklużi dawk diġitali, u għad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni; jitlob sforzi msaħħa biex tiġi implimentata bis-sħiħ l-istrateġija tal-immaniġġjar tal-iskart tal-Parlament f'konformità mal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart; iqis li s-sensibilizzazzjoni internament, anke permezz ta' taħriġ speċifiku, hija essenzjali biex jinkisbu riżultati sodisfaċenti u tippermetti l-aġġornament tal-miri tal-EMAS f'dak il-qasam; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri biex il-Parlament ikun ħieles mill-plastik li jintuża darba biss hekk kif aktar nies qed jirritornaw għax-xogħol u jużaw is-servizzi tal-forniment tal-ikel fil-Parlament;

25. Jilqa' t-titjib fl-infrastruttura tar-roti fil-bini tal-Parlament; iħeġġeġ lis-servizzi jkomplu jtejbu dik l-infrastruttura billi jimmodernizzaw il-faċilitajiet tal-parkeġġ tar-roti inkluż għar-roti tal-merkanzija fil-bini kollu, u billi joħolqu inċentivi addizzjonali għall-ivvjaġġar bir-roti; jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex jippromwovi t-trasport pubbliku permezz tal-politika l-ġdida tiegħu dwar il-parking, billi jżid l-għotjiet għall-abbonamenti tat-trasport pubbliku u jippromwovi l-użu tal-vetturi elettriċi permezz tal-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku; jitlob, f'dak il-kuntest, żieda xierqa fl-għadd ta' ċarġers tal-vetturi elettriċi f'konformità mad-domanda preżenti u futura fi Brussell, fi Strasburgu u fil-Lussemburgu; jinnota li l-politika attwali dwar il-parkeġġ ma tipprovdix inċentivi finanzjarji għal mobilità attiva; jistieden lis-servizzi jevalwaw is-suċċess tal-politika l-ġdida dwar il-parkeġġ u jintroduċu aktar inċentivi mmirati fejn meħtieġ;

26. Itenni t-talba tiegħu lill-Parlament, bħala impjegatur ewlieni, biex ikollu rwol attiv fid-dibattiti u l-konsultazzjonijiet dwar l-ippjanar urban b'enfasi speċjali fuq il-promozzjoni tal-mobilità attiva permezz ta' infrastruttura sikura, komda u kontinwa, it-titjib tal-benesseri permezz ta' spazju pubbliku ta' kwalità, u l-adattament għat-tibdil fil-klima bl-evitar ta' heat islands; jenfasizza l-opportunitajiet għal djalogu offruti fil-kuntest tal-pjan ta' Brussell GoodMove u l-pjan li jsegwi l-Plan d'Aménagement Directeur Loi, iżda wkoll fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-hekk imsejjaħ Archipel fil-viċinat ta' Wacken ġewwa Strasburgu, u r-relazzjonijiet li għaddejjin mal-Fonds Kirchberg ġewwa l-Lussemburgu;

***Kwistjonijiet oħrajn***

27. Jinnota li fuq l-inizjattiva tal-ex President Sassoli, gruppi ta' riflessjoni dwar "Rivalutazzjoni tad-Demokrazija Parlamentari – Parlament Ewropew aktar b'saħħtu wara l-COVID-19" iddiskutew il-futur tal-ħidma fi ħdan il-Parlament bejn April u Lulju 2021 relatata ma' kull wieħed mill-oqsma ta' azzjoni tagħhom: il-plenarja, il-prerogattivi parlamentari, il-komunikazzjoni, id-diplomazija esterna u l-organizzazzjoni interna; jilqa' l-fatt li l-gruppi ta' riflessjoni ppreżentaw rapport finali li jinkludi rakkomandazzjonijiet, li l-implimentazzjoni tagħhom se tiġi diskussa mill-Bureau filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-ispiża tagħha, jekk ikun meħtieġ jiġi involut il-Kumitat dwar il-Baġits fil-valutazzjoni minn qabel tiegħu;

28. Ifakkar fl-appoġġ tal-maġġoranza tal-Membri għal sede waħda; ifakkar fil-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet sabiex jiġu ottimizzati l-ħidma istituzzjonali, l-ispejjeż finanzjarji u l-impronta tal-karbonju tal-Parlament; ifakkar li skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strasburgu; jinnota li bidliet permanenti jkunu jeħtieġu bidla fit-Trattat;

29. Itenni t-talba tiegħu lill-Bureau, adottata fil-livell tal-Plenarja f'diversi okkażjonijiet, biex tinbeda l-ħidma fuq ir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura li tippermetti lill-Membri jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'mod remot, waqt li jkunu qed jibbenefikaw mil-liv tal-maternità jew tal-paternità, waqt mard fit-tul jew f'każijiet ta' *force majeure*; jieħu nota tal-bidliet fir-Regoli ta' Proċedura tal-20 ta' Diċembru 2020 li jippermettu l-votazzjoni remota; jesprimi dispjaċir li l-votazzjoni remota fil-kumitat bħalissa mhijiex prevista skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament sakemm il-President ma jistabbilix l-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji;

30. Itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jinsisti dwar l-importanza li kull reklutaġġ ikun ibbażat fuq il-kompetenza, filwaqt li jirrispetta l-ħtieġa ta' bilanċ ġeografiku bejn l-Istati Membri kollha fil-livelli kollha tal-persunal; jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet li nqalgħu biex jiġu rreklutati ċerti nazzjonalitajiet u biex jitressqu ċerti profili ta' xogħol internament; jitlob aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-impjieg fil-Parlament ikun attraenti ndaqs għan-nazzjonalitajiet

kollha tal-Unjoni filwaqt li jibqa’ bbażat fuq proċessi objettivi; jistieden lill-Parlament jibni l-ħila tiegħu li jilħaq in-nies, bl-għan li jiġbed lejn il-kompetizzjonijiet il-kandidati ta’ kwalità meħtieġa mill-Parlament, f’termini ta’ profil, età, ġeneru u nazzjonalità, u speċjalment minn pajjiżi sottorappreżentati; fir-rigward tar-reklutaġġ ta’ persunal ġdid, jitlob lis-Segretarju Ġenerali jissimplifika l-passi amministrattivi u jqassar il-proċess;

31. Jistieden lill-Parlament iwettaq valutazzjonijiet regolari tal-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni u tal-persunal tas-Segretarjat tiegħu, jalloka mill-ġdid il-postijiet tax-xogħol battala bejn id-direttorati sabiex iwettaq kompiti ġodda f’livelli kostanti ta’ persunal;

32. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jivvaluta r-riskji relatati mal-impjieg ta’ għadd dejjem jikber ta’ aġenti kuntrattwali, inkluż il-periklu li tinħoloq struttura tal-persunal b’żewġ livelli fi ħdan il-Parlament;

33. Jilqa’ l-miżuri meħuda mid-DĠ INLO matul il-pandemija tal-COVID-19, immirati lejn il-mitigazzjoni tar-riskji ta’ kontaġju fil-bini tal-Parlament u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri konkreti ta’ solidarjetà deċiżi mill-Bureau;

34. Itenni li madwar 50 miljun persuna jappartjenu għal diversi minoranzi lingwistiċi u komunitajiet fl-Unjoni; ifakkar li l-Parlament iħeġġeġ l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, inklużi l-minoranzi nazzjonali, reġjonali u lingwistiċi, fl-Unjoni; ifakkar li l-Parlament jappoġġja bil-qawwa l-multilingwiżmu u jippromwovi d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, reġjonali u lingwistiċi; iqis li l-Parlament jista’ jikkontribwixxi b’mod attiv għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni billi jipprovdi informazzjoni wkoll fil-lingwi tal-minoranzi u tal-komunitajiet lingwistiċi, fejn xieraq; iħeġġeġ lill-Bureau jikkunsidra li jappoġġja attivitajiet ta’ komunikazzjoni li jkunu konformi mal-ħtiġijiet tal-minoranzi nazzjonali, reġjonali u lingwistiċi fl-Istati Membri;

35. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali janalizza l-fattibbiltà tal-introduzzjoni tal-interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali għad-dibattiti plenarji kollha, f’konformità mat-talbiet adottati mill-Plenarja, u jimplimenta din id-deċiżjoni fid-dawltal-prinċipju ta’ aċċess ugwali għaċ-ċittadini kollha;

36. Jinsab imħasseb dwar il-kwalità tar-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE; ifakkar li, skont ir-Rapporti Annwali tar-Reġistru ta’ Trasparenza, madwar nofs l-entrati kollha fir-Reġistru huma żbaljati; jitlob lill-Parlament jieħu miżuri biex iżid l-eżattezza tar-Reġistru kif ukoll biex jimmonitorjah b’mod regolari fir-rigward tal-entitajiet li jirrappreżentaw l-interessi ta’ persuni u entitajiet sanzjonati u jipproċedi għat-tneħħija immedjata tagħhom sabiex ikun jista’ jissodisfa l-iskop tiegħu li jipprovdi aktar trasparenza tal-attivitajiet tar-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess; itenni t-talba tiegħu li l-Parlament jabbozza rapport annwali dettaljat dwar ir-rappreżentanti ta’ interess u organizzazzjonijiet oħra li jkunu ngħataw aċċess għall-bini tal-Parlament, u jippubblikah f’konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ([8]);

37. Ifakkar li l-Parlament ivvota f’diversi okkażjonijiet biex jirriforma l-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali (GEA); jistieden lill-Bureau jevalwa d-deċiżjoni tiegħu tal-2019 dwar il-GEA abbażi tal-esperjenza miksuba matul id-9 leġiżlatura parlamentari u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex iżid it-trasparenza u r-responsabbiltà; jilqa’ t-tħabbira mill-President li twaqqaf Grupp ta’ Ħidma *ad hoc* tal-Bureau dwar l-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali biex jaħdem fuq ir-reviżjoni tar-regoli preċedenti;

38. Itenni, fil-kuntest tal-proċedura ta’ reviżjoni għaddejja bħalissa tad-Dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implimentazzjoni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet u tal-ivvjaġġar fuq xogħol u r-regoli interni li jirregolaw il-missjonijiet u l-ivvjaġġar fuq xogħol minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Parlament Ewropew, ir-rieda tal-Plenarja espressa f’diversi okkażjonijiet dwar l-ammont tal-allowances imħallsa lill-assistenti akkreditati għall-missjonijiet li jwettqu bejn it-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-Bureau jallinjaha fil-livell tas-sistemi ta’ allowances għall-impjegati taċ-ċivil u aġenti oħra;

([8]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

39. Jistieden għal darb'oħra lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Bureau jirrevedu rispettivament id-Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jirregolaw il-ħidma tad-delegazzjonijiet u l-missjonijiet barra l-Unjoni Ewropea u d-deċiżjoni "Missjonijiet tal-Kumitati barra t-tliet postijiet tax-xogħol"; jissottolinja li tali reviżjoni għandha tqis il-possibbiltà li l-assistenti akkreditati, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, jakkumpanjaw lill-Membri f'delegazzjonijiet u f'missjonijiet uffiċjali tal-Parlament;

40. Ifakkar fl-Artikolu 27(1) u (2) tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew ([9]) li jiddikjara li "l-fond għall-pensjoni volontarja mwaqqaf mill-Parlament Ewropew għandu jinżamm wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Istatut għall-Membri jew ex Membri li diġà kisbu drittijiet jew jeddijiet futuri f'dak il-fond" u li "drittijiet miksuba u drittijiet futuri għandhom jinżammu fl-intier tagħhom"; jinnota li, skont is-Servizz Legali tal-Parlament, minn żewġ sentenzi jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li d-drittijiet miksuba bħala tali, tal-Membri li diġà ssodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa biex jakkwistaw id-dritt għall-pensjoni volontarja addizzjonali, huma protetti bis-sħiħ skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni; jinnota, madankollu, li s-sentenzi jikkonfermaw ukoll li dan ma jżommx lill-Bureau milli jimmodifika l-kundizzjonijiet kif ukoll il-modalitajiet ta' dan il-grupp ta' Membri bil-kundizzjoni li l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi rrispettat kif xieraq, kif ukoll għal dawk il-Membri li għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet kollha biex jakkwistaw id-drittijiet tal-pensjoni u li għalhekk għandhom biss intitolamenti futuri skont l-iskema tal-pensjoni; iħeġġeġ għalhekk lill-Bureau u lill-amministrazzjoni biex jipproponu b'mod urġenti soluzzjoni futura adattata li tqis is-sitwazzjoni tal-pensjoni u tal-għajxien tal-Membri u l-ex Membri intitolati kif ukoll il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja; jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha biex isibu minnufih soluzzjoni sostenibbli u fattibbli;

41. Jilqa' l-politika tal-Parlament li għandha l-għan li tiżgura l-użu kompletament indipendenti tal-bini tal-Parlament minn persuni b'diżabilità u jappoġġa aktar miżuri u adattamenti li se jkunu meħtieġa f'dan ir-rigward;

42. Jinnota li d-deċiżjoni li titwaqqaf id-distribuzzjoni ta' ilma sħun fl-uffiċċji tal-Membri fi Brussell u Strasburgu ttieħdet mill-Kwesturi fl-24 ta' Ottubru 2017 b'rabta mar-riskju għas-saħħa li tinħoloq il-preżenza ta' batterji tal-legionella li jagħmlu l-ħsara lis-sistemi idrawliċi tal-bini li qed jeqdiemu u jiddeterjoraw;

43. Jissottolinja li l-Parlament għandu jkun ta' eżempju dwar il-politiki li niddefendu u nippromwovu bħall-ambjent, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-trasparenza;

o

o o

44. Jadotta l-estimi għas-sena finanzjarja 2023;

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-estimi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (2005/684/KE, Euratom) (ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT